# GĦALIEX JIENA MEMBRU TAL-KNISJA TA' KRISTU

**George Ebejer**

# GĦALIEX JIENA MEMBRU TAL-KNISJA TA' KRISTU

## INTRODUZZJONI

*Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:*

> "*Qaddsu lil Sidna Ġesù Kristu f'qalbkom. Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom: imma wieġbu bil-ħlewwa u bir-rispett*" (1 Pietru 3: 15-16).

Il-biċċa l-kbira tan-nies huma li huma reliġjożament għaliex huma għandhom raġunijiet umani aktar milli skritturali. Per eżempju, "Hija knisja popolari"; Hija knisja dħulija"; Hija knisja li l-aktar li għandha membri"; "Il-ġenituri tiegħi kienu membri ta' dik il-knisja"; Poġġewni fiha meta kont għadni tarbija permezz tan-nisel minflok permezz ta' ħolqien mill-ġdid"; Jien iżżewwiġt f'din il-knisja"; "Huma għandhom l-isbaħ bini fil-pajjiż tagħna"; "Jiena nħobb il-festi li tiċċelebra"; "Jiena ma rridx li nibdel ir-reliġjoni tiegħi għaliex min jaf xi jgħidu n-nies." Raġunijiet bħal dawn u oħrajn huma ta' bla ebda valur quddiem Alla u huma kliem vojt għal dawk in-nies li jridu jkunu ggwidati minn "*hekk jgħid il-Mulej.*"

Il-knisja hija "kolonna u pedament tal-verità" (1 Timotju 3:15). Il-Kelma ta' Alla hi l-verità" (Ġwanni 17:17). B'hekk, hija r-responsabbiltà tal-knisja li tgħallem u tipprattika fuq awtorità Biblika biss, u mhux fuq awtorità ekkleżjastika kif jagħmlu ħafna għaqdiet reliġjużi. Għalhekk, meta aħna ngħidu l-Knisja ta' Kristu tgħallem jew tipprattika ċerta verità, wieħed għandu jifhem li l-knisja, b'awtorità Biblika, qed twassal il-missjoni divina tagħha bħala "l-kolonna u l-pedament tal-verità."

Il-kwotazzjonijiet Skritturali huma meħuda mill-Verżjoni ta' l-Għaqda Biblika Maltija, mill-Verżjoni tal-Prof. P. P. Saydon u mill-Verżjoni Awtorizzata.

It-tama issa hija li dan l-istudju ta' raġunijiet għaliex tkun membru tal-knisja ta' Kristu hi ħalli jkun nixxiegħa ta' dawl għal dawk fid-dlam; nixxiegħa ta' għajnuna għal dawk li jridu jsibu l-għajnuna tal-Bibbja; u nixxiegħa ta' glorja għal Dak li jistma kull ktieb skond il-mertu tiegħu.

# INDIĊI

Paġna
Għaliex Jiena Membru fil-Knisja Ta' Kristu? ……………………… 1
I
Għaliex Hi Kienet Imwaqqfa Minn Bennej Skritturali—Kristu ……... 4
II
Għaliex Hi Kienet Mibnija Fuq Pedament Skritturali …………….… 7
III
Għaliex Hi Kienet Imwaqqfa f'Post Skritturali—Ġerusalem ………... 9
IV
Għaliex Hi Kienet Imwaqqfa f'Żmien Skritturali—f'Pentekoste Li Jiġi Wara l-Qawmien Ta' Kristu ……………………………………... 14
V
Għaliex Kristu Hu l-Fundatur Ta' Knisja Waħda Biss—il-Knisja Tiegħu ……………………………………………………………… 15
VI
Għaliex Hija Skritturali fl-Isem ………………………………… 20
VII
Għaliex hija skritturali fl-Organizzazzjoni ………………………... 29
VIII
Għaliex Hi Għandha l-Bibbja Bħala l-Uniku Twemmin, Stqarrija tal-Fidi, u Manwal tal-Knisja ………………………………… 34
IX
Għaliex Hi Temmen Li l-Bibbja Kollha Hija l-Kelma Ispirata Ta' Alla ……………………………………………………………... 39
X
Għaliex Hi Temmen Li l-Bibbja Hija Ktieb Li Għandu Jkun Imqassam bir-Reqqa ………………………………………………… 46
XI
Għaliex Hi Mhix Denominazzjoni ……………………………… 53
XII
Għaliex Hija Skritturali fix-Xogħol Missjunarju Tagħha …………….. 59
XIII
Għaliex Hi Tgħallem Lis-Saltna Kienet Imwaqqfa u li Kristu Issa Qiegħed Isaltan ………………………………………………….. 64
XIV
Għaliex Hi Tagħti Tweġibiet Skritturali Għall-Mistoqsija—X'Għandi Nagħmel Biex Insalva? ……………………………… 70

## INDIĊI—Jkomplu

**Paġna**

**XV**

Għaliex Hi Tgħallem Li l-Bniedem Isalva bil-Fidi Iżda Mhux bil-Fidi Biss ........................................................ 75

**XVI**

Għaliex Hi Tgħallem Li l-Bniedem Isalva Permezz tad- Demm Ta' Kristu ........................................................ 82

**XVII**

Għaliex Hi Tgħallem Li Bidla fil-Qalb Hija Indisspensabbli Għas-Salvazzjoni tal-Bniedem ........................................ 89

**XVIII**

Għaliex Minħabba fit-Tagħlim u l-Prattika Tagħha Li Jappartjenu t-Talb ........................................................ 94

**XIX**

Għaliex Hi Tgħallem U Tamministra Magħmudija Skritturali ........ 100

**XX**

Għaliex Hi Tagħllem Li l-Kristjan Jista' Jidneb Ukoll Li Jintilef Għal l-Eternità ........................................................ 109

**XXI**

Għaliex Hi Tgħallem lit-Trabi Jitwieldu Safja u Innoċenti u Mhux bid-Dnub........................................................ 117

**XXII**

Għaliex Hi Tgħallem Li l-Wiri Mirakoluż ta' l-Ispirtu Waqaf .......... 121

**XXIII**

Minħabba t-Tagħlim Skritturali Tagħha u Kif Hi Tosserva l-Ikla tal-Mulej ........................................................ 128

**XXIV**

Għaliex Hi Għandha Mużika Skritturali fil-Qima ........................ 135

**XXV**

Għaliex is-Salvazzjoni Hi fil-Knisja ta' Kristu .......................... 243

# RAĠUNI I

## GĦALIEX HIJA KIENET IMWAQQFA MINN BENNEJ SKRITTURALI—KRISTU

### I. EBDA KNISJA MA TISTA' TKUN SKRITTURALI JEKK DIN MA KINETX IMWAQQFA MILL-BENNEJ SKRITTURALI

Il-fatt li ġisem reliġjuż jeżisti huwa prova li xi darba kien hemm il-fundatur tiegħu. Fid-dinja llum hemm multipliċità ta' knejjes, differenti fl-oriġini, duttrina u prattika differenti; allura kull waħda kienet imwaqqfa jew skond l-Iskrittura jew le, jew minn bennej divin jew imwaqqfa minn bennej uman. Għalhekk huwa importanti li tkun taf, jekk il-fundatur ta' knisja huwiex skond l-Iskrittura jew le. Jekk il-knisja bdiha bennej li mhuwiex skond l-Iskrittura, dik il-knisja allura għandha tkun b'neċessità mhux Skritturali: għandha tkun ix-xogħol tal-bniedem u mhux ta' Alla.

### II. KRISTU BENA L-KNISJA SKRITTURALI

1. *Bħala prova ta' l-istqarrija ta' fuq* aħna nikkwotaw il-kliem ta' Kristu, fejn Hu wiegħed li jibni l-knisja Tiegħu:

> "*U fuq din il-blata jiena nibni l-knisja tiegħi*" (Mattew 16: 18).

Għalhekk, hi ħaġa ċerta li ebda knisja ma tista' tkun Skritturali jekk mhix mibnija minn Kristu. Jekk knisja kienet mibdija minn Enriku VIII, minn Galvinu, minn Wesley, minn Joseph Smith jew minn xi bniedem ieħor, dik il-knisja hija tal-bniedem u mhux ta' Kristu!

2. *Ġesù, biex iżomm il-wegħda Tiegħu li jibni l-knisja Tiegħu, ta lil Pietru (u lil l-appostli l-oħra, Mattew 18:18) l-awtorità ħalli jgħid it-termini għad-dħul fiha*:

> "*Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kull ma torbot fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet*" (Mattew 16:19).

Ebda bniedem qatt ma kellu awtorità Skritturali biex jgħid dan, għaliex ebda bniedem qatt ma kellu awtorità Skritturali biex jibni, joriġina knisja. Dan jista' biss jintqal minn Kristu li għandu l-awtorità kollha fis-sema u fl-art (Mattew 28:18), il-Fundatur Skritturali.

### III. IL-KNISJA MA KINETX IMWAQQFA MINN ĠWANNI L-BATTISTA

1. Ħafna reliġjużi jassumu li l-knisja kienet imwaqqfa minn Ġwanni l-Battista. *Iżda l-fatt li hi kienet imwaqqfa minn Kristu huwa prova li ħadd*

*ma jista' jirrifjutaha u li ma kinetx imwaqqfa minn Ġwanni l-Battista* jew minn xi bniedem ieħor.

2. *Ġwanni kien mejjet fiż-żmien meta Kristu wiegħed li jibni l-knisja Tiegħu.* F'Mattew 14:10 aħna naqraw dwar l-esekuzzjoni ta' Ġwanni fil-ħabs:

> "*U bagħat (Erodi) jaqta' ras Ġwanni fil-ħabs.*"

Żomm f'moħħok li Ġwanni kien mejjet hekk kif aħna naqilbu żewġ kapitli u niġu għall-wegħda li Kristu għamel f'Mattew 16:18,

> "*Fuq din il-blata nibni l-knisja tiegħi.*"

"Nibni" hu temp tal-verb futur; Ġwanni kien mejjet u t-twaqqif tal-knisja kien fil-futur. Ġwanni l-Battista kien bniedem imsemmi u għamel xogħol spiritwali—jiġifieri, u hu kien il-ħabbar li mar qabel il-Mulej biex jipprepara l-poplu ħalli jirċevih (Isaija 40:3; Malakija 3:1; Luqa 1:17). Ġwanni għamel dan, iżda hu ma waqqafx il-knisja tal-Bibbja, jew xi knisja oħra magħrufa mill-bniedem.

3. *Ma jistax ikun ippruvat li Ġesù, meta wiegħed li jibni l-knisja Tiegħu, kien biss qiegħed iwiegħed xi ħaġa miżjuda ma' dak li Ġwanni kien stabbilixxa.* Dak l-argument ma jistax iżomm, għas-sempliċi raġuni li Ġesù wiegħed li jibni l-knisja Tiegħu mill-pedament:

> "*U fuq din il-blata jiena nibni l-knisja tiegħi.*"

4. *Ġwanni l-Battista qatt ma kien membru tal-knisja*, jew ċittadin tar-renju tas-Smewwiet. Ġesù qal,

> "*Tassew, ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-Battista. U b'danakollu l-iżgħar wieħ-ed fis-saltna tas-smewwiet hu akbar minnu*" (Mattew 11:11).

Kif kien possibbli għal Ġwanni li jkun wieħed mill-aqwa mwielda fost in-nisa, iżda għall-wieħed mill-iżgħar fis-saltna jew knisja jkun akbar minnu? Dan l-eżempju jiċċara dan: Fil-primarja ma hemmx aqwa minn Pawlu, imma l-inqas fis-sekondarja huwa aqwa minnu; dan hu veru għaliex Pawlu ma kienx qiegħed fis-sekondarja. Għalhekk Ġwanni l-Battista ma kienx fil-knisja. Ġwanni l-Battista kien fil-primarja imma mhux fis-sekondarja, fil-knisja. Għalhekk Ġwanni l-Battista ma kienx fil-knisja jew fis-saltna tas-Smewwiet.

## IV. SIĠAR OĦRA JINQALGĦU MILL-GĦERUQ

Il-knisja ta' Kristu kienet imwaqqfa minn Kristu u s-setgħat ta' post l-imwiet ma jegħelbuhiex; iżda siġar oħra jiġu maqlugħa mill-għeruq. It-twiddiba hija ċara ħafna u l-kastig huwa kbir wisq għalija biex inkun

membru ta' xi knisja li mhix imħawwla mill-Missier. Ġesù, meta tkellem dwar ir-reliġjonijiet mibnija fuq it-tradizzjonijiet tal-bniedem, qal,

> "*Kull siġra li ma ħawwilhiex Missieri li hu fis-smewwiet tinqala' mill-egħruq*" (Mattew 15:13).

Dan kien waqt il-liġi ta' Mosè. Alla kien żegħra r-reliġjon Lhudija, u siġar oħra kellhom jiġu maqlugħa. Jekk Alla jaqla' siġar oħra taħt dik is-sistema ta' qima, allura ma jagħmilx l-istess taħt is-sistema Kristjana? Aħna għandna nammettu lit-tagħlim, jew aħjar, il-livell tat-tagħilm ma tbaxxiex, għalhekk, it-twissija tista' tkun applikata taħt il-Kristjaneżmu fit-taqsima tal-kondizzjonijiet preżenti. Jalla nindokraw u nagħtu każ ta' din it-twissija tal-Mulej.

# RAĠUNI II

## GĦALIEX HIJA KIENET MIBNIJA FUQ PEDAMENT SKRITTURALI

### I. L-IMPORTANZA TA' PEDAMENT TAJJEB

1. Huwa fatt magħruf li *ebda bini jew istituzzjoni ma jista' jkun b'saħħtu aktar mill-pedament li fuqu jkun mibni*. Is-saħħa jew ta' wieħed jew ta' l-ieħor tid-dependi mill-pedament. Ebda dar mibnija sproporzjonata ma tista' żżomm fit-tul. Knisja mhix eċċezzjoni: L-Iskrittura u l-benefiċċ-ji tagħha jiddependu fuq il-pedament.

2. *Il-knisja skritturali għandu jkollha pedament skritturali*; inkella hija ma tkunx skritturali. B'hekk ebda bniedem ma jista' jippretendi b'mod xieraq sħubija fil-knisja tal-Bibbja jekk ma jkunx membru tal-knisja mibnija fuq pedament skritturali.

### II. X'INHI L-BLATA JEW IL-PEDAMENT

1. *Sabiex niddeterminaw l-identità tal-blata* aħna għandna niddeterminaw l-istqarrija li tirreferi għaliha. F'Mattew 16:16 Pietru kien għadu kif stqarr lil Kristu:

> "*Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj.*"

Ġesù, immedjatament stqarr lil Pietru:

> "*U jiena ngħidlek: Inti Pietru...*"

Imbagħad Kristu wiegħed li se jibni l-knisja Tiegħu fuq din il-blata. Il-blata, allura, għandha tirreferi jew għall-istqarrija ta' Kristu lil Pietru jew għall-istqarrija ta' Pietru lil Kristu. Ħafna huma mġiegħla jaħsbu u jemmnu li l-blata tirreferi għall-istqarrija ta' Kristu lil Pietru, jiġifieri, li l-blata tirreferi għal Pietru, billi l-kelma "Pietru" huma jgħidu, tfisser blata jew ġebla. Iżda l-lingwa oriġinali ma tippermettix din l-interpretazzjoni għaliex żewġ kelmiet differenti huma wżati:

> "*Inti Pietru (Petros), u fuq din il-blata (petra) jiena nibni l-knisja tiegħi*" (Ma-ttew 16:16).

Għalhekk, Ġesù ma wiegħedx li se jibni l-knisja Tiegħu fuq Pietru (*Petros*) imma fuq il-blata (*petra*) minflok, il-fatt grandjuż u glorjuż li Kristu Hu l-Iben ta' Alla (Ara Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, It-Tieni Kap, paġna 116, [424/5]). Għaldaqshekk, il-knisja ma kinetx mibnija fuq dgħjufija umana, imma fuq id-Divinità u l-karattru ta' Iben, dak ta' Kristu! Ukoll, *Petros* hija ta' ġeneru maskil waqt li *petra* hija ta' ġeneru femminil.

Il-Mulej ċertament li ma ħalla ebda lok għal l-interpretazzjoni żbaljata li l-knisja hi mibnija fuq Pietru!

2. Siltiet oħra Skritturali jappoġġjaw din l-interpretazzjoni. Naqraw fl-Ewwel Korintin 3:11,

> "*Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu.*"

Ukoll naqraw f'Efesin 2:20,

> "M*ibnija lkoll fuq is-sisien ta' l-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-xewka.*"

U Salm 118:22 jirreferi għal dan fejn naqraw,

> "*Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka.*"

Ġesù applika din il-profezija Għalih u mhux għal Pietru f'Mattew 21:22. Ukoll Pietru applikaha għal Kristu f'Atti 4:11. U l-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*U din il-blata kienet Kristu*" (1 Korintin 10: 4).

Il-blata hija Kristu u mhux Pietru tgħid il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

## III. DAN IL-PEDAMENT JIBQA' WIEQAF

1. *Is-sisien sulbimi li Kristu Hu l-Iben t'Alla kienu fuq saqajhom u jkomplu jieqfu.* L-attakki malizzjużi u l-attakki miftiehma ta' l-oppożizzjoni ma kinux kapaċi li jdajgħfuhom. Dawk ta' bla fidi, l-atei, il-moderni u x-xettiċi, iddellirjaw u għamlu ħafna frattarija, imma Kristu baqa' l-Iben ta' Alla l-ħaj. Din il-blata tista' verament tiġi mxebbħa ma' l-inkwina li xeddet ħafna mrietel. Dan il-pedament hu b'saħħtu llum daqs qatt kien qabel.

2. *Issa aħna nosservaw eżempju li fih kontradizzjoni*: Voltaire darba ddikjara b'mod ta' tifħir li ma jkunx baqa' kopja waħda tal-Bibbja fid-dinja fi żmien mitt sena. Mhux għaddew mitt sena minn dak iż-żmien li saret din id-dagħwa, u mhux qrib li titwettaq issa minn kemm kienet dak in-nhar. L-istess stamperija fejn din il-profezija bla fidi kienet maħruġa, illum qed tiġi wżata mis-Soċjetà tal-Bibbja ta' Geneva. Xi profezija!

3. *Iżda xi ngħidu dwar l-istituzzjonijiet mibnija fuq il-bnedmin*? Dawn qegħdin iserħu fuq ir-ramel; il-pedamenti huma dgħajfa u żgur li jaqgħu. Il-knisja ta' Kristu tibqa' sat-tmiem tittrijonfa, għaliex hija mibnija fuq blata soda, pedament żgurat tassew.

# RAĠUNI III

## GĦALIEX HIJA KIENET IMWAQQFA F'POST SKRITTURALI—ĠERUSALEM

### I. KNISJA LI MHIX IMWAQQFA FIL-POST TA' L-ISKRITTURA MHIX IL-KNISJA SKRITTURALI

Raġuni oħra għaliex tkun membru fil-knisja ta' Kristu hija li din kienet imwaqqfa f'Ġerusalem, il-post Skritturali. Jekk persuna tkun membru ta' xi knisja li l-ewwel ma bdiet kien f'Londra jew fi New York jew f'Ruma, din ma tistax tippretendi li hi membru fil-knisja ta' Kristu; għaliex il-knisja ta' Kristu ma kelliex l-oriġini tagħha f'dawk l-ibliet kapitali. Bniedem ma jistax ikun membru tal-knisja skritturali jekk ma jkunx membru tal-knisja mwaqqf fil-post skritturali, Ġerusalem.

### II. XI SILTIET LI JURU T-TWAQQIF TAL-KNISJA

1. *Aħna l-ewwel naqraw il-profezija ta' Isaija*:

> "*U jiġri fl-aħħar jiem, li l-għolja tad-dar tal-Mulej tkun imwaqqfa fil-quċċata tal-muntanji, u tintrafa' 'l fuq mill-għoljiet, u l-ġnus kollha jiġru lejha. U nies imorru, u jgħidu: Ejjew, ħa nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej, fid-dar ta' Alla ta' Ġakobb; u hu jgħallimna triqatu, u aħna nimxu fil-mogħdijiet tiegħu: għax minn Sijon toħroġ il-liġi, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalem*" (Isaija 2:2-3).

Minn din il-profezija aħna nitgħallmu, (a) lid-dar ta' Alla tkun imwaqqfa f'Ġerusalem. (b) Id-dar ta' Alla tkun mogħtija u li l-ġnus jidħlu fiha. (ċ) Il-ħin tat-twettiq tagħha jkun fl-aħħar jiem. Issa aħna għandna nitgħallmu t-tifsira tad-dar ta' Alla. L-appostlu Pawlu jitkellem dwar "id-dar ta' Alla, li hi l-knisja ta' Alla ħaj …" (1 Timotju 3:15). Mela d-dar ta' Alla hi l-knisja, u minn dan il-passaġġ aħna nitgħallmu meta u fejn kellha tiġi mwaqqfa, jiġifieri, fl-aħħar jiem f'Ġerusalem.

2. *F'Mikea 4:1, 2 aħna nsibu l-istess profezija kważi kelma b'kelma.*

3. *Żakkarija wkoll ipprofetizza lid-dar tal-Mulej jew il-knisja tkun imwaqqfa f'Ġerusalem*:

> "*Għalhekk hekk igħid il-Mulej: Jiena ndur mill-ġdid lejn Ġerusalem bil-ħniena; dari tarġa' tinbena fiha, igħid il-Mulej ta' l-eżerċti, u l-ħabel tal-qisien ikun mimdud fuq Ġerusalem*" (Żakkarija 1:16).

Għalhekk għal darb'oħra l-Ispirtu s-Santu għallem li l-knisja kellha jkollha l-oriġini tagħha f'Ġerusalem.

4. Meta ta l-kummissjoni universali, *Ġesù għallem li Ġerusalem kienet il-post tal-bidu*:

> "*Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'Ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusaslem. Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu*" (Luqa 24:46-49).

Aħna ninnutaw: (1) Kristu kellu jbati u jqum mill-imwiet qabel ma l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet jiġu mħabbra f'Ismu. (2) Il-proklama ta' dan il-messaġġ kellha tibda f'Ġerusalem. (3) Huma kellhom jibqgħu f'Ġerusalem sakemm huma jiġu mlibbsa bil-qawwa ta' l-Ispirtu s-Santu. Ġesù qabel kien wiegħed lil l-appostli din il-qawwa li huma kellhom jirċievu mill-għoli tas-Smewwiet. Hu ċar mill-Evanġelju ta' Ġwanni 14:26; 15:26, 27; 16:7, 8 lid-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, ma jiġix qabel ma Kristu jkun telaq, u meta l-Ispirtu s-Santu jiġi Hu jagħmel numru ta' affarijiet—jiġifieri, igħallem lil l-appostli l-ħwejjeġ kollha, ifakkarhom x'kien qal Ġesù u jakkuża d-dinja bid-dnub. Din hija l-qawwa li għaliha l-appostli kienu ordnati ħalli jistennew għaliha f'Ġerusalem.

## III. IT-TWETTIQ TA' DAWN IL-PASSAĠĠI

1. *L-Ispirtu s-Santu ma kellux jiġi qabel ma Ġesù jkun telaq* (Ġwanni 16:7). L-appostli rawh jitla' s-sema u ma jidhirx aktar (Atti 1:9).

2. *L-appostli kienu ordnati biex jibqgħu f'Ġerusalem* (Luqa 24:49). Wara li l-appostli raw it-tlugħ ta' Ġesù lejn is-sema huma reġgħu lura f'Ġerusalem (Atti 1:12), il-post nominat; hemm huma stennew.

3. *L-appostli kellhom jiġu mlibbsa bil-qawwa ta' fuq* (Luqa 24:49). F'Atti 2:1-4 aħna naqraw dwar it-twettiq ta' din il-wegħda:

> "*Kien nhar Għid il-Ħamsin, u hemm kienu lkoll flimkien f'post wieħed. F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi u mela d-dar kollha fejn kienu qegħdin. U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed minnhom. Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skond ma l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.*"

L-Ispirtu s-Santu kellu jiġi u aħna naraw li Hu ġie f'Ġerusalem fil-Jum ta' Pentekoste.

4. *Il-kelma tal-Mulej kellha tiġi pproklamata fil-jiem ta' wara* (Isaija 2: 2, 3; Mikea 4:1, 2). Aħna għandna t-twettiq ta' din il-profezija f'Atti 2: 14-42, fejn priedka ħabrieka kienet ippridkata f'Ġerusalem. Din ġrat fil-jiem

ta' wara; għaliex Pietru kkwota l-profezija ta' Ġoel (Ġoel 2:28-32) bħala prova ta' dak li kellu jgħaddi minn l-aħħar jiem, għalhekk, dan kien iż-żmien propizju u l-post xieraq.

5. *Indiema u maħfra tad-dnubiet kellhom jiġu priedkati f'Isem il-Mulej, jibdew f'Ġerusalem* (Luqa 24: 47). Pietru xandar messaġġ ta' din ix-xorta meta qal,

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom…*"

6. *Id-dar ta' Alla (il-knisja) kellha tiġi mwaqqfa fl-aħħar jiem* (Isaija 2: 2, 3; Mikea 4:1, 2; Żakkarija1:16). U dak huwa meta u fejn il-knisja kienet imwaqqfa. Dawk li semgħu l-Evangelju f'Pentekoste f'Ġerusalem, li emmnu, nidmu li kienu mgħammda daħlu fiha:

> "*Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlitt elef ruħ*" (Atti 2:41).

F'vers 47 ta' dan il-kapitlu aħna naqraw li l-Mulej żied fil-knisja. Dan ġara fl-aħħar jiem (Atti 2:17-21). Tibda b'din l-okkażjoni f'Atti 2, aħna nsibu li l-knisja hija msemmija bħala realtà filwaqt li qabel dan hija mse-mmija bħala isitituzzjoni futura. Għalhekk, skond il-profeziji u t-twettiq tagħhom, il-knisja ta' Kristu kellha l-oriġini tagħha f'Ġerusalem. Din hija l-knisja li jiena membru tagħha.

## IV. LI TĦAWWEL L-ISTESS KNISJA F'KULL KOMUNITÀ JEW F'KULL ŻMIEN HUWA DIPENDENTI FUQ LI TAĦSAD L-ISTESS ŻERRIEGĦA MINFLOK SUĊĊESSJONI

1. *Ma hemm xejn x'tirbaħ b'suċċessjoni fil-knisja*. Ukoll jekk bniedem ikun jista' jittraċċja xi istituzzjoni, sena b'sena, għal bidu tagħha, huwa ma jkollux assigurazzjoni li hija kienet l-istituzzjoni identika li kienet teżisti fil-bidu. Matul perjodu ta' snin, knisja tant tista' titbiegħed mit-tagħlim li hija ma tistax tkun aktar il-veru knisja. L-appostlu Pawlu qal li apostasija, jew tbegħid mill-fidi, għad tiġi. Ħalli naqraw ftit passaġġi Skritturali dwar dan:

(1) **Atti 20:29-30,**

> "*Jiena naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom ilpup qalila li lill-merħla ma jaħfruhilhiex. U minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hu kontra s-sewwa, bil-ħsieb li jdawwru d-dixxipli għal warajhom.*"

(2) **2 Tessalonikin 2:1-4,**

"*Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam mat-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitlobkom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu bl-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittri taparsi minn għandna. Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod! L-aħħar jum ma jkunx magħna qabel ma tkun seħħet ir-rewixta u jinkixef il-bniedem tad-dnub, ikkundannat għat-telfien; hu li jqum u jintrefa' fuq kull ma jġib l-isem t'Alla jew kull ma hu miqjum mill-bnedmin, sabiex hu stess joqgħod bilqiegħda fit-tempju ta' Alla u jsejjaħ lilu nnifsu Alla.*"

(3) **1 Timotju 4:1-3,**
"*L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tad-demonji. Dawn jisfaw imqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq il-kuxjenza tagħhom; bħal dawk li jikkundannaw iż-żwieġ u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu biex jittieħed b'radd il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif sħiħ tal-verità.*"

Dawn il-kwotazzjonijiet jagħmluha ċara ħafna li knisja fl-apostasija tinbet mill-veru knisja; għalhekk, kull knisja li tista' tiġi ttraċċjata lura għal Ġerusalem u Pentekoste tista' tkun knisja fl-apostasija. Mela dawk li jippruvaw li juru s-suċċessjoni tal-knisja tagħhom—jekk jirnexxielhom—jistgħu biss jippruvaw lilhom infushom membri ta' knisja fl-apostasija! Tinsiex, li Pawlu qal li "*minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hu kontra s-sewwa*" (Atti 20:30) u hu kien qiegħed jitkellem dwar iż-żmien li fih hu u l-oħrajn kienu qegħdin igħixu fih.

2. *Huwa aħjar għalina li nkunu interessati f'li naraw jekk aħna qegħdinx niżirgħu l-istess żerriegħa miżrugħa mill-appostli jew le*! Aħna nfurmati fil-parabbola taż-żerriegħa li l-kelma t'Alla hi ż-żerriegħa tas-saltna (Luqa 8:11). Jekk aħna niżirgħu l-istess żerriegħa li l-appostli żergħu, l-istess knisja tinbet u titla' 'l fuq:

"*…Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad…*" (Galatin 6:7).

Kull żerriegħa tipproduċi l-istess bħalha. Iżra' l-qamħ u taħsad qamħ. Iżra' t-tadam, u taħsad tadam; ħawwel il-qoton u huwa jipproduċi l-qoton; iżra' żerriegħa pura tas-saltna u l-veru knisja tirriżulta. Meta żerriegħa tar-renju kienet miżrugħa lura fl-ewwel seklu ma pproduċietx xitla ta' "imma," "għax" u "kieku." L-anqas maż-żerriegħa tas-saltna ma tipp-roduċi xtieli

ta' din ix-xorta llum. Għalhekk għandna nammettu li xtieli ta' din ix-xorta jeżistu llum għaliex xi żerriegħa li mhix iż-żerriegħa tas-saltna ġiet miżrugħa. Il-Kelma ta' Alla, iż-żerriegħa tas-saltna, tipproduċi Kristjani *biss*; kull xitla oħra ġiet imnissla minn żerriegħa oħra.

3. *Issa ħalli aħna nispjegaw*: Jekk il-qamħ li kien qiegħed jikber kullimkien fid-dinja kollha jiġi meqrud, il-qamħ ma jkunx meqrud għalkollox sakemm ikun għadu jeżisti fiż-żerriegħa. Iż-żerriegħa tista' tiġi miżrugħa u xitla oħra li hija ta' l-istess stima u li tixbaħ lil oriġinali tinbet. Bl-istess mod u manjiera, ippermettili nissuġġerixxi li jekk il-kongregazzjonijiet kollha li qegħdin jikbru tal-veru knisja ta' Kristu jiġu meqruda bl-apostasija jew bil-persekuzzjoni u jiġu mneħħija għal elf sena jew aktar, il-knisja tal-Mulej ma tkunx meqruda sakemm il-Kelma ta' Alla, iż-żerrie-għa tas-saltna, tibqa'—u din iż-żerriegħa tibqa għal dejjem, għaliex Ġesù qal,

> "*Is-sema u l-art igħaddu, imma kliemi ma jgħaddix*" (Mark 13:31).

Billi niżirgħu l-istess żerriegħa f'xi komunità aħna nistgħu nħawwlu kongregazzjoni ta' dixxipli, l-istess b'kull rispett ma' l-oriġinali. Il-knisja ta' Kristu kellha l-oriġini tagħha f'Ġerusalem, imma l-istess knisja tista' tiġi mwaqqfa f'kull belt jew komunità billi tippriedka l-istess Evanġelju. Ftit ta' snin wara li l-knisja tal-Mulej kellha l-oriġini tagħha f'Ġerusalem, Pawlu mar f'Korintu u ħawwilha. Hu qal,

> "*Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar*" (1 Korintin 3:6).

L-istess istituzzjoni eżatta li kienet imħawwla f'Korintu tista' tkun imħawwla f'kull parti tad-dinja f'kull ħin, dejjem jekk il-bniedem ikun attent li jħawwel l-istess żerriegħa. Hawn hu fejn għandu jkun l-interess prinċipali tagħna.

# RAĠUNI IV

## GĦALIEX HIJA KIENET IMWAQQFA FI ŻMIEN SKRITTURALI—F'PENTEKOSTE LI JIĠI WARA L-QAWMIEN TA' KRISTU

## I. INTRODUZZJONI

Il-ħin tat-twaqqif tal-knisja kien fuq fuq ippreżentat billi wrejna fejn il-knisja kienet imwaqqfa. Billi dan hu tassew, jiena mhux se ntawwal f'diskussjoni twila ħalli nuri li din l-istituzzjoni kienet imwaqqfa f'Pentekoste. L-ispjega hija biżżejjed. L-ordni ta' l-Iskrittura dwarha bla dubju turi ċar li Pentekoste kien iż-żmien.

Kull knisja li mhix imwaqqfa f'Pentekoste mhix il-vera knisja. Din hija waħda mill-provi kif tista' tiddeċiedi jekk knisja hija l-veru knisja jew le, jiġifieri, knisja fl-apostasija. Meta tħares għall-knisja skritturali, ħares għall-marki: *mibnija minn Kristu*; *Mibnija fuq Kristu*; *Bdiet fil-belt ta' Ġerusalem*; *Twieldet fil-Jum ta' Pentekoste*.

Isaija 2:2-4 – Fl-aħħar jiem f'Ġerusalem > Pentekoste
Mikea 4:1-2 – Fl-aħħar jiem f'Ġerusalem > Pentekoste
Danjel 2:44 – Fil-jiem ta' dawk is-slaten > Pentekoste
Mattew 3:1-2 – Qorbot > Pentekoste
Mark 1:15 – Qorbot > Pentekoste
Mattew 6:9-10 – Kellhom jitolbu għall-wasla tagħha > Pentekoste
Mattew 16:18 – Se nibni > Pentekoste
Mark 9:1 – Tiġi mwaqqfa fil-ħajja ta' xi dixxipli ħajjin f'dak il-waqt > Pentekoste
Mattew 18:3 – Id-dixxipli ma kinux daħlu fiha > Pentekoste
Luqa 10:9 – Waslitilhom > Pentekoste
Luqa 22:18 – Għandha tiġi > Pentekoste

Sa hawn PENTEKOSTE dejjem kien fil-futur.

< Atti 2:47 – Miżjuda fiha

**PENTEKOSTE**

< Kolossin 1:13-14 – Ċittadini tas-saltna

1. Tlitt elef ruħ ingħaqdu f'dak il-jum (Atti 2:41).
2. Kien fl-aħħar jiem (Atti 2:17-21)
3. Kien f'Ġerusalem (Luqa 24:46-49; Atti 1:12; 2:1-5).
4. Kien fil-jiem tas-slaten
5. Kien fil-jiem ta' xi wħud minn dawk id-dixxipli li kienu ma' Ġesù (Atti 1:15—2:9).
6. Il-qawwa ġiet (Atti 2:1-4).
7. Il-bidu kien meta l-Ispirtu s-Santu ġie fuq l-appostli (Atti 11:15). L-Ispirtu s-Santu ġie f'Pentekoste.
8. L-Iskrittura turi kemm 'il quddiem għall-miġja tagħha u kemm lura għall-wasla tagħha f'Pentekoste.

# RAĠUNI V

## GĦALIEX KRISTU HU L-FUNDATUR TA’ KNISJA WAĦDA BISS—IL-KNISJA TIEGĦU

### I. IL-PROVA

Ġesù Kristu li għandu l-awtorità kollha fis-sema u fl-art qal,

> “*Fuq din il-blata jiena nibni l-knisja tiegħi…*” (Mattew 16: 18).

Ġesù ma qalx li Hu se jibni knisja, il-knejjes Tiegħu, jew waħda mill-knejjes Tiegħu. Ġesù qal, “Jiena nibni l-Knisja Tiegħi.” Ħalli nispelluha: K-N-I-S-J-A—dak huwa kemm Ġesù wiegħed li se jibni. Kull min jaf il-lingwa Maltija jaf jekk isem hux singulari jew plurali, jaf li l-kelma “knisja” hija singulari u tfisser waħda. Hija ħaġa iebsa għal ħafna nies sinċiera, b’ħarsa lejn il-kondizzjonijiet preżenti, li jkunu pperswaduti dwar li l-knisja hija waħda; iżda, il-multipliċità ta’ knejjes madwarna m’għandhomx setgħa biex jibdlu l-kliem ta’ Kristu. Kristu ddikjara:

> “*…Kliemi ma jgħaddix*” (Mattew 24: 35).

2. *L-appostlu Pawlu jgħallem li hemm ġisem wieħed biss*:

> “*Hemm ġisem wieħed u Spirtu wieħed, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda*” (Efesin 4:4).
>
> “*Bħalma għandna ħafna membri f’ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru ta’ l-ieħor*” (Rumani 12:4, 5).
>
> “*Imma ħafna, iva, huma l-membri, iżda wieħed hu l-ġisem*” (1 Korintin 12:20).

Pawlu, kif qegħdin naraw, għallem ħin wara ħin li hemm ġisem wieħed biss. Imma forsi xi ħadd jistaqsi: Il-ġisem ifisser il-knisja? Isma’ t-tweġiba direttament mingħand l-Ispirtu s-Santu:

> “*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha, **li hi ġismu***” (Efesin 1:22-23).

F’dan il-passaġġ Pawlu jgħidilna, b’ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, li l-knisja hija l-ġisem. F’Kolossin 1:18 huwa jgħallem li l-ġisem hu l-knisja:

> “*Hu r-Ras tal-ġisem, li hu l-Knisja.*”

Hemm ġisem *wieħed* biss; allura hemm knisja *waħda* biss. Kemm jaqbel eżattament mal-wegħda ta’ Ġesù:

> “*Jiena nibni l-Knisja Tiegħi*” (Mattew 16:18).

3. Li l-knisja hija waħda jidher ukoll fil-*figura ta' l-għalqa kollha dwieli, b'Alla bħala l-bidwi* (Ġwanni 15:1). Aħna ma narawx stampa ta' ħafna għelieqi tad-dwieli, maħduma mill-bidwi b'mod li jkun ta' dannu għalihom kemm għall-ġid ta' kull waħda u kemm għat-tkattir ta' kull waħda minnhom. Hemm mijiet ta' għelieqi reliġjużi fid-dinja llum, kull waħda tippretendi li Alla Hu l-bidwi tagħha. Dan li aħna naraw meta nerfgħu għajnejna 'l fuq u nħarsu lejn id-dinja, iżda dan mhuwiex dak li aħna naraw fil-Bibbja. Fiha naraw għalqa waħda u bidwi wieħed biss.

4. Din l-idea tal-knisja aktar 'il quddiem imxebbħa fil-*figura ta' dielja u l-friegħi*: Kristu l-veru dielja u kull persuna mifdija fergħa mid-dielja (Ġwanni 15:1-6). Aħna ma narawx lil Kristu bħala pluralità ta' dwieli b'ħafna friegħi f'kull dielja, kull dielja u l-friegħi tagħha jikbru b'sistema bħal din ifixklu l-kobor ta' l-oħrajn. Le! Dan mhux xejn minn dak li aħna naraw. Aħna naraw dielja waħda sabiħa u tal-għaġeb, Kristu, l-Iben ta' Alla, b'kull persuna salva fergħa Fih, salvata Minnu u tnissel frott għall-unur u l-glorja Tiegħu. Kemm hi kontradittorja l-istampa tad-dinja u l-istampa tal-Bibbja!

Il-bniedem fl-attentat iddisparat tiegħu ħalli jiġġustifika d-denominazzjonaliżmu ipprova jgħidilna lid-dielja hija l-knisja oriġinali u l-friegħi huma d-denominazzjonijiet differenti tad-dinja. Dan hu l-argument prinċipali tagħhom dwar id-denominazzjonaliżmu. Ftit tal-ħsieb, iżda, juri li dan ma jistax ikun tassew għal ħafna raġunijiet: (1) Kristu kien qiegħed ikellem lid-dixxipli Tiegħu minflok lill-knejjes meta Hu qal,

> "*Jiena d-dielja, intom il-friegħi*" (Ġwanni 15:5).

Huwa maltrattament tal-Kelma Tiegħu li tapplika stqarrija lill-knejjes meta Hu applikaha għall-bnedmin. (2) Kristu qal, "Ibqgħu fija" 'l veru dielja. Jekk int qiegħed tgħammar f'xi fergħa, allura inti ħati ta' żball. Kristu ma qalx "Ibqgħu jew għammru f'xi fergħa"; Hu qal, "Ibqgħu fija." (3) Hu ċar ħafna li l-fergħa hija bniedem, persuna:

> "*Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa*" (Ġwanni 15:6).

"…wieħed…hu…il-fergħa." Il-lingwa Maltija ma tistax tagħmilha aktar ċara. (4) Ma tistax tkun fil-verità għaliex hija tagħmel inġurja lill-parabbola. Hija ħaġa bla sens u assurda u redikola li taħseb li fil-veru dielja jikber għeneb, bettieħ, ħjar, qargħa ħamra, eċċ. Persuni li jaħsbu, qatt ma jistgħu jaċċettaw ħaġa sensibbli fid-dinja spiritwali meta hija kompletament u għal kuntrarju għalkollox u bla sens fid-dinja naturali; madankollu ma hemmx bluha hekk bla sens bħal l-argument ta' xi teologu li m'għandux Skrittura biex jipprova d-dottrina tiegħu.

5. L-unità tal-knisja hija wkoll ippreżentata fil-*figura ta' dar jew familja*:

> "*Id-dar ta' Alla, li hi l-Knisja ta' Alla l-ħaj*" (1 Timotju 3: 15).

Id-dar ta' Alla tfisser il-familja ta' Alla. Per eżempju, meta aħna naqraw dwar il-konverżjoni ta' l-għassies u d-dar tiegħu aħna nafu li kien l-għassies u l-familja tiegħu (Atti 16). Ukoll, id-dar ta' Alla hija l-familja ta' Alla. Aħna naraw fil-Bibbja stampa ħajja ta' familja ma' Alla bħala l-Missier, Kristu Ħuna l-Kbir u kull wieħed salv bħala "wlied Alla: Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu …" (Rumani 8:16, 17). Aħna ma narawx fil-Bibbja stampa ta' familji differenti, kull waħda minnhom ftit jew wisq ma taqbilx ma' l-oħrajn, kull waħda b'amministrazzjoni distinta għaliha weħidha, kull waħda ġġib isem għaliha, u kull waħda tippreterndi l-istess Missier, l-istess Ħuna l-Kbir, b'kull iben f'kull familja jippretendi li hu werriet. Dan ikun biga-mija. Il-bniedem ma jmissux la bil-kelma u lanqas bl-għamil jixħet rif-lessjoni bħal din fuq Alla. L-istampa divina hija familja waħda kbira ma-għquda ma' Alla bħala l-Missier u Kristu bħala Ħuna l-Kbir, u l-membri kollha jaħdmu flimkien għall-ġid tal-familja.

6. Din l-idea ta' l-unità hija għal darb'oħra murija fil-*figura ta' merħla waħda u ragħaj wieħed*.

> "*U jkun hemm merħla waħda ragħaj wieħed*" (Ġwanni 10: 16).

Aħna għandna nħarsu lejn id-dinja minflok il-Bibbja biex naraw ħafna merħliet, kull waħda tippretendi li għandha l-istess ragħaj. Alla ma jurix fil-Kelma Tiegħu mijiet ta' merħliet, kull waħda minnhom b'ġens partikulari tagħha, u kull waħda ftit jew wisq b'differenza ma' l-oħrajn. Alla jgħid: "*Merħla waħda, ragħaj wieħed.*" L-imħuħ kollha, il-ġid kollu, u l-prestiġju kollu tad-dinja kollha ma jistgħux jibdlu l-kelma Tiegħu. M'hemmx merħliet aktar milli hemm ragħajja. Ikun l-istess skritturali li tistaqsi persuna wara liema ragħaj hija qed timxi daqs li tistaqsiha f'liema merħla hija membru.

7. Ikkonsidra figura oħra, jekk jogħġbok: dan il-waqt, *il-figura tal-ġisem uman*. Il-knisja hija ppreżentata fil-figura ta' ġisem tal-bniedem bi Kristu bħala r-Ras u l-mifdija kollha bħala membri tal-ġisem, jaħdmu taħt il-kontroll u d-direzzjoni tar-Ras (1 Korintin 12:12-27; Kolossin 1:18). Ġisem *wieħed* u Ras *waħda*. Fid-dinja reliġjuża aħna naraw aktar minn ġisem wieħed, fil-fatt naraw ħafna, kull wieħed minnhom jippretendi li għandu l-istess Ras, Kristu. Xi stampa din! X'annimal dan! Jew għandna

nsejħulu annimal! Ħafna iġsma b'ras waħda! Dan m'għandux isem għalih għaliex qatt ma nstema' li kien hawn xi ħaġa bħalu fid-dinja naturali. Dan għandu mijiet ta' iġsma u kull ġisem jiġġieled lil l-oħrajn kollha, u mad-ankollu, kull ġisem hu ggwidat u mmexxi mill-intelliġenza ta' ras waħda. M'għandekx għaliex tibża'—inti qatt ma tista' tara ħaġa bħal din fis-saltna ta' l-annimali. Imma inti tista' taraha jew tara mijiet ta' iġsma jiġ-ġieldu fid-dinja reliġjuża, kull wieħed minnhom jippretendi li għandu lil Kristu bħala r-Ras tiegħu! Veru, li bniedem għandu għajnejn li ma jarawx u widnejn torox meta hu jaċċetta din il-ħaġa bħala raġjunevoli fid-dinja reliġjuża, meta jaf li mhix ħaġa raġjunevoli fid-dinja naturali.

8. L-istat ta' ħaġa waħda u l-unità jew tal-poplu ta' Alla huwa wkoll mgħallem fit-*talba ta' Kristu lill-Missier*. Ħalli nistudjawha għall-mument. Ġesù talab:

> "*Miniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom; nitlobok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni*" (Ġwanni 17:20, 21).

Ġesù talab li dawk kollha li jemmnu jkunu ħaġa *waħda*. Din it-talba hija ċanfira kbira għall-pluralità ta' knejjes. Aħna nafu li Ġesù ma talabx sabiex ikunu ħaġa waħda mbagħad idur u jistabbilixxi ħafna knejjes biex joħloq firdiet. Taqlib bħal dan ikun l-agħar xogħol ta' l-ipokresija. Kull darba li bniedem igħid li Ġesù Hu l-Awtur ta' ħafna knejjes, duttrini, u diviżjonijiet, huwa jkun qiegħed jakkuża lill-Mulej b'ipokresija. Huwa l-istess bħallikieku qiegħed tgħid li Ġesù ma kienx sinċier u onest meta mar għand il-Missier fit-talb dwar li nkunu ħaġa waħda.

Ħafna nies talbu għad-diviżjoni. Kemm-il darba rajna predikaturi jinżlu għarkopptejhom fit-talb u smajnihom jirringrazzjaw lil Alla talli hemm daqshekk knejjes u duttrini fid-dinja li kull persuna tista' tagħżel dik li hija trid jew li tixtieq. Dan mhux il-mod li bih Ġesù talab. B'hekk ħafna tbiegħdu mill-ispirtu ta' Kristu.

## II. PLURALITÀ TA' KNEJJES

Iva, il-Bibbja titkellem dwar "Knejjes ta' Kristu" (Rumani 16:16), u "s-seba' knejjes ta' l-Asja" (Rivelazzjoni 1:4). Il-kelma *knejjes* hawn hija wżata f'sens ta' *kongregazzjonijiet*. Dan l-użu jinsab f'kull kitba. Aħna nitkellmu dwar il-knejjes ta' Kristu ta' xi belt jew pajjiż, iżda dawn huma kollha l-istess, għandhom l-istess marki ta' identità. Aħna nitkellmu dwar "is-seba' knejjes li hemm fl-Asja."

Dan għandu jkun biżżejjed sabiex jikkonvinċi l-aktar bniedem li ma jemmen b'xejn li Kristu Hu l-Fundatur ta' knisja waħda biss. Billi dan huwa tassew, aħna m'għandniex għażla f'din il-ħaġa u għandna nkunu kuntenti li aħna membri tal-knisja ta' Kristu.

# RAĠUNI VI

## GĦALIEX HIJA SKRITTURALI FL-ISEM

### I. HEMM XI ĦAĠA F'ISEM

L-idea li m'hemm xejn f'isem hija duttrina komuni u popolari ħafna, li la hija skond l-Iskrittura u l-anqas skond ir-raġuni.

1. Tant hemm f'isem li *Alla semma lil Adam u lil Eva*. Hu "sejjaħ isimhom Adam, fil-jum li huma kienu maħluqa." (Ġenesi 5:2). Hemm xi ħaġa f'isem għaliex kieku Alla ma kienx jagħtihom isem.

2. Jekk ma hemm xejn f'isem, spjega għaliex *Alla bidel isem Abram għal "Abraham" u l-isem ta' Sara għal "Sarah"* (Ġenesi 17:5, 15). Tant hemm f'isem li Alla bidlilhom isimhom.

3. Ukoll, hemm tant importanza marbuta ma' l-isem li *Alla bidel isem Ġakobb għal "Iżrael"* (Ġenesi 32:27, 28). Li tgħid li ma hemm xejn f'isem huwa biss li tirrifletti fuq l-għerf ta' Alla u li takkużah li qiegħed jagħmel affarijiet ta' bla bżonn.

4. *Pawlu kkundanna ismijiet tal-bnedmin u li joħolqu d-diviżjoni* billi staqsa,

> "*Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu tgħammidtu?*" (1 Korintin 1:13).

Mela għaliex tieħu isem Pawlu jew xi isem ta' xi persuna oħra? Pawlu qal fl-1 Korintin1:14, 15,

> "*Nižżi ħajr lil Alla li ma għammidt lil ħadd, ħlief lil Krestu u lil Gajju, sabiex ħadd ma jgħid li tgħammidtu f'ismi*"

*Jekk m'hemm xejn f'isem għaliex Pawlu kkundanna l-ismijiet tal-bnedmin?*

5. *Isem tant għandu tifsira* li n-nies jibdew jaħsbu x'sejrin isemmu l-uliedhom, qabel ma huma jitwieldu. Hekk kif il-ġenituri jsiru jafu li se jkollhom tarbija, l-ewwel ħaġa li jibdew jiddiskutu hija x'isem sejrin jagħtuha. Immaġina titwieled tarbija u lil din it-tarbija ma jagħtuha ebda isem. Jista' jkun dan? Jekk ma hemm xejn f'isem, għaliex dak l-interess kollu biex jingħata l-isem?

6. Jekk inti għad għandek xi dubju li ma hemm xejn f'isem, *ħalli nissopponu li int issejjaħ persuna tajba u ta' l-affari tagħha "Ġuda," "traditur" jew "vendikattiv," jew issejjaħ raġel onest "giddieb," jew issejjaħ ċittadin tajjeb "kriminal,"* ibqa' żgur li malajr issir taf, wara kollox, li hemm xi ħaġa f'isem.

7. Jekk ma hemm xejn f'isem, *x'saħħa għandha l-istqarrija ta' Pietru: "U lanqas f'ħadd ieħor mhemm salvazzjoni: għax mhemm ebda* ***isem*** *ieħor taħt is-sema li bih nistgħu nkunu salvati*"? (Atti 4:12; Ara versi 5, 17, 18, 30). U x'tiswa t-twissija ta' Pawlu biex: "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox* ***f'isem*** *il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr lil Alla l-Mis-sier permezz tiegħu*"? (Kolossin 3:17).

## II. X'KIENET IMSEJĦA L-KNISJA

Il-knisja ma kelliex isem speċjali, imma hija imsejħa b'ħafna ismijiet sinjifikanti. Hija msejħa:

1. "*Il-knisja Tiegħi*" (Mattew 16:18). Ġesù Kristu qal dan: allura hija l-knisja ta' Kristu.

2. "*Il-knisja*" (Atti 8:1). Il-kelma "knisja" ġejja mill-kelma Griega "ek-klesia," li tfisser grupp ta' nies imsejħin. Il-Mulej għandu grupp wieħed biss bħal dan u dan jismu "il-knisja."

3. "*Il-Knisja ta' Alla*" (1 Korintin 1:2). Dan juri pussess. Per eżempju, id-dar tas-Sur Abela hija d-dar lis-sid tagħha huwa s-Sur Abela.

4. "*Knejjes ta' Kristu*" (Rumani 16:16). Hawn il-kittieb qiegħed jitkel-lem dwar il-kongregazzjonijiet diversi jew knejjes lokali. Mhuwiex qie-għed jitkellem dwar denominazzjonijiet jew knejjes differenti bi twem-min differenti imma dwar kongregazzjonijiet differenti li kienu jinsabu f'postijiet differenti. Dan jurihom bħala li jappartienu lil Kristu.

5. "*Il-Ġisem ta' Kristu*" (Efesin 4:12). Il-ġisem li jappartieni lil Kristu.

6. "*Il-Knisja ta' Alla l-ħaj*" (1 Timotju 3:15). Tindika pussess.

7. "*Il-knisja ta' l-ulied il-kbar*" (Lhud 12:23). Il-knisja ta' dawk li l-ewwel irċevew l-Evanġelju ta' Kristu, il-kbar, jew l-ewwel frott.

Il-membri tal-knejjes ta' Kristu jitkellmu dwar il-knsija b'termini skrit-turali. Xi ngħidu dwar gruppi oħrajn? Int tista' tara għalik innifsek billi tħares fuq il-bibien tal-postijiet fejn jiltaqgħu. Inti tara ismijiet li ma jin-stabux fil-Bibbja. Hija ħaġa stramba għalkollox li nies li jippretendu li huma reliġjużi jilbsu xi ismijiet jew deskrizzjonijiet li ma jinstabux fil-Bibbja. Mhuwiex dan diżunur lejn Alla, Kristu u l-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa?

## III. X'KIENU MSEJĦA L-MEMBRI

Aħna nsibu li l-membri tal-knisja kienu jġibu ħafna ismijiet distinti u sinjifikanti, li huma:

1. "*Dixxipli*" (Atti 20:7). Dan ifisser dawk mgħallma jew li jimxu wara xi ħadd. Huwa nom komuni u jeħtieġ li jkun ikkwalifikat ħalli jagħmel

magħruf wara min huma qegħdin jimxu. Aħna naqraw dwar id-dixxipli ta' Ġwanni (Mattew 9:14), id-dixxipli tal-Fariżej (Mark 2:18), u d-dixxipli ta' Mosè (Ġwanni 9:28), kif ukoll dwar id-dixxipli ta' Kristu.

2. "*Qaddisin*" (1 Korintin 1:2). Kienu msejħa hekk għal kienu salvati mid-dnubiet ta' qabel, kien tqaddsu, u kienu msejħa minn fost l-oħrajn permezz ta' l-Evanġelju ta' Kristu. Dawn kienu msejħa hekk f'ħajjithom u mhux wara mewthom! (Ara wkoll Rumani 14: 25-26; 2 Korintin 13:12; 14:33; Efesin 1:1; Filippin 1:1.)

3. "*Maħbubin ta' Alla*" (Rumani 1:7). Il-maħbubin tal-qalb ta' Alla.

4. "*Aħwa*" (1 Korintin 15:6). Turi r-relazzjoni tagħhom lejn xulxin. In-nies jistgħu jkunu aħwa fil-ġisem, f'każini, u f'xirki mingħajr ma jkunu aħwa fi Kristu; imma huma kienu aħwa fi Kristu.

5. "*Ulied Alla*" (Rumani 8:14). Huma kienu msejħin dan minħabba r-relazzjoni tagħhom ma' Alla (1 Ġwanni 3:1. Ara wkoll Ġwanni 1:12 u Galatin 3:26-27).

6. "*Werrieta ta' Alla*" (Rumani 8:17). Dan juri li huma qegħdin biex jirtu mingħand Alla.

7. "*Saċerdozju Rjali*" jew "*qassisin*" (1 Pietru 2:9). Kull Kristjan hu qassis (Rivelazzjoni 1:6), f'dak li hu jista' "joffri sagrifiċċji spiritwali, li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu," il-Qassis il-Kbir (1 Pietru 2:5; Lhud 8:1, 2).

8. "*Kristjani*" (Atti 11:16). Dan hu nom proprju u m'għandu bżonn ebda kliem li jikkwalifika ħalli jagħmel distinzjoni ċara. L-isem jesprimi r-relazzjoni tal-persuna salva ma' Kristu.

(1) Xi wħud ippruvaw biex iċekknu l-importanza ta' dan l-isem, billi jgħidu li dan kien jintuża għaż-żuffjett. Iżda dan l-isem ġie mogħti minn awtorità divina. Isaija ħabbar, "*U l-ġnus (il-Ġentili) jaraw il-ġustizzja tiegħek; u s-slaten kollha l-glorja tiegħek: u jsejħulek b'isem ġdid, li jagħżlu fomm il-Mulej (JHWH)*" (Isa-ija 62:2). Huma ma kinux sejrin jiġu mogħtija dan l-isem ġdid qabel ma l-Ġentili jkunu kkonvertew jew ikunu raw il-ġustizzja ta' Alla. F'Atti 10 aħna naqraw dwar il-konverżjoni tal-Ġentili: Kornelju u l-familja tiegħu. Fil-kapitlu ta' wara (Atti 11:26) naqraw, "*Kien f'Antijokja lid-dixxipli kienu msejħin l-ewwel darba 'Kristjani'.*" Dan kien isem ġdid u kien mogħti wara li l-Ġentili kienu raw il-ġustizzja ta' Alla. Jekk dan mhuwiex l-isem il-ġdid mogħti mill-Mulej (JHWH), allura għidilna x'inhu, jekk jogħġbok

(2) Wara li Pawlu kien ippriekda lis-Sultan Agrippa (Atti 26), is-Sultan qal, "*Għoddok ġegħiltni nsir Kristjan*" (v. 28). Dan huwa dak li Pawlu

pprova li jagħmel li kull persuna ssir u li tkun, jiġifieri, Kristjana. Qarrej, l-Ispirtu s-Santu ma jridekx li tkun xi ħaġa oħra!

(3) Pietru jgħid: "*Imma jekk wieħed ibati bħala Kristjan, m'għandux imniex jistħi; ħa jfaħħar lil Alla b'dan l-isem*" (1 Pietru 4:16). Aħna ma nistgħu infaħħru lil Alla f'dan l-isem billi nġibu xi isem ieħor. Dan hu kmand pożittiv u dawk li ma jobduħx huma ħatja ta' dnub.

(4) Hemm ħafna ismijiet oħra taħt is-sema u fost il-bnedmin, iżda aqra Atti 12: "*F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema* ***ma hemm isem ieħor*** *mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi.*" Xi twiddiba din li jistħoqqilha qima u ta' min jibża' li ma josservahiex! Lest int li tħarisha?

## IV. KRISTJANI B'SUPPOŻIZZJONI

Jiena żgur li metodu u sistema għandhom ikunu wżati fix-xogħol tal-Mulej, imma jien m'inhix Metodist; li aħna għandna jkollna isqfijiet (il-kelma Griega *episcopos*) sabiex iħarsu x-xogħol fil-kongregazzjoni, iżda jien m'inhix Presbiterjan; li kull kongregazzjoni hija indipendenti, iżda jien m'inhix Kongregazzjonalist; li hija tieħu l-immersjoni ħalli tagħmel l-att tal-magħmudija, iżda jien m'inhix Battista (għalkemm, ħaġa ta' l-iskantament, il-Battisti ma jemmnux li l-magħmudija hija għall-maħfra tad-dnubiet); li l-Kristjani għandhom ikunu mqaddsa iżda jiena m'inhix Holiness; li Kristu se jerġa' jiġi, iżda jien m'inhix Avventist; li l-knisja hija universali (jew kattolika) iżda jien m'inhix Kattoliku Ruman; li l-knisja bdiet jew twieldet fil-Jum ta' Pentekoste, iżda jien m'inhix Pentekostali. Skond xi nies tajba—ladarba jiena nemmen fil-fatti msemmija fuq—jiena għandi nsejjaħ lili nnifsi *Metodist – Episkopali – Kongregazzjonali – Battista – Holiness – Kattoliku Ruman – Pentekostali - Kristjan*. Suppożizzjoni tal-għaġeb u aktarx isem twil! U ta' bla bżonn, ukoll. Aħna nsibu fil-Bibbja li d-dixxipli kienu msejħa *Kristjani* u *Kristjani* biss, iżda qatt ma qrajna dwar ebda persuna li tiġi msejħa b'xi isem ieħor u msejħa Kristjana wkoll. Ara tistax timmaġina dan: Pietru – Kristjan Kattoliku; Pawlu – Kristjan Metodist; Ġwanni – Kristjan Episkopali; Ġakbu – Kristjan Kongregazzjonali; Indri – Kristjan Battista; Filippu – Kristjan Holiness; Tumas – Kristjan Pentekostali. Kollha jsejħu lilhom infushom Kristjani!

Wieħed jista' jkompli jsemmi ismijiet denominattivi wisq aktar minn hekk.

## V. XHIEDA TA' SPURGEON U LUTERU

1. Isma' l-lingwa ta' Charles Spurgeon, l-aktar predikatur magħruf u ta' talent fil-knisja Battista li qatt għex: "Jiena ngħid dwar l-isem Battista, ħallih jisparixxi, iżda ħalli l-isem ta' Kristu jibqa' għal dejjem. Jiena nħares 'il quddiem bi pjaċir għal dak il-jum fejn ma jkunx baqa' Battista jgħix. Nittama li l-isem Battista jisparixxi malajr; imma ħalli l-isem ta' Kristu jibqa' għal dejjem."—*Spurgeon Memorial Library*, Vol. 1, p. 168.

2. Isma' l-kliem ta' *Martin Luther*, isem li fih ħafna nies jiftaħru: Jiena nitlobkom biex tħallu ismi waħdu, u ma ssejħux lilkom infuskom Luterani, iżda Kristjani. Min hu Luteru? Id-dottrina tiegħi mhix tiegħi. Jiena ma ssallabt għal ħadd. San Pawl mhux se jħalli lil xi wħud isejjħu lilhom infushom wara Pawlu, lanqas ta' Pietru, imma ta' Kristu. Kif mela, tagħmlu li jixraqli, xkora miżerabbli ta' trab u rmied, li tagħtu ismi lil ulied Alla? Ieqfu, ħbieb tiegħi, li taqgbdu ma' dawn l-ismijiet tax-xirka u distinzjonijiet: barra kollha; u ejjew insejħu lilna nfusna Kristjani biss wara dak li minnu d-dottrina tagħna ġiet."—*The Life of Luther*, minn Stork, p. 289.

Imma llum stess ma narawx aħna u nisimgħu dwar: il-knisja ta' San Pawl? Il-knisja ta' San Duminku? Il-knisja ta' Santa Teresa? Il-knisja ta' San Bastjan? Il-knisja ta' San Ġorġ? Il-knisja ta' Santa Katerina? Il-knisja ta' San Pietru? U ħafna oħrajn? Għaliex mhux biss *il-knisja ta' Kristu*!

Għalhekk naraw illi f'li jġibu ismijiet tal-bnedmin, il-bnedmin mhux biss ma jogħġbux lil Alla iżda lil l-istess nies li huma jippruvaw jigglorifikaw.

## VI. SILLOĠIŻMI

Forsi jista' jkun aktar ċar jekk aħna npoġġu xi ħsibijiet b'forma ta' premessa u mbagħad niġbdu l-konk-lużjonijiet:

1. *Silloġiżmu wieħed*:
   (1) Il-Bibbja tikkundanna ismijiet tal-bnedmin (1 Korintin 1:12, 13).
   (2) L'isem "Luteran" huwa isem tal-bnedmin.
   (3) Allura, l-isem "Luteran" huwa taħt il-kundanna. (Dan japplika wkoll għal l-ismijiet l-oħra kollha.)

2. *Silloġiżmu tnejn*:
   (1) Il-Bibbja tgħallem li ismijiet ta' xirka huma karnali (1 Korintin 3:3, 4).
   (2) L-isem "Metodist" huwa isem ta' xirka.
   (3) Allura l-isem "Metodist" huwa karnali.

3. *Silloġiżmu tlieta*:

(1) "Il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (Rumani 10:17).
(2) L-isem "Knisja Episkopali" mhuwiex fil-Kelma ta' Alla.
(4) Allura, l-isem "Knisja Episkopali" mhuwiex tal-fidi.

4. *Silloġiżmu erbgħa*:
(1) Ix-xogħol reliġjuż għandu jsir f'isem il-Mulej (Kolossin 3:17).
(2) Il-Presbiterjani jagħmlu xogħol reliġjuż taħt l-isem "Presbiterjan."
(5) Allura, il-Presbiterjani huma ħatja ta' żball kbir.

5. *Silloġiżmu ħamsa*:
(1) Il-bniedem huwa kkmandat biex ifaħħar lil Alla fl-isem "Kristjan" (1 Pietru 4:16).
(2) Il-Kattoliċi qegħdin jippruvaw ifaħħru lil Alla bl-isem "Kattoliku."
(3) Alura l-Kattoliċi qegħdin f'diżubbidjenza għall–kmand ta' Alla.

6. *Silloġiżmu sitta*:
(1) Ma hemmx salvazzjoni f'ebda isem ieħor (Atti 4:12)
(2) L-isem "Battista" huwa isem ieħor.
(3) Allura, ma hemmx salvazzjoni fl-isem "Battista."

L-ismijiet fil-premessi minuri huma wżati bħala eżempji. Ħafna ismijiet oħra setgħu ġew użati (bħal per eżempju, Xhieda ta' Jehovah fejn l-isem "Jehovah" mhuwiex Skritturali imma għandu l-oriġini tiegħu ġejja minn patri Spanjol Kattoliku Ruman li jġib l-isem ta' C. E. Raymundus Martini ta' l-Ordni Dumnikana fejn uża dan l-isem fil-ktieb tiegħu *Pugeo Fidei* tas-sena 1270. [Dan hu saħansitra aċċettat mit-Torri ta' l-Għassa tax-Xhieda ta' Jehovah fejn huma stess igħidu, u nikkwota l-kliem eżatt bl-Ingliż: "While inclining to view the pronounciation "Yah-weh" as the more correct way, we have retained the form "Jehovah" because of peo-ple's familiarity with it since the 14th century (*The Kingdom Interlinear Translation of the Greek Scriptures*, Forward, p. 23)]. Imma Ġesù Kristu qal li "intom tkunu *xhieda Tiegħi* f'Ġerusalem, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art" [Atti 1:8], għalhekk ikun aktar Skritturali li aħna ngħidu li aħna "Xhieda ta' Kristu" milli ngħidu li aħna "Xhieda ta' Jehovah," isem li mhuwiex Skritturali) u l-konklużjonijiet kienu jkunu l-istess. Jekk il-premessi maġġurri u minuri huma tas-sew—u huma tassew—il-konklużjonijiet huma tassew. Aħna nappellaw lin-nies tajba ħalli jiċħdu kull isem li huwa mill-bnedmin u li jaqsam u li mhuwiex skond l-Iskrittura.

## VII. TITLI

Fiż-żmien ilu l-Lhud ħażżnu kliemhom billi kienu jużaw "nofs il-kliem ta' Asdod" (Neħemija 13:23, 24). Nitkellem figurattiv, aħna għandna ħafna mil-lingwa ta' Asdod fid-dinja llum. Ħafna titli ta' tifħir personali huma wżati issa f'oppożizzjoni diretta għat-tagħlim tal-Bibbja.

1. "*Reverendu/issmu.*" Il-kelma *reverendu* tinsab darba biss fit-traduzzjoni Ngliża tal-Bibbja (KJV) f'Salm 111:9; madankollu, hija tinsab għal ħafna drabi fil-lingwa oriġinali. Iżda mhix użata bħala titlu għall-bnedmin. Li bniedem japplika dan bħala titlu għalih meta l-Ispirtu s-Santu *qatt* ma uża l-kelma b'dan il-mod huwa biss li dak il-bniedem huwa ħati li qiegħed iħassar il-Kelma ta' Alla. Imkien fl-Iskrittura Mqaddsa ma hemm imsemmi xi ħadd bħala "Reverendu Pawlu," "Wisq Reverendu Ġakbu," jew "il-Wisq Reverendu Pietru." L-appostli u d-dixxipli kollha ta' Kristu kienu jħarsu lejhom infushom bħala kreaturi debboli, li għandhom bżonn l-għajnuna ta' Alla, u rrifjutaw bil-qawwa kollha "li jiftaħru jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu" (Galatin 6:14). Aħna nisimgħu predikaturi li jitkellmu dwar Pawlu bħala Pawlu biss, dwar Pietru bħala Pietru biss, dwar Ġakbu bħala Ġakbu biss, dwar Ġwanni bħala Ġwanni biss, u dwar Ġesù bħala Ġesù biss, iżda jitkellmu dwarhom infushom u fuq predikaturi oħra bħalhom bħala "Reverendu hekk u hekk." "Reverendissmu hekk u hekk." X'għarukaża! Din hija ħaġa komika, kieku ma kinetx daqshekk traġika. Ukoll Ġesù, waqt li kien jgħix fil-ġisem fuq l-art, irrifjuta t-titlu ta' "Tajjeb" (Mattew 19:16, 17). Pawlu ddeskriva lilu nnifsu sempliċiment bħala "qaddej" jew "priġunier" (Filemon 1:1). Hu beda xi ittri minn tiegħu b'dan il-kliem: "Pawlu, *qaddej* ta' Kristu Ġesù" (Rumani 1: 1). Ġakbu wkoll beda l-ittra tiegħu hekk: "Ġakbu, *qaddej* ta' Alla u ta' Sidna Ġesù Kristu" (Ġakbu 1:1). Meta Kornelju ntefa' f'riġlejn Pietru biex jagħtih qima, Pietru qajmu u qallu: "Qum. Jien bniedem ukoll" u mhux Reverendu jew Reverendissmu (Atti 10:25, 26). Ġuda wkoll beda l-ittra tiegħu "Ġuda, *il-qaddej* ta' Ġesù Kristu…" (Ġuda 1:1). Ġwanni wkoll huwa ndirizat bħala "l-qaddej tiegħu (ta' Ġesù Kristu f'Apokalissi 1:1). Iżda ħafna predikaturi u mexxejja reliġjużi tal-lum li mhumiex ispi-rati ipoġġu l-aktar termini sagri u għolja quddiem isimhom, bħal, Reve-rendu, Wisq Reverendu, Eċċellenzi Tagħhom Reverendissimi, u oħrajn. X'kuntrast!! Ix-xewqa għal titli li huma ta' unuri bħal dawn hija ġejja mix-xewqa li tiġi mtalla' 'l fuq jew imfaħħar. Aħna mfakkra bid-diskors adattat ta' Ġesù:

> "*Fostkom ma għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-*

*ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom*" (Mattew 20:26-27).

2. "*Ragħaj*" (*Pastor*). Il-ministru jew evanġelista tal-knisja ma jkunx ragħaj jekk ma jkunx appuntat għal "l-uffiċċju ta' isqof," indokratur, presbiteru, jew xiħ (anzjan). It-Testment il-Ġdid jipprovdi għall-pluralità ta' isqfijiet, indokraturi, xjuħ jew presbiteri f'kull kongregazzjoni (Atti 14: 23, ara wkoll Filippin 1:1). Huma obligati li jeżerċitaw dmirhom billi jiggwardjaw u jħarsu l-merħla. Dan il-kliem mhuwiex titli iżda huma sempliċiment ismijiet bħalma huwa "bidwi," "għalliem," u "mastrudaxxa."

3. "*Missier*" jew aħjar "*Father.*" Din il-kelma ta' spiss hija wżata bħala titlu reliġjuż b'oppożizzjoni diretta għat-tagħlim ta' Kristu fejn Hu qal,

> "*U ssejħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom wieħed hu, dak li hu fis-smewwiet*" (Mattew 23:9).

Hawn il-Mulej tagħna qiegħed juża kliem b'użu reliġjuż u mhux b'relazzjoni fiżika, għaliex l-Ispirtu s-San-tu spiss juża l-kelma "Missier" fejn jitkellem dwar il-ġenituri ta' xi wieħed. L-istess kif aħna għandna *mis-sier fiżiku wieħed*, hekk ukoll aħna għandna *Missier spiritwali wieħed.* Il-Kattoliċi Rumani kif ukoll xi Protestanti jużaw il-kelma Ngliża "Father" għall-qassis Kattoliku u "Holy Father" għal Papa. Ġesù rrifera għall-Missier tas-smewwiet bħala "Missier Qaddis ("Holy Father") fi Ġwanni 17:11. F'Salm 111:9 naqraw li isem Alla huwa "Qaddis." F'Rivelazzjoni 15:4 naqraw: "Għax *int waħdek qaddis.*" F'Isaija 40:25 naqraw:

> "*Ma' min ixxebbħuni jew tqabbluni?*" *jistaqsi l-Qaddis.*"

Sfortunatament, kif rajna aktar qabel dwar it-titli reliġjużi li huma ta' Alla biss, il-bnedmin japplikaw dan l-isem "Missier Qaddis" ("Holy Father") għalihom ukoll. "*Ma' min ixxebbħuni jew tqabbluni?*" Iva, il-bnedmin iqabblu lill-Missier tas-Smewwiet ma' bnedmin oħra bħalhom! Dan huwa dnub kbir għaliex min jagħmel dan ikun qiegħed jieħu l-Isem Qaddis ta' Alla u japplikah għalih innifsu! Mhix xi ħaġa stramba li mil-juni ta' nies jużaw titlu li huwa pożittivament ip-projbit mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu? L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, dan qalu minn qbel li kellu jiġri, jiġifieri, li jkun hemm min isejjaħ lilu nnifsu b'dan l-isem li huwa ta' Alla waħdu. Hu qal hekk:

> "*Hu li jqum u jintrefa' fuq kull ma jġib l-isem t'Alla jew kull ma hu miqjum mill-bnedmin, sabiex hu stess joqgħod bilqiegħda fit-tempju t'Alla* **u jsejjaħ lilu nnifsu Alla**" (2 Tessalonikin 2:4; enfasi tiegħi).

Alla *waħdu* hu "Holy Father" (Rivelazzjoni 15:4).

Il-knisja ta' Kristu hija skritturali fl-isem u fil-lingwaġġ. L-ebda bniedem ma jista' jiċħdu dan. Huwa t-twemmin u l-prattika tal-knisja ta' Kristu li ssejjaħ "affarijiet tal-Bibbja b'ismijiet tal-Bibbja." L-appostlu Pawlu widdeb lil Timtoju biex jagħmel dan, billi qallu,

> "*Żomm quddiem għajnejk l-eżempju tat-tagħlim sħiħ*" (2 Timotju 1:13).

Aħna għandna nevitaw it-tendenza popolari li nxerrdu titli ta' tifħir għall-bniedem, imma għandna aktar nimxu wara dan il-parir:

> "*Tħalliniex, jiena nitolbok, nirrispetta xi persuna ta' xi bniedem, l-anqas li jien nagħti titli ta' tifħir lil xi bniedem. Għaliex jiena naf li m'għandix nagħti titli ta' tifħir*" (Ġob 32:21-22).

X'differenza kbira hemm mill-eżempju ta' Sidna Ġesù Kristu li naqraw dwar f'Filipppin 2:6-8

> "*hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla, iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir, sar jixbaħ lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem; ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal mewt tas-salib.*"

Illum, il-mexxejja reliġjużi, mhux talli ma jċekknux lilhom infushom u jimxu fuq l-eżempju ta' Ġesù Kristu, imma talli jieħdu u japplikaw titli bħal "Reverendu," "Wisq Reverendu," jew "il-Wisq Reverendu," "Father" u "Holy Father" għalihom infushom li huma ta' Alla *waħdu*! Wieġeb int: Huwa sewwa dan jew ħażin? Il-kmandament igħid:

> "*La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn: għaliex lil min isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig*" (Eżodu 20:7; Dewteronomju 5:11).

Mela, jekk issemmi l-isem ta' Alla fix-xejn hemm kastig għal dik il-persuna li tagħmel dan, x'kastig aktar aħrax hemm lest għal dawk il-persuni li jisirqu l-isem ta' Alla (Missier Qaddis, [Holy Father], Reverendu, Missier [f'sens spiritwali], eċċ. u japplikaw dak l-isem sagru għalihom infushom! (Aqra Atti 4:19 u 5:29).

# RAĠUNI VII

## GĦALIEX HIJA SKRITTURALI FL-ORGANIZZAZZJONI

### I. EKKLEŻJASTIĊIŻMI

Id-*denominazzjonijiet huma ggvernati mill-forom ta' gvernijiet ekkleżjasti tagħhom*. Huma injoraw ir-Ras tal-knisja u assumew id-dritt li jmexxu huma u jiggvernaw lilhom infushom. Huma jistqarru bil-fomm li Kristu għandu "l-awtorità kollha," iżda l-qalb hija l-bogħod minn dan u mixħuta lejn forma ta' tmexxija demokratika. Għalhekk, nisimgħu ħafna dwar "sinodi," "presbiterji," "konċilji," "laqgħat ġenerali" u "konferenzi." F'dawn id-delegazzjonijiet nies jilleġislaw regolamenti u liġijiet biex jiggvernaw id-diversi ekkleżjastiċiżmi.

2. *Naturalment din is-setgħa li tagħmel liġijiet qatt ma kienet mogħtija lil xi grupp ta' nies li mhumiex ispirati.* Ebda grupp ta' nies m'għandu awtorità mill-Bibbja biex jiddeċiedi kemm-il darba fis-sena l-ikla tal-Mulej (tqarbin) għandha tiġi meħuda, biex ibiddel l-att tal-magħmudija, biex iwarrab fil-ġenb il-magħmudija bħala kondizzjoni għas-salvazzjoni, jew biex jagħmlu xi tibdil ieħor fl-ordni divina. Kull bniedem li jassumi li għandu l-awtorità li jbiddel l-amministrazzjoni tal-knisja jew il-liġijiet mogħtija mill-appostli jkun f'ribelljoni kontra Kristu, ir-Ras u l-awtorità Suprema. Ir-rieda ta' Kristu hija liġi u ribelljoni kontriha hija delitt ta' nuqqas ta' fedeltà, tradiment.

3. *Riġezzjoni ta' l-awtorità suprema ta' Kristu hija r-riżultat ta' modifikazzjonijiet*. Bidla waħda wasslet għal bidliet oħra, u fl-aħħar kapijiet umani fuq gruppi reliġjużi żviluppaw. Bidla fl-organizzazzjoni twassal għal bidla fil-liġijiet; din il-bidla fil-liġijiet tniżżel lil Kristu mit-tron Tiegħu bħala Sultan u tagħti bidu għal awtorità tal-bniedem biex isaltan u jiggverna.

### II. MONARKIJA

1. *Il-knisja ta' Kristu hija monarkija*. Kristu Hu r-Ras suprema:

> "*Hu r-Ras tal-ġisem, li hu l-knisja. Hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox*" (Kolossin 1:18).

Pawlu kompla jgħid,

> "*Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-knisja kollha, li hi ġismu, il-milja ta' dak li jimla kollox f'kollox*" (Efesin 1:22, 23).

Fit-trasfigurazzjoni Alla qal,

> "*Dan Hu Ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu*" (Mattew 17:5).

Ftit qabel ma Kristu tela' għan-naħa tal-lemin ta' Alla, Hu qal,

> "*Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art*" (Mattew 28:18).

Kristu għandu l-awtorità kollha; għalhekk il-bniedem m'għandu xejn. Kristu mhux se jerħi "kull ħakma u kull setgħa" qabel jasal it-tmiem (1 Korintin 15:24).

2. *Ġesù wiegħed li kien se jibgħat l-Ispirtu s-Santu lil l-appostli*, li jgħallimhom kollox, u jfakkarhom dak kollu li Hu jkun qalilhom (Ġwanni 15:26, 27). It-tagħ-lim u x-xhieda ta' l-appostli jkunu kkonfermati fis-smewwiet, għaliex:

> "*kull ma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-smewwiet, u kull ma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet*" (Mattew 16:19; 18:18).

Kristu qatt ma ddelega din l-awtorità lil xi ħadd ieħor ħlief lil l-appostli Tiegħu. Għall-bnedmin din in-naħa ta' l-appostli fil-konvenzjonijiet tagħ-hom, konċilji, u sinodi li jassumu awtorità bħal din huwa biss insult lis-Sultan tas-slaten u lit-tron Tiegħu għaliex Hu biss għandu l-awtorità koll-ha kemm fis-sema u kemm fuq l-art (Mattew 28:18).

## III. L-AWTONOMIJA TAL-KNISJA

1. Meta nitkellmu dwar l-awtonomija tal-knisja *aħna nkunu qegħdin infissru l-awtonomija tal-kongregazzjoni jew knisja lokali.* Awtonomija hija mfissra bħala "dritt li tiggverna lilek innifsek; stat iggvernat minnu nnifsu; ġisem indipendenti." Fl-ewwel seklu kull kongregazzjoni kienet hekk. Kull waħda kienet indipendenti minn kull kongregazzjoni oħra. Ma kienx hemm tirannija ta' xi knisja partikulari fuq oħra. Il-knisja ta' Ruma jew ta' Ġerusalem ma kelliex awtorità fuq knejjes ta' komunitajiet oħra. Nies barra mill-kongregazzjoni ma kellhomx dritt li jeżerċitaw xi awtorità u setgħa ġewwa l-kongregazzjoni. L-isqfijiet (ix-xjuħ) u d-djakni f'kon-gregazzjoni ma kellhomx awtorità li jeżerċitaw xi mġieba jew xi setgħa despotika fuq l-isqfijiet u djakni ta' xi kongregazzjoni oħra. Kull knisja kienet ħielsa u indipendenti, taħt it-tagħlim ta' Kristu u l-appostli Tiegħu, li tiggverna lilha nfisha, tkompli bix-xogħol tagħha, u tieħu ħsieb il-ħwej-jeġ tagħha. Ma kienx hemm sistema ta' amministrazzjoni tal-knisja akbar jew iżgħar mill-kongregazzjoni. Il-kongregazzjonijiet kollha kellhom l-istess Ras, l-istess pedament, u l-istess missjoni; jippridkaw l-istess Evan-

ġelju; jagħmlu minn ġisem wieħed. Iżda kull waħda kienet indipendenti li tmexxi x-xogħol tagħha stess!

2. *"L-għerf ta' Alla jidher f'arranġament bħal dan għall-knejjes Tiegħu.* Jekk knisja waħda (jew kongregazzjoni) teħżien fid-dottrina jew tiġi affettwata b'għemil ħażin, knejjes oħra ma jkunux affettwati. Jekk ikun hemm xi nuqqas ta' ftehim f'waħda minnhom, dan ma jinfirix ma l-oħrajn; jekk waħda tispiċċa l-oħrajn ma jispiċċawx magħha. Jekk tieqa tkun magħmula minn ħġieġa kbira waħda, jekk ikun hemm ksur tinkiser kollha kemm hi; imma jekk tkun magħmula minn aktar minn ħġieġa waħda, billi tinkiser waħda ma tkunx daqshekk gravi. L-indipendenza tal-knejjes hija protezzjoni għal kull waħda."—H. Leo Boles, Gospel Advocate, Frar 15, 1940.

3. *Madankollu, din l-organizzazzjoni sempliċi, naq-qset milli tissodisfa lill-ħafna.* Għaldaqshekk huma għamlu tibdil fejn l-aspirazzjonijiet mhux Kristjani ta-għhom għal setgħa ekkleżjastika jkunu jistgħu jiġu rrealizzati. L-istorja tirreġistra l-ewwel firda kbira mill-verità fis-sistema ta' l-amministrazzjoni tal-knisja. Din il-firda qabel ma saret kienet ibassra mill-Ispirtu s-Santu fil-Kelma Mqaddsa Tiegħu, kif sejrin naraw.

## IV. XJUĦ (ISQFIJIET)

1. *L-Ispirtu s-Santu għallem li presbiteri, isqfijiet, jew amministraturi għandhom jiġu maħtura f'kull knisja (*Titu 1:5). F'Atti 20:17 aħna naqraw li Pawlu "bagħat isejjaħ lill-presbiteri tal-knisja." Meta kien qiegħed ikellem lil dan il-grupp Pawlu ddikjara li huma kienu isqfijiet jew għassiesa (Atti 20:28). Irġiel li għamlu dan ix-xogħol huma msejħa wkoll bħala rgħajja (Efesin 4:11). Għalhekk f'kull knisja għandu jkun hemm aktar minn isqof wieħed—u mhux ħafna knejjes u isqof wieħed. Fl-ekkleżjastiċiżmu l-bnedmin biddlu kompletament għal kuntrarju dan l-arranġament divin u għandhom ħafna knejjes u isqof wieħed.

2. *Huwa d-dmir ta' l-isqfijiet li* (1) "jieħdu ħsieb" (a) tagħhom u (b) "tal-merħla kollha"; (2) "Jirgħu l-knisja ta' Alla" (Atti 20:28); (3) "jgħinu lil min hu fil-bżonn" (Atti 20:35); (4) "iżommu sħiħ mal-kelma, skond id-duttrina sħiħa" u (5) "jegħlbu lil min imieri" (Titu 1:9); (6) "iwiddbu lill-għażżenin," (7) "jagħmlu qalb lill-beżżiegħa," (8) jgħinu lid-dgħajfa," (9) "jistabru b'kulħadd" (1 Tessalonikin 5:14); (10) jeżerċitaw "li jieħdu ħsieb, mhux bilfors, imma minn qalbkom; kif irid Alla; mhux għall-qligħ baxx, imma bil-ħeġġa ta' l-imħabba, mhux bħallikieku jaħkmu bil-qawwa fuq dawk li messewhom b'xortihom," imma (11) billi jkunu "eżempju tal-merħla" (1 Pietru 5:2, 3); (12) iżuru l-morda (Ġakbu 5:14); (13) "igħassu fuq il-membri għall-ġid tagħhom" (Lhud 13:17). Dawn id-dmirijiet im-

semmija hawn fuq ġew imponuti fuqhom mill-Mulej. Meta dan ix-xogħol ma jiġix imwettaq, il-kongregazzjoni ssofri. Ma hemm l-ebda l-iċken ħjiel ta' tagħrif fil-Bibbja kollha li l-isqfijiet għandhom awtorità divina sabiex jannullaw jew jibdlu l-liġi ta' Kristu. Huma għandhom biss l-awtorità sabiex isaħħu l-liġi ta' Kristu, u mhux biex jagħmlu liġijiet ħalli jiggvernaw l-akkużi tagħhom. Hienja hija dik il-kongregazzjoni li għandha isqfijiet li jagħmlu dawk id-dmirijiet imsemmija aktar qabel.

3. *Il-kwalifiki ta' isqof huma dawn li ġejjin:* (1) "L-isqof għalhekk irid ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih," (2) "li jkun iżżewweġ darba biss," (3) "li jkun meqjus," (4) "prudenti," (5) "serju," (6) "li jilqa' l-barranin," (7) "jaf igħallem," (9) "li ma jkunx vjolenti," (10) "imma ġwejjed," (11) "li ma jkunx ġellied," (12) "anqas rgħib għall-flus," (13) "wieħed li jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu, u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza bir-rispett kollu; (għax jekk wieħed ma jkunx jaf imexxi 'l daru stess, kif jista' jieħu ħsieb il-knisja ta' Alla?") (14) "Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħammed, li ma jmurx jimtela bih innifsu u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan"; (15) "Għandu jkollu wkoll isem tajjeb mal-barranin, li ma jaqax fil-għajb u jaqa' fix-xibka tax-xitan" (1 Timotju 3:2-7); (16) "ikollu 'l uliedu jemmnu"; (17) "mhux mimli bih in-nifsu," (18) "li ma jinkorlax mal-ajr," (19) "iħobb it-tajjeb," (20) "ġust," (21) "qaddis," (22) "irżin", (23) "li jżomm sħiħ mal-kelma ta' min jemminha, skond id-duttrina" (Titu 1: 6-9). Ta' spiss ix-xogħol ta' isqof huwa mogħti lil nies li ma jkollhomx il-kwalifiki meħtieġa skond il-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa, u li jassumu din ir-responsabbiltà bi ftit ħsieb dwar id-doveri tagħhom.

4. *Il-kongregazzjoni hija kkmandata* (1) "sabiex jisimgħu minn dawk li qegħdin jaħdmu f'nofskom, u li huma fuqkom fil-Mulej biex iwissukom"; (2) u biex "t'għożżuhom u tħobbuhom kemm tifilħu minħabba fil-ħidma tagħhom fostkom" (1 Tessalonikin 5:12-13); (3) "il-presbiteri (isqfijiet jew anzjani), li jmexxu sewwa jkun jistħoqqilhom ġieħ għal darbtejn l-aktar dawk li jagħmlu x-xogħol tax-xandir tal-kelma u tat-tagħlim" (1 Timotju 5:17); (4) "obdu lil dawk li jmexxukom," (5) "u oqogħdu għali-hom" (Lhud 13:17); (6) "qatt tilqa' akkuża kontra presbiteru jekk mhux fuq ix-xhieda ta' tnejn jew tlieta min-nies" (1 Timotju 5:19). Huwa sew-wa li l-kongregazzjoni tqis id-doveri tagħha lejn l-isqfijiet daqs kemm hu li l-isqfijiet jagħmlu d-doveri tagħhom lejn il-kongregazzjoni.

## V. DJAKNI

1. *Id-doveri tad-djakni* mhumiex ċari għalkollox daqs dawk ta' l-isqfijiet, imma huma bla ebda dubju dawk ta' assistenti jew għajjutanti u qaddejja. F'Atti 6:1-6 aħna naqraw dwar sebat irġiel fil-knisja ta' Ġer-

uslem li ġew imsejħa biex "iservu l-imwejjed." Dan il-grupp mhuwiex identifikat fil-Bibbja bħala djakni, imma mil-lingwa oriġinali aħna nitgħallmu li huma għamlu x-xogħol ta' djakni jew qaddejja, il-kelma "djakni" tfisser qaddejja. Hekk l-isqfijiet (ix-xjuħ) huma l-mexxejja jew l-amministraturi u d-djakni huma l-qaddejja. Intqal lix-xogħol ta' l-isqfijiet kien spiritwali u x-xogħol tad-djakni kien fiżiku, iżda x-xogħol tagħ-hom ma jistax jiġi llimitat għal dan ix-xogħol. Aħna ma nistgħux ngħidu lix-xogħol ta' l-isqfijiet bħala mexxejja fil-kongregazzjoni m'għandu x'jaq-sam xejn mal-finanzi għaliex aħna naqraw f'Atti 11:29, 30 dwar kontri-buzzjoni li ġiet mibugħta lil l-isqfijiet ta' Ġerusalem minn id Barnaba u Sawl. Lanqas ma nistgħu ngħidu lix-xogħol tad-djakni hu llimitat għall-ħwejjeġ fiżiċi, għaliex aħna nsibu li Stiefnu u Filippu, tnejn mis-sebgħa magħżula f'Ġerusalem, aktar tard ippriedkaw l-Evanġelju b'ħafna qawwa u persważjoni.

2. *Dawk li huma magħżula għal dan ix-xogħol għandhom ikollhom dawn il-kwalifiki*: (1) "nies li għandhom isem tajjeb," (2) "mimlijin bl-ispirtu" (3) "u bil-għerf" (Atti 6:3); (4) "għandhom ikunu nies serji"; (5) "li ma jilagħbux bil-kliem," (6) "ma jkunux mogħtija żżejjed għal l-in-bid," (7) "anqas għall-qligħ baxx tal-flus"; (8) "iżommu sħiħ il-ministeru tal-fidi b'kuxjenza safja"; (9) "l-ewwel igħaddu mill-prova"; (10) "li wieħed ma jsib xejn x'igħid fihom"; (11) "hekk ukoll in-nisa tagħhom għandhom ikunu serji, ma jqassux fuq l-oħrajn, ikunu meqjusa fl-imġieba tagħhom u ta' min jafdahom f'kollox"; (12) "ikunu rġiel ta' mara waħda," (13) "ikunu jafu jmexxu sewwa 'l uliedhom u 'l djarhom" (1 Timotju 3:8-12).

L-organizzazzjoni tal-knisja hija sempliċi, iżda l-pjan divin ġie ttrattat ħażin ħafna. Kull attentat sabiex itejjeb dan il-pjan irriżulta f'apostasija u f'ekkleżjastiċiżmu

# RAĠUNI VIII

## GĦALIEX HIJA GĦANDHA L-BIBBJA BĦALA L-UNIKU TWEMMIN, STQARRIJA TAL-FIDI, U MANWAL TAL-KNISJA

### I. RAĠUNIJIET GĦAL DIN IL-KONVINZJONI QAWWIJA

Jiena qatt ma nista' nieħu sehem f'xi sistema reliġjuża li għandha xi twemmin tal-bniedem. Din hija l-fehma qawwija tiegħi għal ħafna raġunijiet, jiġifieri:

1. *Fi żmien l-appostli u għall-ewwel tliet sekli l-Bibbja kienet l-uniku twemmin (kredu).* Għaliex ma nużawx l-istess twemmin illum? Jiena ma jimpurtanix li jkolli manwal tal-knisja l-istess bħal dak li eżista fl-ewwel seklu. Jiena rrid li jkolli l-istess wieħed. Sabiex dan ikun possibbli, jiena għandi jkolli l-Bibbja biss.

2. *Il-Bibbja kompletament tfornina għal kull ħidma tajba.* Aħna nafu "lis-setgħa tiegħu ta' Alla tatna dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba, billi għarrfitna 'l Dak li sejħilna għas-sebħ u l-qawwa tiegħu" (2 Pietru 1:3); li:

> "*l-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa, biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba*" (2 Timotju 3:16-17).

L-Ispirtu s-Santu jgħid li l-Iskrittura ġiet mogħtija sabiex tgħammarna fid-duttrina, tgħallem, iċċanfar, twiddeb u trawwem fis-sewwa u f'kull ħidma tajba. Issa, mhumiex il-preċetti tal-bnedmin miktuba ħalli jgħamm-ru l-bniedem fid-duttrina, igħallmu, iċanfru, iwiddbu u jrawwmu fis-sewwa għal kull ħidma tajba? Iva. Mela għaliex tagħti l-kelma li tiżgura fedeltà lejn il-preċetti tal-bnedmin li ġew mogħtija għal l-istess skop li Alla ta l-Bibbja Mqaddsa? Il-Bibbja hija żgura, iżda huma l-preċetti tal-bnedmin żguri? Saħansitra s-segwaċi tagħhom jammettu li huma fallibbli. Għaliex inkunu segwaċi ta' xi ħaġa li hija ta' oriġini tal-bniedem u li hija falliblli meta nistgħu nkunu segwaċi ta' dak li huwa ta' oriġini divina u li huwa infallibbli? Ukoll jekk mexxejja tal-knisja kellhom jiktbu xi pre-ċetti li mhumiex żieda mal-Bibbja jew tnaqqis mill-Bibbja, dan ikun eżatt bħall-Bibbja. Għalfejn għandu jkollok tnejn li huma eżattament l-istess? Ma jkun hemm l-ebda skop għal dan. Isma' xi jgħid Ġesù dwar il-preċetti tal-bnedmin:

> "*…Sewwa ħabbar Isaija fuqkom, ja nies ta' wiċċ b'ieħor, bħal ma hu miktub, 'Dan il-poplu bix-xofftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni. Fiergħa hi l-qima*

*li jagħtuni; **igħallmu dottrina li mhix għajr preċetti tal-bnedmin***" (Mark 7:6, 7; enfasi tiegħi).

3. *Dan li ġej jista' jintqal dwar il-Bibbja biss:* "Dan il-ktieb antik fih il-moħħ ta' Alla, l-istat tal-bniedem, it-triq għas-salvazzjoni, il-kundanna tal-midinbin u l-hena ta' min jemmen. L-istejjer tiegħu huma veru, id-dottrina tiegħu hija mqaddsa, il-preċetti tiegħu huma li jobligaw u d-deċiżjonijiet tiegħu huma li ma jitbiddlux. Aqrah sabiex tkun għaref, emmnu sabiex tkun żgur, u ipprattikah sabiex tkun qaddis. Huwa għandu dawl biex jiggwidak, ikel li jżommok, u faraġ li jferrħek. Hu l-mappa ta' dawk li jivvjaġġaw, il-bastun tal-pellegrini, il-boxxla tal-baħri, ix-xabla tas-suldat, u l-ittra tal-Kristjan. Hawn il-ġenna mogħtija l-ħajja, il-ġenna miftuħa u l-bibien ta' l-infern imxandra. Kristu huwa s-suġġett tiegħu, it-tjubija tagħna hija l-ħsieb tiegħu, u l-glorja ta' Alla t-tmiem tiegħu. Huwa għandu jimla l-memorja, jirregola l-qalb, u jiggwida r-riġlejn. Aqrah bil-mod, spiss u b'devozzjoni. Hu minjiera ta' ġid, ġenna ta' glorja u xmara ta' pjaċir. Huwa mogħti lilek fil-ħajja, jkun miftuħ fil-ġudizzju u jkun miftakar għal dejjem. Hu jinvolvi fih l-ogħla responsabbiltà, jippremja l-aktar xogħol nobbli u jikkundanna lil dawk kollha li jgerfxu bil-kontenut sagru tiegħu." – Anon. L-ebda tagħlim magħmul mill-bniedem ma jista' jagħmel din il-pretensjoni. Kemm huma ta' bla bżonn dawk il-preċetti tal-bnedmin.

4. *Il-preċetti tal-bnedmin kull ftit snin jiġu rriveduti minħabba n-nuqassijiet tagħhom.* Ebda dixxiplu tal-preċetti tal-bnedmin ma jaf se tkun id-diuttrina tiegħu għaxar snin oħra minn issa. Knisja li kienet tgħal-lem għal snin sħaħ lit-tfal kienu jitwieldu għalkollox imħassra biddlet il-preċett tagħha tlieta jew erba' snin ilu u bdiet tgħallem lit-tfal ma jitwie-ldux ħżiena, vizzjużi, u mħassra. Il-membri li kienu jappoġġjaw dan il-preċett kienu msejħa, sabiex jagħmlu dawra kompluta lejn in-naħa l-oħra. Dan hu biss eżempju wieħed. Eżempju ieħor huwa li knisja li kienet tgħallem li kien dnub mejjet li wieħed jiekol il-laħam nhar ta' Ġimgħa, illum dan il-preċett spiċċa għalkollox. Knisja oħra li qabel kienet tgħallem li ma kienx jista' jittieħed demm taħt l-ebda forma, illum ukoll biddlet dak il-preċett tagħha u qed tgħallem li dan jista' jsir taħt xi forom. Preċetti tal-bnedmin ta' spiss jiġu mibdula u rriveduti. Dan ipoġġi biss fuqhom il-marka ta' dugħfija u ta' nuqqas.

Waqt li l-preċetti tal-bnedmin jiqdiemu u jiġu skartati għal oħrajn ġod-da, il-Bibbja tkompli tgħix u tiffunzjona. Hija tgħix għaliex m'għandix bżonn ta' tibdil. L-Evanġelju ta' Kristu huwa perfetta u msejjaħ bħala "l-liġi perfetta tal-ħelsien" (Ġakbu 1:25). Hija perfetta, u saħta ta' telfien ta' dejjem tinsab fuq kull persuna jew grupp ta' persuni li jippruvaw iħassru-ha billi jżidu magħha jew inaqqsu minnha (Galatin 1:6-9; Apokalissi 22:

18-19). Il-Kelma ta' Alla hija perfetta u Hu qatt ma ppermetta lill-bniedem ħalli jindaħal fiha. Ukoll lura fi żmien Mosè l-Mulej qal,

> "*La żżidu xejn ma' dak li qiegħed nikkmandakom, u la tnaqqsu xejn minnu biex tħarsu l-kmandamenti tal-Mulej, Alla tagħkom…*" (Dewteronomju 4:2).

5. *Kredijiet (tagħlim u preċetti tal-bnedmin ma jistgħux jiġu ddefen-duti.* Dan li ġej huwa kwotazzjoni mix-xogħolijiet ta' Benjamin Franklin:

"L-ewwel, kull kredu (twemmin jew preċett) li fih aktar mill-Bibbja hu ta' min jieqaflu, għaliex għandu aktar mill-Bibbja.

"It-tieni, kull kredu (twemmin jew preċett) li fih inqas mill-Bibbja hu ta' min jieqaflu, għaliex għandu inqas mill-Bibbja.

"It-tielet, kull kredu (twemmin jew preċett) li hu differenti mill-Bibbja hu ta' min jieqaflu għaliex hu differenti mill-Bibbja.

"Ir-raba', kull kredu (twemmin jew preċett) eżatt bħall-Bibbja huwa għalxejn, għaliex aħna għandna l-Bibbja.

"Dan jittratta l-argumenti kollha. Ma jistax ikun hemm ħsieb ieħor għal dan. Kredu (twemmin jew preċett) għandu jkollu fih aktar mill-Bibbja, inqas mill-Bibbja, differenti mill-Bibbja, jew ikun eżatt bħall-Bibbja. Ebda bniedem ma jiddefendi l-kredu jew tagħlim tiegħu fuq il-bażi li huwa għandu aktar mill-Bibbja, inqas mill-Bibbja, li hu differenti mill-Bibbja, jew li eżatt bħall-Bibbja. Jekk kredu (twemmin jew preċett) ma jkunx idefendut fuq xi wħud minn dawn il-bażijiet, fuq liema bażi tista' tiddefendih? Żgur fuq ebda bażi li l-bniedem jista' jaħseb dwarha."

6. *Dawk li taw kelma ta' fedeltà lejn kredu (twemmin jew preċetti) miktuba mill-bnedmin mhumiex kapaċi jiddefendu l-Bibbja.* Il-pożizzjoni tagħhom tannulla kull kelma li huma jgħidu favur il-kompletezza u l-perfezzjoni tal-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Huma qegħdin jonqsu li juru l-fidi tagħhom bl-għemil tagħhom (Ġakbu 2:18). Fil-fatt, bl-għemil tagħhom huma qegħdin juru nuqqas ta' fidi tagħhom fiha. Jekk bniedem ma jieħux il-Bibbja u lilha biss bħala l-kredu jew twemmin uniku tiegħu, hu ma jistax jiddefendiha b'suċċess kontra dak ta' bla fidi. Huwa impossibbli għall-predikatur sabiex jiddefendi t-tagħlim tal-Bibbja meta t-tagħlim tiegħu stess huwa rregolat minn xi ktieb ieħor li mhuwiex il-Bibbja. Dan in-nuqqas ta' ċertezza, din l-inkonsistenza hija prova tan-nuqqas ta' kunfidenza u ta' apprezzament fiha. Dak li ma jemminx igħid, "Predikatur, spjegalna għaliex inti għandek preċetti oħra barra mill-Bibbja, jekk il-Bibbja hija veru. Jekk hija veru, kif tgħid int—mogħtija fid-dutt-rina ħalli wieħed igħallem, iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa u għal kull ħidma tajba—iġġustifika l-preċetti tiegħek, magħmula mill-bniedem?"

Tista' taħseb int f'liema konfużjoni u tfixkil dan il-predikatur li jaċċetta dawn il-preċetti tal-bnedmin isibu lilu nnifsu.

Aktar minn mitt sen ilu, Robert Dale Owen, Skoċċiż, il-ġgant ta' l-infedeltà, mar l-Amerika. Hu għamel bħal ma għamel Gulija tal-Filistin fiż-żmien twil ilu; hu sfida lill-poplu ta' Alla; hu talab lil dawk li jimxu wara Kristu sabiex jibagħtu bniedem ħalli jidħol f'kumbatt polemiku dwar il-verità tal-Bibbja. Il-predikaturi tad-denominazzjonijiet, li huma marbuta bil-preċetti tal-bnedmin twerwru malli semgħu b'din l-isfida. Għaliex? Huma kienu jafu li l-pożizzjoni tagħhom kienet bla tama u bla difiża! Huma kienu jafu li Owen kien jista' jitlobhom ħalli jiġġustifikaw il-preċetti li mhumiex fil-Bibbja; jispjegaw għaliex iġibu ismijiet li mhumiex imsemmija fil-Bibbja; u li jagħmlu ċar għaliex huma membri ta' knejjes li mhumiex fil-Bibbja. Huma triegħedu! Iżda David ieħor tfaċċa biex jaċċetta l-isfida tiegħu. Hu kien Kristjan biss, membru tal-Knisja ta' Kristu u tagħha biss, u ma kellux twemmin jew preċetti oħra ħlief il-Bibbja. Il-ġlieda għall-verità saret f'Cincinnati, fejn bdiet fit-tlettax ta' April, 1829, u damet sejra għal tmint ijiem. Is-Sur Owen, il-Gulija ta' l-infedeltà, ma kienx jista' juża l-arma favorita tiegħu: l-inkonsistenza ta' dawk li jipprofessaw li jemmnu l-Bibbja u li dak li jagħmlu huwa differenti minnha. L-isfidant tiegħu ma kien membru ta' l-ebda denominazzjoni, ma kien iġib xi isem mogħti mill-bnedmin u anqas ma kellu xi tagħlim jew preċetti tal-bnedmin. dak li ma kienx jemmen waqa'. Kienet vittorja kbira għall-Bibbja u għan-nies Kristjani, dan kien ferħ kbir. Dan id-difensur tal-fidi kien Alexander Campbell. Ħafna predikaturi segħtu għamlu l-istess ħaġa, li kieku ma kienx minħabba għall-pożizzjoni bla bażi tagħhom. Il-bnedmin jistgħu jiddefendu l-Bibbja meta huma jkunu taw il-kelma tagħhom li jimxu fuqha biss, iżda meta huma jagħtu l-kelma tagħhom li jappoġġjaw it-twemmin u l-preċetti li huma magħmula minn bnedmin li mhumiex ispirati dan huma ma jkunux jistgħu jagħmluh.

7. *Twemmin u preċetti tal-bnedmin jaqsmu jifirdu*. Huma jżommu nies reliġjużi maqsuma f'partiti u settet. Kull twemmin jew preċett iservi bħala ħajt ħalli jdaħħal u jagħlaq is-segwaċi tiegħu u biex iħalli barra lil l-oħrajn kollha. Dawn il-ħitan għandhom jaqgħu u jaqgħu qabel ma l-għaq-da tkun tista' ssir realtà. Kollha kemm huma jridu jispiċċaw—denominaz-zjoni waħda ma tistax tittama li d-denominazzjonijiet l-oħra kollha jwarr-bu fil-ġenb it-twemmin u l-preċetti tagħhom magħmula mill-bnedmin biex jagħtu kelma li jappoġġjaw twemmin u preċetti oħra magħmula mill-bnedmin. Jekk huma sejrin jimxu wara twemmin u preċetti tal-bnedmin, huma jistgħu xorta waħda jżommu dawk li għandhom. Meta t-twemmin u

l-preċetti tal-bnedmin ikunu spiċċaw, ħitan denominattivi jibdew iċedu u poplu maqsum jibda fit-triq ta' l-għaqda.

## II. SILLOĠIŻMI

Ma hemm l-ebda dubju li l-firda hija dnub. Isma' l-messaġġ ta' l-Ispirtu s-Santu:

> "*Nitlobkom, ħuti, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ruħ waħda u fehma waħda*" (1 Korintin 1:10).

Il-firda hija dnub, ksur ta' kmand pożittiv. Twemmin u preċetti tal-bnedmin jikkontribwixxu għal dan l-istat ta' dnub; għalhekk, kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin huma ħtija ta' dnub u dawk li jappoġġjawhom jaqsmu fil-ħtija tad-dnub.

Forsi jkun aktar ċar jekk aħna npoġġu quddiemna xi premessi u mbagħad noħorġu l-konklużjonijiet.

1. *Silloġiżmu wieħed:*
   (1) Firda hija dnub (1 Korintin 1:10; 3:3)
   (2) Kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin jifirdu (aċċettata minn kulħadd).
   (3) Għalhekk, kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin huma dnub.

2. *Silloġiżmu tnejn:*
   (1) Huwa dnub li timxi fuq regolamenti differenti (Filippin 3:16).
   (2) Kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin huma regolamenti differenti (aċċettata minn kulħadd).
   (3) Għalhekk, huwa dnub li timxi fuq kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin.

3. *Silloġiżmu tlieta:*
   (1) Firda tqanqal nuqqas ta' fedeltà (Ġwanni 17: 20-21).
   (2) Kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin joħolqu l-firda (aċċettata minn kulħadd).
   (3) Għalhekk, kredijiet, twemmin u preċetti tal-bnedmin joħolqu nuqqas ta' fedeltà.

L-uniku mod li dawn il-konklużjonijiet jistgħu jiġu ddiżapprovati huwa li tiddiżapprova xi waħda mill-premessi kemm dawk maġġuri jew dawk minuri. Jekk il-premessi huma tassew, il-konklużjonijiet huma li ma jista' jmerihom ħadd. Dawn huma tassew—b'hekk il-konklużjonijiet huma ċerti.

# RAĠUNI IX

## GĦALIEX HIJA TEMMEN LI L-BIBBJA KOLLHA HIJA L-KELMA ISPIRATA TA' ALLA

### I. IL-VEDUTA TA' MINISTRI PPREŻENTATI BĦALA EŻEMPJI RAPPREŻENTATTIVI

1. Fi priedka dwar "l-Attitudnijiet Moderni Lejn il-Bibbja," minn L. R. Wilson, (*Firm foundation*, April 28, 1942), aħna għandna dan li ġej: "Biss l-aħħar sena Dr. Clarence Edward McCartney, fi priedka dwar 'L-Evanġelju Glorjuż,' f'perjodiku jismu 'Preaching To-day,' ikkwota statistika (minn Betts, f'pubblikazzjoni minn l-Abington Press, taħt it-titlu ta' "Twemmin ta' 700 Ministru") li wera dawn ir-riżultati: Tlettax fil-mija ċaħdu d-dottrina tat-Trinità; tmienja u erbgħin fil-mija ċaħdu r-rakkont tal-Bibbja fuq il-ħolqien; tlieta u tletin fil-mija ma' jemmnux fir-rivelazz-joni minn Alla; tlieta u erbgħin fil-mija ċaħdu l-ispirazzjoni plenarja ta' l-Iskrittura; tmienja u tletin fil-mija ma jemmnux li l-profeti tat-Testment il-Qadim kienu kapaċi jbassru ġrajjiet futuri; ħamsa u ħamsin fil-mija ma jemmnux li l-Bibbja hija ħielsa mill-ħrejjef u l-leġġendi; dsatax fil-mija ma jemmnux li Ġesù huwa ugwali ma' Alla; erbgħa u għoxrin fil-mija ċaħdu l-ħlas bi tpattija ta' Kristu għal dnubietna; erbgħa u tletin fil-mija ma baqgħux jemmnu fil-kastig tal-futur għall-ħżiena; tlieta u tletin fil-mija ma jemmnux fil-qawmien tal-ġisem; sebgħa u għoxrin fil-mija ma jemmnux li Ġesù għandu jerġa' jiġi ħalli jiġġudika l-ħajjin u l-mejtin; tlieta u tletin fil-mija ċaħdu l-waqa' tal-bniedem kif irrakkontata fil-ktieb ta' Ġenesi; wieħed u ħamsin fil-mija jqisu l-magħmudija u l-Ikla tal-Mulej (tqarbin) bħala li mhumiex meħtieġa; disgħa u tletin fil-mija jaħsbu li nies twajba, persuni b'fehma tajba għandhom jiġu aċċettati fil-knisja hu x'inhu t-twemmin tagħhom dwar is-salvazzjoni."

2. *Hija ħaġa ta' l-għaġeb li ħafna ma jemmnux li l-Bibbja hija l-Kelma ispirata u awtorevoli ta' Alla;* għalhekk, ma jemmnux dak li Alla jgħid fuq ħafna suġġetti. L'ateu huwa aktar konsistenti minn dak li hu modernist: L'ateu ma jemmen xejn mill-Bibbja waqt li l-modernist jemmen biss dak li joqgħġob lilu.

### *II. RAĠUNIJIET GĦALIEX TEMMEN IL-BIBBJA*

Ikkunsidra ftit mill-ħafna raġunijiet għaliex għandek temmen il-Bibbja"

1. *Jekk il-Bibbja mhix tassew, allura ma hemmx storja aċċettabbli u onestà ta' min jorbot fuqha.* Ebda storja oħra m'għandha karatteristiċi ta'

verità u ta' fiduċja. Il-Bibbja ġġib kull marka ta' awtentiċità. Fi kliem dwar Kristu hija tgħid,

> "*...dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u li messew idejna ...*" (1 Ġwanni 1:1)
>
> "*Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura; difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skond l-Iskrittura. U deher lil Kefa, u mbagħad lit-tnax. Deher imbagħad lil aktar minn ħames mitt aħwa flimkien. ħafna minnhom għadhom ħajjin sal-lum; xi wħud minnhom raqdu. Imbagħad deher lil Ġakbu u lil l-appostli kollha. Fl-aħħar deher lili wkoll wara kul-ħadd,...*" (1 Korintin 15:3:8).

L-evidenza mhix xniegħa—huma raw, semgħu, u mis-sew lil Kristu—u hija aċċettata mill-veduta ta' l-intelliġenza. Il-fatt li huma semgħu, raw u messew lil Kristu hu wisq ħafna biex jiġi rrifjutat fuq l-assunzjoni li huma setgħu kellhom viżjoni, smiegħ jew sens ta' ħass dgħajfa. Ix-xhieda tagħhom hija wkoll aċċettata mill-att ta' l-onestà u l-verità. Hija ħaġa redikola kemm li takkużahom b'falizità jew li tiddubità s-sinċerità tagħhom. Dan kien ifisser li ħallew lil ħbiehom, djarhom, u l-ħajja feliċi u komda; dan kien ifisser persekuzzjoni u mewt. Hija ħaġa assurda li tgħid li nies imutu għal xi ħaġa li jkunu jafu li hija gidba. L'ebda storiku qatt ma ta prova sinċiera aqwa milli taw huma. Jekk il-Bibbja mhix tassew, allura ma hemmx storja li tistħoqqilha l-approvazzjoni tagħna.

Mnejn ħlief mis-sema jistgħu nies, bla ħila fl-arti,
F'diversi żminijiet twieldu, f'diversi partijiet,
Jinsġu veritajiet li jaqblu bħal dawn; jew kif jew għaliex
Għandhom kollha jikkonfoffaw biex iqarrqu bina b'gidba?
Jikxfu t-tbatijiet tagħhom, ingrat il-parir tagħhom,
Ġuħ il-qliegħ tagħhom u martirju l-prezz tagħhom.

2. Il-Bibbja, ktieb tal-kotba, sitta u sittin fin-numru iżda wieħed fl-armonijia u fil-ħsieb, minn madwar erbgħin kittieb differenti f'intervalli ta' madwar sittax-il seklu, *ma jistax ikun li nkiteb aċċidentalment*. Dawn in-nies għexu fi żminijiet differenti u f'sezzjonijiet differenti u kitbu indipendentament minn xulxin. Għaldaqshekk, huwa impossibbli għalihom li jiftiehemu ħalli jiktbu frodi reliġjuża. Iżda meta x-xogħol tagħhom tpoġ-ġa flimkien, aħna kellna volum wieħed kbir ta' armonija u kontinwità ta' ħsieb mill-bidu sat-tmiem. Dan ma jistax ikun li ġara aċċidentalment! Dan għandu jkun xi ħaġa li jiskorri s-setgħa tal-bniedem u divin fil-pjan tiegħu u x-xogħol ta' xi Qawwa Għola. Aħna nistgħu wkoll nargumentaw li

mijiet ta’ ħaddiema u bennejja ħadmu kull wieħed wara l-pjan tiegħu; u li mingħajr disinn u ftehim u preparazzjoni minn qabel, il-materjal kollu tagħhom u l-isforzi koll-ha tagħhom bnew l-Empire State Building ta’ New York, kif, bl-istess mod, li l-Bibbja hija x-xogħol ta’ kumbinazzjoni.

3. *Il-fatt li dawn in-nies b’okkupazzjonijiet diversi, taħriġ u abbiltajiet kitbu volum sublimi u ta’ armonija waħda huwa prova ċara li dawn “in-nies tkellmu fl-isem ta’ Alla,…għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu”* (2 Pietru 1:21). Per eżempju, Mosè kien edukat fil-għerf ta’ l-Eġizzjani u kien ragħaj u mexxej; Ġożwè, suldat u spjun; Eżra, skriba famuż u qassis devot; Neħemija li jnewwel it-tazzi lis-sultan; David, ragħaj, mu-żiċista, eroj tal-gwerra u sultan; Salamun, l-aktar bniedem għaref fid-dinja u sultan b’saħħtu; Isaija, profeta; Eżekjel, Lhudi eżiljat; Danjel, politiku; Għamos, ragħar u bidwi raħħal; Mattew, wieħed li jiġbor it-taxxi; Pietru u Ġwanni, sajjieda, “nies li ma tgħallmux u njoranti”; Luqa, tabib; u Pawlu, wieħed li jagħmel it-tined u skular li trabba f’saqajn Gamaliel. Nies mhux ispirati li jvarjaw ħafna fil-ħidma u abbiltà ma jistax ikun li kitbu ktieb li “huwa doqqajs ta’ ħlewwa, l-armerija ta’ dawk l-armi kollha li huma tant disposti, it-torri li fih il-ġojjelli tal-kuruna ta’ l-univers, il-lampa li tkeb-bes id-dwal l-oħra kollha, id-dar tal-maesti u l-ġmiel kollu, il-ġebla tan-nofs fejn is-sema tinżel u tirfes fuqha sabiex tbus id-dinja u l-glorji tagħ-ha,” volum li ta’ spiss jiġi mistoqsi iżda qatt ma hu muri ċar u bil-provi li hu falz. Dan ma jistax ikun ix-xogħol ta’ aċċident! Dan bil-fors li huwa x-xogħol ta’ Alla.

4. *Jekk il-Bibbja mhix il-verità, l-iżball jiswa aktar lid-dinja milli l-verità.* Jekk din mhix il-verità, allura din falza—madankollu, hi għamlet aktar sabiex tgħolli lill-bniedem u tbierek lid-dinja milli l-espressjonijiet kollha flimkien ta’ l-ateu, xettiċi, agnostiċi, deisti, kritiċi għola u l-unita-rji. Il-Bibbja minn dejjem kienet il-mannara li naddfet it-triq għall-pro-gress taċ-ċiviltà. Hija minn dejjem kienet qawwa li tnaddaf fin-natura tal-bniedem. L-aktar nies simpatiċi, virtużi u dħulin ħaddnuha bħala l-verità. Għalhekk, jekk il-Bibbja mhijiex il-verità, allura d-dinja aħjar barra b’gidba milli bil-verità.

5. *Jekk il-Bibbja mhijiex il-verità, “in-natura taħ-dem għalxejn.”* “Fost l-abitanti tad-dinja hemm klassi waħda ta’ eżistenza li għaliha l-kreazz-joni u l-kumdità teżisti. Il-bniedem huwa l-isem ta’ din l-eżistenza… Jekk hu jintilef—jintilef għal dejjem, kollox mitluf. Ħsad tal-ħxejjex kull sena jinbet mill-art, u mill-ġdid jarġa’ jmur lura fiha. Razez ta’ annimali jieklu minn-hom u jmutu. Huma, jħobbu l-ikel tagħhom, imma jżejnu d-dinja. Lejl u nhar wieħed jieħu post l-ieħor. Is-snin igħaddu. Id-dinja ddur fuq il-fus tagħha, iddur madwar l-orbitu tagħha, titma’ u tidfen lill-kerrejja

kollha tagħha. Il-bniedem innifsu u l-ikel tiegħu l-istess jispiċċaw għal dejjem.

"Issa x'inhu mirbuh b'din l-operazzjoni kollha? Jekk il-bniedem ma jerġax igħix—jekk il-Bibbja mhijiex il-verità, in-natura taħdem għalxejn: u jekk hemm Kreatur, Hu jaħdem mingħajr pjan, u jistinka għall-ebda skop…Jekk, allura, il-Bibbja mhijiex il-verità—jekk l-istorja li hija tagħti dwar il-bniedem, il-ħolqien tiegħu, il-waqa' tiegħu, il-fejqan tiegħu mill-ġdid, mhumiex tassew—f'kelma waħda, jekk l-Evanġelju huwa gidba u l-Bibbja hija falza, l-ebda bniedem ħaj ma jista' jagħti raġuni waħda tajba għall-eżistenza tal-pjaneta tagħna"—(*Christian Baptism*, Campbell). Jekk il-Bibbja mhijiex il-verità, il-bniedem jgħix għall-ebda skop, in-natura hija korriment ta' l-għaġeb, u l-pjan ta' l-univers huwa falliment kolossali.

6. Karatteristika impressjonanti tal-Bibbja, li ma tinsabx f'kotba oħra, hija li l-Bibbja *hija ktieb awtorevoli fl-espressjoni*. "Hekk igħid il-Mulej" tinsab ma-dwar elfejn darba. Hija tistqarr li ġejja mill-Mulej. Hija qatt ma tuża mezzi ħalli tipprova stqarrijiet. L-istqarrijiet huma bbażati fuq l-awtorità kompleta ta' Alla, l-Awtur tagħha. Waqt li kittieba umani huma du-bjużi u mhux ċerti, il-Bibbja hija definita u żgura. Hija titkellem ukoll dwar il-futur pożittivament bħallikieku huwa l-passat. Dan jiddistingwiha mix-xogħol tal-bniedem.

7. Il-Bibbja hija differenti minn kotba umani f'dak li hija *m'għandha ebda inklinazzjoni lejn ħadd*. Bniedem li hu muri fuq l-għola grad huwa wkoll imfisser bħala wieħed li jagħmel l-akbar dnubiet. Per eżempju, fiha nsibu li David kien raġel wara l-qalb ta' Alla Nnifsu, imma huwa wkoll imfisser bħala adulteru u qattiel. Il-bniedem għandu tendenza li juża l-parzjalità f'dik li hija bijografija. Jekk hu ħabib, huma jnaqqsulu dnubietu u jfaħħru l-virtujiet tiegħu. Jekk hu għadu, huma jkabbru d-difetti tiegħu u jnaqqsu t-tjubija tiegħu. Iżda karatteristika tal-Bibbja li tagħmel distinzjoni hija dik li hija ma "tirrispetta lil ħadd." Il-Bibbja tgħid il-verità kollha dwar kull bniedem. Kemm hija differenti mix-xogħol tal-bniedem!

8. Il-Bibbja għandha tkun ix-xogħol ta' Alla *minħabba t-twettiq tal-profeziji*. Aħna nistgħu nużaw ħafna profeziji li għandhom x'jaqsmu ma' ħafna suġġetti bħala eżempju, iżda aħna sejrin nosservaw xi ftit li jappartjenu lil Kristu.

(1) Kien ipprofetizzat li Kristu kellu jitwieled minn verġni (Isaija 7:13, 14). Dan twettaq (Luqa 1:26-35).

(2) Kien ipprofetizzat li Kristu kellu jitwieled b'Betlehem (Mikea 5:2). Dan wasal biex twettaq (Mattew 2: 1-11).

(3) Kien ipprofetizzat li wieħed li jħabbar minn qabel jipprepara t-triq għall-Mulej (Isaija 40:3; Malakija 3:1, 2). Dan twettaq bħal ma kien imbassar (Ġwanni 1:22, 23; Mark 1:1-7).

(4) Aħna għandna wkoll il-profezija li Ġesù jidħol f'Ġerusalem riekeb "fuq ħmara u fuq felu, ferħ ta' bhi-ma tat-tagħbija" (Żakkarija 9:9, 10). Dan seħħ (Mattew 21:1-9).

(5) Kien ipprofetizzat lis-Salvatur tagħna jkun ittradut minn ħabib familjari (Salmi 41:9). Issa dan huwa storja (Mark 14:43-49).

(6) Kien ipprofetizzat li l-prezz tat-tradiment kellu jkun tletin biċċa tal-fidda u lit-traditur jagħti lura s-somma (Żakkarija 11:12, 13). Aħna għandna dan imniżżel bħala li twettaq (Mattew 27:3-10).

(7) Kien ipprofetizzat li huwa jiġi msawwat u li jiddieħku bih (Isaija 50:6). Issa dan hu storja (Ġwanni 19:1; Mark 14:65; Mattew 27:27-31).

(8) Isaija pprofetizza li Ġesù jsofri fis-skiet bħall-ħaruf (Isaija 53:4-7). Il-profezija tinsab imwettqa (Mark 15:2-5).

(9) F'Salm 22:18 aħna għandna, "Huma qasmu ħwejġi bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti." Dan wasal biex għadda (Ġwanni 19:23, 24).

Ħafna profeziji oħra dwar il-Messija li ġew imwettqa jistgħu jiġu mogħtija, iżda dawn huma biżżejjed. Madankollu, forsi aħna għandna nosservaw profezija oħra li tagħha aħna xhieda tat-twettiq tagħha. L-appos-tlu Pawlu ipprofetizza li xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u jistabbilixxu sistema ta' reliġjon fejn fiha rġiel jiġu pprojbiti li jiżżewġu u ordnati biex f'ċerti ġranet ma jittikilx laħam (1 Timotju 4:1-3). Il-Knisja Kattolika Rumana wettqet din il-profezija. Huma ma jħallux lill-membri tal-kleru li jiżżewġu u jikkmadaw lill-membri tagħhom sabiex ma jieklux laħam f'ċerti jiem u staġuni. Kif Pawlu kien jaf li dan kellu jsir? L-unika spje-gazzjoni hija li hu kien iggwidat mill-Ispirtu s-Santu. M'hemmx mod jew triq oħra kif tispjega t-twettiq ta' dawn il-ġrajjiet kollha.

9. L-ispirazzjoni divina tal-Bibbja hija approvata kompletament *bl-istqarrijiet tagħha dwar lid-dinja hija tonda*. Kien fl-1543 lit-teorija ta' Copernicus lid-dinja hija tonda u ddur fuq l-assi kienet avvanzata. Imma mijiet ta' snin qabel ma l-bniedem ħolom b'dan, Alla qal,

> "*Hu firex barra t-tramuntana fuq spazju vojt, u dendel id-dinja fuq xejn*" (Ġob 26:7).

Ebda xjenzat qatt ma ta deskrizzjoni aħjar tad-dinja minn din. Isaija qal,

> "*Huwa hu li qiegħed fuq iċ-ċirku tad-dinja*" (Isaija 40:22).

L-ebda bniedem, f'dak iż-żmien ma sata' tkellem dwar "iċ-ċirku tad-dinja," għaliex il-bniedem kien jaħseb lid-dinja kienet ċatta. Ġesù, meta

tkellem dwar it-tieni miġja tiegħu, qal li hu jiġi matul il-jum u matul il-lejl (Luqa 17:31, 34). Għal snin sħaħ dan kien passaġġ diffiċli. Il-bned-min kienu jitħassbu kif jista' li Ġesù jiġi kemm bin-nhar u kemm bil-lejl. L-għedewwa tal-Bibbja qalu li din kienet kontradizzjoni. Imma l-passaġġ issa hu ħafif permess li l-bniedem tgħallem li f'parti waħda tad-dinja jkun il-jum waqt li fil-parti l-oħra jkun il-lejl. Għalhekk, jiġi meta jiġi Ġesù, hu jiġi matul il-jum u matul il-lejl. Din il-verità ġiet impoġġija fil-Bibbja mijiet ta' snin qabel mal-bnedmin qatt ħolmu b'ħaġa bħal din. Kif aħna serjin nistmaw dan? Hemm biss risposta waħda: il-kittieb kien iggwidat minn Qawwa Għola.

10. *Josephus jikkonferma l-veritajiet tal-Bibbja li jikkonċernaw lil Kristu.* Hu jgħid: "Issa kien hemm madwar dan iż-żmien Ġesù, bniedem għaref, jekk huwa legali li ssejjaħlu bniedem għaliex Hu kien wieħed li jagħmel affarijiet ta' l-għaġeb, għalliem ta' ċerti nies li jirċievu l-verità bi pjaċir. Hu ġibed lejh kemm ħafna mil-Lhud kif ukoll ħafna mill-pagani. Hu kien ('il) Kristu. U meta Pilatu, fuq suġġeriment tan-nies prinċipali fostna, ikkundannah għas-salib, dawk li kienu jħobbuh fil-bidu m'abban-dunawħx; għaliex hu reġa' dehrilhom ħaj fit-tielet jum; kif il-profeti divini bassru dan u għaxart elef ħaġa sabiħa oħra li jikkonċernaw lilu. U t-tribù tal-Kristjani msemmija hekk minnu, mhumiex meqruda f'dan il-jum."—Ktieb 18, Kapitlu 3.

Dan l-istoriku eminenti għex madwar is-sena 37 W.K. sa madwar 100 W.K. B'hekk kellu opportunità biżżejjed ħalli jinvestiga l-pretenzjonijiet li kienu magħmul relattivament lill-Kristu. Hu ma kienx Kristjan u, għal-hekk, ma kienx qiegħed jipprova ħalli jistabbilixxi t-talbiet tal-Kristja-neżmu; hu kien storiku u kien qiegħed biss jirreġistra kif hu sab. Josephus igħid li Kristu għex; li Hu kien "bniedem għaref jekk huwa legali li ssej-jaħlu bniedem"; li Hu kien wieħed li jagħmel affarijiet ta' l-għaġeb; li Pilatu kkundannah għas-salib; li hu qam fit-tielet jum u deher lid-dixxipli Tiegħu. Għalhekk, il-kitba ta' storiku antik, u li ma kienx Kristjan tik-konferma t-Testment il-Ġdid.

It-twemmin tal-Bibbja huwa wkoll imsaħħaħ minn storiċi oħra antiki: Gaius Kronelju Tacticus, imwieled f'madwar nofs l-ewwel seklu u miet fis-sena 117; Pliny, "L-Iżgħar," 62 W.K. ? – 114 W.K. ?

11. Aħna nemmnu li l-Bibbja hija ispirata minn Alla għaliex *ebda bniedem ma jista' jtejjibha*. Ix-xogħolijiet kollha tal-bnedmin jistgħu jiġu miżjuda għall-aħjar. Aħseb dwar it-titjib li sar fix-xjenza, fl-industrija, fl-edukazzjoni u f'kull qasam ieħor. Kotba qodma huma mwarrba mill-ġodda. Iżda ktieb li kien tlesta fl-ewwel seklu jkompli jkun l-aktar ktieb li jin-biegħ. Hu jsebbaħ kważi kull dar u kliemu qiegħed fuq ix-xofftejn ta'

miljuni. "It-tradizzjoni ħaffret għa-lih qabar, nuqqas ta' sabar wera li fih ħafna falzità, ħafna bħal Ġuda ttradewh b'bewsa, ħafna bħal Pietru ċaħduh b'ġurament, ħafna bħal Demas abbandunawh, iżda l-kelma ta' Alla għadha u tibqa' permanenti u ma tittbidilx." Ebda bniedem ma kien kapaċi jtejjeb jew jagħtina Bibbja aħjar. Mhuwiex dan stramb? L-anqas xejn! Il-Bibbja kienet miktuba minn Kittieb Divin.

# RAĠUNI X

## GĦALIEX HIJA TEMMEN LI L-BIBBJA HUWA KTIEB LI GĦANDU JKUN IMQASSAM BIR-REQQA

## I. INTRODUZZJONI

L-appostlu Pawlu poġġa fuq Timotju l-kmand ħalli jxandar bir-reqqa l-Bibbja:

> "*Agħmel mill-aħjar biex iġġib ruħek quddiem Alla, bħala bniedem li għadda mill-prova, bħala ħaddiem li m'għandux imnix jistħi, li jxandar bir-reqqa l-kelma tal-verità*" (2 Timotju 2:15).

Ħafna għalliema u predikaturi m'għandhomx dan il-ħsieb dwar il-Bibbja. Huma ma jafux li l-bniedem għandu jagħti attenzjoni sewwa ħalli jxandar bir-reqqa l-messaġġ tas-smewwiet. Huma lesti li jeħduk għas-Salmi biex titgħallem dwar il-konverżjoni kif ukoll għal Atti ta' l-Appostli.

## II. TQASSIM TAL-KOTBA

1. *Klassifikazzjoni xierqa* tal-kotba tagħmel l-istudju tal-Bibbja aktar faċli. It-Testment il-Qadim huwa magħmula minn 39 ktieb u t-Testment il-Ġdid minn 27 ktieb.

2. Fit-Testment il-Qadim aħna nsibu *kotba tal-liġi, storja, poeżija u profezija*. L-ewwel ħames kotba tal-Bibbja kienu msemmija l-liġi, għaliex fihom hemm il-liġi ta' Mosè. It-tnax-il ktieb ta' warajhom huma kklassifikati bħala storja. Imbagħad hemm sitt kotba tal-poeżija: Ġob, Salmi, Proverbji, Ekkleżjażti, l-Għanja ta' Salamun u Lamentazzjonijiet (Biki). Is-sittax-il ktieb l-oħra tat-Testment il-Qadim huma kklassifikati bħala profezija. Pero dawn il-klassifikazzjonijiet ma jħallux barra suġġetti jew kitba oħra.

3. Fit-Testment il-Ġdid aħna għandna l-*vanġeli, storja tal-konverżjonijiet, ittri u profezija*. L-ewwel erba' kotba huma msejħa vanġeli. L-Atti huma magħrufa bħala l-istorja tal-konverżjonijiet. Il-wieħed u għoxrin ktieb l-oħra huma ittri lill-knejjes u Kristjani. L-Apokalissi (jew Rivelazzjoni) huwa kklassifikat bħala profezija.

## III. DIVIŻJONI TAT-TAQSIMIET (SISTEMI RELIĠJUŻI)

Diviżjoni xierqa tat-taqsimiet hija indispensabbli.

1. *Sistema reliġjuża Patrijarka:*

(1) Il-Patrijarka ħadet l-isem tagħha mill-missirijiet tal-familji jew tribujiet. Patrijarka jfisser missier. Taħt din is-sistema l-Patrijarka kien profeta, qassis u mexxej. Hu kien imexxi x-xogħol tal-familja kemm reliġjuż u kemm politiku. Alla kien ikellem lill-kap tal-familja, u hu, mbagħad, ikellem lill-membri tal-familja.

(2) Din kienet imsejħa sistema tal-familja ta' reliġjon, peress li kull familja kienet imħollija fil-libertà taħt id-direzzjoni ta' Alla ħalli tmexxi x-xogħol tagħha stess. Dak li kien kmand fuq patrijarka partikulari sata' ma kienx liġi fuq il-patrijarki l-oħra. Per eżempju, Alla kkmanda lil Noè biex jibni arka, imma l-patrijarki l-oħra ma rċevewx kmand bħal dan. Abraham kien ikkmandat biex jagħmel preparazzjonijiet ħalli joqtol lil ibnu, Iżakk, imma dan il-kmand ma kienx japplika għall-kapijiet tal-familji l-oħra.

(3) Huma ma kellhomx sistema reliġjuża miktuba. Alla kien ikellem lill-kap tat-tribù oralment.

(4) Din is-sistema ta' reliġjon damet għal madwar ħamsa u għoxrin mitt sena, minn Adam sa l-għotja tal-liġi ta' Mosè fuq il-Muntanja Sinaj; u jidher li din ma spiċċatx dak il-ħin, iżda kienet wara tapplika biss għall-Ġentili.

2. *Sistema reliġjuża Lhudija:*

(1) Din is-sistema kibret mill-wegħda tal-barka temporali magħmula lil Abraham: "Jien nagħmel minnek nazzjon kbir, u nbierkek, u nagħmel ismek kbir; u int tkun barka" (Ġenesi 12:2). Il-liġi kienet maħruġa minn din il-wegħda, u kienet mogħtija erba' mija u tletin sena wara li din il-wegħda kienet magħmula (Galatin 3:16, 17). Biex il-wegħda tkun tista' tiġi miżmuma, Alla tahom gvern, il-liġi ta' Mosè, li kienet tiggwidahom skond kif kienet titlob u trid ir-reliġjon u l-politika.

(2) Is-sistema Lhudija jew Możajka kienet l-ewwel sistema reliġjuża tal-bniedem li kienet miktuba. Id-dixxendenti ta' Abraham, fit-tluq tagħ-hom mill-Eġittu, kienu miġjuba għall-parti t'isfel tal-Muntanja Sinaj, u Alla tahom l-għaxar kmandamenti miktuba fuq żewġ tabelli tal-ġebel (Eżodu 19:20). Minn dak iż-żmien 'il hawn, il-bniedem kellu reliġjon tal-"ktieb."

(3) Is-sistema ta' qima tal-familja kienet imkabbra u żviluppat f'sis-tema nazzjonali. It-tribù kien jattendi għall-ħakma ta' l-amministrazzjoni u mhux ikollu kull patrijarka bħala mexxej jew sultan. L-istess kien tas-sew għas-saċerdozju: Tribù wieħed kien jiddedika l-ħin tiegħu għax-xogħol tas-saċerdozju. Huma kellhom artal nazzjonali wieħed u dar ta' Alla nazzjonali waħda.

(4) Skop wieħed tat-taqsima Lhudija kien li jżommu l-posterità ta' Abraham razza separata u distinta sakemm iż-żerriegħa mwiegħda (Kristu)

tiġi (Galatin 3:16-19). Din il-karatteristika li hija esklussiva mit-taqsima Możajka kienet imsemmija "il-ħajt li kien jifred," għaliex hija firdet lil-Lhud minn nazzjonijiet l-oħra (Efesin 2:14).

(5) Funzjoni oħra tal-liġi kienet biex tkun "dell tal-ġid li għandu jiġi" (Lhud 10:1). Il-Mulej uża din is-sistema sabiex jagħti stampa b'sinjali u b'figuri s-sistema aktar glorjuża li kellha tiġi. L-appostlu Pawlu jgħid,

> "*Dan kollu ġralhom b'eżempju, u nkiteb bi twiddiba għalina …*" (1 Korintin 10:11).

Il-ġiri fid-deżert kien simboliżmu tal-poplu ta' Alla taħt it-Testment il-Ġdid. It-Tabernaklu u t-tempju kienu mudell tal-knisja taħt din it-taqsima (sistema reliġjuża) Kristjana. Il-ħaruf offru taħt il-liġi kien biss figurattiv għal Kristu, il-Ħaruf ta' Alla, li kellu jmut għad-dnubiet tad-dinja. Ħagar, Ishmael, Sara, Iżakk huma wżati mill-appostlu Pawlu biex jispjegaw iż-żewġ sistemi. Mosè kien mudell ta' Kristu li kellu jiġi. Żgur, dak li jifhem ir-reliġjon Kristjana għandu jifhem il-liġi ta' Mosè.

(6) Oġġett ieħor tal-liġi kien li din tkun surmast jew għalliema, li permezz tagħha l-bniedem ikun jista' jinġieb lejn Kristu (Galatin 3:24). Id-dinja ma kinetx ippreparata biex tirċievi lil Kristu u l-Evanġelju Tie-għu. Is-surmast kellu jħarreġ u jeduka lil poplu u jġibu lejn Kristu. Billi nħallu l-ewwel patt ħalli jgħallima, aħna nkunu ppreparati għat-tieni.

(7) Il-liġi kienet difettuża: "Għax kieku dak ta' l-ewwel patt kien per-fett, ma kienx ikun hemm għalfejn jagħmel patt ieħor floku" (Lhud 8:7). L-appostlu Pawlu iddikjara wkoll li l-liġi kienet bla saħħa: "Għax dak li ma felħitx tagħmel il-liġi għax kienet bla saħħa minħabba l-ġisem, għam-lu Alla meta bagħat 'l Ibnu stess f'sura ta' ġisem tad-dnub, bħala vittma għad-dnub. B'hekk ikkundanna d-dnub fil-ġisem" (Rumani 8:3). Dgħju-fija waħda ċara ma kinetx maħfra tad-dnubiet kompluta u ksur tal-liġi. Is-sagrifiċċji kollha mill-ħafna offruti kontinwament fuq l-artal ta' Alla rriżultaw biss fit-tmexxija 'l quddiem tad-dnubiet sena wara sena u lanqas biss ma jkunu konxji tad-dnub: "Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gnie-des u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet" (Lhud 10:1-4).

(8) Alla ntenzjona għas-sistema reliġjuża Lhudija li tkun temporanja. Hija kellha tibqa' biss "sakemm ma jkunx ġie n-nisel li għalih saret il-wegħda" (Galatin 3:19). Aħna m'aħniex imħollija biex nindovnaw, ngħidu bl-addoċċ għal identità taż-żerriegħa, għaliex Pawlu qal, "lin-nisel tiegħek, li hu Kristu" (Galatin 3:16). Għalhekk, il-liġi kellha tispiċċa minn Kristu.

3. Sistema Reliġjuża Kristjana:

(1) Din is-sistema reliġjuża ħarġet mill-wegħda spiritwali magħmula lill-Abraham: "U fik il-familja kollha tad-dinja jkunu mbierka" (Ġenesi 12: 3). Aħna nsibu tiġdid ta' din il-wegħda f'dan il-kliem: "Fiż-żerriegħa

tiegħek in-nazzjonjiet kollha jkunu mbierka" (Ġenesi 22: 18). Fil-familja kollha u n-nazzjonijiet kollha kellhom jiġu mbierka jew imqaddsa minn dixxendent ta' Abraham. Dak il-Wieħed kien Kristu li miet għalina u sar il-Medjatur ta' patt aħjar.

(2) Dan huwa l-patt il-ġdid li dwaru Ġeremija pprofetizza: "Ara, iż-żmien wasal, igħid il-Mulej, fejn jiena nagħmel patt ġdid mad-dar ta' Iżrael, u mad-dar ta' Ġożwè: mhux skond il-patt li jiena għamilt ma' missirijiethom fil-jum li jiena qbadthom minn idhom sabiex noħroġhom barra mill-Eġittu; fejn il-patt tiegħi huma kisru, għalkemm jiena kont ir-raġel għalihom, qal il-Mulej. Imma dan huwa l-patt li jiena sejjer nagħmel mad-dar ta' Iżrael wara dawk il-jiem, qal il-Mulej: Jiena inqiegħed il-liġi tiegħi ġo fihom, u niktibha f'qalbhom; u jien inkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi" (Ġeremija 31:31-33). L-appostlu Pawlu ddikjara li din il-profezija tal-patt il-ġdid ġiet imwettqa (Lhud 8:6-13). Alla, għal-hekk, tana patt ġdid u aħna qegħdin ngħixu taħtu f'dan iż-żmien, illum.

(3) Il-bidla tas-saċerdozju ħolqot il-ħtieġa ta' bidla fil-liġijiet: "Għax jekk jitbidel is-saċerdozju, jeħtieġ li titbiddel ukoll il-liġi" (Lhud 7:12). Ġesù Kristu Hu l-Qassis il-Kbir taħt is-saċerdozju l-ġdid (Lhud 9:11), u kull Kristjan huwa qassis, saċerdot (1 Pietru 2:5). Is-saċerdozju billi ġie mibdul, il-liġi kellha tinbidel ukoll. Għaldaqshekk, aħna qegħdin ngħixu taħt liġi differenti minn dik mogħtija lil-Lhud.

(4) Kristu ġie biex "ineħħi ta' l-ewwel biex iqiegħed floku t-tieni" (Lhud 10:9). Dan kien wieħed mill-iskopijiet li ġie. It-tieni ġie stabbilit; għalhekk, l-ewwel wieħed ġie mneħħi.

(5) Kristu neħħa l-liġi billi sammarha mas-salib: "Billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib" (Kolossin 2:14). Kristu kien imwieled taħt il-liġi (Galatin 4:4-5), għex taħt il-liġi, u fl-aħħar miet taħt il-liġi biex iwettaqha (Mattew 5:17). Kristu għex u miet taħt il-Patt il-Qadim. L-affarijiet li ġraw qabel il-mewt Tiegħu kienu qabel mat-Testment il-Ġdid sar effettiv.

(6) It-Testment il-Ġdid ma setgħax ikun effettiv sakemm wara l-mewt ta' Kristu: "Fejn ikun hemm testment, tkun teħtieġ li tixxandar il-mewt ta' min għamlu. Għax testment jibda jgħodd wara l-mewt, u ebda saħħa ma jkollu sakemm dak li jkun għamlu jibqa' ħaj" (Lhud 9:16-17). Aħna nifhmnu dan għaliex dan narawh ta' spiss isir fil-ħajja tagħna. Aħna nafu li ebda testment ma jista' jsir effettiv qabel mat-testatur ikun miet. L-appostlu Pawlu jiddikjara l-istess dwar it-testment tas-Salvatur tagħna. Il-mewt ta' Kristu wettqet u temmet il-liġi (Kolossin 2:14), u kien wara dan li t-taqsima tal-Kristjaneżmu bdiet taħdem.

(7) Is-sistema reliġjuża Kristjana ġiet mogħtija lill-ġnus kollha. Ġesù ordna: "Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha" (Mattew 28:19).

"Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu" (Mark 16: 15). Il-ħajt tan-nofs li kien qiegħed bejn il-Lhud *u l*-Ġentili ġie mġarraf (Efesin 2:16). It-tnejn jistgħu issa jiġu rrikonċiljati ma' Alla f'ġisem wieħed (Efesin 2: 16), li hu l-knisja. "Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsier u anqas ħieles, ma hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù" (Galatin 3:28).

(8) Illum taħt is-sistema reliġjuża Kristjana, aħna għandna nobdu lill-Kristu. Mosè nbassar: "Il-Mulej Alla tagħna jqajmilkom profeta bħali minn fost ħutkom; lilu isimgħu f'kull ma jgħidilkom" (Dewteronomju 18:15). L-appostlu Pietru jgħallem li din il-profezija ġiet imwettqa, fejn igħid: "U jiġri li kull min ma jismax minn dan il-profeta jinqered minn qalb il-poplu" (Atti 3:22-23). Dan kien approvat mill-ġdid fit-trasfigurazzjoni. Kristu kien mibdul, u Mosè u Elija dehru wkoll. Waħda għal kull wieħed. Iżda l-pjan kien imħassar b'dan il-kliem: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt il-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu" (Mattew 17:5). Kien hemm żmien meta l-bniedem kellu jisma' lil Mosè u lil Elija, iżda issa huwa għandu jisma' biss lil l-Iben t'Alla. Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud jiddikjara,

> "*Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna ħafna drabi u b'ħafna manjieri permezz tal-profeti. Issa, f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu. Li hu għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel il-ħolqien*" (Lhud 1:1-2).

## IV. PARAGUN TAŻ-ŻEWĠ TESTMENTI

| L-Ewwel (Lhud 10:9) | It-Tieni (Lhud 10:9 |
|---|---|
| 1. Patt Qadim (2 Kor. 3:14) | 1. Patt il-Ġdid (2 Kor. 3:6) |
| 2. Neħħa l-ewwel (Lhud 10:9) | 2. Qiegħed it-tieni (Lhud 10:9) |
| 3. Mogħti mill-profeti (Lhud 1:1, 2) | 3. Mogħti minn Kristu (Lhud 1:1, 2) |
| 4. Mogħti lil-Lhud (Ġen. 17:13) | 4. Mogħti lil Kulħadd (Mark 16: 15, 16) |
| 5. Imnaqqax fil-ġebel (2 Kor. 3:7) | 5. Miktub fil-qlub (2 Kor. 3:3) |
| 6. Dell tal-ġdid (Lhud 10:1) | 6. Il-veru (Lhud 8:1, 2) |
| 7. Joffri ta' spiss l-istess sagrifiċċji (Lhud 10:11) | 7. Kristu offra darba għal dejjem (Lhud 7:27) |
| 8. Demm ta' l-annimali (Lhud 10:1-4) | 8. Demm ta' Kristu (Lhud 9:14) |
| 9. Annimali bħala sagrifiċċji mejta (Lhud 10:1-4) | 9. Ġisem il-bniedem bħala sagrifiċċju ħaj (Rum. 12:1) |
| 10. Tifkira tad-dnubiet (Lhud | 10. Id-dnubiet minisja għal dejjem |

| | |
|---|---|
| 10:3) | (Lhud 8:12) |
| 11. Ma wasslet xejn għall-perfezzjoni (Lhud 7:19) | 11. Perfezzjoni fi Kristu (Kol. 1:28) |
| 12. Ċirkonċiżjoni tal-laħam Ġen. 17:9-11) | 12. Ċirkonċiżjoni tal-qalb (Rum 2: 29) |
| 13. Ministeru tal-kundanna (2 Kor. 3:9) | 13. Ministeru tal-ġustifikazzjoni (2 Kor. 3:9) |
| 14. Saċerdozju ta' Levitku (Lhud 7:11) | 14. Kull Kristjan hu qassis (1 Pt. 2:5; Riv. 1:6; 5:10) |
| 15. Saċerdozju qadim u liġi qadima (Lhud 7:12) | 15. Saċerdozju u liġi mibdula (Lhud 7:12) |
| 16. Difettuż (Lhud 8:7) | 16. Liġi perfetta (Ġak. 1:25) |
| 17. Imħassar (Kol. 2:14) | 17. Jibqa' (2 Kor. 3:11) |

## V. IL-ĦALLIEL FUQ IS-SALIB

F'dan il-punt hemm bżonn li aħna nirrispondu għall-mistoqsija li ta' spiss hija rripetuta: "Xi ngħidu dwar il-ħalliel fuq is-salib? Jekk il-magħmudija hija essenzjali għas-salvazzjoni, għaliex il-ħalliel ma kienx mgħammed?"

Ħabib, aħna ma nissorgrawx naħsbu li l-Mulej tagħna Ġesù Kristu kkontradixxa Lilu Nnifsu u li Hu f'xi dilemma. Madankollu, il-magħmudija hija essenzjali għas-salvazzjoni għax hekk tgħid il-Kelma ta' Alla (Mark 16:16; Atti 2:38; 16:22; 1 Pietru 3:20, 21). Mela, xi ngħidu dwar il-ħalliel?

1. Ippermettuli li nissuġġerixxi l-ewwelnett li *ma jistax jiġi ppruvat li l-ħalliel ma kienx mgħammed.* Ġwanni l-Battista mar min-naħa għal l-oħra tal-pajjiż igħammed lin-nies, u dan ir-raġel li nzerta li jkun ħalliel sata' kien li tgħammed l-istess bħal l-oħrajn kollha (Luqa 7:29, 30; 3:21).

2. It-tieni, aħna naraw li *ma hemmx kontradizzjoni fit-tagħlim ta' Kristu, għaliex dan kien taħt il-liġi ta' Mosè*. Il-liġi ta' Mosè f'dak il-ħin kienet għadha ma ġietx fit-tmiem, għaliex Ġesù kien għadu ma mietx fuq is-salib; Hu kien għadu ħaj. Kif wieħed jista' jkun "mgħammed fil-mewt ta' Ġesù Kristu" u jkun "midfun miegħu bil-magħmudija" jekk Ġesù kien għadu ma mietx u ma kienx midfun! Kif wieħed jista' "jimxi fit-tiġdid tal-ħajja" meta Kristu kien għadu ma qamx mill-imwiet? U Kif wieħed jista' "jsir ħaġa waħda miegħu fix-xebħ tal-mewt tiegħu" meta Kristu kien għadu ma mietx? (Rumani 6:3-5). Ebda bniedem qatt ma kien ikk-mandat f'dan il-waqt biex jitgħammed fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Il-ħalliel għex u miet taħt patt differenti minn dak li l-bniedem huwa taħtu llum. Pawlu jgħid hekk dwar dan:

*“billi ħassar il-kitba tal-preċetti li kienet kontra tagħna, u kuntrarja għalina: neħħieha min-nofs, u sammarha mas-salib”* (Kolossin 2:14).

Forsi eżempju jista’ jingħad ħalli jiċċara dan il-ħsieb: L-istat ta’ Texas kien nazzjon idipendenti għal għaxar snin, u mbagħad volontarjament sar parti mill-Istati Uniti. Nissopponu li wara li saret din il-bidla wieħed minn Texas jirrifjuta li jsellem lill-bandiera Amerikana. Dan ċertament li jiġi arrestat u mitfugħ il-ħabs. Hu għajjat b’rabja kbira, “Jiena ma’ kellix għalfejn insellem lill-bandiera Amerikana taħt il-ħakma ta’ Texas u jien m’għandix għalfejn nagħmel dan taħt il-ħakma Amerikana. Huwa qabbad avukat biex jiddefinieh. Issa jkun veru avukat injorant li jargumenta fil-qorti li għax ir-raġel ma kellux għalfejn isellem lill-bandiera Amerikana taħt il-gvern ta’ Texas, allura, huwa m’għandux issellmilha taħt il-gvern Amerikan! Hija l-istess ħaġa li jkun predikatur tassew injorant li jargumenta li peress li l-ħalliel u oħrajn bħalu segħtu jkunu salvati taħt il-liġi ta’ Mosè mingħajr ma jitgħammdu, allura, nies illum taħt it-taqsima Kristjana jist-għu jsalvaw mingħajr ma jitgħammdu!

3. It-tielet, *ma hemmx kontradizzjoni, għaliex “Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art”* (Luqa 5:24). Meta Ġesù mexa u tkellem fost il-poplu fuq l-art, Hu kien jista’ jgħid lill-għomja, “Irċievu d-dawl tagħkom”; lit-torox, “Isimgħu”; lill-morda, “Qum u erfa’ soddtok”; u lil wieħed ħati tad-dnubiet, “Dnubietek maħfura.” Kristu kellu din l-awtorità kollha fuq l-art; dan kien qabel mal-patt jew it-testment Tiegħu sar effettiv, għaliex dan ma sarx effettiv sakemm wara l-mewt ta’ Kristu. Bħala prova ta’ dan, aħna nikkwotaw lil l-appostlu Pawlu fejn igħid: “Fejn ikun hemm testment, ikun meħtieġ li tixxandar il-mewt ta’ min għamlu. Għax testment jibda jgħodd wara l-mewt, u ebda saħħa ma jkollu sakemm dak li jkun għamlu jibqa’ ħaj” (Lhud 9:16, 17). Iżda minn mindu Kristu miet u minn mindu l-patt Tiegħu beda jaħdem, sar effettiv, huwa jiġi mwettaq skond il-proviżjonijiet li jinsabu fih. Gwaj fuq il-bniedem li jibdlu!

# RAĠUNI XI

## GĦALIEX HIJA MHIX DENOMINAZZJONI

## I. INTRODUZZJONI

Il-knisja ta' Kristu hija istituzzjoni li *mhix denominazzjonali*.

Meta aħna ngħidu mhix denominazzjonali, aħna ma nfissrux kollha-denominazzjonali. Xi nies li jippretendu li mhumiex denominazzjonali huma fil-verità kollha-denominazzjonali. Huma kollha-denominazzjonali f'dak li huma jħarsu favur fuq id-denominazzjonijiet kollha. Il-knisja ta' Kristu mhix denominazzjonali f'dak li hija mhix denominazzjoni u f'dak li hija kontra kull għamla ta' denominazzjonaliżmu.

## II. DENOMINAZZJONALIŻMU JIKKONTRADIXXI L-BIBBJA

Huwa ċar lid-denominazzjonaliżmu huwa dijametrikament opost għall-Bibbja. Per eżempju, eżamina dawn li ġejjin:

| **Denominazzjonaliżmu VS.** | **Kristjaneżmu mhux Denominattiv** |
|---|---|
| 1. Ħafna iġsma jew knejjes | 1. Ġisem wieħed jew knisja (Matt. 16: 18; 1 Kor. 12: 20) |
| 2. Imwaqqfin mill-bnedmin | 2. Imwaqqfa minn Kristu (Matt. 16:18) |
| 3. Irjus (jew kapijiet) umani | 3. Kristu l-uniku Ras (Efesin 1:22-23) |
| 4. Twemmin tal-bnedmin | 4. Bibbja l-uniku twemmin (2 Tim. 3: 16-17; 1 Kor. 4:6) |
| 5. Iġibu ismijiet tal-bnedmin | 5. Ifaħħar lil Alla fl-Isem Kristjan Pietru 4:16). |
| 6. Jimxu wara l-bnedmin | 6. Li timxi wara l-bnedmin huwa kkundannat (1 Kor. 1:10-13) |
| 7. Multipliċità ta' knejjes mhux magħrufa fil-Bibbja | 7. Imsemmija fil-Bibbja (Rum. 16:16; Gal. 1:22). |
| 8. Sħubija fid-denominazzjoni-jiet mhix essenzjali għas-salvazzjoni | 8. Sħubija fil-knisja ta' Kristu hija ess-enzjali għas- salvazzjoni (Efesin 5: 23 |
| 9. Jippridkaw ħafna evanġelji | 9. Jekk bniedem jippriedka evanġelju ieħor ikun misħut (Galatin 1:8-9). |
| 10. Jiktbu mill-ġdid it-tagħlim u jibdlu kull ftit taż-żmien | 10. Il-Bibbja tibqa' l-istess (Matt. 24:35) |
| 11. Mhux fidi waħda iżda ħafna. | 11. "Fidi waħda" (Efesin 4:5) |
| 12. Ħafna magħmudijiet | 12. Magħmudija waħda (Efesin 4:4) |
| 13. Jingħaqdu mal-knisja | 13. Alla jżid mal-knisja (Atti 2:47). |

| | |
|---|---|
| 14. Jippretendu li huma jgħammru fil-frieġħi tal-knisja | 14. Ġesù qal: "Ibqgħu fija," il-veru dielja (Ġwanni 15:1-6) |
| 15. Jimxu fuq regolamenti differenti | 15. Jimxu fuq l-istess regola (Filippin 3:16). |
| 16. Jirringrazzjaw lil Alla fit-talb tagħhom għal dawn il-ħafna knejjes | 16. Ġesù talab għal l-għaqda (Ġwanni 17:20-21). |
| 17. Jippretendu lid-duttrina hi nieqsa mil-loġika | 17. "Għasses fuq id-duttrina sabiex issalva lilek innifsek u l-oħrajn (1 Timotju 4:16). |

Dawn ta' fuq huwa biss kuntrast ta' fuq fuq. Jista' jkun miżjud għal ħafna aktar minn hekk. Imma dan għandu jkun biżżejjed sabiex jikkonvinċi lil dak li jrid tassew ikun jaf il-verità lid-denominazzjonaliżmu jikkontradixxi lill-Bibbja.

## III. IL-QAWMIEN TAL-KATTOLIĊIŻMU U D-DENOMINAZZJONALIŻMU

Il-Mulej waqqaf il-knisja Tiegħu matul l-ewwel seklu. Din l-istituzzjoni sagra baqgħet safja u mhux imħassra għal xi żmien. Imbagħad l-apostasija imbassra bdiet isseħħ (Atti 20:29-30; 2 Tessalonikin 2:1-4; 1 Timotju 4:1-3). Il-kmandamenti u l-invenzjonijiet tal-bnedmin wasslu għall-iżvilupp gradwali tal-Knisja Kattolika Rumana. F'data aktar wara l-bnedmin ippruvaw biex jirriformaw il-Knisja Kattolika, imma l-isforzi tagħhom irriżultaw biss fit-twaqqif ta' aktar knejjes magħmula mill-bnedmin. L-isforzi tagħhom taw bidu lid-denominazzjonaliżmu bil-mijiet ta' duttrini kontradittorji tagħhom. L-istoriċi kollha jafu lid-denominazzjonaliżmu huwa wild il-Kattoliċiżmu. Iżda l-knisja mwaqqfa minn Kristu u l-appostli fl-ewwel seklu la kienet il-Knisja Kattolika Rumana u lanqas il-Knisja Protestanta, imma kienet il-knisja ta' Kristu, il-veru knisja. Il-membri la kienu Kattoliċi Rumani u lanqas Protestanti, iżda kienu Kristjani biss.

## II. IR-RESTAWRAZZJONI TAL-KRISTJANEŻMU MHUX DENOMINATTIV

Fil-bidu tad-dsatax-il seklu nies bdew jippreżentaw lid-dinja kawża ġdida, waħda li nfirxet b'pass imgħaġġel ta' l-għaġeb u li qiegħda ddawwar lid-dinja reliġjuża. Mal-bidu tas-seklu kien hemm sforzi spissi mxerrda ma' kullimkien fl-Istati Uniti biex jagħtu lura lid-dinja Kristjaneżmu tat-Testment il-Ġdid. Dawn in-nies ma ħadmux biex jirriformaw xi knisja magħmula mill-bnedmin jew biex jagħtu lid-dinja xi knisja oħra umana, iżda huma ħabirku ħalli jġibu lura l-vera knisja li kienet mitlufa għall-

maġġuranza minħabba d-dottrini tal-Kattoliċiżmu u d-denominazzjonaliżmu. Dawn in-nies għamlu sejħa lin-nies biex isiru membri tal-knisja ta' Kristu biss u ma jkunu xejn aktar ħlief Kristjani. Huma kienu jafu li kieku huma jagħmlu dak li nies ta' l-ewwel seklu għamlu, huma jkunu biss dak li kienu n-nies ta' l-ewwel seklu. Huma kienu jafu li l-istess żerriegħa tipproduċi l-istess xitla u l-istess knisja (Ara d-diskussjoni taħt is-suġġett IV, Raġuni III).

Aħna ninnutaw ix-xogħol ta' xi wħud minn dawn in-nies, bħal dan li ġej:

1. *James O'Kelly* u oħrajn ta' Carolina tat-Tramuntana ħallew il-Knisja Metodista fil-25 ta' Diċembru, 1793, u għal xi żmien ħadu l-isem 'Metodisti Repubblikani'. Madankollu, fis-sena 1801 huma ddeċidew li jkunu magħrufa bħala "Kristjani" biss, li ma jagħrfu l-ebda kap, bħala ras fuq il-knisja ħlief lil Ġesù Kristu, u li ma jkollhomx tagħlim ieħor ħlief dak tal-Bibbja.

2. *Tabib, Dr. Abner Jonas ta' Vermont*, Battista, ippriedka li ismijiet settarji, pattrijottiżmu u tagħlim tal-bnedmin għandhom jiġi mwarrba, imneħħija. F'Settembru ta' l-1800, huwa waqqaf knisja f'Bedford, u, fis-sena 1803, waħda f'Piermont, New Hampshire. Elias Smith, predikatur Battista, ingħaqad mal-movi-ment ta' Jones u ħa l-knisja kollha miegħu.

3. *Chester Bullard* waqqaf il-konnessjonijiet tiegħu minn mal-Metodisti għaliex hu wasal biex jemmen fl-immersjoni bħala l-att Skritturali tal-magħmudija. Madankollu, huwa rrifjuta l-immersjoni minn għand il-Battisti, li ma kienx jemmen fihom. Bullard kien fl-aħħar mgħaddas minn ħabib, London Duncan, l-assessur tal-post. Huwa ppriedka f'lejla ta' wara li hu tgħammed, u fl-aħħar waqqaf xi knejjes f'Virginia.

4. *L-akbar moviment ta' restorazzjoni kien immex-xi minn Barton W. Stone*, predikatur prominenti ta' Kentucky. Stone kien għall-ewwel predikatur presbiterjan, iżda l-priedki tiegħu kienu tant differenti mit-twemmin, l-Istqarrija tal-Fidi ta' Westminister, lis-sinodu ta' Lexington, Kentucky, skomunikaw lilu u lil xi oħrajn. Huma għall-ewwel organizzaw lilhom infushom fi presbiterju indipendenti, Presbiterju ta' Springfield. Madwar sena wara huma sabu li dan ma kienx skond l-Iskrittura u warrbuh. Meta għamlu dan huma skoprew il-famuż dokument, "L-aħħar Patt u t-Testment tal-Presbiterju ta' Springfield," Ġunju 25, 1804. Dawn huma xi stqarrijiet mill-patt:

(1) "Aħna rridu, li din l-għaqda tispiċċa, tiġi maħlula u tegħreq f'unjoni mal-ġisem ta' Kristu li hu fostna"; (2) "Aħna rridu, li l-isem tagħna ta' distinzjoni, bit-titlu umli tiegħu, jiġi minsi"; (3) "Aħna rridu, li l-qawwa tagħna li nagħmlu liġijiet għal l-amministrazzjoni tal-knisja, magħmula

minn awtorità delegata, għall-dejjem tieqaf"; (4) "Aħna rridu, lil-Knisja ta' Kristu terġa' tieħu d-dritt naturali tagħha dwar l-amminis-trazzjoni"; (5) "Aħna rridu, li n-nies mil-lum 'il quddiem jieħdu l-Bibbja bħala l-unika gwida tagħhom."

Dan wassal għat-tmiem il-Presbiterju ta' Springfield, u l-patt jagħlaq kollox biċ-ċar li huma ma waqqfux denominazzjoni ġdida. Huma neħħew denominazzjoni biex ma jibqgħux denominazzjoni. Fi ftit snin dan il-grupp żdied għal eluf.

Dan ġara snin qabel ma Alexander Campbell mar l-Amerika. Dan biss għandu jsikket lil l-injorant li mingħajr ma jaf wissa li Alexander Campbell waqqaf il-Knisja ta' Kristu.

5. *Thomas Campbell, predikatur Presbiterjan*, mar l-Amerika fis-sena 1807. Il-Presbiterjani ċċensurawh talli kien wisq liberali, u hu telaq minn din l-għaqda. F'laqgħa msejħa ta' dawk li kienu jżommu l-istess twemmin, f'razzett qadim, Campbell tkellem u spiċċa d-diskors tiegħu billi ġiegħelhom biex jadottaw dan il-prinċipju li ġej: "Fejn l-Iskrittura titkellem, aħna nit-kellmu; fejn l-Iskrittura hija siekta, aħna nibqgħu sie-kta." Il-prinċipju ġie aċċettat u kien il-bidu mill-ġdid ta' moviment ieħor. Kien hemm ħafna veritajiet fundamentali li huma ma fehmuhomx iżda dan il-prinċipju f'dawk il-veritajiet wieħed wieħed. Dan kien deċiż fis-sbatax ta' Awissu, 1809, li huma uffiċjalment ingħaqdu flimkien f'għaqda waħda regolari, magħrufa bħala "soċjetà Kristjana ta' Washington."

6. *Alexander Campbell, iben Thomas Campbell*, wasal l-Amerika fid-29 ta' Settembru, 1809. Hu bil-qalb kollha approva dan il-moviment ta' restawrazzjoni. Il-prinċipju "Tkellem fejn il-Bibbja titkellem, u żomm sieket fejn il-Bibbja hija siekta," bil-mod il-mod iżda verament kissrilhom il-manetti tagħhom tad-denominazzjonaliżmu. Huma kienu mgħammdin fit-tnax ta' Ġunju, 1812, mill-Isqof Luce, predikatur Battista, fuq l-istqarrija li Filippu ġiegħel lill-ewnuku biex jagħmel, Atti 8. Dan kien kuntrarju għad-duttrina Battista; għalhekk huma ma sarux Battisti. Madankollu, fis-sena 1813 dawk li kienu jaqblu ma Campbell u l-Knisja Brush Run ingħaqdu mas-soċjetà Redstone, soċjetà Battista, fuq il-kondizzjoni li huma jippriedkaw dak kollu li hemm fil-Bibbja, barra minn kull tagħlim ieħor fid-dinja. Iżda meta l-Campbelliti resqu aktar qrib lejn il-verità huma aktar tbiegħdu mill-Battisti. Għalhekk, is-sħubija tagħhom mal-Battisti saret dispjaċevoli għaż-żewġ gruppi u spiċċat ftit ftit.

Fis-sena 1832 f'Lexington, Kentucky, kien hemm għaqda flimkien tal-Campbelliti—madwar tnax-il elf—ma' dawk ta' Barton W. Stone, li kienu jinnumeraw għal madwar ħmistax-il elf ruħ. Dan ix-xogħol ta' għaqda u unjoni tkompla għaliex il-Bibbja kienet l-unika gwida tagħhom. Mad-

war is-sena 1835 il-movimenti tar-restawrazzjoni kienu magħquda f'kawża waħda. Huwa impossibbli għall-gruppi li jkunu maqsuma meta huma jippriedkaw il-Bibbja, il-Bibbja kollha, u xejn aktar ħlief il-Bibbja. Il-fatt lid-dinja hija tant maqsuma huwa prova li lkoll mhumiex jippriekaw il-Bibbja.

Huwa evidenti mill-istorja li Alexander Campbell ma kienx il-fundatur ta' xi knisja. Il-moviment biex jerġa' jġib lura il-Kristjaneżmu primittiv fid-dinja kien fi triqtu qabel ma hu qatt kien mar l-Amerika. Il-knisja ta' Kristu qatt ma ġietx fix-xejn. Iż-żerriegħa tas-saltna minn dejjem kienet fl-eżistenza u qatt ma waqfet milli tkompli tkun fl-eżistenza. Huwa neħħa kull għaqda li kellu lejn xi twemmin tal-bnedmin, knejjes profani biex ikun Kristjan biss. Huwa appoġġja l-moviment ta' restawrazzjoni billi ppriedka, kiteb u jiddibatti. Bl-abbiltà straordinarja tiegħu huwa poġġa l-kawża tiegħu quddiem il-poplu b'mod li ebda bniedem li jibdel xi ħaġa qatt ma kien għamel qabel. Dan kien kollu li kien hemm bżonn għaliha sabiex tikber. Membri ta' knejjes umani ħarġu barra bil-gzuz biex ma jibqux Kristjani denominattivi. Xi predikaturi xiżmatiċi, madankollu, aktar interessati fil-patrijottiżmu milli fil-verità, laqqmu lill-moviment bħa-la Campbelliżmu u sejħulu l-Knisja ta' Campbell, bil-ħsieb li jqajmu preġudizzju kontra t-talba.

Huwa biss sewwa u ġust li aħna ninnutaw il-kliem ta' Alexander Campbell bi tweġiba għall-mistoqsija, "X'inhu l-Campbelliżmu?" Isma' t-tweġiba tiegħu stess:

"Huwa laqam ta' nġurja ivvintat u magħżul minn dawk li l-veduti tagħhom, dak li huma jħossu u x-xewqat kollha huma settarji; li ma jistgħux jifhmu dwar il-Kristjanità b'mod ieħor ħlief minn b'xi iżmu. Dawn l-iżmi huma issa l-vera nġurja ta' dawk li jadottawhom, waqt li huma inġurji ntenzjonati. Ta' dawk li ħolquhom u japplikawhom. Dak li jagħtihom meta huma miċħuda, jikser il-liġi ċara ta' Kristu. Hu jitkellem ħażin kontra ħuh, u huwa meqjus bħala wieħed li jgħajjar u meruż, u jpoġġi ma' ġenb dawk li għandhom mibgħeda lejn Alla u dawk li m'għandhomx sehem fis-saltna tas-sema. Dawk li jadottaw lilhom infushom barra mill-għażla jiċħdu lil Kristu u jinsultentawh; għaliex huma jagħtu qima li tistħoqq Lilu biss lill-kreatura tax-xitan; għaliex kollha jigdbu u l-malafami huma l-għemil tax-xitan. Kieku l-Kristjani kienu kollha mitfuha fil-forma tad-dottrina ta' l-Appostli, huma jħossu lilhom infushom imweġġgħa u mmalafamati jekk jiġu msejħa b'isem tal-bnedmin, daqs li kieku huma jiġu msejħa ħallelin, adulteri, jew sakranazzi…Jien minn dejjem ċħadt dak kollu li huwa settarju; u jekk in-nies ta' settet differenti jimmala-famawni jew lil kull wieħed minn dawk li jippreferu l-Iskrittura minn kull kredu tal-bnedmin, u r-renju ta' Ġesù l-Messija, għal kull setta; Jien ngħid, jekk

huma jimmalafamawna bl-ismijiet u titli li aħna niċħdu, huma jridu jwieġbu lill-Dak li jiġġudika sewwa u bil-ħaqq. Sfortunatament dan għadu jsir illum ukoll minn xi mexxejja denominattivi!

"Imma għalina nfusna aħna nipprotestaw kontra kull isem, il-preċetti, is-sentimenti ta' kull setta jew xiżma fil-Kristjaneżmu."—'Christian Bap-tist, p. 451, 452.

Jiena ma neħodiex bi kbira li jintqal dan il-kliem kontra l-knisja ta' Kristu għaliex ukoll illum xi wħud jippruvaw iħammġuna billi jsejħulna Campbelliti. Dan qaluh lili personali imma b'daqshekk xejn ma hu se jinbidel fil-knisja vera ta' Kristu!

Huwa evidenti li l-Knisja ta' Kristu mhix "xi denominazzjoni oħra." Hija l-Knisja li eżistiet sa mill-ewwel seklu. Kull membru kien miżjud fiha mill-Mulej Innifsu (Atti 2:47) u waqfet hemm sa fejn l-affiljazzjoni magħha għandha x'taqsam. Hija mhix denominattiva b'kawża li mhix xiżmistika, kawża biex iddur lura lejn l-Evanġelju l-antik.

# RAĠUNI XII

## GĦALIEX HIJA SKRITTURALI FIX-XOGĦOL MISSJUNARJU TAGĦHA

### I. IL-BŻONN TAL-PRIDKAR

Il-knisja ta' Kristu kienet b'mod falz akkużata li hijua kontra l-missjunarji għaliex hija m'għandiwx soċjetà missjunarja jew organizzazzjoni ħlief il-knisja lokali. Biex nagħti prova li dik l-akkuża mhix minnha, jiena nġib dan li ġej:

1. *Huwa kmand ta' Kristu li l-Evanġelju jiġi ppridkat*. Ġesù qal, "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:16). Huwa bżonjuż li tobdi l-ewwel parti tal-kummissjoni l-kbira daqs kemm huwa li tobdi t-tieni parti tagħha. Ubbidjenza għal l-aħħar parti hija dipendenti fuq l-ubbidjenza tal-bniedem lejn l-ewwel parti: fuq li tieħu l-Evanġelju lil dawk li ma jafuħx.

2. *Huwa imppossibbli li jkollok frott ta' l-Evanġelju mingħajr ma l-ewwel tiżra' ż-żrigħ taż-żerriegħa tas-saltna*. Fil-parabbola tal-bidwi li jiżra' Ġesù poġġa ż-żrigħ taż-żerriegħa qabel il-produzzjoni tal-frott (Mattew 13:3-8, 18-23). Din il-parabbola turi biċ-ċar li l-pridkar ta' l-Evanġelju huwa ħaġa li ma tistax tgħaddi mingħajrha, għat-tkattir tas-saltna ta' Kristu.

3. Ma jista' jkun hemm ebda produzzjoni ta' fidi jekk ma jkunx hemm smigħ tal-Kelma" "*Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu*" (Rumani 10:17). Din hija raġuni waħda għaliex aħna għandna l-Kelma mitkbua: Ġwanni jgħid: "*Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb. Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija Bi Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31). Satana jaf li din hija t-triq li tipproduċi l-fidi. Luqa jgħid: "*Imbagħad ji-xitan u jaħtfilhom il-kelma minn qalbhom, li ma jmorrux jemmnu u jsalvaw*" (Luqa 8:12). Il-Korinti emmnu permezz ta' dan il-mezz fejn naqraw: "*U ħafna mill-Korinti, li kienu jismgħu lil Pawlu, emmnu huma wkoll u tgħammdu*" (Atti 18:8).

4. *Il-bnedmin ma jistgħux ikunu miġbuda lejn Alla jekk ma jkunux mgħallma Dwaru*. Ġesù jgħid hekk dwar dan: "*Ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja; u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum. Hemm miktub fil-profeti, U huma jkunu kollha mgħallma minn Alla. Mela kull min jisma' lill-Missier u jitgħallem minnu jiġi għandi*"

(Ġwanni 6:44-45). Il-Missier jiġbed lill-midinbin lejn Kristu, u dan isir permezz tal-kelma, il-Bibbja Mqaddsa. Allura kemm huwa importanti li aħna nsemmugħa!

5. *Ġesù poġġa t-tagħlim l-ewwel fis-sistema tal-konverżjoni:* Naqraw f'Mattew 13:14, "*Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'qalbhom, u jikkonvertu, u jiena nfejjaqhom.*" F'din il-kwotazzjoni aħna għandna dan l-arranġament li ġej: (1) Tagħlim – "jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom." (2) Jifhmu. (3) Ibiddlu ħajjithom jew jikkonvertu. (4) Fejqan jew maħfra. Ebda tagħlim, ebda ftehim; ebda ftehim, ebda konverżjoni, ebda konverżjoni, ebda fejqan jew maħfra. Dan għandu jimpressjona fuq il-Kristjani d-dover tagħhom sabiex jieħdu l-Evanġelju. Bl'istess proporzjon kif aħna nonqsu li nagħmlu d-dover tagħna billi nippriedkaw l-Evanġelju lil mitlufin aħna nonqsu li nagħmluha possibbli għalihom biex isalvaw.

6. *Ix-xogħol tal-Mulej huwa l-qawwa tat-tnissil fil-proċess tat-twelid mill-ġdid.* L-appostlu Pietru jgħid, "*Ma twelidtux mill-ġdid minn nisel li jitħassar, imma minn nisel li ma jitħassarx, bis-saħħa tal-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem*" (1 Pietru 1:23). Hekk kif ma jistax ikun hemm twelid fiżiku mingħajr missier, lanqas ma jista' jkun hemm twelid ġdid mingħajr it-tagħlim tal-kelma ta' Alla.

7. *Fejn mhemmx predikar, ma jistax ikun hemm salvazzjoni.* "*Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva. Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?*" (Rumani 10:13-14). Ejjew nibdew bl'aħħar parti tal-passaġġ u mmorru lura għall-bidu: Fejn ma hemmx xandir, predikar, hemm ma jistax ikun hemm smigħ; u jekk mhemmx smigħ, mhemmx twemmin; mhemmx twemmin, mhemmx sejħa, mhemmx salvazzjoni. Mela ma jimpurtax jekk aħna nibdew mill-bidu u mmorru għal l-aħħar jew nibdew minn wara u mmoru għall-bidu, aħna naslu għall-istess konklużjoni, jiġifieri, l-Evanġelju għandu jiġi ppridkat sabiex l-erwieħ isalvaw.

8. *L-inkonsistenza ta' xi settet* tidher f'li huma jsostnu li Alla jikkonverti n-nies permezz ta' operazzjoni diretta ta' l-Ispirtu s-Santu, imma jmexxi l-kampanja evanġelistika u jgħid lill-missjunarji. Jekk dan huwa minnu, allura ma jkunx hemm bżonn li tippriedka. Il-konsistenza titlob li huma jibqgħu lura fil-kwiet u jħallu 'l Alla jikkonverti lill-midinbin b'dak il-mod. Kieku jiena kont ta' dik il-fehma, jiena nkeċċi lill-predikatur. Għalfejn ikollok predikatur biex jippriedka ħalli l-erwieħ jikkonvertu, jekk

huma jiġu kkonvertuti permezz ta' operazzjoni diretta ta' l-Ispirtu s-Santu barra mill-Kelma? "O konsistenza, int ġojjel."

## II. IL-KNISJA—IS-SOĊJETÀ DIVINA MISSJUNARJA

Kull soċjetà missjunarja ikbar jew iżgħar minn jew differenti mill-kongregazzjoni mhix skond l-Iskrittura, mhix Skritturali. Fl-ewwel seklu l-knisja lokali jew kongregazzjoni kienet l-unika soċjetà missjunarja. Din l-aġenzija għat-tixrid ta' l-Evanġelju kienet tant suċċess li fi ftit snin Pawlu kien jista' jgħid, "*l-Evanġelju li intom smajtu; u li tħabbar lill-ħlej-jaq kollha taħt is-smewwiet*" (Kolossin 1:23). Dan kien tkompla mingħajr l-għajnuna tal-mezzi moderni ta' l-ivvjaġġar, l-istamperija u r-radju. Meta n-nies sejrin jitgħallmu li huma ma jistgghux joħolqu soċjetajiet miss-junarji u pjanijiet li jistgħu jkunu pparagunati mal-pjan sempliċi rrivelat fit-Testment il-Ġdid?

Alla poġġa fuq il-knisja lokali r-responsabbiltà tal-pridkar ta' l-Evanġelju:

1. *L-għerf ta' Alla għandu jkun mgħarraf permezz tal-knisja*. L-appos-tlu Pawlu jgħid: "*B'hekk il-għerf ta' Alla, għerf ta' kull xorta ta' mezzi, ikun issa mgħarraf permezz tal-knisja lill-prinċpijiet u lis-setgħat tas-sema*" (Efesin 3:10). Il-knisja u mhux xi soċjetà missjunarja hija l-istituz-zjoni biex tgħarraf il-verità.

2. *L-Ispirtu s-Santu poġġa fuq il-knisja x-xogħol li żżomm il-verità*. Pawlu jgħid: "*imma biex, jekk indum ma niġi, tkun taf kif wieħed għandu jġib ruħu fid-dar ta' Alla, li hi l-knisja ta' Alla ħaj, kolonna u pedament tal-verità*" (1 Timotju 3:15). Il-fatt li Alla appunta l-knisja sabiex tkun "il-kolonna u pedament tal-verità" jelimina kull soċjetà u aġenziji tal-bned-min.

3. *Aħna mgħallmin biex nagħtu glorja lil Alla permezz tal-knisja*: "*Lilu l-glorja permezz ta' Kristu Ġesù, għal kemm itulu ż-żminijiet, għal dej-jem ta' dejjem*" (Efesin 3:21). Li tipprova li tagħti glorja lill-Missier f'xi istituzzjoni oħra hija diżubbidjenza u nsult lil Alla, l-Awtur ta' dan il-kmandament

4. *Il-bniedem huwa kkmandat biex jagħmel ix-xogħol reliġjuż kollu f'isem il-Mulej Ġesù*" Naqraw f'Kolossin 3:17, "*Kull ma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù*" (Kolossin 3:17). Li taħdem f'isem il-Mulej Ġesù huwa li taħdem bl-awtorità Tiegħu. L-awtorità Tie-għu titlob li l-Kristjani jaħdmu permezz tal-kongregazzjoni bħala l-unika soċjetà missjunarja biex tagħmel l-Evanġelju magħruf.

5. *Is-soċjetà missjunarja m'għandiex kap, pedament, għalqa jew missjoni skritturali.* Kristu mhuwiex ir-ras tagħha, għaliex Hu r-Ras tal-knisja; Kristu mhuwiex il-pedament tagħha, għaliex il-fatt li Hu l-Iben ta' Alla huwa l-pedament tal-knisja; id-dinja ma tistax tkun l-għalqa tagħha, għaliex id-dinja hija l-għalqa tal-knisja; predikar ta' l-Evanġelju mhuwiex il-missjoni tagħha, għaliex dan huwa l-missjoni tal-knisja. Għalhekk, is-soċjetà missjunarja hija organizzazzjoni li mhix neċessarja, li għandha ras li mhux skond l-Iskrittura biex imexxiha, pedament mhux skritturali biex jappoġġjaha, għalqa mhux skritturali fejn fiha taħdem, u missjoni li mhix skond l-Iskrittura għal l-eżistenza tagħha.

6. *L-għerf uman tagħna jġiegħelna ħalli naraw l-ineffiċjenza ta' organizzazzjoni bħal din.* Jintqal li hija tieħu ħamsin fil-mija—xi soċjetajiet aktar u oħrajn inqas—tal-flus mogħtija biex iħaddmu l-makkinarju tas-soċjetà missjunarja. Dan il-mod ta lok għal qawl: "Hawn lira għall-missjunarju, u hawn oħra għas-soċjetà ħalli tibagħatha lilu." Huwa ċar lis-soċjetà hija sponża, li tassorbi l-parti l-kbira tal-fondi li jistgħu jintużaw biex jgħinu lilll-missjunarju.

Il-pjan tal-Mulej jelimina prattikament din l-ispiza kollha biex iġibu l-flus għall-missjoni. Kull attentat ħalli jtejbu s-sistema ta' Alla irriżulta f'falliment traġiku. Il-pjanijiet ta' Alla huma wisq ogħla mill-pjanijiet tal-bnedmin daqs kemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art. Meta l-bniedem qatt sejjer jitgħallem din il-lezzjoni?

## III. KOPERAZZJONI TAL-KNEJJES

Il-knejjes (kongregazzjonijiet) fl-ewwel seklu kienu indipendenti, imma huma kienu jaħdmu għal l-avvanz waħdieni tagħhom fil-ħidma tad-doveri tagħhom. Kien hemm koperazzjoni mingħajr organizzazzjoni. Il-kelma ispirata ta' l-appostlu Pawlu tgħallimna li pluralità ta' knejjes tista' tibgħat fondi sabiex igħinu xi predikatur: "*Intom tafu wkoll, Filippin, li fil-bidu tax-xandir ta' l-Evanġelju, meta ħallejt il-Maċedonja, ebda knisja oħra ħliefkom ma għamlet kontijiet miegħi ta' dħul u ħruġ; għax imqar meta kont fit-Tessalonika, darba tnejn bgħattu tgħinuni meta kont naħ-tieġ*" (Filippin 4:15-16). Pawlu ħa pagament mingħand knejjes. Hu kiteb: "*Neżżajt il-knejjes l-oħra, billi ħadt minn għandhom l-għajxien tiegħi biex naqdi lilkom*" (2 Korintin 11:8). Dawn il-passaġġi juru li knejjes jis-tgħu jaħdmu flimkien fi pridkar ta' l-Evanġelju. Jekk knisja hija batuta biex iżżomm predikatur f'postijiet oħra, allura tnejn jew tliet kongregazzjonijiet għandhom jikkoperaw f'dan id-dmir. Din tkun koperazzjoni mingħajr ma toħloq xi organizzazzjoni biex tagħmel ix-xogħol li Alla ta lill-

knisja. Kull koperazzjoni miżmuma minn xi organizzazzjoni barra mill-kongregazzjoni mhix skritturali.

Il-knisja ta' Kristu temmen f'xogħol missjunarju għaliex il-Bibbja hekk tgħallem. Hija temmen li tagħmlu permezz tal-kongregazzjoni għall-istess raġuni: Il-Bibbja hekk tgħallem.

# RAĠUNI XIII

## GĦALIEX HIJA TGĦALLEM LIS-SALTNA KIENET IMWAQQFA U LI KRISTU ISSA QIEGĦED ISALTAN

### I. INTRODUZZJONI

It-teorija tas-saltna fil-futur flimkien mal-ħakma letterali ta' Kristu fuq l-art għal elf sena letterali ħawwdet ħafna nies. It-teorija invadiet ħafna mid-denominazzjonijiet tad-dinja u hija pubblikament iddefenduta mill-predikaturi tagħhom. Jiena qatt ma nista' nitfa' xortija ma' knisja li qed tislef l-appoġġ tagħha lil teorija ħarxa bħal din ikkonċeputa minn fanta-sija sfurzata tal-bnedmin. Din hija msejħa premillenjaliżmu; it-teorija li fit-tieni miġja ta' Kristu l-istat tal-bniedem fuq id-dinja ma jintemmx iżda li żmien ġdid ta' elf sena letterali jiġi inawgurat, matul liema żmien Kristu jsaltan fuq l-art f'Ġerusalem għal elf sena letterali, fuq dinja ta' nies li jkunu għadhom qegħdin igħixu fil-ġisem. Bla dubju xi affarijiet huma iebsa biex tifhimhom, imma mhix iebsa biex tifhem li dan ma jistax ikun tassew.

### II. IS-SALTNA KIENET IMWAQQFA

*L-ewwel, ma jistax ikun tassew għaliex is-saltna diġa' hija mwaqqfa:*

1. Danjel, meta fakkar il-ħolma minsija ta' Nebukadnezzar u nilli jagħti l-interpretazzjoni tagħha, qal, "*u fil-jiem ta' dawk is-slaten għandu Alla tas-smewwiet iwaqqaf saltna li qatt ma tiġi meqruda…hija tibqa' wieqfa għal dejjem*" (Danjel 2:44). Xi slaten? Slaten ta' l-Imperu Ruman, skond l-interpretazzjoni tal-ħolma fid-dawl ta' l-istorja sagra u sekulari. Is-saltna mwaqqfa għal dejjem u li qatt ma tispiċċa ta' Alla kellha tiġi mwaqqfa waqt lir-Rumani ħakmu fuq il-bniedem.

2. Fil-jiem ta' dawk is-slaten Ġwanni l-Battista ġie jippriedka, "*indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet qorbot*" (Mattew 3:1, 2).

3. Wara li Ġwanni ġie mitfuh fil-ħabs Ġesù ppriedka: "*Iż-żmien huwa mitmum, u s-saltna ta' Alla waslet*" (Mark 1:15).

4. Ġesù aktar tard għallem lid-dixxipli biex jitolbu għall-miġja tas-saltna: "*Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek, **tiġi** saltnatek*" (Mattew 6:9, 10).

5. Kristu għallem lis-saltna kellha tiġi matul il-ħajja ta' xi wħud mid-dixxipli li kienu għadhom igħixu dak iż-żmien: "*…Hawn xi wħud, minn-kom li qegħdin hawn, li żgur ma jġarrbux il-mewt qabel ma jaraw il-wasla tas-saltna ta' Alla, mogħnija bil-qawwa*" (Mark 9:1) jew is-saltna kienet

ġiet imwaqqfa jew inkella hekk dixxipli li għadhom qegħdin igħi-xu llum u li ghandhom aktar minn elfejn sena!

6. F'Mattew 18:3, id-dixxipli kienu għadhom ma daħlux fis-saltna, għaliex Ġesù qal, "*Tassew, ngħdilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet.*"

7. Meta bagħat is-sebgħin Ġesù qal: "*Qorbot is-saltna tas-smewwiet*" (Mattew 10:9). Hija kellha tiġi mwaqqfa dalwaqt.

8. Iżda fl-aħħar ċena, it-twaqqif tagħha, tas-saltna, kien għadu fil-futur: "*Għaliex ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa ma tiġi s-saltna ta' Alla*" (Luqa 22:18).

9. Issa aħna niġu għad-data eżatta ta' meta s-saltna twaqqfet. Inti tif-takar li Ġesù kien qal f'Mark 9:1 lis-saltna ta' Alla kellha tiġi bil-qawwa; inti tiftakar aktar 'il quddiem li din il-qawwa kellha tiġi fuq l-appostli f'Ġerusalem (Luqa 24:49). Din il-qawwa ġiet fuq l-appostli f'Ġerusalem fil-Pentekoste ta' wara l-qawmien ta' Kristu (Atti 2:1-4); allura, is-saltna ġiet f'Pentekoste. Pietru kien ġie mogħti l-imfietaħ għas-saltna (Mattew 16:19). Imfietaħ (jew ċwievet) huma simbolu ta' awtorità. B'hekk, Pietru ġie mogħti l-awtorità (flimkien ma' l-appostli l-oħra [Mattew 18:18]) biex jiftaħil-bieb tas-saltna jew jippriedka l-patt għad-dħul fiha. Pietru eżerċità din l-awtorità f'Pentekoste (Atti 2) billi ppriedka l-kondizzjonijiet għad-dħul fis-saltna; huwa uża l-imfietaħ u fetaħ beraħ il-bieb tad-dħul fis-saltna u saħħa lura għal dik il-ġenerazzjoni u għal ġenerazzjonijiet kollha biex jidħlu fiha. Tlitt elef ruħ saru ċittadini tas-saltna f'dak il-jum bl-għe-mil tajjeb għall-ubbidjenza tagħhom għall-pjan divin: "*Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu mad-dixxipli madwar tlitt elef ruħ*" (Atti 2:41).

10. L-appostlu Pawlu, ftit snin wara Pentekoste, kiteb li huma ġew imdaħħlin fis-saltna: "*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u **daħħalna** fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub*" (Kolossin 1:13). Huma ma setgħux jiġu mdaħħla fis-saltna, jekk din ma kinetx teżisti! It-teorija ta' saltna fil-futur ċar u tond tikkontradixxi l-kliem ispirat ta' l-appostlu Pawlu.

11. L-assurdità ta' din it-teorija terġa' tidher meta tiġi poġġuta ma' ġenb Lhud 12:28: "*Mela roddu ħajr lil Alla għax aħna **ħadna** saltna li ma titħarrikx…*" Aħna rċevejna saltna li ma titħarrikx. Jekk din ma tistax tit-ħarrek, allura din tibqa' għal dejjem, allura din ma tistax tispiċċa biex tħalli oħra tibda. Għaldaqshekk, ebda saltna ma tista' tiġi mwaqqfa fil-futur ghal elf sena jew għal xi żmien ieħor!

12. Hija ħaġa bla sens, assurda li tħares għal satlna biex tkun imwaqqfa fuq l-art, fil-futur. Is-saltna diġa' ġiet imwaqqfa, u hija spiritwali u mhus

xaltna ta' din l-art. Isma' lill-Mulej x'għandu xi jgħid dwar dan: "*Is-saltna tiegħi mhix ta' did-dinja: kieku ta' did-dinja kienet is-saltna tiegħi, il-qaddejja tiegħi kienu jissieltu, biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud: imma issa s-saltna tiegħi* ***mhix ta' hawn***" (Ġwanni 18:36). Hija ħaġa ta' dispjaċir kbir li l-bniedem ivvinta teorija li pożittivament tiċħad dan il-kliem hekk ċar tal-Mulej!

## III. IT-TRON TA' KRISTU QIEGĦED FIS-SEMA

*It-tieni, il-premillennjaliżmu huwa kontra l-Iskrittura għaliex it-tron ta' Kristu qiegħed fis-smewwiet u mhux fuq l-art:*

1. Żakkarija qal li Kristu "*għandu joqgħod u jmexxi fuq it-tron tiegħu*" (Żakkarija 6:13). Kristu issa qiegħed fuq il-lemin ta' Alla (Atti 2:30-35). Għalhekk, it-tron ta' Kristu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla, mhux fuq l-art!

2. Żakkarija ddikjara li Kristu għandu jkun qassis fuq it-tron Tiegħu (Żakkarija 6:13). F'Lhud 4:14 naqraw li Kristu hu l-Qassis il-Kbir fis-smewwiet. Għalhekk, it-tron ta' Kristu qiegħed fis-Smewwiet, mhux fuq l-art!

3. Kull fejn Kristu ma jistax ikun qassis hu ma jistax ikollu t-tron Tiegħu, għaliex Kristu "għandu jkun qassis fuq it-tron tiegħu" (Żakarija 6:13). Kristu ma jistax ikun qassis fuq l-art: "*Kieku Kristu kien fuq l-art ma kien ikun qassis xejn*" (Lhud 8:4). Għalhekk, huwa impossibbli lit-tron Tiegħu jkun fuq l-aret. Dan għandu jkun fis-Smewwiet!

## IV. KRISTU QIEGĦED FUQ IT-TRON TA' DAVID

*It-tielet, il-fatt li Kristu issa qiegħed fuq it-tron ta' David jipproklama t-teorija bħala li hija immaġinarja.*

1. Alla wiegħed li Hu għandu jagħti lil Kristu t-tron ta' David (Luqa 1:32). Din il-wegħda ġiet imwettqa: "*Issa hu kien profeta, u kien jaf li Alla ħaliflu b'ġurament li kellu jqiegħed fuq it-tron tiegħu bniedem ġej minn nislu. David ra minn qabel u ħabbar il-qawmien tal-Messija*" (Atti 2:30-31). Kristu kien imqajjem biex joqgħod fuq it-tron ta' David; għal-hekk, Hu qiegħed *issa* fuq it-tron ta' David. Li tgħid li mhuwiex huwa ċaħda tal-qawmien Tiegħu mill-imwiet!

2. Żakkarija jinfurmana li Kristu kellu "*jpoġġi u jmexxi fuq it-tron tiegħu*" (Żakkarija 6:13). It-tpoġġija bilqiegħed u t-tmexxija jkunu fl-istess żmien u fl-istess ħin. Meta Kristu beda jpoġġi bilqiegħda Hu beda mexxi u viċi versa. Jekk aħna nistgħu nippruvaw li Hu issa qiegħed fuq it-tron, aħna nkunu ppruvajna li Hu issa qiegħed isaltan. Isma' l-prova: "*Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna lkoll xiehda. Għalhekk, issa*

*li Alla għollieh bil-leminija tiegħu, huwa rċieva mingħand il-Missier l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, u sawbu fuqna, kif qegħdin taraw u tisimgħu. David ma telax fis-smewwiet, iżda hu nnifsu jgħid, 'Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sa ma nkun qegħidt l-għedewwa tiegħek taħt riġlejk'*" (Atti 2:32-35). Kristu qiegħed issa fuq in-naħa ta' l-id il-leminija ta' Alla; għalhekk, Hu issa qiegħed isaltan fuq it-tron Tiegħu.

## V. L-AĦĦAR JIEM

*Ir-raba', it-teorija mhix tassew għaliex hija tgħallem li aħna m'aħniex qegħdin ngħixu "fl-aħħar jiem."* L-istqarrija ta' l-appostlu Pietru fil-jum ta' Pentekoste, "*Dawn huma l-aħħar jiem,*" hija biżżejjed biex tipprova t-teorija li hija falza redikolament. Il-premillennjalisti kollha jsostnu li aħna m'aħniex qegħdin ngħixu fl-aħħar jiem. Huma jgħallmu li Kristu jibda perjodu ta' li jdum għal elf sena sal-wasla Tiegħu. Imma Pietru qal, "*Imma dan mhux ħlief dak li ntqal permezz tal-profeta Ġoel: u jiġri fl-aħħar jiem…*" (Atti 2:16-17). Pietru jgħid dan, il-jum ta' Pentekoste, il-jum lis-saltna kienet twaqqfet kien l-aħħar jum. Għaldaqshekk, meta dawn il-jiem jispiċċaw ma jkunx hemm aktar jiem; imbagħad ikun hemm il-jum etern. Żmien ieħor li l-premillennjalisti huma b'nuqqas ta' ftehim ma' l-Ispirtu s-Santu!

## VI. 1 KORINTIN 15:23-25

*Il-ħames, il-falzità tal-premillennjaliżmu terġa' tidher biċ-ċar meta tpoġġiha maġenb 1 Korintin 15:23-25.* Hekk kif aħna naqraw dan il-passaġġ, jiena sejjer indaħħal xi ftit kliem fil-parentesi għal skop ta' enfasi: Ifli sewwa dan li jintqal f'dan il-passaġġ u qabblu bil-għaqal ma' dak li jintqal mill-premillennjalisti: "*Imma kulħadd skond kif imissu: jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu* (il-qawmien fil-miġja ta' Kristu). *Imbagħad, it-tmiem* (mhux il-bidu ta' ħakma ta' elf sena)*, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier* (mhux iwaqqaf saltna għal elf sena)*; wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa.* (mhux li hu sejjer jibda jsaltan.) *Għax jeħtieġ li hu jsaltan sa ma jqiegħed l-għedewwa kollha taħt riġlejh* (mhux jibda jsaltan, imma jsaltan issa u jkompli jsaltan sa l-aħħar)." Dan il-passaġġ biss jipprova din it-teorija li hija differenti mill-Bibbja f'ċerti punti.

## VII. ID-DINJA GĦANDHA TINĦARAQ

*Is-sitta, Kristu mhux sejjer isaltan fuq din l-art meta Hu jiġi, għaliex f'dak il-waqt id-dinja tinħaraq.* Isma' xi jgħid l-appostlu Pietru: "*Jasal, tabilħaqq, jum il-Mulej bħal-ħalliel; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi*

*ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja u l-art b'kull ma fiha tkun maħruqa min-nar*" (1 Pietru 3:10). Fejn sejrin ipoġġu s-saltna ta' Kristu u t-tron Tiegħu it-teoristi tas-saltna fil-futur? Mhux fuq l-art! Għaliex din sejra tinħall u tinħaraq!

## VIII. RIVELAZZJONI 20:1-6 MA JAPPROVAX IL-PREMILLENNJALIŻMU

1. *It-test numru wieħed tal-premillennjaliżmu huwa Rivelazzjoni 20:1-6, imma dan ma japprovax it-twemmin tagħhom*: Il-fatt li Rivelazzjoni (jew Apokalissi) huwa ktieb ta' simboli u figura rettorika jagħmilha koll-ha aktar diffiċli biex tispjega. Imma osserva dak li l-passaġġ ma jsemmix li huwa neċessarju biex jipprova t-tagħlim premillennjalist: Dan ma jsemmix: (1) It-tieni miġja ta' Kristu. (2) Is-saltna ta' Kristu fuq l-art. (3) Qawmien tal-ġisem. (4) Ma jsemmix li Kristu qatt sejjer jerġa' jkun fuq din l-art. (5) Ma jgħidx li aħna sejrin insaltna miegħu—jgħid, "U dawn (dawk li kienu qatgħulhom rashom minħabba fix-xhieda ta' Ġesù) bdew igħixu u jsaltnu ma' Kristu għal elf sena."

2. *Il-passaġġ mimli b'lingwa figurattiva*, kif ġej: "bil-muftieħ tal-bir bla qiegħ," "katina kbira f'idu," "għalqu fuqu u ssiġillah," "tronijiet," "rajt l-erwieħ," "il-bhima," "lix-xbieha tagħha," "il-marka fuq ġbinhom u fuq idhom," "l-ewwel qawmien," "it-tieni mewt," "isaltnu miegħu matul l-elf sena." Il-premillennjalisti għażlu passaġġ li fih ħafna simboli—huma jammettuh dan—u minnu ħadu l-frażi, "isaltnu miegħu matul l-elf sena," u jinsistu li din għandha tittieħed letteralment, ukoll jekk din topponi stqarrijiet ċari li jgħallmu xort'oħra. Immaġina li huma jgħidulna għaliex l-elf sena għandhom ikunu meħuda letteralment waqt li l-frażijiet oħra fil-passaġġ għandhom ikunu meħuda figurattivament.

3. *Dwar il-passaġġ, Adam Clarke qal* fil-kummentarju tiegħu, "Kemm il-viżjoni ġiet murija fuq dan il-passaġġ, kemm fi żmien l-antik u kemm fil-modern! Dan, u dak li jintqal fil-versi 3, 4, u 5 bla dubju jirreferi għal żmien fejn l-influwenza ta' Satana tiġi mmrażżna kważi għalkollox, u l-veru knisja ta' Alla tgawdi prosperità kbira, li ddum għal żmien twil. Iżda huwa għalkollox mhux probabbli lin-numru, elf sena, għandu jkun meħud letteralment...." Jista' jissinjifika li għandu jkun hemm stat ta' Kristjane-żmu twil u bla tfixkil; u hekk universalment l-ispirtu ta' l-Evanġelju jir-baħ, li jidher bħallikieku Kristu saltan fuq l-art; liema jkun effettwat il-każ, għaliex l-ispirtu tiegħu jsaltan fil-qlub tal-bnedmin; u f'dan il-waqt il-martri huma ppreżentati bħala li qegħdin jerġgħu jgħixu; ix-xhieda ta-għhom tiġi mġedda; u l-verità li għaliha huma mietu, u li kienet ikkonfer-mata b'demmhom, u li issa qiegħda kullimkien qawwija.

Dwar it-terminu "elf sena," dan huwa numru mistiku fost il-Lhud. Billi l-lingwa hija simbolika, Adam Clarke kiteb, "Dan jista' jifisser…"; hu ma kienx ċert. Kuntrast tajjeb fil-lingwa riservata tiegħu u l-kliem imxerred tal-premillennjaliżmu!

L-ispazju ma jippermettix tant materjali biex imur f'dan il-kapitlu. Għalhekk jiena nirrikmanda li taqra l-Volum li jġib l-isem ta' "Studju Ddettaljat Fuq Ħwejjeġ Qodma u Ġodda fir-Reliġjon u l-Premillenjaliż-mu."

# RAĠUNI XIV

## GĦALIEX HIJATAGĦTI TWEĠIBIET SKRITTURALI GĦALL-MISTOQSIJA—X'GĦANDI NAGĦMEL BIEX INSALVA?

### I. IL-MISTOQSIJA ANALIZZATA

*X'GĦANDI.*" Din il-klema tissuġġerixxi li hemm xi ħaġa bżonnjuża għall-bniedem biex isalva. Dak li jistaqsi din il-mistoqsija jifhem dan il-fatt.

2. "*Għandi.*" Din il-kelma tindika li mhix kustjoni ta' "għandi" jien, jew "x'nista'" jien, iżda "x'għandi" nagħmel? Mhijiex ħaġa ta' għażla. Il-klema "għandi" tgħallem in-neċessità assoluta ta' kull ma jeħtieġ.

3. "*Jiena.*" Mhux x'għandu Alla, Kristu u l-Ispirtu s-Santu jagħmel, iżda x'għandi "jiena" nagħmel. Kulħadd jaf lit-Trinità għandha parti fis-salvazzjoni tal-biedem. Il-Missier, Kristu u l-Ispirtu s-Santu perfettament komplew il-parti divina fis-salvazzjoni tal-bniedem. Imma l-kurjuż, dak li qiegħed jistaqsi mhuwiex ifittex biex jitgħallem il-funzjonijiet tat-Trinità Mqaddsa. Il-kelma "jiena" fil-mistoqsija turi r-responsabbiltà individwali fil-fidwa tal-bniedem.

4. "*Nagħmel.*" Mhux x'għandu jiena nieħu, naħseb, inħoss jew nemmen. Il-kelma "nagħmel" tissuġġerixxi attività fuq il-parti tal-bniedem biex isalva. Is-salvazzjoni mhix xi ħaġa passiva, imma attività. Alla jsalva; madankollu, il-bniedem isalva lilu nnifsu billi *jobdi* l-evanġelju, il-qawwa t'Alla għas-salvazzjoni (Rumani 1:16; Atti 2:40). Neħħi l-kelma "nagħmel" barra mill-Kristjaneżmu u int tfarrku. Int qatt ma taqra dwar xi bniedem ispirat igħid lill-midneb li ma hemm xejn għalih x'jista' jagħmel biex isalva.

5. "*Biex Insalva.*" Din il-frażi turi l-iskop li wieħed jikkuntenta bil-kondizzjonjiet. "Biex insalva" huwa l-iskop imfittex minn dik il-persuna li tkun qed tfittex. Il-frażi wkoll tissuġġerixxi lis-salvazzjoni hija magħmula minn ħaddieħor. Imma x'għandu l-bniedem jagħmel biex jiġi salvat mill-Missier tas-Smewwiet?

### II. TRIQ ĊERTA BIEX TWIEĠEB IL-MISTOQSIJA

1. Ma jistax ikun hemm triq aktar ċara, aktar għaqlija u aktar żgura biex twieġeb il-mistoqsija minn dik *li tmur għall-Bibbja u taqra l-mistoqsija u t-tweġiba mogħtija.* Jekk il-mistoqsija hija misjuba mitt darba, allura aqra kull mistoqsija u kull tweġiba mogħtija għaliha. Dan ikun Skritturali u tajjeb li ma jistax jiġi mistoqsi; barra minn dan, hija tippreżenta l-verità kollha fuq is-suġġett. Imma aħna ma nsibux il-mistoqsija mitt darba. Aħna

nsibuha, sostanzjalment, erba' darbiet biss fit-Testment il-Ġdid, u waħda minn dawn kienet taħt il-liġi ta' Mosè.

2. *Il-mistoqsija kienet għall-ewwel darba magħmula miż-żagħżugħ għani li ġie għand Ġesù* (Mark 10:17). Ġesù rreferih għal l-Għaxar Kmandamenti. Il-liġi Możajka (Lhudija) kienet tapplika f'dan il-waqt, għaliex Kristu kien għadu ma mietx u sammarha mas-salib (Kolossin 2:14). Kien id-dover ta' kull Lhudi li jħarisha. Meta ż-żagħżugħ wieġeb li hu kien iħares il-liġi minn żgħożitu, Ġesù qallu, "*ħaġa waħda tonqsok; mur, bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja.*" Il-liġi ta' Mosè ma kinetx tneħħiet u hu kien obligat li jżomm-ha; ukoll, hu kellu bżonn li jeħles lilu nnifsu mill-ġid tiegħu li kien tfixkil għalih; ma' dan, huwa kien imġiegħel biex jimxi wara Kristu, kif għamlu d-dixxipli Tiegħu, u huwa jkun imħarreġ aħjar għax-xogħol tal-patt li kien ġej. Din it-tweġiba ma tiġix mogħtija llum, għaliex hija kienet qabel mat-Testment il-Ġdid sar effettiv (Lhud 9:16, 17).

Huwa tajjeb għalina li nosservaw li dan il-Lhudi "*telaq b'qalbu sewda; għaliex kellu bosta ġid.*" Hu deher li kien sinċier meta staqsa x'għandu jagħmel, imma hu ma riedx ikun jaf. Hu biss kellu l-intenzjoni li jobdi, jekk jogħġbu. Traġikament, ħafna huma bħalu llum. Hemm leġjuni llum li jajsalvaw, iżda fir-realtà mhumiex.

3. *Il-mistoqsija hija mniżżla tliet darbiet f'Atti*. Ħaġa ta' l-għaġeb, tliet tweġibiet differenti ġew mogħtija. Kull tweġiba kienet mogħtija bl-awtorità ta' l-Ispirtu s-Santu. Kollha għandhom isiru. Ħalli aħna nistudjaw kull waħda mit-tweġibiet u naraw l-armonija f'dak li jidher li huma tweġibiet kontradittorji.

## III. IL-LHUD F'PENTEKOSTE

1. *Il-mistoqsija u t-tweġiba tagħha.* F'Atti 2 aħna naqraw dwar l-inżul ta' l-Ispirtu s-Santu fuq l-Appostli. L'iskop ta' dan kien biex jiggwidahom u jiddereġihom fil-pridkar ta' l-Evanġelju. Lhud minn kull nazzjon kienu qegħdin igħammru hemm. Meta kull wieħed sama' bl-ilsien tiegħu, l-eċċitament kien kbir ħafna. Xi wħud stagħġbu imma oħrajn ma tantx taw każ ta' dak li huma semgħu u ppruvaw igħaddu biż-żmien u jakku-żaw lil l-appostli li kienu "xorbu l-inbid ġdid!" Il-predikar tal-kelma ta' Alla laqtilhom qalbhom u staqsew: "*l-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?*" (Atti 2:37). Pietru weġibhom:

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Atti 2:38).

Għaliex huma ma kinux mitluba biex jemmnu? Għaliex huma emmnu: tant hu hekk li huma riedu jkunu jafu x'għandhom jagħmlu biex isalvaw. Pietru, flimkien ma' l-appostli l-oħra qal lil dawn li emmnu biex jindmu u jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom. Skond Pietru, il-magħmudija hija essenzjali daqs l-indiema. It-tnejn huma msieħba flimkien bil-konġunzjoni kopulattiva "u" u juru għall-maħfra tad-dnubiet, hekk ukoll il-magħmudija. Kemm hu differenti mit-tagħlim falz tal-lum ta' salvazzjoni "bil-fidi biss"!

2. *Salvazzjoni teħtieġ aktar minn fidi u bidla fil-qalb.* Mhux biss dawk li staqsew f'Ġerusalem emmnu, imma huma ġarrbu bidla ta' qalb. Fil-bidu ta' din il-ġrajja huma akkużaw lil l-appostli li kienu xurbana. Aktar tard, wara li semgħu l-Evanġelju, huma riedu jkunu jafu x'għandhom jagħmlu biex isalvaw. Huma kienu emmnu u ġarrbu bidla f'qalbhom, iżda ma kinux salvi. Aħna ċerti minn dan, għaliex Pietru ma qalx, bħal ma qegħdin igħidu xi predikaturi moderni, "Kull m'għandek tagħmel biex issalva huwa biss li temmen u li jkollok bidla f'qalbek." Le! Pietru qalil-hom biex "jindmu u jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom." Huma emmnu; huma kellhom bidla f'qalbhom, sa ċertu punt; imma, ma' dan, huma kellhom jindmu u jitgħammdu biex dnubiethom ikunu maħfura.

## 1V. SAWL TA' TARSU

1. *Sawl, aktar tard magħruf bħala Pawlu, huwa ntrodott bħala l-persekutur.* Huwa għal l-ewwel imsemmi b'konnessjoni mat-tħaġġir ta' Stiefnu (Atti 7:58; 8:1). Pawlu, aktar tard tkellem dwaru nnifsu billi qal, "*biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja*" (Filippin 3:6). Sawl kien aħrax ħafna f'dak li jipprova jagħlaq il-ħluq tal-Kristjani (Atti 26:10, 11). Għalkemm hu kien persekutur li ma jeħlisa lill-ħadd, il-kuxjenza tiegħu kienet safja. Hu sata' jgħid, "*Ħuti, jien sa llum imxejt quddiem Alla b'kuxjenza safja għal kollox*" (Atti 23:1). Il-kuxjenza tiegħu ma kinetx twaġġa' għaliex hu ħaseb li kien qiegħed jagħmel is-sewwa (Atti 26:9). Dan hu prova biżżejjed biex juri li l-kuxjenza tal-bniedem ma tistax tiġi aċċettata bħala gwida fi ħwejjeġ reliġjużi. Sakemm bniedem jaħseb li hu tajjeb, il-kuxjenza tiegħu hija safja. Sawl kellu kuxjenza safja, bil-ħsieb li hu kien fis-sewwa; iżda hu kien fil-ħażin. Dan hu tassew dwar ħafna nies tajba llum.

2. *Il-mistoqsija ta' Sawl u t-tweġiba mogħtija.* Kif Sawl kien qiegħed jivvjaġġa fit-triq lejn Damasku ħalli jippersegwità lill-Kristjani, dawl idda madwaru u hu sama' l-leħen ta' Ġesù. Ġesù ma deherlux biex jiskużah u jaħfirlu, kif xi wħud jaħsbu, imma biex jagħmlu "ministru u xhud" (Atti 26:16). Din il-ġrajja mirakoluża ma salvatux. Wara li staqsa x'għandu jagħmel, Ġesù wieġeb, "*Qum u idħol il-belt, u hemmhekk igħidulek x'għa-*

*ndek tagħmel*" (Atti 9:6). Ċertament, hemm xi ħaġa biex tagħmel. Sawl kien jonqsu xi ħaġa. Ma kinetx fidi; hu emmen. Lanqas ma kienet indiema; hu tant kien nidem li dam tlitt ijiem isum u jitlob. Lanqas ma kien jonqsu bidla f'qalbu; qalbu kienet inbidlet minn xewqa biex jippersegwità lill-Kristjani għal xewqa biex isir Kristjan. Hu kien jonqsu xi ħaġa, imma ma kinetx fidi, indiema jew bidla fil-qalb. Ħadd qatt ma wera xhieda akbar ta' dawn minn Sawl. Kristu qal li jgħidulu x'għandu jagħmel. X'kienet." Ħananija ġie lejh u qallu, "*U issa x'int tistenna? Qum! Tgħam-med u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu*" (Atti 22:16). Din hija t-tieni tweġiba għall-mistoqsija. Huwa ċar li l-bnedmin huma fil-ħażen billi jaħsbu li fidi, indiema u bidla fil-qalb huma dak kollu li Alla ordna lill-bniedem bħala li huma meħtieġa għas-salvazzjoni.

## V. L-GĦASSIES

Pawlu u Sila kienu priġunieri fil-ħabs ta' Filippi. Għall-ħabta ta' nofs-il-lejl sar terremot. "*Il-bibien kollha nfetħu beraħ u nħall l-irbit ta' kul-ħadd.*" L-għassies "stenbaħ." Meta ra l-bibien tal-ħabs miftuħa, ħaseb li l-ħabsin kienu ħarbu, hu "*silet is-sejf u kien se jneħħi ħajt b'idejh.*" Imma Pawlu żammlu idu. L-għassies, imriegħed bil-biża', "*xteħet f'riġlejn Paw-lu u Sila, u ħariġhom barra u qalilhom, Sinjuri, x'għandi nagħmel biex insalva?*" (Atti 16:30). Dan kien wieħed li ma kienx jemmen. Ma hemmx xhieda li huwa qatt sama' priedka ta' l-Evanġelju. Huma qalulu biex "*jemmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek*" (Atti 16:31). Iżda l-istorja ma tispiċċax hawn: "*U huma ħabbrulu l-kelma tal-Mulej*" (Atti 10:17). L-għassies imbagħad nidem ("ħaslilhom il-ġrieħi") "*u bla telf ta' żmien tgħammed hu u niesu kollha*" (Atti 16:33). Sawl kien imġie-għel biex jitgħammed ħalli jinħall minn dnubietu. Żgur, hu qal lil għas-sies biex jitgħammed għal l-istess raġuni. "*Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*" (Atti 10:34). Jekk l-għassies salva qabel ma tgħammed, kif igħallmu xi wħud, jiġifieri, għaliex Pawlu qallu: "*emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek*" allura ma kien ikun hemm ebda ħtieġa biex Pawlu u Sila "*jħabbrulu l-kelma tal-Mulej.*" Ukoll, jekk wieħed isostni li l-għas-sies salva "bil-fidi biss" allura biex dak l-argument ikun konsistenti, il-familja ta' l-għassies kienet salva billi l-għassies "emmen!" Iffiser dan li l-familja ma kellha bżonn tagħmel xejn, saħansitra lanqas ma kellha l-bżonn li temmen għaliex Pawlu u Sila qalu lil l-għassies biex HU "jemmen fil-Mulej u ssalva int u l-familja tiegħek"? Żgur li wkoll dawk li jgħallmu li l-għassies salva qabel il-magħmudija ma jaċċawħx dan. Imma l-konsistenza hekk titlob!

# VI. TLIET TWEĠIBIET DIFFERENTI GĦALL-ISTESS MISTOQSIJA

Aħna qrajna tliet tweġibiet differenti għall-istess mistoqsija. L-ispjegazzjoni mhix iebsa:

1. *L-għassies kien wieħed li ma kienx jemmen.* Lilu qalulu biex jemmen. Ippriedkawlu għar-raġuni biex jipproduċu l-fidi. L-għassies mbagħad nidem u kien mgħammed.

2. *In-nies f'Pentekoste ma kinux jemmnu.* Għalhekk qaluluhom biex jindmu u jigħammdu għall-maħfra tad-dnubiethom.

3. *Sawl kien raġel li kien jemmen u nidem.* Qalulu biex jitgħammed u jinħasel minn dnubietu.

4. Huma kienu mogħtija tweġibiet differenti, *għaliex huma kienu f'postijiet differenti fit-triq tas-salvazzjoni*. Iżda kollha għamlu l-istess affarijiet u mxew fl-istess triq. Eżempju, raġel li jkun se jitlaq għall-Mellieħa minn Bormla jistqasi kemm hu bogħod minn hawn għall-Mellieħa. It-tweġiba tkun bejn wieħed u ieħor 22 kilometru. Huwa jitlaq minn Bormla u jibda jsuq il-karozza tiegħu u meta jasal il-Marsa jerġa' jistaqsi l-istess mistoqsija: "Kemm hu bogħod minn hawn għall-Mellieħa." It-tweġiba tkun xi ftit differenti minn dik ta' l-ewwel, din tkun ta' madwar 19-il kilometru. Imma meta r-raġel isuq u jasal il-Mosta hu se jkollu twegiba differenti għal l-istess mistqosija. Huwa kien mogħti tliet tweġibiet differenti għal l-istess mistoqsija. L-istess huwa tassew dwar il-mistoqsija: "X'għandi nagħmel biex insalva?" Dak li ma jemminx għadu ma bediex it-triq għall-maħfra. Lilu qalulu biex jemmen; u, wara li emmen, huwa nidem u kien mgħammed. Dawk li emmnu ma ġewx imġiegħla jemmnu, iżda biex jindmu u jitgħammdu. Sawl, li kien jemmen u nidem, ma kienx imġiegħel biex jemmen u jindem; lilu qalulu biex jitgħammed u jinħasel minn dnubietu. Kollha vvjaġġaw fuq l-istess triq. Kollha kienu kkonvertew bl-istess mod. Il-Bibbja ma tikkontradixxix lilha nfisha. Meta jwieġeb il-mistoqsija skond l-Iskrittura, il-bniedem għandu jagħti t-tliet tweġibiet li kienu mogħtija mill-Ispirtu s-Santu. Il-bniedem ma jistax jibdel aktar, b'awtorità divina, din il-liġi ta' Alla daqs kemm ma jistax idallam ix-xemx, jibdel ir-riħ, jew iwaqqaf is-silġ. Xi wħud li jagħllmu li persuna ssalva "bil-fidi biss" qegħdin ibiddlu l-liġi ta' Alla u dan huwa ksur tal-liġi mill-aktar sfaċċat! (Ara li ġej.)

# RAĠUNI XV

## GĦALIEX HI TGĦALLEM LI L-BNIEDEM ISALVA BIL-FIDI IŻDA MHUX BIL-FIDI BISS

### I. X'INHI L-FIDI

1. *Fidi hija temmen xi ħaġa bħala riżultat ta' xhieda jew evidenza.* Il-Bibbja hija ktieb ta' xhieda, mogħtija sabiex toħloq il-fidi fil-qlub tal-bnedmin, għaliex "*dawn inkitbu biex temmnu li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla, u biex, meta temmnu, ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:31). Nies li m'għandhomx din ir-rivelazzjoni ma jafu xejn dwar Kristu. Fejn ma hemmx xhieda hemm ma jistax ikun hemm fidi.

2. F'sens aktar wiesa, "*il-fidi hi l-pedament tal-ħwejjeġ li nittamaw, il-prova ta' dawk li ma jidhrux*" (Lhud 11:1). Il-fidi hi l-assigurazzjoni jew pedament tal-ħwejjeġ li nittamaw. "L-assigurazzjoni jew pedament tal-ħwejjeġ li nittamaw tfisser l-assigurazzjoni li huma jeżistu. Jiena qatt ma rajt il-Peru, Paragwaj jew il-Brazil, imma jiena għandi l-assigurazzjoni li dawn jeżistu. Jiena qatt ma rajt lil Kristu fil-persuna, imma għandi l-assigurazzjoni li Hu miet u qam u "qiegħed igħix għal dejjem."

### II. KIF IL-FIDI TIĠI MIKSUBA

Ħafna nies sewwa jsostnu li l-fidi tiġi b'riżultat ta' operazzjoni mirakoluża fuq il-qalb tal-bniedem. Jekk dan huwa veru, il-bnedmin kollha jemmnu; għaliex "*Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd*" (Atti 10:34). Hekk l-iżviluppar tal-fidi ma jistax ikun attribwit għal aġenzija li taqa' mis-sema u tloqot lil xi wħud u lil oħrajn ma tolqothomx. Il-fidi tiġi għand niex bir-raġuni permezz ta' mezzi raġjunevoli, kif aħna sejrin naraw:

1. *Ir-rakkont (reġistrar) divin kien mogħti sabiex jipproduċi l-fidi:* "*Dawn inkitbu biex temmnu li Ġesù hu l-Messija, Bin Alla, u biex, meta temmnu, ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:31).

2. It-talba ta' Kristu tgħallem li *aħna nemmnu fih permezz tal-kliem ta' l-appostli*: "*Mhux biss għalihom nitlob, iżda wkoll għal dawk li jemmnu fija minħabba kliemhom*" (Ġwanni 17:20).

3. L-appostlu Pawlu jgħid li *l-fidi (jew twemmin) tiġi permezz tal-Kelma ta' Kristu* (Rumani 10:17).

4. L-appostlu Pietru jgħid li *l-fidi hija dipendenti fuq is-smigħ*: "*Ħuti, intom tafu li sa mill-ewwel jiem Alla għażilni minn fostkom biex minn fommi l-pagani jisimgħu l-kelma tal-Bxara t-tajba u jemmnu*" (Atti 15:7).

5. *Fil-konverżjoni tal-Korintin, is-smigħ tal-kelma kien l-aġent li pproduċa l-fidi: "U ħafna mill-Korintin, li kienu jisimgħu, emmnu u tgħammdu*" (Atti 18:8).

6. *Li l-anġli jafu li l-Kelma ta' Alla tipproduci l-fidi* huwa evidenti mill-kitba dwar il-konverżjoni ta' Kornelju: "*Hu għarrafna kif kien ra l-anġlu f'daru, wieqaf quddiemu, u qallu, Ibagħat lil xi ħadd iġib minn Ġaffa lil Xmun, li jgħidulu Pietru; u hu jgħidlek kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha*" (Atti 11:13, 14).

7. *Ix-xitan jaf li l-kelma ta' Alla hija l-bażi tal-fidi*; għal dik ir-raġuni hu jaħdem biex jisraqha mill-qlub: "*Imbagħad jiġi x-xitan u jaħtfilhom il-kelma minn qalbhom, li ma jmorrux jemmnu u jsalvaw*" (Luqa 8:12).

Dawn il-passaġġi jsaħħu l-ħsieb. Alla, Kristu, l-Ispirtu s-Santu, l-appostli, l-anġli, u x-xitan jafu li l-fidi tiġi mill-Kelma ta' Alla.

## III. IL-ĦTIEĠA TAL-FIDI

Il-ħtieġa assoluta tal-fidi hija enfasizzata mill-bidu sat-tmiem tal-Bibbja. Hija ħaġa li mingħajrha wieħed ma jistax isalva. Ċaħda li taċċetta l-fidi bħala kondizzjoni għas-salvazzjoni hija biss ħda li taċċetta l-Bibbja, għaliex:

1. Il-qalb tal-bniedem hija msoffija bil-fidi (Atti 15:9).
2. Il-bniedem huwa ġġustifikat bil-fidi (Rumani 5:1).
3. Il-fidi hija meħtieġa għas-salvazzjoni (Atti 16:31; Mark 16:16).
4. "*Aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni*" (2 Korintin 5:7). F'din il-ħajja aħna ngħixu bil-fidi, imma fis-smewwiet aħna ngħixu bil-viżjoni. Aħna mbagħad naraw il-ħwejjeġ li ma jidhrux (2 Korintin 4:16-18; 5:6-8).
5. Il-ħajja Kristjana wieħed igħixa bil-fidi (Galatin 2:20).
6. "*Mingħajr fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla*" (Lhud 11:6).
7. "*Dak kollu li mhux mill-fidi hu dnub*" (Rumani 14:23). Kull att ta' ubbidjenza u servizz fir-reliġjon Kristjana hu bbażat fuq il-fidi. Li tkun iggwidat permezz ta' l-opinjonijiet tiegħek fil-qasam reliġjuż mhuwiex aċċettabbli quddiem Alla. Huma nies sinċiera li jaħsbu li huma qegħdin igħixu bil-fidi meta fil-fatt huma qegħdin igħixu skond it-tagħlim tal-bnedmin u mhux skond il-Kelma ispirata ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa. Huma ħafna t-twissijiet fil-Bibbja dwar dan (ara Galatin 1:6-9; Efesin 5:6; Kolossin 2:8; eċċ.). Irid ikun hemm il-fidi, jew inkella l-att hu ħażin.

## IV. ID-DUTTRINA TA' FIDI BISS TIKKONTRADIXXI L-BIBBJA

Il-kwotazzjonijiet imsemmija fuq juru bil-qawwa l-importanza tal-fidi fil-pjan ta' Alla. Sfortunatament, il-bnedmin żiedu l-kelma "biss" f'dawn il-passaġġi bi sforz ħalli jippruvaw ġustifikazzjoni "bil-fidi biss." L-iżball huwa mxerred sewwa ma' kullimkien, mgħallem minn ħafna knejjes, u ħafna persuni onesti qegħdin jiġu mqarrqin. Ħadd ma jara l-bżonn tal-fidi aktar minni, iżda li tinterpreta dawn il-passaġġi li jsemmu l-fidi biex tgħallem il-ġustifikazzjoni "bil-fidi biss" ikun ċar u tond kontradizzjoni għall-passaġġi ċar oħra tal-Bibbja Mqaddsa. Ħalli naraw xi eżempji:

1. L-Ispirtu s-Santu jiddikjara, permezz ta' Ġakbu li *fidi mingħajr l-għemil hija mejta:* Isma' xi jgħid:

> "*Hekk ukoll il-fidi: Jekk m'għandhiex opri, hi mejta,* ***billi hi weħidha***" (Ġakbu 2:17; enfasi tiegħi).

2. Jekk id-dottrina ta' "fidi biss" kienet tassew, *din issalva d-demonji*; għaliex:

> "*id-demonji wkoll jemmnu, u jitriegħdu*" (Ġakbu 2:19).

(Hawn kważi l-verżjonijiet kollha tal-Bibbja bil-Malti għandhom "xjaten" min-flok "demonji." Xitan *wieħed* hemm biss).

3. "*Fidi biss*" *hija msemmija fit-Testment il-Ġdid*, imma minflok li tgħallem ġustifikazzjoni permezz tagħha, hija tgħallem proprjament il-kontra. Isma' xi jgħid Ġakbu b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Taraw mela kif bl-opri isir ġust il-bniedem,* ***u mhux bil-fidi weħidha***" (Ġakbu 2:24; enfasi tiegħi).

Illum, sfortunatament ħafna mexxejja reliġjużi ta' denominazzjonijiet differenti għadhom *mhumiex jarawh* dan. Kull persuna li tgħallem ġustifikazzjoni "bil-fidi biss" tkun biss qed tagħmel vjolenza lill-Kelma ta' Alla u tiċħad il-messaġġ ispirat ta' Ġakbu. L-appostlu Pawlu jgħid li aħna "*salvi* ***bit-tama***" (Rumani 8:24). Qiegħed tara kif mhux "bil-fidi biss" aħna salvi!

4. Ġakbu jispjega dan il-ħsieb billi jgħid li *fidi mingħajr opri hija bħal ġisem mejjet*: Erġa; isma x'jgħid:

> "*Għax bħalma ġisem bla spirtu hu mejjet,* ***hekk il-fidi bla opri hi mejta***" (Ġakbu 2:26).

Issa int li temmen li persuna hija salva "bil-fidi biss," lest int li taċċetta l-kliem ispirat kif inhu jew qiegħed int taċċetta t-tagħlim tal-bnedmin dwar dan il-kliem imma kif huma jinterpretawh, u b'hekk int tkun qiegħed taċċetta mingħajr ma tinduna l-interpretazzjoni tal-bnedmin u mhux il-Kelma ċara ta' Alla! Kemm int lest li twarrab dak it-tagħlim falz! Dawk li jgħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss" ikunu biss qegħdin ixandru duttrina

mejta daqs kemm huwa mejjet raġel mejjet, bla spirtu! Il-kliem ta' Ġakbu biss isikket għal dejjem lil dawk li jiddefendu din id-duttrina falza.

5. *Ħafna mill-kapijiet emmnu wkoll, iżda dawn ma salvawx*: Naqraw fi Ġwanni 12:42, 43,

> "*Imma b'danakollu ħafna mill-kapijiet emmnu wkoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewħx, biex ma jitkeċċewx 'il barra mis-sinagoga: Għalihom kienet aktar għażiża l-glorja tal-bnedmin mill-glorja ta' Alla.*"

Huma ċaħdu lil Kristu. Il-kundanna tagħhom hija ċerta: Ġesù jgħid:

> "*Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet*" (Mattew 10:33).

Dawn il-kapijiet emmnu; iżda huma ma kinux salvi. Huma ċaħdu lill-Mulej tagħna għaliex kien hemm xi ħaġa li huma ħabbew aktar mill-glorja Tiegħu. Ħafna mill-ħafna tad-dinja llum qegħdin fl-istess nassa. Huma jemmnu, imma huma jħobbu l-opri tal-ġisem aktar mill-ubbidjenza.

## V. SALVAT BIL-FIDI META L-FIDI TOBDI

Il-bniedem isalva bil-fidi: "*Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva*" (Atti 16:31). Imma meta bniedem huwa salv permezz tal-fidi? fil-mument li hu jemmen? jew meta l-fidi *tobdi*? Ħalli narw xi eżempji dwar dan:

1. *Il-ħitan ta' Ġeriko waqgħu bil-fidi—mhux x'ħin in-nies emmnu, imma **wara** li huma qagħadu għall-kondizzjonijiet divini mogħtija lilhom*: Isma' x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwarhom:

> "*Kien permezz tal-fidi li waqgħu l-ħitan ta' Ġeriko **wara** li l-Iżraelin daru magħhom għal sebat ijiem*" (Lhud 11:30).

Kieku xi wħud minn dawk li jgħallmu "bil-fidi biss" kienu preżenti biex onestament iżda fil-agħma jmexxu lin-nies fid-diżubbidjenza, billi jgħidulhom, "Intom m'għandkomx għalfejn tagħmlu xejn ħlief li temmnu; sewwasew oqgħodu bilqiegħda hawn u stennew il-ħitan biex jagħqu." Taħseb int, jekk int temmen f'dak it-tagħlim falz, li l-ħitan kienu xi darba se jaqgħu? It-tweġiba hija ċara, Le! Dik ma kinetx tkun fidi f'Alla. Fidi f'Alla hija li temmen u tagħmel dak li Alla jgħid. Hu tahom kondizzjonijiet biex jilqgħu (Ġożwè 6). Li tagħmel ħaġa oħra għajr dak li Alla għażel ikun prova pożittiva ta' nuqqas ta' fidi. Din kienet prova tal-fidi tagħhom. Huma emmnu u l-ħitan waqgħu bil-fidi, imma meta waqgħu? Meta huma emmnu? Le! "*Wara li daru magħhom għal sebat ijiem.*" Il-bniedem jista' jsejħilha reliġjon ta' l-immarċjar jew dak kollu li jrid hu, imma l-fatt jibqa' li l-ħitan ma waqgħux *bil-fidi biss* imma waqgħu meta dik il-fidi **obdiet**.

2. *Bil-fidi Noè u l-familja tiegħu kienu salvaw* (Lhud 11:7)—*iżda meta?* Dik hija l-mistoqsija. Suppost li Noè kien bil-fehma tal-ħafna pre-dikaturi moderni tal-lum, u kien igħid, "fidi biss issalva. M'hemmx għal-fejn li nibni arka. Jiena għandi l-fidi f'Alla. Jekk jiena nibni l-arka dan ikun jidher li jiena nama jistax isalvani." X'taħseb int, li temmen li per-suna ssalva "bil-fidi biss" li kien jiġrilu Noè u l-familja tiegħu? It-tweġiba hija sempliċi ħafna, kienu lkoll jintilfu ma' l-oħrajn kollha! Mhix xi ħaġa x'jista' Alla jagħmel, iżda pjuttost x'sejjer jagħmel Alla. Alla qal lil Noè x'għandu jagħmel biex isalva, u "bil-fidi Noè…bena arka biex isalva hu u l-familja tiegħu." Hu kien salva bil-fidi. Iżda meta? Meta dik il-fidi **obdiet.**

3. F'Numri 21 aħna naqraw li l-Iżraelin kienu ġew migduma minn sriep velenużi.

> *"Ħafna nies ta' Iżrael mietu." Mosè talab lil Alla f'isem il-poplu. It-triq divina mogħtija għall-ħelsien kienet dipendenti fuq il-fidi. Isma' l-ordni: "Agħmel serp u qiegħdu fuq qasba: U jiġri, illi kull min ikun migdum, u jħares lejh, jibqa' ħaj"* (Numri 21:8).

Kliem ta' salvazzjoni ġew imlissna. Nies li kienu qegħdin imutu setgħu jsalvaw. Bil-fidi biss? Le! Billi joqgħodu għall-kondizzjoni. *Huma kienu salvati meta l-fidi obdiet.* Kieku ħafna mir-reliġjużi moderni kienu pre-żenti, huma kienu jippriedkaw: "Emmnu biss u intom issalvaw. Intom m'għandkomx għal-fejn tħarsu lejn is-serp tal-bronż. Intom ma tistgħu tagħmlu xejn biex issalvaw. Dik hija reliġjon tas-serp u salvazzjoni tas-serp." Hekk huma kienu jgħidu dak iż-żmien li kieku kien qegħdin hemm għaliex illum huma qegħdin igħidu l-istess ħaġa: "Emmen biss u ssalva. Int m'għandekx għalfejn titgħammed. Int issalva **qabel** ma titgħammed. Dik hija reliġjon ta' l-ilma u salvazzjoni ta' l-ilma." Li tħares lejn is-ser-pent tal-bronż ma kinetx salvazzjoni tas-serp; din kienet salvazzjoni per-mezz tal-fidi li pproduċiet l-ubbidjenza. Immaġina kieku kien hemm min jobdi dak it-tagħlim u ma jħarisx lejn is-serp tal-bronż. Taf sewwa int x'kien jiġrilu ukoll jekk int wieħed minn dawk li temmen li persuna ssal-va "bil-fidi biss"! Hekk ukoll il-magħmudija mhix salvazzjoni ta' l-ilma; hija salvazzjoni permezz ta' fidi li tipproduċi l-ubbidjenza. Ma hemmx kontraversja dwar salvazzjoni permezz tal-fidi. Il-mistoqsija hija, "Meta wieħed huwa salv permezz tal-fidi?" Meta l-fidi toqgħod għall-kondizz-jonijiet!

4. *Nagħman kien kaptan fl-armata Sirjana (2 Slaten 5:1-14).* Kien raġel nobbli u kapaċi iżda kien imġiddem. Kien hemm qaddejja tal-mara ta' Nagħman. Din qaltu dwar il-profeta f'Iżrael li seta' jfejqu. Eliżew, il-pro-

feta, bagħatlu messaġġier biex jgħidlu _x'għandu jagħmel_. Nagħman kellu "jmur u *jinħasel* SEBA' darbiet fil-Ġurdan." (v. 10). Nagħman irrabja… għax ħaseb li _kellu jfieq kif ried hu_! Nagħman kellu marda *tal-moħħ* kif ukoll *tal-ġisem*. Nagħman iżda għeleb il-preġudizzu tiegħu u ***umilja*** lilu nnifsu (ħaġa li ftit huma lesti li jagħmlu llum) billi mar fix-xmara Ġordan.

*"U għodos _seba' darbiet_ fil-Ġurdan, **SKOND KELMET** ir-raġel ta' Alla, u ġismu raġa' sar bħal ta' tifel żgħir, u ssaffa."*

Il-*Qawwa ta' Alla* mhux *l-ilma* naddfitu – Ubbidjenza. Imma *l-ilma* kien meħtieġ ukoll! Kienet din "rigenerazzjoni bl-ilma"? **_Twemmin_**, **_Ubbidjenza_**, **_Tindif_**. Issa ara jekk dan jaqbilx mat-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*." It-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*" għandu jkun: **Twemmin, _Fejqan_, Ubbidjenza**. Taqbel int ma' dan? Skond l-għalliema foloz moderni, Nagħman kellu jkun imfejjaq ***qabel*** ma *xxarrab*! Meta emmen u ddeċieda li jmur fix-Xmara Ġurdan. Imma mhux talli ma kienx imfejjaq ***qabel*** ma *xxarrab*, lanqas ma kien imfejjaq meta kien diġa' *xxarrab għal sitt darbiet*. Hu kien imfejjaq *mas-seba'* darba! Huwa dan il-fejqan, "rigenerazzjoni bl-ilma"? Ara Efesin 5:6.

5. *Ir-Raġel Agħma (Ġwanni 9:1-12).* Mhux biss dan kien agħma, imma kien hekk sa mit-twelid. Wara li Ġesù ddikjara li Hu d-dawl tad-dinja, "beżaq fl-art" u "għamel tajn." Ġesù dilek għajnejn ir-raġel bit-tajn. Ġesù qallu "*MUR INĦASEL* fil-menqgħa. Ifisser dan li Ġesù ma kellux is-setgħa li jfejqu dak il-ħin stess? Le! Ir-raġel OBDA u mar. (Ġwanni 9:6-7). Ir-raġel kellu Fidi Kbira biex **jagħmel** dak li qallu Ġesù. *Fidi f'Alla **qatt** ma tqis kmand ta' Alla bħala li hu ta' bla bżonn*! Meta fieq ir-raġel? – **Wara li Obda.** Il-*Ħasil* ma spjegax **KIF** dan irċieva d-dawl imma **META**! Ġesù uża t-tajn u l-ilma bħala strument biex *jittestja* l-fidi tar-raġel. Ir-raġel kien ***umli*** u obda għalkollox dak li ordnalu Ġesù u għamel kif qallu Ġesù u mhux kif hu forsi ħaseb li kien l-aħjar mod!

Kien hemm xi valur mediċinali fl-ilma ta' Silwah? Żgur li le. U kieku r-raġel agħma rrifjuta l-kmand tas-Salvatur? Xi ngħidu li kieku r-raġel agħma r-raġuna kif jirraġunaw dawk li qegħdin igħallmu salvazzjoni "bil-fidi biss" illum: "Jekk jiena mmur u ninħasel, dak jissuġġerixxi li jiena qiegħed nafda fl-ilma. Jiena ma nemminx "f'riġenerazzjoni bl-ilma." "Jiena ma rridx li 'nimmerita' d-dawl tiegħi. Għalhekk jiena sempliċiment se nafda fil-qawwa ta' Ġesù li tfejjaq, u ma mmurx f'Silwah." X'taħseb int, li temmen "bil-fidi biss," kien ikun ir-riżultat? Dawl jew dlam?

Il-*Qawwa ta' Alla* mhux *l-ilma* tagħtu d-dawl – Ubbidjenza. Imma *l-ilma kien meħtieġ* ukoll biex jinħasel u juri l-ubbidjenza tiegħu! **_Twemmin_**, **_Ubbidjenza_**, **_Fejqan_.**

Issa ara jekk dan jaqbilx mat-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss.*" It-tagħlim falz ta' salvazzjoni "*bil-fidi biss*" għandu jkun: **Twemmin**, **Fejqan**, **Ubbidjenza**. Taqbel int ma' dan? Skond l-għalliema foloz moderni, ir-raġel agħma kellu jkun imfejjaq ***qabel*** ma *ħasel* wiċċu! Meta emmen lil Ġesù u ddeċieda li jmur f'Silwah. Imma kien u mogħti d-dawl f'dak il-waqt? Kien hu mfejjaq ***qabel*** ma *xxarrab*? Hu kien imfejjaq ***wara*** li *nħasel*! Huwa dan il-fejqan, "rigenerazzjoni bl-ilma"? Wieġeb int bis-sinċerità kollha jekk inti tinsab maqbud fit-tagħlim ta' salvazzjoni "bil-fidi biss"! Ara Efesin 5:6.

6. *Il-Magħmudija (Mark 16:16).* Ir-rakkonti tas-Serp tal-Bronż, tal-Kaptan Nagħman u tar-Raġel Agħma juru Prinċipju li jinsab fl'Evanġelju ta' Kristu. Dawn in-nies kien jeħtieġilhom li **JOBDU *QABEL*** ma jkunu mbierka. L-Evanġelju ta' Kristu għandu jiġi emmnut U **OBDUT** biex tingħata *l-maħfra tad-dnubiet*. (Mark 16:16; Atti 2:36-38). Meta wieħed JEMMEN il-fatti u JOBDI l-kmandi ta' l-Evanġelju, imbagħad dan ikun ibierek bis-salvazzjoni. Aħna għandna: NEMMNU f'Ġesù bħala 'l Kristu (Ġwanni 8:24). NINDMU mid-dnubiet tal-passat (Luqa 13:3). NISTQARRU l-Isem Tiegħu (Atti 2:36-38). U nkunu MGĦAMMDA fl-ilma *għall-maħfra tad-dnubiet* (Atti 2:38).

Ebda bniedem m'għandu l-awtorità li jbiddel din l-ordni mogħtija u mfassla mill-Mulej! Huwa ***l-ilma*** li fih jiena nitgħammed li jaħfirli dnubieti u jsalvani? LE! Kien "is-serp tal-bronż" li fejjaqhom? LE! Kien ***l-ilma*** tax-Xmara Ġurdan li fejjaq lil Nagħman? LE! Kien ***l-ilma*** ta' Silwah li fejjaq lir-raġel agħma? LE! Mela x'inhu li jfejjaq? L-UBBIDJENZA UMILI TAGĦNA GĦALL-KMANDI TAL-MULEJ! Aħna salvati bil-grazzja ta' Alla. Imma jekk ma nobdux nintilfu! Il-Kelma ta' Alla tgħidilna:

> "*U billi kien magħmul perfett, sar il-kawża **tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li jobduh***" (Lhud 5:9).

Mhux "*sar il-kawża **tas-salvazzjoni ta' dejjem għal dawk kollha li JEMMNU***" imma "***għal dawk kollha li JOBDUH***"

Emmen u tobdix u tkun ikkundannat. Emmen u obdi u tkun salvat! Xi denominazzjonijiet jgħallmu li persuna hija salva "*bil-fidi biss*" fejn *l-evanġelju tagħhom* jgħid hekk biex persuna ssalva: "Min jemmen isalva u jinħafru dnubietu." Imma l-Evanġelju ta' Kristu jgħid:

> "*Min jemmen **u jitgħammed**, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*" (Mark 16: 16).

Il-magħmudija ta' min hija ordni? Tal-Mulej. Mela ma jistax wieħed isalva **qabel** ma jkun obidha! Għalhekk il-magħmudija hija *prerekwiżit* għas-salvazzjoni!

## VI. ĠUSTIFIKAZZJONI ATTRIBWITA GĦAL XI AĠENT

It-Testment il-Ġdid jattribwixxi l-ġustifikazzjoni lejn bosta aġenti jew kawżi. Aħna sejrin nagħmlu lista ta' xi wħud minn dawn b'għażla ta' kull wieħed:

1. "Iġġustifikati b'xejn bil-grazzja tiegħu" (Rumani 3:24)—*il-grazzja ta' Alla, hija l-aġent li jqanqal.*

2. "Permezz tiegħu (Kristu), kull min jemmen ikun iġġustifikat" (Atti 13:39)—*Kristu, l-aġent lest.*

3. "Iġġustifikati b'demmu" (Rumani 5:9)—*id-demm ta' Kristu, l-aġent prokurabbli.*

4. "Iġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu" (1 Korintin 6:11)—*L-isem jew l-awtorità tal-Mulej, l-aġent immedjat.*

5. "Iġġustifikati bil-fidi" (Rumani 5:1)—*il-fidi tal-bniedem, l-aġent bażiku tal-bniedem.*

6. "Il-bniedem ikun iġġustifikat bl-opri" (Ġakbu 2:24)—*l-opri tal-bniedem, l-aġent attiv tal-bniedem.*

Eżempju jista' jgħin biex jiċċara dawn il-fatti: Raġel ġentlom jisma' għajta ta' agunija ta' bniedem li qiegħed jegħreq fid-daħla tal-baħar taħt id-dar tiegħu. Imċaqlaq purament bil-grazzja u r-rieda tajba, hu jibgħat lil ibnu biex isalvaħ. L-iben iwaddab ħabel lil dak ir-raġel li kien qiegħed jegħreq u jistiednu biex jaqbdu u jsalva. Ir-raġel li kien qiegħed jegħreq jaqbad il-ħabel u jsalva. L-aġent motivat fis-salvazzjoni tiegħu kien il-grazzja u r-rieda tajba tal-missier li sama' l-għajjat; l-iben kien l-aġent lest; l-att tat-tfiegħ tal-ħabel kien l-aġent prokurabbli; il-ħabel kien l-aġent immedjat; il-fidi tar-raġel li kien qiegħed jegħreq fir-raġel fuq ix-xatt u l-ħabel kienet l-aġent bażiku uman; il-qbid tal-ħabel kien l-aġent attiv tal-bniedem. Hekk dawk mitlufa fid-dnub huma ġġustifikati bil-graz-zja, minn Kristu, bil-fidi u bl-opri. Meta bniedem jassumi li l-fidi hi l-unika aġent fis-salvazzjoni tal-bniedem u jneħħi barra l-aġenti l-oħra koll-ha, żgur li hu kien imqarraq. Il-fidi hija *parti* mill-pjan għas-salvazzjoni tal-bniedem, *iżda mhix kollox.* Kull aġent fil-post tiegħu hu ħaġa li l-ġustifikazzjoni tal-bniedem ma tistax tkun mingħajru.

# RAĠUNI XVI

## GĦALIEX HIJA TGĦALLEM LI L-BNIEDEM ISALVA PERMEZZ TAD-DEMM TA' KRISTU

### I. IS-SINIFIKAT TAD-DEMM FL-ORDNI DIVINA

Fiż-żminijiet kollha kien hemm effikaċja u ksib ta' qawwa fid-demm. Is-sagrifiċċju tad-demm minn dejjem kien is-sagrifiċċju tal-ħajja, "*għaliex id-demm hu l-ħajja*" (Dewteronomju 12:23). F'kull qasam taż-żmien Alla ordna sagrifiċċju ta' natura bid-demm. Dan biss jenfasizza l-qawwa tad-demm għall-ħlas bi tpattija; imma aħna nistudjaw aktar 'il quddiem.

1. Fil-bidu taż-żmien (Ġenesi 4) Abel "*ġab l-ewwel wild tal-merħla tiegħu*" *bħala sagrifiċċju lil Alla*. Dan kien aċċettat. Imma Kajjin, ħuh, "*ġab mill-frott ta' l-art bħala sagrifiċċju lil Alla.*" Dan kien irrifjutat. Dan l-ewwel sagrifiċċju bid-demm kien tip tad-demm ta' Kristu mxerred għad-dnubiet tad-dinja.

2. *Il-fidil Abraham, il-ħabib ta' Alla, fehem l-importanza li toffri sagrifiċċji bid-demm lil Alla.* Hu ma qagħadx jaħsibha meta kien ikkmandat biex joffri lil Iżakk l-iben tal-wegħda fuq l-artal. Imma hekk kif ħa s-sikkina biex joqtol lil ibnu, l-anġlu ta' Alla żammlu idu. Muntun maqbud mill-bosk ġie offrut minflok Iżakk (Ġenesi 22:1-19).

3. *It-twaqqif ta' l-Ikla ta' l-Għid tal-Lhud hija prova oħra ta' l-importanza tad-demm fl-ordni divina.* Meta Alla mar 'il quddiem biex jeħles lil Iżraelin u jeqred l-għadu tagħhom, l-Eġizzjani, id-demm tal-ħrief "fuq il-blata tal-bieb, u fuq iż-żewġ posti tal-ġnub" kien sinjal ta' sigurtà. Alla wiegħed "meta jiena nara d-demm, nibqa' għaddej minn fuqkom u hemm ma jkun hemm l-ebda pesta fuqkom biex teqridkom, meta jiena nikkastiga l-art ta' l-Eġittu" (Eżodu 12:13). Ulied Iżrael obdew u ma kienx hemm mewta waħda biss fosthom. Bħal dan it-tip aħna għandna twissija: Jum ieħor għandu jiġi li fih il-messaġġier tal-ħerba jimxi 'l quddiem:

> "*b'nar iħeġġeġ, biex iħallas lil dawk li ma jagħarfux lil Alla, u l-dawk li ma jobdux l-evanġelju ta' Sidna Ġesù*" (2 Tessalonikin 1:7, 8).

Hekk kif l-Iżraelin kienu meħlusa permezz tad-demm tal-ħaruf, hekk ukoll dawk imnaddfa bid-demm ta' Kristu jkunu meħlusa fl-aħħar jum. X'ferħ ikun li tkun wieqaf fost dawk li "*ħaslu ħwejjiġhom, u għamluhom bojod permezz tad-demm tal-Ħaruf.*"

4. *L-issiġġillar tal-patt bid-demm ukoll inissel xhieda għall-importanza tad-demm fil-pjan ta' Alla.* Ulied Iżrael urew ix-xewqa biex iżommu l-

liġijiet li Mosè kien irċieva mingħand Alla. Offerti maħruqa u offerti għall-paċi marru 'l fuq għal għand Alla, u d-demm ta' dawn l-annimali kien użat biex jissiġilla l-patt bejn Alla u l-bniedem. Aħna għandna tifsira taċ-ċerimonja f'Eżodu 24:6-8. Il-kittieb ta' l-Ittra lil-Lhud tkellem dwar din iċ-ċerimonja f'Lhud 9:19-29.

5. *Ukoll, it-tabernaklu u r-reċipjenti kollha tal-ministeru kienu mqaddsa u s-siġillati bid-demm ta' l-annimali*. Naqraw f'Lhud 9:21-22, "Hekk ukoll raxx bid-demm it-tabernaklu u t-tagħmir kollu tal-kult. Tabilħaqq, skond il-Liġi, tista' tgħid kollox jissaffa bid-demm; u bla tixrid tad-demm ma hemmx maħfra" (Lhud 9:21-22).

6. *Is-sistema Lhudija kienet waħda fejn fiha s-sagrifiċċji ta' l-annimali kienu offruti għal ħafna drabi, imma huma ma seghtux ineħħu d-dnub.* Inkomplu naqraw fl-Ittra lil-Lhud 10:1-4,

> "*Il-liġi ta' Mosè, billi għandha biss id-dell tal-ġid li għandu jiġi, u mhux dan l-istess ġid, lil dawk li jersqu qrib lejn Alla ma tista' qatt tagħmilhom perfetti bis-saħħa ta' dawk is-sagrifiċċji li huma joffru bla waqfien minn sena għal sena. Għax kieku kien hekk, dawk li jagħtu l-kult lil Alla ma kinux forsi jwaqqfuhom dawn is-sagrifiċċji kieku kienu jħossu ruħhom bla dnubiet u mnaddfin minnhom darba għal dejjem? Għall-kuntrarju, b'dawn l-istess sagrifiċċji ssir it-tifkira tad-dnubiet minn sena għal oħra. Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet.*"

"L-istess sagrifiċċji minn sena għal oħra" kienu kontinwament offruti. Iżda d-demm kollu ta' l-annimali mxerred fuq l-artali ta' Iżrael ma setax ineħħi dnub wieħed biss. Allura, x'kien l-iskop ta' dawn? Huma biss kienu jmexxu 'l quddiem il-piż tad-dnub għal sena ta' kull darba. Fl-għeluq taż-żmien kien ikun meħtieġ li tirripeti l-istess att ta' sagrifiċċju għal sena oħra. Din kienet il-proċedura taħt il-liġi ta' Mosè. Id-demm tal-gniedes u l-mogħoż ma kienx jista' jneħħi d-dnubiet. Imma l-Lhud li bil-fedeltà kollha offrew id-demm ta' l-annimali lil Alla kellhom dnubiethom kollha mħassra permezz tad-demm prezzjuż ta' Kristu.

7. F'Lhud 9, 10 *aħna għandna xebħ ċar u qawwi b'riferenza għad-demm ta' l-annimali u d-demm ta' Kristu*: (1) L-ewwel patt kien iddedikat bid-demm u l-istess il-patt il-ġdid kien issiġillat bid-demm. (2) L-Iżraeliti kellhom il-piż tad-dnub imressaq 'il quddiem permezz tas-sagrifiċċji offruti sena wara sena, imma aħna tassew inkunu meħlusa mid-dnub permezz tad-demm ta' Kristu. (3) Il-Qassis il-Kbir kien imur fil-Post il-Qaddis kull sena bid-demm, "*li joffri għalih innifsu u għad-dnubiet tal-poplu*"

(Lhud 9:7); iżda, Kristu, il-Qassis il-Kbir u perfett tagħna, ma offriex id-demm ta' l-annimali għal dnubietu, għaliex Hu ma kellu ebda dnub, imma offra demmu stess għal dnubietna, u bil-mertu ta' dak id-demm tala' s-sema biex jidher quddiem Alla għalina.

8. *Il-konklużjoni hija: "Bla tixrid tad-demm ma hemmx maħfra*" (Lhud 9:22).

## II. ID-DEMM TA' KRISTU KIEN IMXERRED GĦALL-FIDWA TAL-BNEDMIN

Xejn fil-Bibbja ma hu mgħallem tant ċar minn dan li hawn miktub fuq. Riferenza kienet magħmula għal dan il-fattur fis-sezzjoni ta' qabel, imma mhux ħażin li tikkonsidra xi ftit aktar mill-ħafna passaġġi li jgħallmu dan il-ħsieb qaddis.

1. *Isaija ra minn qabel il-fejqan tagħna permezz tal-feriti u s-swat ta' Kristu.* F'Isaija 53:5-6 naqraw,

> "*Imma hu kien midrub għall-ħtijietna, hu kien misluħ għall-ħażen tagħna; il-kastig għall-paċi tagħna kien fuqu; u bis-swat tiegħu aħna mfejqa. Aħna lkoll bħan-nagħaġ intlifna; aħna dorna kull wieħed għal triqtu; u Alla poġġa fuqu l-ħażen tagħna lkoll.*"

2. *Żakkarija pprofetizza dwar il-funtana miftuħa għad-dnub*. Żakkarija 13:1 igħidilna:

> "*F'dak il-jum hemm ikun hemm funtana miftuħa għad-dar ta' David u għal l-abitanti ta' Ġerusalem, għad-dnub u għal dawk li ma jkunux nodfa.*"

Il-profezija ġiet imwettqa u llum aħna nkantaw: "Hemm nixxiegħa mimlija bid-demm, miġbud mill-vini ta' Għimmanuel; U l-midinba, mgħaddsa taħt dak il-kurrent, jitilfu t-tbajja kollha ħatja tagħhom."

3. *Kristu, meta waqqaf l-Ikla tal-Mulej,* qal,

> "*Dan hu demmi, id-demm tal-patt, li xxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet*" (Mattew 26: 28).

4. *Wieħed mill-fatturi fundamentali ta' l-Evanġelju huwa* "li Kristu miet minħabba dnubietna, skond l-Iskrittura" (1 Korintin 15:1-4).

5. *Isma' l-kliem ta' l-appostlu Pawlu f'Rumani 5:8* relattiv mas-soffe-renzi li bata' Kristu għalina:

> "*Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għali-na, aħna konna għadna midinbin.*"

6. *Il-Ġentili* "kienu barra miċ-ċittandinanza ta' Iżrael, barranin għall-patt tal-wegħda, kienu bla tama u bla Alla fid-dinja," kienu "'l bogħod," "*tqarrbu bis-saħħa tad-demm ta' Kristu*" (Efesin 2:11-13).

7. *Id-demm kien imxerred għal kull razza, klassi, lsien u kulur, għal kull bniedem fuq kull xatt u f'kull pajjiż*. Ġesù daq "il-mewt għall-ġid ta' kulħadd" (Lhud 2:9). F'Rivelazzjoni (Apokalissi) ta' Ġwanni aħna naqraw,

> "*Int kont maqtul, u b'demmek fdejt għal Alla bnedmin minn kull tribù u lsien min kull poplu u ġens*" (Rivelazzjoni 5:9).

8. L-appostlu Pietru ddikjara li *intom kontu mifdija bid-demm ta' Kristu*:

> "*Intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb, imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa*" (1 Pietru 1:18-19).

9. L-appostlu Pawlu wkoll jistqarr li *aħna għandna l-fidwa permezz tad-demm ta' Kristu*:

> "*Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skond il-għana tal-grazzja tiegħu*" (Efesin 1:7).

10. *Il-viżjoni ta' Ġwanni dwar l-eżerċitu mifdi* kienet tikkonsisti minn dawk li kienu:

> "*ħaslu lbieshom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf*" (Rivelazzjoni 7:14).

## III. KIF AĦNA NKUNU MNADDFIN BID-DEMM

Il-bnedmin kollha li jirrispettaw il-Bibbja mill-ewwel jammettu li bniedem fid-dnub isalva permezz tad-demm ta' Kristu. Ma hemmx kontraversja hawn. Imma l-fatt li Kristu xerred demmu għall-bnedmin kollha (Lhud 2:9) u li l-minoranza biss issalva (Mattew 7:13-14) huwa prova ċerta li hemm xi ħaġa għall-bniedem biex jagħmel ħalli b'hekk jakkwista l-maħfra u l-barka offruta permezz tad-demm imxerred tas-Salvatur. Il-mistoqsija hi: Fuq liema kondizzjonijiet id-demm inaddaf mid-dnub?

1. *Fi Ġwanni 19:34 aħna nitgħallmu li Ġesù xerred demmu f'mewtu*. Billi dan hu veru, persuna għandha tiġi fil-mewt ta' Kristu sabiex tilħaq id-demm tal-fidwa. Huwa possibbli dan? Iva! Pawlu għamilha ċara t-triq biex tidħol fil-mewt ta' Kristu, il-post jew il-lok fejn id-demm kien im-xerred.

Isma' lil Pawlu x'għandu xi jgħid dwar dan b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu:

> "*Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida*" (Rumani 6:3-4).

Huwa fil-magħmudija, (bl-immersjoni) f'dan iż-żmien tagħna, li bniedem jiġi f'kuntatt mad-demm li jsalva. B'hekk ma niskantawx li Ġesù stipula (qiegħed bħala kondizzjoni) l-magħmudija għas-salvazzjoni (Mark 16: 16); li Pietru qal li l-magħmudija hija "għall-maħfra tad-dnubiet" (Atti 2:38); li Ħananija kkmanda lil Pawlu biex "jitgħammed u jinħasel minn dnubietu" (Atti 22:16). Aħna ma niskantawx bi stqarrijiet bħal dawn meta niftakru li dak li jkun emmen u nidem ikun mgħammed fil-mewt ta' Kristu, il-post fejn id-demm kien imxerred, u b'hekk jikkuntattja l-qawwa li tnaddaf.

2. *F'Atti 20:28 aħna nsibu l-istat li fih id-demm inaddaf*:

> "*Ħudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess.*"

Id-demm tal-Mulej kien imxerred biex jifdi l-knisja ta' Kristu. Huwa, għalhekk, fatt aċċettata li jekk bniedem huwa mifdi u mixtri bid-demm ta' Kristu, dan għandu jkun bil-ħila tal-konnessjoni u r-relazzjoni tiegħu mal-knisja mixtrija bid-demm ta' Kristu. Il-fatt lid-demm kollu ta' Kristu mar għax-xiri tal-knisja ta' Kristu huwa prova li jiena għandi nkun f'dik il-knisja biex inkun benefikarju tad-demm. Alla żied fil-knisja mixtrija bid-demm lil dawk biss li emmnu, nidmu, u kienu mgħammda għall-maħfra ta' dnubiethom (Atti 2:37-47). Għalhekk, dan jibqa' li l-bniedem illum għandu jemmen, jindem u jitgħammed għall-maħfra tad-dnubiet sabiex jirċievi l-qawwa li tnaddaf tad-demm. Meta dan isir Alla jżidu fil-knisja (Atti 2:47). Huwa hawn li hu jgawdi l-wegħda tas-salvazzjoni; għaliex Pawlu jiddikjara,

> "*Għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma Kristu hu ras il-knisja, is-salvatur tal-ġisem tiegħu*" (Efesin 5:23).

3. Ġwanni għallimna *kif id-demm iżommna nodfa*:

> "*Iżda jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu stess, aħna nissieħbu flimkien, u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub*" (1 Ġwanni 1:7).

Ġwanni kien qiegħed ikellem lill-Kristjani, membri tal-knisja mixtrija bid-demm. Jekk il-membri "jimxu fid-dawl," jagħmlu r-rieda ta' Alla, huma jkunu miġjuba fi "sħubija wieħed ma' l-ieħor, u d-demm ta' Ġesù, Ibnu jnad-dafna u jżommna nodfa"; jiġifieri, ikompli jnaddafna u jżomm-na nodfa. X'wegħda glorjuża! Imma li timxi "fid-dawl kif inhu fid-dawl hu stess" hija l-kondizzjoni li fuqha l-wegħda hija miżmuma. Kull min dar mid-dawl tat-tagħlim ta' Kristu allura, b'hekk, "niġġes id-demm tal-patt li bih tqaddes, u li għamel inkejja fuq l-Ispirtu tal-grazzja" (Lhud 10:29).

# RAĠUNI XVII

## GĦALIEX HIJA TGĦALLEM LI BIDLA FIL-QALB HIJA INDISPENSABBLI GĦAS-SALVAZZJONI TAL-BNIEDEM

### I. INTRODUZZJONI

Reliġjon li ma tmiss u li ma tibdilx il-qalb mhijiex ir-reliġjon mogħtija minn Kristu. Il-qalb hija n-nixxiegħa li minnha l-azzjonijiet tagħna joħorġu. Jekk il-qalb tkun tħammġet bid-dnub, kondotta sewda u ħażina toħroġ minnha. "Għax mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterju, żina, serq, xhieda qarrieqa, dagħa" (Mattew 15:19). Dawn id-dnubiet ħorox l-ewwel jiġu magħmula fil-qalb. Jekk il-funtana tkun miżmuma safja, in-nixxiegħa tkun safja. Jekk il-qalb tal-bniedem tkun miżmuma safja, ħajtu tkun safja. Dan għandu jkun biżżejjed biex tipprova l-ħtieġa assoluta ta' bidla fil-qalb. Madankollu, l-akkuża ġiet magħmula li l-membri tal-knisja ta' Kristu ma jemmnux f'din il-bidla. Il-qarrej mill-ewwel jinduna li din l-akkuża hija falza u nġusta. L-akkuża bla dubju ħarġet mill-injuranza tal-bniedem dwar x'inhi l-qalb, l-analiżi u l-eżerċizzju tagħha, u kif hija tiġi mibdula, pjuttost milli minn natura malizzjuża ta' xi għamil. Dan is-suġġett huwa wieħed mill-aktar diskussi u l-inqas miftiehem minn kull suġġett għall-priedki. Imma Alla ma jistax jiġi akkużat għal din il-konfużjoni, għaliex l-Iskrittura tippreżenta dan is-suġġett b'mod ċar u li jista' jifhmu kulħadd.

### II. IN-NATURA FI TNEJN TAL-BNIEDEM

It-terminu *qalb* huwa mfisser bħala l-kawża tal-ħajja. Il-qalb ta' barra u li tidher tal-bniedem hija l-organu mmuskolat imqiegħed fin-naħa tax-xellug, li jżomm iċ-ċirkulazzjoni tad-demm għaddejja. Ħafna tkellmu dwar dan l-organu tal-laħam bħallikieku huwa kien is-suġġett ta' l-Evanġelju. Kemm-il darba rajna nies jagħtu fuq in-naħa tax-xellug ta' sidirhom u tisma'għhom igħidu, "Jiena nħossha hawn!" Huma jitkellmu dwar il-bidla tal-qalb bħallikieku kienet il-qalb tal-laħam fil-ħofra tas-sider. In-nuqqas ta' għarfien tagħhom kien imqajjem fin-nuqqas tagħhom li josservaw li l-Bibbja tgħallem li l-bniedem hu eżistenza kemm ta' barra, li tidher u kemm ta' ġewwa, li ma tidhirx, fiżika u spiritwali, u li kull waħda għandha kawża tal-ħajja, jew qalb. L-appostlu Pawlu, meta tkellem dwar in-natura bi tnejn tal-bniedem, qal, "…jekk il-bniedem ta' barra jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum" (2 Korintin 4:16). Meta l-qalb ta' barra, jew dik fiżika tal-bniedem tiġi mtaqqba, wara tiġi l-mewt. Aħna għandna eżempju ta' dan fit-Tieni Samwel 18:14: "Hu ħa tliet vleġeġ f'idu, u waħħalhom f'qalb Absalom." Imma meta l-qalb ta' ġewwa

jew dik spiritwali tal-bniedem tiġi mniggża, il-bniedem ta' barra ma jkunx mimsus. Eżempju ta' dan insibuh f'Atti 2:37, fejn naqraw, "Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lil l-appostli l-oħra: L-aħwa, x'għandna nagħmlu aħna?" Il-qlub tal-Lhud kienu milquta bl-Evanġelju u huma għexu. Il-qalb ta' Absalom kienet milquta mill-vleġeġ u hu miet. Iż-żewġ qlub differenti kienu milquta minn żewġ armi differenti. Kienet il-qalb ta' ġewwa tal-bniedem li l-Evanġelju miss. Huwa evidenti li din hija l-qalb li tiġi mibdula fil-konverżjoni għal Alla. Dan il-fatt huwa magħmula aktar ċar meta tistudja l-analiżi tal-qalb u l-eżerċizzju tagħha.

## III. L-ANALIŻI U L-EŻERĊIZZJU TAL-QALB

1. *Il-qalb hija dik il-parti tal-bniedem li tissejjaħ intellett, li:*

(1) Taħseb. "Imma għaliex qegħdin taħsbu ħażin f'qalbkom?" (Mattew 9:4).

(2) Tirraġuna. "Għaliex qegħdin tirraġunaw hekk f'qalbkom?" (Mattew 2:8).

(3) Tifhem. "Jifhmu b'qalbhom" (Mattew 13:15).

(4) Temmen. "Wieħed jemmen b'qalbu" (Rumani 10:10).

Il-Bibbja tgħid li l-qalb tal-bniedem tirraġuna, u temmen. Alla jsejjaħ din il-parti tal-bniedem, il-qalb, imma l-bniedem isejħilha intellett. Għal-hekk dak li l-Bibbja tattribwixxi għall-qalb, il-bniedem jattribwixxih għal l-intellett.

2. *Il-qalb tidher ukoll li hija l-attribut tal-bniedem imsejjaħ emozzjoni, li:*

(1) Tmaqdar. "Hija maqdritu f'qalbha" (2 Samwel 6:16).

(2) Tixtieq. "Ħuti, nixtieq minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi jsal-vaw" (Rumani 10:1).

(3) Tħobb. "Ħobb il-Mulej Alla tiegħek b'qalbek kollha." (Mattew 22:37).

(4) Tafda. "Afda fil-Mulej b'qalbek kollha" (Proverbji 3:5).

Mela dak li Alla jsejjaħ il-qalb, il-bniedem isejjaħ emozzjonijiet. Aħna naraw li l-qalb tal-bniedem tħaddan dak li l-bniedem iħoss, sensibilitajiet, jew emozzjonijiet. Il-Kelma ta' Alla tgħid il-qalb tmaqdar, tixtieq, tħobb u tafda.

3. *Il-qalb hija dik il-kwalità tal-bniedem imsejħa rieda, li:*

(1) Tiddetermina. "Ikun qatagħa f'qalbu li jżomm ix-xebba miegħu" (1 Korintin 7:37).

(2) Tintenzjona. "Li bi ħsieb tal-qalb jibqgħu b'rieda sħiħa magħqudin fil-Mulej" (Atti 11:23).

(3) Tifhem. “Biex jibqgħu bil-fehma ta’ qalbhom mal-Mulej” (Atti 11: 23).

(4) Tobdi. “Imma issa obdejtu minn qalbkom” (Rumani 6:17).

Mela l-qalb tiddetermina, tintenzjona, tifhem, u tobdi. Il-bniedem isejjaħ din il-kwalità rieda jew volontà. Alla jsejħilha l-qalb.

4. *Il-qalb hija dik il-fakultà tal-bniedem imsejħa kuxjenza, li:*

(1) Tikkundanna jew ma tikkundannax. “Jekk qalbna (il-kuxjenza) ċċanfarna, għax Alla hu aqwa minn qalbna (kuxjenza), u hu jaf kollox. Għeżież, jekk qalbna (il-kuxjenza tagħna), ma ċċanfarniex, aħna qalbna qawwija quddiem Alla” (1 Ġwanni 3:20-21).

L-Iskritturi ta’ fuq jagħmluha ċara li l-qalb ta’ ġewwa tal-bniedem hija parti tal-bniedem li tħaddan l-intellett, l-emozzjonijiet, ir-rieda u l-kuxjenza. Hija tinkludi dak kollu tan-natura ta’ ġewwa tal-bniedem.

## 1V. BIDLA TAL-QALB

1. *Bidla kompleta hija meħtieġa.* Jekk il-qalb tal-bniedem tħaddan l-intellett, l-emozzjonijiet, ir-rieda u l-kuxjenza, hemm ma jistax ikun hemm bidla ta’ qalb kompluta sakemm kull waħda tiġi mibdula. Kull waħda għandha tinbidel, jekk il-qalb tal-bniedem tinbidel. Il-qalb trid tinbidel minn ħsibijiet ħżiena għall-ħsibijiet tajba, minn raġunar ħażin għal raġunar tajjeb, minn injuranza tal-Kelma ta’ Alla għal għarfa tagħha, minn nuqqas ta’ twemmin għal twemmin, minn odju għal ammirazzjoni, minn stmerrija tat-tajjeb għal xewqa tiegħu, minn imħabba għad-dinja għal imħabba lejn il-Mulej, minn fiduċja fi ħwejjeġ materjali għal fiduċja f’Alla, minn determinazzjonijiet ħżiena għal determinazzjonijiet tajba, minn intenzjonijiet li mhumiex Skritturali għal intenzjonijiet Skritturali, minn skopijiet profani għal skopijiet qaddisa, minn diżubbidjenza għal ubbidjenza, u minn kuxjenza li tikkundanna għall-kuxjenza li tapprova. Din hija l-bidla tal-qalb li hija meħtieġa għas-salvazzjoni tal-bniedem.

2. *Kif il-qalb tal-bniedem tiġi mibdula?*

(1) L-intellett jiġi mibdul permezz ta’ xhieda jew prova. Huwa mibdul minn stat għal l-ieħor skond ix-xhieda li tiġi ppreżentata. Il-ħibijiet ta’ Tumas, raġunar, u l-fehma tal-fidi ma kinux mibdula qabel ma Ġesù deher u qallu, “Ġib sebgħek hawn, u ara jdejja; u ġib idek, u daħħalha f’ġenbi; u la tkunx bla fidi, iżda emmen.” Tumas imbagħad wieġeb, “Mulejja u Alla tiegħi” (Ġwanni 20:24-29). Ikkonsidra eżempju ieħor: Missier u omm ta’ baħri rċevew telegramma fejn kienet tgħid li bihom kien ġie maqtul f’attakk mill-għadu. Il-ħsibijiet, raġunar, fehma u fidi kienu għal-kollox mibudla. Ftit jiem wara huma rċevew telegramma oħra mingħand l-istess awtorità fejn kienet tgħid li l-ewwel waħda kienet żball u lit-tifel tagħhom

kien ħaj. Din ix-xhieda pproduċiet bidla oħra fl-intellett. B'hekk huwa faċli biex tara li evidenza jew xhieda tikkontrolla l-intellett. Il-kel-ma ta' Alla hija x-xhieda ta' Alla li Hu ta biex tibdel l-intellett tal-bnied-em: "Dawn inkitbu sabiex intom temmnu" (Ġwanni 20:31). Ukoll, l-app-ostlu Pawlu jgħid, "Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (Rumani 10:17).

(2) L-emozzjonijiet huma mibdula permezz tal-fidi fix-xhieda ppreżen-tata. Hija dik ix-xhieda emmnuta li tipproduċi l-bidla fl-emozzjonijiet. Stmerrija, xewqa, mħabba u fiduċja huma l-effetti ta' dik il-ħaġa li tkun emmnuta. L-omm u l-missier imsemmija aktar qabel kellhom il-ferħ mib-dul għal dulur u viċi-versa minħabba din il-ħaġa li huma emmnu. Hija l-fidi fix-xhieda ta' Kristu li tipproduċi l-bidla fl-emozzjonijiet tal-midneb minn xewqa tal-ħażen għal imħabba lejn Kristu, u minn fiduċja fi ħwejjeġ materjali għal fiduċja fil-Mulej.

(3) Ir-rieda tiġi mibdula min motivi mnissla permezz tal-fidi. Sawl iddeterminat, bl-internzjoni u bl-iskop li ma jobdix lil Kristu, jaħseb li Kristu kien impostur. Aħna naraw lil dan il-persekutur b'rieda ddetermi-nata jivvjaġġa fit-triq għal Damasku biex joqtol lill-Kristjani. Sawl ma kellux Testment Ġdid biex jaqra, imma l-kelma li sama' ta' Kristu bidd-litlu qalbu minn waħda li ma temminx għal waħda li temmen. Meta hu kien imġiegħel biex jitgħammed u jinħasel minn dnubietu (Atti 22:16), mingħajr ebda ħsieb, huwa obda. Qalb diżubbidjenti ġiet mibdula minn motivi pproduċuti mill-fidi; twemmin fit-tjubija ta' Kristu (Rumani 2:4), motiv; twemmin fil-premju għal min jobdi (Lhud 5:9), motiv. Id-dnubiet ta' Sawl kienu maħsula fl-att ta' l-ubbidjenza hekk kif hu tgħammed. Qalb ubbidjenti hija ndispensabbli għas-salvazzjoni tal-bniedem. Wieħed isir ħieles mid-dnub u qaddej tal-ġustizzja billi jobdi minn qalbu:

> "*Intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa obdejtu minn qalb-kom dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fu-qu. Infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizz-ja*" (Rumani 6:17-18).

Il-grad tal-fidi li jwassal għas-salvazzjoni huwa t-twemmin bil-qalb koll-ha li jqanqal ubbidjenza kompleta mill-qalb. Ebda bniedem ma hu qaddej ta' Kristu sakemm huwa jobdi mill-qalb. Ebda qalb ma hija tajba sakemm hi ma tkunx qalb ubbidjenti.

(4) Il-kuxjenza tiġi mibdula bil-fidi billi tkun għamilt is-sewwa. Jekk bniedem jifhem u jemmen dak li Kristu kkmanda, huwa qatt ma jista' jkollu kuxjenza li tapprova sakemm hu jagħmilha. Eżempju, il-magħ-mudija hija kmand (Atti 10:48); billi dan huwa veru, jekk wieħed jifhem u jemmen li l-magħmudija hija kmand biex ikun obdut ħalli b'hekk igawdi

l-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38), dan ma jistax ikollu kuxjenza safja sakemm hu jkun mgħammed: "Dan l-ilma kien ifisser il-magħmu-dija, *li issa ssalva lilkom ukoll*. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qaw-mien ta' Ġesù Kristu" (1 Pietru 3:21). Hija l-fidi li tkun għamilt it-tajjeb, tkun obdejt il-kmandamenti ta' Alla, li tibdel il-kuxjenza li tikkundanna. Il-kuxjenza ma twaġġgħax sakemm wieħed jemmen li hu jkun għamel il-ħażin. Dan huwa għaliex ħafna huma f'diżubbidjenza lejn Alla b'kuxjen-za li tapprova. Huma sewwasew ma jafux jew ma jemmnux li huma qegħ-din igħixu fid-diżubbidjenza. Dan kien tassew dwar Sawl. Hu, b'kuxjenza ċara daqs il-kristall (Atti 23:1), ippersegwità lill-Kristjani, u ma kellux kuxjenza kkundannata sakem tgħallem u emmen il-verità. Il-kuxjenza ħażina ta' Sawl kienet mibdula għal stat ta' approvazzjoni billi obda lil Kristu.

Meta l-intellett, l-emozzjonjiet, ir-rieda, u l-kuxjenza tal-bniedem ikunu midbula, il-qalb kollha tal-bniedem tkun mibdula. Huwa evidenti li xi wħud li kienu tkellmu l-aktar dwar "reliġjon li tħossha fil-qalb," qalb mibdula fir-realtà qalet l-inqas. Huma jippriedkaw biss bidla parzjali fil-qalb, igħidu lin-nies li twemmin biss, intellett mibul, huwa l-unika ħaġa essenzjali għas-salvazzjoni tal-bniedem. Iżda konverżjoni lejn Alla titlob bidla tal-qalb kollha. Dan jinkludi bidla fl-intellett, fl-emozzjonijiet, fir-rieda, u fil-kuxjenza. Mhuwiex, allura, faċli li tara organizzazzjonijiet reliġjużi jippriedkaw reliġjon tal-qalb kollha?

# RAĠUNI XVIII

## GĦALIEX MINĦABBA FIT-TAGĦLIM U L-PRATTIKA TAGĦHA LI JAPPARTJENU T-TALB

## I. INTRODUZZJONI

Il-modernisti ta' fostna ma jenfasizzawx it-talb. Dan hu dovut għall-fidi żgħira u dgħajfa tagħhom. It-talb huwa prova iebsa ta' fidi f'Alla u fil-kelma Tiegħu. Għall-bniedem mingħajr fidi, it-talb huwa għajta fiergħa fid-deżert b'ħadd biex iwieġeb; imma għall-bniedem bil-fidi, it-talb huwa ndirizz lil Alla, li għandu l-abbbiltà li jwieġeb. Ħafna reliġjużi, madankollu, li jenfasizzaw it-talb—igħallmu dan, jitkellmu dwaru, jitolbu fi djarhom, jitolbu pubblikament waqt il-qima u jitolbu għal dawk li jopponu t-twemmin—ma tgħallmux li Alla stabbilixxa ċerti kondizzjonijiet għall-bniedem biex jilqa' qabel mat-talb tiegħu jkun imwieġeb.

## II. IL-KNISJA TA' L-EWWEL SEKLU KIENET KNISJA TAT-TALB

1. Meta tkellem dwar *it-tliet elef li kienu ġew miżjuda fil-knisja*, Luqa jgħid, "U kienu jżommu sħiħ…fit-talb" (Atti 2:41, 42).

2. *Il-ġemgħa ta' Kristjani, li ngħaqdu ma' Pietru u Ġwanni* li kienu mhedda mill-kunsill Lhudi, "ilkoll flimkien għollew leħinhom lejn Alla" (Atti 4:24).

3. Fil-ħin *lit-tnax* taw struzzjonijiet li jikkonċernaw l-għażla ta' rġiel biex iservu l-imwejjed, huma qalu, "U aħna nagħtu ruħna għat-talb u għall-ministeru tal-kelma" (Atti 6:4).

4. Meta Pietru kien miżmum fil-ħabs minn Erodi "*il-knisja kienet qiegħda titlob lil Alla għalih bil-ħerqa*" (Atti 12:5).

5. *Pawlu u Sila*, waqt li kienu priġunieri fil-ħabs ta' Filippi waqt xena f'nofs-il-lejl, talbu u kantaw innijiet lil Alla (Atti 16:25).

6. Meta *Pawlu* temm diskors *lill-presbiteri ta' Efesu*, "niżel għarkobbtejh jitlob magħhom ilkoll" (Atti 20:36).

7. *Il-knisja kollha f'Tir* niżlu għarkobbtejhom fix-xatt u talbu u sellmu lil Pawlu u lil sħabu (Atti 21:4, 5).

8. *Il-knejjes kienu mwissija biex jitolbu:* (1) għall-qaddisin f'Ruma: "Itolbu bla waqfien" (Rumani 12:12). (2) Għall-knisja ta' Alla f'Korintin: "għatu ruħkom għat-talb" (1 Korintin 7:5). (3) Għall-qaddisin fidili fi Kristu Ġesù f'Efesu: "Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġijiet tal-qaddisin kollha"

(Efesin 6:18). (4) Għall-knisja ta' Filippi: "Fit-talb tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, iżżuh ħajr" (Filippin 4:6). (5) Għall-qaddisin u l-aħwa fidli ta' Kolossin: "Żommu sħiħ fit-talb, ishru fih b'radd ta' ħajr lil Alla" (Kolossin 4:2). (6) Għall-knisja ta' Tessalonikin: (Itolbu bla heda, iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla minn għandkom fi Kristu Ġesù" (1 Tessalonikin 5:17, 18).

Dan li rajna huwa prova li l-knisja ta' Kristu mill-bidunett kienet istituzzjoni ta' talb. Għaldaqshekk, ebda grupp ta' nies ma jista' jkun identifikat bħala knisja appostolika sakemm it-talb ikollu post skritturali u proprju fil-funzjoni ta' dak il-ġisem.

9. *Ġesù*, il-fundantur tal-knisja, *emmen fit-talb u talab ħafna:* (1) fil-bidu tal-ministeru pubbliku tiegħu, immedjatament wara li Hu tgħammed, Hu talab (Luqa 3:21). (2) Fil-lejl qabel ma Ġesù għażel lit-tnax "ħareġ lejn il-għoljiet biex jitlob, u għadda l-lejl fit-talb lil Alla" (Luqa 6:12). (3) "Wara li bagħat lin-nies, tela' waħdu fuq il-għoljiet biex jitlob. X'ħin sar filgħaxija kien għad hemm fuq, waħdu" (Mattew 14:23). (4) "Il-għada filgħodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ u mar f'post imwarrab, u qagħad hemm jitlob" (Mark 1:35). (5) "Iżda hu kien ifittex xi mkien imwarrab u jinġabar fit-talb" (Luqa 5:16). (6) Fil-konklużjoni ta' Ġesù meta hu kien sejjer jitlaq lid-dixxipli Hu refa' għajnejh lejn is-sema u talab (Ġwanni 17). (7) ftit qabel il-prova iebsa ta' l-arrest tiegħu mill-marmalja kiefra hu ħa lil Pietru, Ġakbu u l-Ġwanni u marru fil-Ġnien ta' Ġetsemani u talbu għal tliet darbiet (Mattew 26:36-44). (8) Waqt li Hu kien qiegħed imut fuq is-salib Hu talab (Luqa 23:34-46).

Ladarba Ġesù, il-fundatur tal-knisja, għadda ħafna ħin jitlob, wara jiġi li jekk aħna nkunu veru membri tal-knisja tiegħu aħna wkoll għandna ta' spiss ningħaqdu fit-talb. Żgur li ebda persuna li ma titlobx ma tista' tkun segwaċi ta' Dak li kien tant jitlob.

## III. IT-TWEĠIBA TA' ALLA GĦAT-TALB HIJA, IKKONDIZZJONATA

Ħafna għaqdiet reliġjużi li jenfasizzaw l-importanza tat-talb qatt ma ppriedkaw il-kondizzjonijiet murija skritturali li n-nies għandhom jilqgħu qabel it-talb tagħhom jiġi mismugħ. Ejjew aħna ma ninsewx li n-nies jistgħu jitolbu u ma jiġux mismugħa. Ġakbu qal:

> "*Titolbu, u ma tiksbux, għax titolbu ħażin: titolbu ħa jkollkom xi tberbqu fix-xalar*" (Ġakbu 4:3).

Mhux kull min jitlob jiġi mismugħ, imma kulħadd jiġi mismugħ jekk ikun hemm kondizzjonijiet li jorbtu. Innota dawn il-kondizzjonijiet li ġej-jin dwar talb aċċettabbli:

1. *Kun ġust.*

   "*Għax għajnejn il-Mulej huma fuq il-ġusti, u widnejh miftuha għat-talb tagħhom*" (1 Pietru 3:12).

2. *Iżomm il-kmandamenti ta' Alla.*

   "*U kull ma nitolbu naqilgħuh minn għandu, għax qegħdin inżommu l-kmandamenti tiegħu u nagħmlu dak li jogħġob lilu*" (1 Ġwanni 3:22).

Il-kontra ta' dan huwa lit-talb ta' dawk li ma jżommux il-kmandamenti ma jiġix mismugħ.

3. *Titlob bil-fidi.*

   "*Mela jitlob bil-fidi, bla ma jitħasseb xejn, għax min jitħasseb ikun jixbaħ lill-mewġ tal-baħar imqanqal u mqalleb mir-riħ. Bniedem bħal dan m'għandux jistenna li se jaqla' xi ħaġa mingħand il-Mulej*" (Ġakbu 1:6, 7).

Aħna għandna nemmnu f'Alla u nemmnu li Hu jagħti dak li Hu wiegħed li jagħti. Jekk aħna nitolbu għal affarrijiet li Alla ma wiegħedx li jagħti-hom, aħna nitolbu bla fidi; għaliex "il-fidi tiġi mix-smigħ tal-Kelma ta' Alla" (Rumani 10:17).

4. *Itlob f'isem Ġesù*:

   "*U jekk titolbu xi ħaġa f'ismi jiena nagħmilha, biex il-Missier ikun igglorifikat permezz ta' Ibnu. Iva, jekk titolbuni xi ħaġa f'ismi, jiena nagħmilha*" (Ġwanni 14:13, 14).

5. *Itlob skond ir-rieda ta' Alla*:

   "*Din hi l-fiduċja sħiħa li għandna fih, li jekk nitolbu xi ħaġa skond ir-rieda tiegħu, hu jismagħna*" (1 Ġwanni 5:14).

6. *Għandu jkollu spirtu li jaħfer*:

   "*Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom*" (Mattew 6:15).

Alla qatt mhu se jwieġeb it-talb tagħna jekk aħna ma naħfrux lil dawk li joffenduna.

7. *Għandu jkun f'kondizzjoni spiritwali tajba:*

   "*Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kull ma tridu, u jingħatalkom*" (Ġwanni 15:7).

Qlubna għandhom ikunu l-ilqgħuh tal-kelma ta' Kristu sabiex it-talb tagħna jiġi mwieġeb.

8. *Itlob b'motiv tajjeb f'moħħok*:

> "*Titolbu, u ma tiksbux, għax titolbu ħażin: titolbu ħa jkollkom xi tberbqu fix-xalar*" (Ġakbu 4:3).

Talb li huwa l-kaġun ta' motivi ħżiena ma jiġix mismugħ.

## IV. TITLOB GĦALL-MIDINBIN

1. *Li titlob għall-midinbin hija prattika prevalenti (komuni ħafna) u teħtieġ ħafna studju*. Aħna rajna li l-bniedem għandu jiffaċċja ċerti kondizzjonijiet spiritwali biex it-talb tiegħu jkun aċċettabbli. Għandhom nies bħal dawn jitolbu għall-midinbin? (1) Ġesù talab għall-marmalja ħażina li sallbitu: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Luqa 23:34). (2) Ġesù għallimna biex nitolbu għall-midinbin, billi qal, "ħobbu lil l-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom" (Mattew 5:44). (3) Pawlu talab għal iżrel: "Ħuti, nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi jsalvaw" (Rumani 10:1).

Aħna rajna li hija Skritturali li titlob għall-midinbin. Meta nagħmlu dan, aħna nkunu qegħdin nimxu wara t-tagħlim ta' Kristu u ta' l-appostlu Pawlu. Dan iwassalna għall-mistoqsija li jmiss u d-diviżjoni ta' studju.

2. *Għandna nikkonfermaw is-sistema reliġjuża li titlob għall-frustieri?*

(1) Spjegazzjoni forsi hija flokha: Din is-sistema (fl-Ingliż hija msejħa *mourner's bench system*), hija dik li titlob għal dawk li huma mbegħdin mill-fidi biex isalvaw mingħajr ma jobdu l-kondizzjonijiet għas-salvazzjoni. Din hija prattika popolari fid-dinja tal-lum. Midinbin li jkollhom indiema jiġu mitluba jew imsejħa għall-bank tal-bikkejja (*mourner's bench*) fejn talb fit-tul u sinċier jiġi mitlub biex dawk il-frustiera jiġu salvati fil-kondizzjoni preżenti tagħhom mingħajr ma joqgħodu għal-liġi tal-maħfra. Alla jagħmlu dan? Sejjer Alla jwarrab il-liġi u l-patt Tiegħu fil-ġenb biex jobdi r-rieda tagħhom?

(2) Biex inwieġbu l-mistoqsija aħna ninnutaw ir-regola ta' azzjoni li ġejja li hija tassew kemm fil-qasam fiżiku u kemm f'dak spiritwali: Meta Alla stabbilixxa l-liġi li biha bniedem għandu jimxi u jirċievi l-barka tiegħu, tkun saħta li titlob għall-barka mingħajr ma tobdi l-liġi. Salamun qal,

> "*Dak li jdawwar widnejh milli jsma' l-liġi, anke t-talb tiegħu hu saħta*" (Proverbji 28:9).

Billi jimxi skond il-liġijiet tan-natura bidwi jista' jaħsad il-frott li jkun ħawwel. Il-liġi tan-natura biex taħsad hija din: Qalleb il-ħamrija, ippreparaha għaż-żriegħ, ħawwel iż-żerriegħa u kkultiva l-wiċċ tar-raba. Suppost bidwi jkun irid li Alla jagħtih ħsad mingħajr ma jobdi din il-liġi, huwa u jitlob lil Alla għall-ħsad indipendenti mill-kondizzjonijiet stabbiliti. Taħ-

seb int li Alla se jagħtih dan il-ħsad? Le! Mhux biss talba bħal din ma tiġix milqugħa, imma din attwalment tkun saħta. Jekk huwa jrid il-ħsad, ħalli jobdi l-liġi. Naturalment, wieħed għandu jitlob, ukoll,---"Ħobżna ta' kuljum agħtina llum"—għaliex hu jista' jaqbel mal-kondizzjonijiet biex jakkwista l-ħsad u ma jiksbux.

(3) Għandu Alla liġi ta' maħfra? Jekk Alla għandu liġi ta' maħfra li biha bniedem ikun jista' joqgħod għaliha u jsalva, ikun agħar li titlob lil Alla biex isalva bniedem qabel ma dan ikun jaqbel ma din il-liġi milli tkun qiegħed titlob għalxejn. Dan ikun saħta (Proverbji 28:9). Talba bħal din tkun l-istess bħallikieku titlob lil Alla biex iwarrab fil-ġenb il-liġi Tiegħu u jinjora l-patt Tiegħu biex jobdi r-rieda tal-bniedem. Alla għandu liġi ta' maħfra għall-frustieri; din tordna li huma jemmnu (Lhud 11:6), jindmu minn dnubiethom (Luqa 13:3), jistqarru fidi fi Kristu bħala l-Iben ta' Alla (Mattew 10:32; Atti 8:37), u jitgħammdu għall-maħfra tad-dnub-iethom jew li dnubiethom jiġu maħsula (Atti 2:38; 22:16). Is-sistema reliġjuża ta' talb għall-frustieri ma tgħidx lill-midneb il-kondizzjonijiet tas-salvazzjoni u ġġiegħelu jobdihom; din iġġiegħel lill-penitent dgħajjef biex jersaq lejn din is-sistema waqt li hu jkun għadu kontra l-liġi ta' Alla għall-maħfra u jitlob li Alla jsalvah fid-diżubbidjenza tiegħu lejn il-liġi ta' Alla. Talba bħal din hija l-istess bħallikieku qiegħed igħid: "O Alla, mhux ir-rieda Tiegħek issir, imma r-rieda tiegħi." Kemm hija kontra l-Iskrittura u assurda! Aħna ma nistgħaġbux li nsibu li ma hemm ebda eżempju fl-Iskrittura ta' xi frustier li qatt kellu dnubietu maħfura permezz tat-talb. Frustiera midinbin, li jridu jafu x'għandhom jagħmlu biex isal-vaw, ma ġewx mistiedna għal din is-sistema. (Ara Kapitlu XIV ħalli tkun taf x'qalulhom biex jagħmlu).

3. *Xi ngħidu dwar it-talba ta' Ġesù għall-midinbin?*

(1) Waqt li Ġesù kien qiegħed imut fuq is-salib Hu bi kliem sabiħ talab, "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu" (Luqa 23:34). Ġesù dejjem għamel ir-rieda tal-Missier; b'hekk aħna ċerti li Hu ma talabx lil Alla biex isalva lil dawn il-midinbin f'diżubbidjenza għal liġi divina. Osserva, għalhekk, li Ġesù, ma qalx, "Missier, aħfrilhom issa, issa stess, dan il-mument." Aħna nafu li Ġesù ma talabx għalihom biex isal-vaw dak il-ħin, għaliex it-talba ma kinetx imwieġba dak il-ħin.

(2) Meta t-talba ġiet imwieġba? Fil-jum ta' Pentekoste, ħamsin jum wara li din kienet mitluba, din kienet għad mhix imwieġba. Hawn hija l-prova: Meta Alla jaħfer id-dnubiet, Hu ma jiftakarhomx aktar (Lhud 10: 17). Alla ma jaħfirx dnub u wara jġibu kontra l-bniedem. Fil-jum ta' Pen-tekoste Pietru akkuża lil dawn in-nies bil-qtil ta' Kristu, billi qal, "Mela ħa jkun jaf bi żgur il-poplu kollu ta' Iżrael li lil dan Ġesù, li intom sallabtuh"

(Atti 2:36). Il-fatt li din l-akkuża ġiet miġjuba kontrihom hija prova li huma ma kinux ġew minsija: kieku ġew minsija, Alla ma kienx jiftakar aktar dik l-akkuża kontrihom għal dejjem. F'dak il-jum, iżda, hu-ma emmnu b'riżultat tas-smigħ ta' l-Evanġelju u riedu jkunu jafu *x'għan-dhom jagħmlu*. Pietru qalilhom biex jindmu u jitgħammdu għall-maħfra ta' dnubiethom (Atti 2:38). Tlitt elef ruħ għamlu dan u l-Mulej żiedhom fil-knisja Tiegħu (Atti 2:41, 47). Huma kienu mbagħad salvi b'ubbidjenza għal liġi tal-maħfra, u t-talba ta' Ġesù ġiet imwieġba.

B'daqqa t'għajn lejn il-fatti ta' hawn fuq, huwa ċar li Alla ma jwieġebx għat-talb tagħna li jkun favur il-midinbin qabel ma huma jobdu l-liġi tal-maħfra. Kemm hi qawwija u grazzjuża t-talba Skritturali! Imma kemm hi għalxejn u fiergħa kull talba li topponi r-rieda ta' Alla!

# RAĠUNI XIX

## GĦALIEX HIJA TGĦALLEM U TAMMINISTRA MAGĦMUDIJA SKRITTURALI

### I. INTRODUZZJONI

Il-fatt li ebda persuna ma tista' tkun membru ta' xi knisja ħlief il-Kwejkers u x-Xjentisti Kristjani mingħajr ma toqgħod għall-ħaġa li hija msejħa mgħmudija huwa prova li l-bnedmin iqisu s-suġġett importanti. Għal din ir-raġuni u għal raġunijiet Skritturali, aħna għandna nagħtu dan is-suġġett konsiderazzjoni sinċiera. Il-kittieba ta' l-Iskritturta hekk għamlu u aħna hekk għandna nagħmlu wkoll. Sfortunatament, illum, xi denominazzjonijiet qegħdin igħallmu li l-magħmudija mhix prerekwizit għas-salvazzjoni, imma dan hu żball fatali. Hija waħda mill-ħafna raġunijiet tiegħi li jiena nkun membru fil-knisja ta' Kristu; għaliex jiena bil-jedd nitlob li jiena membru tal-knisja Skritturali, il-knisja li qed tgħallem l-Iskrittura, u t-tagħlim kollu ta' Alla, f'kull ħaġa mniżżla ta' dottrina u qima.

### II. LIL MIN AĦNA NISTGĦU NGĦAMMDU?

It-tweġiba hija suġġett Skritturali, dawk imsemmija fl-Iskrittura. Aħna sejrin nagħmluhom f'lista:

1. *Persuni mgħallma*:

   "*Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu…*" (Mattew 28:19).

2. *Persuni li jkunu jemmnu*:

   "*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat*" (Mark 16:16).

3. *Persuni li jkunu nidmu*:

   "*U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom…*" (Atti 2:38).

4. *Persuni li stqarrew lil Ġesù bħala l-Iben ta' Alla*. L-ewnuku, qabel ma ġie mgħammed, stqarr: "Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla " (Atti 8:37). (1) Din l-istqarrija għandha tiġi magħmula quddiem innies (Mattew 10:32). (2) Għandha tiġi magħmula bil-fomm (Rumani 10:10); din teskludi li tagħmel l-istqarrija permezz ta' ffirmar ta' xi biljett, jew billi t'għolli jdejk meta kull min ikun qiegħed fl-udjenza, barra mill-predikatur, ikollu rasu baxxuta.

L-Iskritturi ta' hawn fuq huma tifsira u wiri sewwa li jpoġġu t-tagħlim, twemmin, indiema u l-istqarrija li Kristu Hu l-Iben ta' Alla *qabel* il-magħmudija. Dawk li jgħammdu t-trabi kompletament qalbu l-ordni divina, u qegħdin igħidu, "Għammduhom issa u ħalluhom jitgħallmu, jemmnu, jindmu u jistqarru meta huma jikbru." Ma hemm l-ebda triq għall-bniedem fid-dinja li jgħammed lit-trabi mingħajr ma jkun qiegħed jaqleb l-arranġament divin u jħassar il-kelma ta' Alla; għaliex it-tagħlim, fidi, indiema u stqarrija jinħtieġu *qabel* il-magħmudija skritturali.

Inħossni nifraħ li nenfasizza dawn l-Iskritturi dwar il-fatt li ħuti kienu u għadna niġu akkużati li nemmnu f'salvazzjoni ta' l-ilma. Aħna nemmnu l-Bibbja u dan il-Bibbja ma tgħallmux! Hija tgħallem li tagħlim, fidi, indiema u stqarrija għandhom jiġu *qabel* il-magħmudija sabiex din tkun skritturali u effettiva; jekk ma tkunx Skritturali ma tkun magħmudija xejn quddiem Alla. Li tiġi akkużat li temmen f'salvazzjoni ta' l-ilma hija ħaġa stramba meta tħares lejn il-fatt li ħafna li jagħmlu l-akkuża jipprattikawha huma stess. Eżempju, jekk tibxix ta' l-ilma fuq tarbija jberikha, x'barka hija din? La kien hemm tagħlim, fidi, indiema, u laqnas stqarrija; allura jekk hija rċeviet xi barka minn din, kien l-ilma u l-ilma biss li berikha! Issa dik hija barka ta' l-ilma jew salvazzjoni; ħafna jemmnu fiha, imma aħna le. Dan tassew huwa mezz li jkollok aktar membri, iżda huwa veru wkoll li huma jiġu permezz tal-ġenerazzjoni minflok permezz ta' ħolqien mill-ġdid (riġenerazzjoni).

## III. X'TEĦTIEĠ IL-MAGĦMUDIJA

Tibxix, li tferragħ l-ilma fuq ir-ras, jew immersjoni? Ħaġa ċara hija li mhux it-tlieta, imma waħda minnhom. Imma liema waħda? Il-kelma "magħmudija" hija kelma li turi għemil, u dan jesprimi azzjoni waħda speċifikata minflok ħafna azzjonijiet li ma jaqblux. Għalhekk, il-Bibbja qatt ma titkellem dwar għamla ta' magħmudija. L-uniku mod li aħna nistgħu niddeskrivu dan huwa li l-kelma "titgħammed" hija att wieħed speċifiku u jgħid eżattament x'għandu jsir. Tibxix, li tferragħ l-ilma fuq ir-ras, u immersjoni, kull waħda, hija att wieħed distint u speċifikat. Jekk il-kelma "tgħammed" tfisser tibxix, allura din ma tfissrix li tferragħ l-ilma fuq ir-ras u immersjoni; jekk din tfisser li tferragħ l-ilma fuq ir-ras, allura din ma tifissirx tibxix u immersjoni; jekk tfisser immersjoni allura din ma tifssirx tibxix jew li tferragħ l-ilma fuq ir-ras. Jekk il-kelma "tgħammed" ma tfissirx att wieħed speċifikat—imma tfisser tibxix, li tferragħ l-ilma fuq ir-ras, u immersjoni, it-tlieta flimkien—allura l-ebda persuna ma tista' tkun mgħammda sakemm hija tkun għamlithom it-tlieta. Ebda persuna ma temmen li tfisser hekk. Azzjoni waħda biss tista' tkun tajba—hija tibxix, li tferragħ l-ilma fuq ir-ras, jew immersjoni? Billi nistudjaw l-Isk-ritturi li

jmissu mas-suġġett, kif huma mogħtija fl-ispjegazzjoni li ġejja, int faċilment tkun tista' tiddeċiedi għalik innifsek liema waħda hi.

## DAK LI TITLOB KULL WAĦDA

| MAGĦMUDIJA | IMMERSJONI | TIBXIX | TFERRAGĦ |
|---|---|---|---|
| Ilma (Atti 8:36) | Iva | Iva | Iva |
| Ħafna ilma (Ġwanni 3:36) | Iva | Le | Le |
| Li tmur fejn hemm l-ilma (Atti 8:36) | Iva | Le | Le |
| Li tinżel fl-ilma (Atti 8:38) | Iva | Le | Le |
| Lit-tnejn, dak li jgħammed U dak li jkun se jitgħammed jinżlu fl-ilma (Atti 8: 38-39) | Iva | Le | Le |
| Difna (Rumani 6:4; Kolossin 2:12) | Iva | Le | Le |
| Twelid (Ġwanni 3:5) | Iva | Le | Le |
| Ġisem maħsul (Lhud 10:22) | Iva | Le | Le |
| Tlugħ mill-ilma (Atti 8:39; Mattew 3:16) | Iva | Le | Le |
| Talba lil Alla ħierġa minn Kuxjenza safja bis-saħħa tal-Qawmien ta' Ġesù Kristu (1 Pietru 3:21) | Iva | Le | Le |

Kull bniedem li jbexxex jew iferragħ l-ilma għall-magħmudija irid fl-aħħar jum iħabbat wiċċu ma' l-Iskritturi msemmija hawn fuq. Aħna nkunu ġġudikati bihom u bl-oħrajn kollha. "…il-kelma li jiena għedt, *tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (Ġwanni 12:48). "U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll ktieb ieħor, dak tal-ħajja" (Rivelazzjoni 20:12).

Ma hemmx tisbir billi tkun tista' ssib il-kelma "tibxix" fil-Bibbja, għaliex din qatt ma hija wżata b'konnessjoni mal-magħmudija: (1) "U jiena nbexx ilma nadif fuqhekk, u int tindaf; mill-ħmieġ kollu tiegħek, u mill-idoli kollha tiegħek, jien innaddfek" (Eżekjel 36:25). Dan kien ipprattikat

taħt il-liġi ta' Mosè, u f'Numri 19:1-10 aħna għandna mniżżel dwar il-preparazzjoni ta' l-ilmijiet li jnaddfu jew jippurifikaw. Dan kien jikkonsisti fl-irmied ta' għoġla ħamra, il-ġilda tagħha, il-laħam, demm, id-demel tagħha, u njam taċ-ċedru, u xitla tal-ħissop skarlat.

## IV. IX-XHIEDA TA' OĦRAJN

1. *Martin Luther*: "Magħmudija hija kelma Griega, u tfisser immersjoni, bħal meta aħna ngħoddsu xi ħaġa fl-ilma, li din tkun kollha mgħottija."

2. *John Calvin*: "Il-kelma tgħammed tfisser li togħdos, u huwa ċert li l-immersjoni kienet il-prattika tal-knisja l-antika."

3. *John Wesley*: "Indfinna miegħu—talludi għall-manjiera antika li tgħammed permezz ta' l-immersjoni" (Noti ta' Wesley fuq Rumani 6:4).

4. *Lyman Coleman*: "Is-sinifikat primarju ta' l-oriġinal huwa li togħdos, tgħaddas, tniżżel fl-ilma; it-tifsira, ċara tan-nom hija immersjoni."

5. *Enċiklopedija ta' Edinburgh*: "Fi żmien ta' l-appostli l-forma tal-magħmudija kienet sempliċi ħafna. Il-persuna li kienet sejra titgħammed kienet tiġi mgħaddsa fix-xmara jew f'xi reċipjet."

6. *Luddell u Scott*: "Baptizo: li togħdos għal bosta drabi, immersjoni, li tniżżel taħt l-ilma."

7. *Il-Knisja Kattolika Griega* tixhed illi immersjoni kienet il-prattika oriġinali, u tkompli tipprattika l-l-immersjoni.

8. *Il-Knisja Kattolika Rumana* tammett li l-immersjoni kienet il-pratti-ka oriġinali. Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika jgħid hekk: "Il-Magħmu-dija, li s-sinjal sħiħ u oriġinali tagħha hi l-immersjoni, tfisser b'mod l-aktar effikaċi l-inżul fil-qabar flimkien ma' Kristu tan-nisrani, mejjet għad-dnub, lejn ħajja ġdida. "Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-Magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (Rum. 6:4; ara Kol. 2:12; Ef. 5:26)" [628].

Ukoll inkomplu naqraw: "Is-sagrament jissejjaħ Magħmudija miċ-ċerimonja ċentrali tar-rit li bih iseħħ: tgħammed ("baptizein" bil-Grieg, "baptizare" bil-Latin) tfisser "tgħaddas", "iddaħħal fl-ilma"; "tgħaddas" fl-ilma hu simbolu tad-dfin fil-mewt ta' Kristu tal-katekumenu, li mill-ilma joħroġ permezz tal-qawmien ma' Kristu (ara Rum. 6:3-4; Kol. 2:12) bħala "ħolqien ġdid" (2 Kor. 5:7; Gal. 6:15) [1214].

9. *Il-Knisja ta' l-Ingilterra* tammetti li l-immersjoni kienet il-prattika oriġinali.

10. *Thayer*: "Baptizo" li tgħaddas ripetutament, li tniżżel taħt l-ilma, immersjoni.

11. *Il-Knisja Metodista* tapprova l-immersjoni u tgħaddas lil dawk li jkunu jridu hekk.

12. *Dizzjunarju ta' Webster*; "Li tgħaddas, jew togħdos fl-ilma, jew li tbixx jew tferragħ l-ilma fuq." Ma hemm ebda sorpriża dwar dan, għaliex hija l-funzjoni tad-dizzjunarju li jagħti spjega tal-kliem użat illum. Il-kelma għandha tliet tifsiriet illum minħabba l-użu tagħha, u jekk in-nies jibdew ipoġġu saqajhom fl-ilma u dan isejħulu magħmudija, id-dizzjunarju jibda jagħti dan bħala waħda mit-tifsiriet, ukoll.

## V. L-ORIĠINI TA' MAGĦMUDIJA MHUX SKOND L-ISKRITTURA

1. *L-ewwel każ irreġistrat ta' magħmudija permezz tat-tibxix* huwa dak ta' Novation, 251 W.K., li rċieva din hekk kif kien fis-sodda. Għal l-ewwel kienet eċċezzjoni għar-regola, billi kienet biss amministrata lill-morda biss, iżda fl-aħħar l-eċċezzjoni saret il-prattika aċċettata.

2. *Isma' x-xhieda ta' Karl Hefele*, isqof għaref tal-Knisja Kattolika Rumana: "Il-knisja minn dejjem kienet tistma lill-morda, u għal dik ir-raġuni hija introduċiet il-magħmudija klinika"—*History of Church Councils*, paġna 153. Kienet imsejħa magħmudija "klinika" għaliex din kienet amministrata lill-morda. Il-Knisja Kattolika ma tippretendix awtorità skritturali għat-tibxix ta' l-ilma, iżda tammetti li kienet hi li introduċietha.

3. Tibxix għall-magħmudija, madankollu, *ma kienx legalizzat mill-Knisja Kattolika qabel is-sena 1311 W.K.* Issa aħna nikkwotaw: "Il-Konċilju jew Sindou ta' Ravena, 1311, illegalizza l-magħmudija tat-tibxix, iżda l-prattika tal-magħmudija 'klinika' jew ta' ma' ġenb is-sodda kienet tant ilha tintuża u kienet tferrxet mill-kamra tas-sodda, tal-mard għall-knejjes"—"*Johnson's Universal Cyclopedia*, Vol. 1, paġna 488.

Il-fatti li rajna fuq mhumniex miċħuda minn persuni nfurmati, Kattoliċi jew Protestanti. Dawk li jipprattikaw it-tibxix għall-magħmudija m'għandhomx awtorità għola mill-Knisja Kattolika Rumana. Il-Kattoliċi jippretendu li l-knisja tagħhom għandha l-awtorità biex tibdel it-testment ta' Alla u tissostitwixxi t-tibxix għall-magħmudija. Jiena dan ma nemmnux! Jiena nsostni li la l-Knisja Kattolika u l-anqas kull knisja oħra m'għandha l-awtorità li tbiddel it-testment ta' Alla f'xi suġġett. Sidna Ġesù Kristu jgħid li: "*Lili ngħatat kull setgħa (awtorità) fis-sema **u fl-art***" (Mattew 28:18). Ħadd, la fis-sema u aktar u aktar fuq l-art m'għandu xi setgħa jew awtorità li jbiddel xi ħaġa mill-Kelma ta' Alla! (Galatin 1:6-9).

## VI. GĦALIEX TKUN MGĦAMMED

Din il-mistoqsija ta' spiss jistaqsuha. Jistħoqqilha eżami bil-għaqal u konsiderazzjoni bil-qima kollha. Il-fatt illi l-magħmudija hija msemmija u rriferuta għal aktar minn mitt darba fit-Testment il-Ġdid huwa prova tal-prominenza tagħha fir-reliġjon Kristjana. Ebda suġġett ma jista' jkun diskuss hekk ta' spiss u jkun ta' materja ta' indifferenza.

Il-bniedem mhuwiex it-tribunal xieraq biex jiddeċiedi l-mistoqsija. Aħna għandna nieħdu l-mistoqsija għall-Bibbja u hemm infittxu t-tweġiba tagħha, u dawk kollha li jixtiequ jkunu ggwidati mill-Mulej għandhom ikunu sodisfatti b'dak li tgħid il-Bibbja Mqaddsa dwar dan is-suġġett. Ħalli naraw xi raġunijiet li jinsabu fil-Kelma ta' Alla, il-Bibbja Mqaddsa.

1. Kristu ma kellux dnubiet u Miegħu kellu jitwettaq kull ħaqq (Mattew 3:15).
2. Il-magħmudija hija kkmandata (Mattew 28:19; Atti 10:48).
3. Il-magħmudija hija tweġiba ta' kuxjenza safja (1 Pietru 3:20, 21).
4. Permezz tal-magħmudija wieħed jista' jifraħ (Atti 8:39; 16:33, 34).
5. Bil-magħmudija persuna ssir fi Kristu, tilbes 'il Kristu (Galatin 3:27).
6. Permezz tal-magħmudija persuna ssir ħaġa waħda fil-mewt ta' Kristu (Rumani 6:3).
7. Permezz tal-magħmudija persuna tqum mill-mewt ma' Kristu (Kolossin 2:12).
8. Permezz tal-magħmudija persuna timxi f'ħajja ġdida (Rumani 6:4)
9. Permezz tal-magħmudija persuna tidħol fis-saltna ta' Alla (Ġwanni 3:5).
10. Permezz tal-magħmudija persuna tinħasel minn dnubietha (Atti 22:16).
11. Permezz tal-magħmudija persuna ssalva (Mark 16:16; 1 Pietru 3:21).
12. Permezz tal-magħmudija persuna ma ġġibx fix-xejn il-pjan ta' Alla (Luqa 7:30).
13. Permezz tal-magħmudija persuna tikseb il-maħfra ta' dnubietha (Atti 2:38).
14. Permezz tal-magħmudija persuna tkun *obdiet* l-ordni ta' Sidna Ġesù Kristu (Mark 16:16; Mattew 28:19).

Xi wħud, li jippruvaw jevadu l-essenzjalità tal-magħmudija, isostnu li l-kelma Griega "eis" f'dan il-passaġġ li kienet tradotta "għal" jew "ġo" ġiet tradotta ħażin, uli għandha tkun tfisser "minħabba fi." Din tagħmilha li tgħallem indiema u magħmudija minħabba l-maħfra tad-dnubiet u mhux għall-maħfra tad-dnubiet. Aħna sejrin nagħtuk il-passaġġi b'erbgħa u għoxrin traduzzjoni differenti biex inti jkollok il-verdett tal-verżjonijiet. Sabiex nirbħu l-ispazju aħna sejrin inneħħu l-kliem kollu li mhuwiex meħtieġ biex nuru t-tifsira tal-kelma Griega "eis," imma jekk int ikollok xi dubju dwar xi vers jew versi, aħna nħeġġuk li taqra l-kapitlu kollu jekk tkun tixtieq.

Verżjoni tal-Bibbja:

(1) Re Ġakbu: "Indmu u tgħammdu…għall-maħfra tad-dnubiet."

(2) American Standard Version: "Indmu intom, u tgħammdu…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(3) Enfasi ta' Rotherham" "Imma Pietru (qal) għalihom: Indmu intom! U kunu mgħaddsa…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(4) Kliem modern: "'Indmu,' wieġeb Pietru, 'u tgħammdu…bil-ħsieb għall-maħfra ta' dnubietkom."

(5) Ingliż modern: "Ibdlu ħsiebkom u tgħammdu…għall-ħelsien ta' dnubietkom."

(6) Seklu Għoxrin: "'Indmu,' wieġeb Pietru 'u tgħammdu għall-maħfra ta' dnubietkom."

(7) Anderson: "Indmu, u kunu mgħaddsa…sabiex b'hekk jinħafrulkom dnubietkom."

(8) Orkali Ħajja: "Irriformaw, u kunu kull wieħed minnkom mgħaddsa fl-isem ta' Ġesù Kristu sabiex b'hekk jinħafrulkom dnubietkom."

(9) Traduzzjoni ta' R. A. Knox (Kattoliku, proprjetà letterarja, 1944, minn Sheed u Ward, In.): "Indmu, qalilhom Pietru, u tgħammdu …biex ikollkom dnubietkom maħfura."

(10) Traduzzjoni Ċentenarja tat-Testment il-Ġdid; minn Helen Barrett Montgomery (Ippubblikat mis-soċjetà Battista tal-Pubblikazzjoni Amerikana): "'Indmu,' wieġeb Pietru, 'u tgħammdu…għall-maħfra ta' dnubietkom.'"

(11) It-Testment il-Ġdid ta' Riverside, minn William G. Ballantine: "Pietru qalilhom: 'Indmu u tgħammdu…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(12) Traduzzjoni ta' William Tyndale, 1534: "Pietru qalilhom: Indmu u tgħammdu…għall-maħfra tad-dnubiet."

(13) Traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid, minn George Campbell, James Macknight, u Philip Doddridge, 1828 (Knisja ta' Skozzja): "U

Pietru qalilhom, irriformaw u kunu kull wieħed mgħaddas.. sabiex tirċievu l-maħfra ta' dnubietkom."

(14) Verżjoni Riveduta Ingliża, 1881: "U Pietru qalilhom, Indmu intom, u tgħammdu…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(15) Traduzzjoni ta' l-Għaqda Amerikana tal-Bibbja (1869): "Indmu, u kunu kull wieħed minnkom mgħaddas…għall-maħfra tad-dnubiet."

(16) Bibbja Moderna għall-Qarrejja (Moulton): "Indmu u tgħammdu, kull wieħed minnkom…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(17) Djalogu Qawwi: "Irriformaw u kunu mgħaddsa…għall-maħfra tad-dnubiet."

(18) Traduzzjoni ta' Moffat: "'Indmu,' qal Pietru, 'Ħalli kull wieħed minnkom jitgħammed…għall-maħfra tad-dnubiet."

(19) Traduzzjoni ta' Goodspeed: "Intom għandkom tindmu, u kull wieħed minnkom jitgħammed…sabiex ikollu dnubietu maħfura."

(20) Diskors Modern ta' Weymouth (Reviżjoni ta' Robertson): "'Indmu,' wieġeb Pietru, 'u kunu mgħammda…għall-maħfra tad-dnubiet."

(21) Verżjoni Syriac: "Indmu u tgħammdu…għall-maħfra tad-dnubiet."

(22) Traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid ta' Warrell (Mill-istamperija tas-Soċjetà tal-Pubblikazzjoni Battista Amerikana): "U Pietru qalilhom, 'Indmu, u kunu mgħaddsa…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(23) Verżjoni ta' Douay (Kattoliku): "Għamlu penitenza, u tgħammdu, kull wieħed minnkom…għall-maħfra ta' dnubietkom."

(24) Traduzzjoni tat-Testment il-Ġdid ta' Wycliff (tradotta fis-sena 1308 u hija l-aktar traduzzjoni Ingliża antika: "U Pietru qalilhom, Agħmlu intom penitenza, u kull wieħed minnkom jitgħammed fl-isem ta' Ġesù Kristu, għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu."

B'hekk, dak li jgħid li Atti 2:38 igħallem li l-magħmudija hija "minħabba" (għaliex diġa' ksibna) l-maħfra tad-dnubiet huwa f'differenza mat-tagħlim tad-dinja, u aktar minn hekk, huwa f'differenza ma' l-Ispirtu s-Santu!

Il-bnedmin igħidu li l-magħmudija hija biss dover (jew dmir) Kristjan, imma din mhix dover Kristjan. Id-doveri Kristjani huma rripetuti ta' spiss. Huwa dover Kristjan li tkanta, imma aħna ma nistgħux inkunu mserrħa minn dan id-dmir billi nkantaw għanja waħda f'ħajjtina. Huwa dover Kristjan ukoll li titlob, imma talba waħda f'ħajjitna ma teħlisniex mir-responsabbiltà. Id-doveri Kristjani kollha jridu jsiru u jerġgħu jsiru. Għall-predikaturi li jippriedkaw li l-magħmudija hija dover Kristjan li għandu jkun ta' spiss, huma jridu jgħammdu l-membri kollha tagħhom mill-inqas

ta' kull ġimgħa jew tnejn. Il-fatt li l-magħmudija hija kmand sabiex ikun obdut darba biss f'ħajjitna huwa prova li din mhix dover Kristjan, imma aktar prova li hija kmand li għandu jkun obdut sabiex issir Kristjan jew salv. Meta jkun obdut *skond l-Iskrittura*, dak il-kmand ikun wara persuna għal dejjem.

# RAĠUNI XX

## GĦALIEX HIJATGĦALLEM LI L-KRISTJAN JISTA' JIDNEB UKOLL LI JINTILEF GĦAL L-ETERNITÀ

### I. INTRODUZZJONI

Id-duttrina li Kristjan bħala iben ta' Alla ma jistax hekk jidneb li jintilef għal l-eternità mhix duttrina ġdida għal kollox. Din ukoll fil-Bibbja hija msemmija. Din kienet ippridkata fi żmien ilu, ilu ħafna mis-serpent fil-Ġnien ta' Għeden; hu huwa l-awtur tagħha u għal l-ewwel darba ippridkata lil Adam u Eva. Alla qal illi fil-jum li huma jieklu mill-frotta pprojbita huma jmutu. B'kontradizzjoni, is-serpent makakk qal, "Intom żgur ma tmutux" (Ġenesi 3:4). Fil-lingwa kurrenti, hu kien qiegħed igħid, "Int ma tkunx ikkundannata għaliex huwa impossibbli għalik li taqa' u tin-tilef." Imma aħna għandna l-Kelma ta' Alla, it-tbatijiet tal-bniedem, u monumenti ta' l-irħam bil-ħala li jixhdu xort'oħra. Satana nkoraġġixxa l-waqa' billi ppriedka l-impossibbiltà ta' apostasija. Xi twiddiba! Għal din ir-raġuni u ħafna oħrajn, jiena qatt ma nista' nżomm il-ħsieb li jkolli sehem f'sistema reliġjuża li tgħallem din id-duttrina.

### II. IL-BIBBJA TGĦALLEM ILLI KRISTJAN JISTA' JAQA' U JINTILEF

1. *Hemm ħwejjeġ għall-Kristjan biex jagħmel u jżomm sabiex b'hekk hu ma jaqax*: "Għalhekk, ħuti, b'ħeġġa akbar għandkom tfittxu li ssaħħu s-sejħa u l-għażla tagħkom; għax, jekk tagħmlu dawn il-ħwejjeġ, ma tit-fixklu qatt" (2 Pietru 1:10) jew taqgħu. Xi ħwejjeġ? Il-ħwejjeġ imsemmija fil-ħames versi ta' qabel. Dan bla dubju jimplika, mela, li jekk wieħed ma jagħmilx dawn il-ħwejjeġ jaqa'. Il-Kristjan huwa kkmandat biex jagħti attenzjoni u b'ħeġġa akbar ifittex li jsaħħaħ is-sejħa u l-għażla tiegħu fiż-żgur. B'hekk is-sejħa u l-għażla tal-Kristjan hija ċertament mhux fiż-żgur għaliex kieku kmand bħal dan ma kienx jiġi mqiegħed fuqu.

2. *Il-Kristjani ta' Korintu kienu mwiddba biex joqgħodu attenti li ma jaqgħux*: "Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax" (1 Korintin 10:12). Jekk wieħed ma jistax jaqa', għaliex dan il-kmand kien mogħti? Jekk int tkun taf li huwa impossibbli li raġel fuq bini jista' jaqa', int ma tmurx tiġri fuq u tgħajjat, "Oqgħod attent, ħija, li ma taqax!" Lanqas ma l-Ispirtu s-Santu ma joħroġ twissija bħal din li kieku huwa impossibbli għall-Kristjan li jaqa'.

3. *L-appostlu Pawlu kien jaf li kien possibbli għalih li jkun miċħud*. Pawlu qal, "Imma ngħakkes il-ġismi, u njassru: biex ma jiġrix li, wara li nkun xandart lill-oħrajn, jien stess inkun imwarrab" (1 Korintin 9:27).

Pawlu kien jaf li kien possibbli għalih li jintilef; u biex ma jħallix dan li jiġri, hu għakkes il-ġismu. Kemm hu differenti l-kliem ispirat minn dak ta' l-għalliema moderni!

4. *Kristjan jista' jieqaf milli jkompli jemmen*u meta jagħmel dan hu jibda jaqa': "Ħuti, araw li f'ebda wieħed minnkom ma jkun hemm qalb imħassra bin-nuqqas ta' twemmin li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj" (Lhud 3:12). Jista' kliem ikun aktar ċar minn dan?

5. *Il-Galatin kienu mgħallma li Kristjan jista' jaqa' mill-grazzja*. "Intom li tfittxu l-ġustifikazzjoni fil-liġi intom maqtugħa minn Kristu; intom waqajtu mill-grazzja" (Galatin 5:4). Billi ppruvaw li jkunu ġġustifikati permezz tal-liġi ta' Mosè huma saru ħatja ta' apostasija kompluta. Mhux biss huwa possibbli għall-Kristjan li jaqa', imma f'dan l-eżempju dan ġara tassew, ukoll għalkemm il-bnedmin igħidu li huwa impossibbli. Innota (1) Il-bniedem hu salvat permezz tal-grazzja (Efesin 2:8). (2) Kristjan jista' jaqa' mill-grazzja (Galatin 5:4). (3) Għalhekk, Kristjan jista' jintilef.

6. Kristjan jista' jidneb b'tali mod li jintilef għal l-eternità, għaliex *hu jista' jidneb b'tali mod li jkun f'kondizzjoni agħar minn dik li kien fiha qabel ma sar Kristjan*: "Għax jekk, wara li ħelsu mill-ħażen tad-dinja bis-saħħa ta' l-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, reġgħu tħabblu fih u ġew mirbuħin minnu, xortihom ta' l-aħħar sa tkunilhom agħar minn ta' l-ewwel. Kien ikun aħjar għalihom li ma għarfu qatt it-triq tas-sewwa milli, wara li għarfuha, reġgħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom. Ġralhom kif igħid sewwa l-proverbju: 'Il-kelb idur għall-vomtu tiegħu,' u 'Il-ħażnira l-maħsula titmiegħek fit-tajn" (2 Pietru 2:20-22). (1) Huma kienu ħelsu mill-ħmieġ tad-dinja. (2) Huma reġgħu kienu tħabblu f'dan u kienu megħluba. (3) L-aħħar stat huwa agħar mill-ewwel wieħed. Jekk dan mhuwiex prova li Kristjan jista' jidneb b'tali mod li jintilef għal l-eternità, allura għaliex l-aħħar stat huwa agħar minn ta' l-ewwel? Jista' l-aħħar stat ikun agħar minn ta' l-ewwel jekk il-persuna tmur fis-Smewwiet?

7. *Il-parabbola taż-żerriegħa* bil-qawwa kollha tikkonfuta d-duttrina ta' l-impossibbiltà ta' apostasija (Mattew 13:3-8, 18-23; Luqa 8:4-15). Iż-żerriegħa fil-parabbola hija l-Kelma ta' Alla (Luqa 8:11). Dak li jiżra' huwa l-predikatur jew l-għalliem ta' l-Evanġelju (1 Korintin 3:6). Il-ħamrija hija l-qalb tal-bniedem (Luqa 8:15). Is-semmiegħ tal-ġenb ma sarx Kristjan. L-art kollha blat tirrappreżenta lil dawk li aċċettaw il-Kelma iżda tbielu minħabba t-tribulazzjoni jew persekuzzjoni u t-tentazzjoni (Mattew 13:20-21; Luqa 8:13). Huma *saru* Kristjani imma naqsu li jipproduċu l-frott. Is-sehem appuntat tagħhom huwa mniżżel f'Mattew 7:19: "Kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxeħet fin-nar." L-art kollha

xewk tirrappreżenta lil dawk li *saru* Kristjani imma kienu fgati bil-ħsibijiet tad-dinja, il-qerq tal-ġid, jew il-pjaċiri ta' din il-ħajja u saru ħawli, li ma jipproduċux frott (Mattew 13:22; Luqa 8:14). Huma aċċettaw il-Kelma u wara waqgħu. Il-parabbola hija twissija ħarxa għall-Kristjani li huma jistgħu jaqgħu u jintilfu.

8. *Il-parabbola tad-dielja u l-friegħi* hija aktar prova li fergħa fid-dielja, Kristjan, tista' tinħaraq: "Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha: u kull waħda li tagħmel il-frott jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar…Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef, imbagħad, friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixtħuhom fin-nar u jinħarqu" (Ġwanni 15:2-6). "Kull fergħa fija" tiddikjara l-Kristu. "Fija!" Mhux imwaħħla ma'; iżda tassew *ġewwa fija*, Kristu. L-argument, "Jekk wieħed jaqa' dan qatt ma kien *fi* Kristu," huwa magħruf bħala kliem fil-vojt meta tħares lejh fid-dawl ta' dan it-tagħlim mill-Mulej tagħna Ġesù Kristu Nnifsu! Hekk il-frażi qasira "fija" teqred wieħed mill-argumenti favoriti tal-predikaturi tat-tagħlim falz ta' "darba salv dejjem salv," u tirranġa l-polemika jekk il-fergħa l-mitlufa kinetx jew ma kinetx fi Kristu. X'jiġrilha l-fergħa li ma tagħtix frott? "Hu jaqtagħha." Imbagħad x'jiġri? Wara li tinxef tinxteħet fin-nar. U "n-nar" huwa "n-nar ta' l-infern" (Mattew 5:22).

9. Aħna nitgħallmu mill-*parabbola tat-talenti* li qaddej tal-Mulej jista' jintilef (Mattew 25:14-30): (1) Il-persuni li huma kkunsidrati huma l-qaddejja tal-Mulej stess. (2) Tnejn kienu fidili u kienu mbierka; wieħed bla profitt, ħażin u għażżien, u l-Mulej ikkmanda li dan jiġi mitfugħ il-barra fid-dlam fejn hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien. (3) Għalhekk, wieħed mill-qaddejja tal-Mulej kien jista' jintilef għal l-eternità.

10. *Ġesù qal li Hu kien sejjer jiġbor ċerti wħud barra mis-saltna Tiegħu u jixħethom fil-ħuġġieġa tan-nar*: "Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-saltna tiegħu kull ma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen, u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien" (Mattew 13:41-42). Iċ-ċittadini tas-saltna ta' Kristu, kreaturi mwielda mill-ġdid, ulied Alla, li jġibu tfixkil u jagħmlu l-ħażen jiġu mitfugħa fil-ħuġġieġa tan-nar.

11. *Kristu qal li Hu se—allura mhuwiex impossibbli—jobżoq lin-nies ta' Laodikija barra minn ħalqu*:

> "*U hekk, ladarba inti biered, u la sħun u lanqas kiesaħ, jiena sa nobżqok minn ġo ħalqi*" (Rivelazzjoni 3:16).

Mibżuq barra minn Kristu! Alura aħna nistgħu noħorġu barra minn Kristu!

12. *Pawlu qal li xi wħud jitbiegħdu mill-fidi* (1 Timotju 4:1-3). Din hija konklużjoni ċara li huma kellhom il-fidi għaliex kieku ma kinux jit-

biegħdu minnha. Id-destin ta’ dawk li jitbiegħdu mill-fidi jidher fl-Ewwel Timotju 5:12:

> “*U hekk jaqgħu fil-kundanna, għax kienu kisru l-ewwel wegħda.*”

13. *Il-ħsad ta’ Kristjan ikun dipendenti fuq iż-żrigħ tiegħu*:

> “*Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd. Dak li bniedem jiżra’, dak huwa jaħsad, Min jiżra’ f’ġismu jaħsad mill-ġisem it-taħsir; min jaħsad mill-ispirtu, jaħsad mill-ispirtu l-ħajja ta’ dejjem*” (Galtin 6:7-9).

Dan il-messaġġ kien indirizzat lill-Kristjani; għalhekk il-liġi universali li tiżra’ u taħsad tapplika għall-Kristjani kif ukoll għall-midneb. Kristjan jista’ jiżra’ f’ġismu u l-ħsad tiegħu jkun taħsir; hu jista’ jiżra’ fl-ispirtu u l-ħsad tiegħu jkun ħajja ta’ dejjem, jekk hu jibqa’ sod. Din il-liġi ma tinbidlix.

14. *Min jemmen jista’ jidneb u jkun fil-periklu tal-mewt*: Ġakbu jgħid hekk:

> “*Ħuti, jekk xi ħadd minnkom jitbiegħed mis-sewwa u xi ħadd ieħor iġibu lura, dan għandu jkun jaf li min iressaq lura mit-triq il-ħażina ’l xi midneb, jeħles ruħu mill-mewt u jostor kotra ta’ dnubiet*” (Ġakbu 5:19-20).

(1) Dawn kienu jemmnu (Ġakbu 2:1): bħal dawn biss huma fil-periklu tal-mewt, għaliex dawk li ma jemmnux huma diġa’ mejta (Efesin 2:1, 5; Mark 16:16b). (2) Għaldaqshekk, dawk li jemmnu jistgħu jiżbaljaw mill-verità u jkunu fil-periklu tal-mewt.

15. *Aħna nistgħu nidinbu kontra ħutna u nikkaġunaw li jintilfu*:

> “*Mela bil-għerf tiegħek jiġġarraf id-dgħajjef, ħuk, li għalih miet Kristu*” (1 Korintin 8:11).

Din il-mewta hija t-tieni mewta (Rivelazzjoni 20:14) u mhux l-ewwel jew il-mewta fiżika li tiġi għal kulħadd. Ebda bniedem ma jgħix li jista’ jqabbel dan il-passaġġ mat-teorija ta’ “darba salv dejjem salv.”

16. *Ħafna mid-dixxipli ta’ Kristu nfirdu minnu*:

> “*Minn dak in-nhar ħafna mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh*” (Ġwanni 6:66).

(1) Huwa aċċettat li bniedem ma jistax isalva barra minn Kristu (Ġwanni 15:5). (2) Ħafna mid-dixxipli ta’ Kristu nfirdu minn Miegħu (Ġwanni 6:66). (3) Għalhekk, dawk id-dixxipli ta’ Kristu kienu mitlufa għal l-eternità.

17. *Kristjan jista' jintilef għaliex hu jista' jigdeb, u jmut f'dak l-istat*. Jista' jmut f'dik il-kondizzjoni? Ħananija u Safira hekk ġralhom (Atti 5). Id-destin ta' dawk li jmutu f'din il-kondizzjoni jidher f'Rivelazzjoni 21:8: "…u għall-giddieba kollha, sehemhom ikun fil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt." Għalhekk, huwa possibbli għall-Kristjan li jidneb u jintilef għal l-eternità.

18. *Jew huwa possibbli għall-Kristjan (iben jew bint ta' Alla) li jintilef jew huwa impossibbli għalih li qatt xi darba jduq il-mewt, taħt ċerti kondizzjonijiet*. Ebda sakranazz "ma jiret is-saltna ta' Alla" (1 Korintin 6:10). Jista' Kristjan jisker? Inti tgħid, "Iva." Imma l-bnedmin igħidu li Alla ma jħallix imut f'dik il-kondizzjoni. Jekk dan hu hekk, Kristjan jista' jisker u jibqa' fis-sakra u qatt ma jmut imma jgħix għal dejjem hawn fuq l-art. X'assurdità din!

19. *Jekk Kristjan ma jistax jintilef, ix-xitan hu iblah*. Ix-xitan ilu jaħdem għal eluf ta' snin biex jikkundanna l-erwieħ ta' wlied Alla; u jekk hu qatt ma rnexxielu li jtellef ruħ waħda ta' Kristjan huwa jkun iblah li jkompli jipprova jagħmel dan. Ix-xitan irid jirbaħ lil dawk li mhumiex tiegħu u mhux lil dawk li diġa' huma tiegħu!

## III. EŻAMI TA' XI TESTI TA' PROVA

1. "*Tassew, tassew, ngħidilkom, li min jisma' kelmti u jemmen f'min bagħatni għandu l-ħajja ta' dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja*" (Ġwanni 5:24). Din il-kwotazzjoni hija wżata biex tapprova li dak li jemmen għandu l-ħajja ta' dejjem issa, u allura huwa impossibbli għalih li jintilef. Aħna nafu li skrittura waħda ma tikkontradixxiex skrittura oħra, allura x'inhi l-ispjegazzjoni? L-istqarrija ta' Ġesù dwar id-demm imxerred Tiegħu tgħin:

> "*Għax dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li xxerred għall-kotra għall-maħfra tad-dnubiet*" (Mattew 26:28).

(Xi traduzzjonijiet bil-Malti għandhom b'mod żbaljat, "li jixxerred" minflok "li xxerred".) Kristu tkellem bħallikieku demmu kien tassew ixxerred, waqt li kien għadu jiġri fil-vini Tiegħu; dan kellu jixxerred fil-futur. Apparentament, fi Ġwanni 5:24, Ġesù avvanza Lilu Nnifsu sal-jum il-ġudizzju, u tkellem bħallikieku dan kien fil-preżent. Dawk li jemmnu jgawdu l-wegħda tal-ħajja ta' dejjem u jircevuha; jew, jieħu lilu nnifsu 'l quddiem għall-ġudizzju, dak li jemmen għandu ħajja ta' dejjem.

Dak li jemmen għandu ħajja eterna f'żewġ tifsiriet: (1) Fil-wegħda (1 Ġwanni 2:25). (2) U huwa għandu lil Ġesù li huwa l-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna" (1 Ġwanni 1:2). Iżda, il-Bibbja tgħallem f'ħafna postijiet li dak li jemmen fuq din l-art m'għandux issa l-

ħajja ta' dejjem fir-realtà tagħha, eżempju: (1) Kemm il-ħajja ta' dejjem u kemm il-kundanna eterna huma fuq in-naħa l-oħra tal-wied tal-mewt (Danjel 12:2) (2) Aħna issa qegħdin nittamaw għall-ħajja ta' dejjem (Titu 1:1-2), u aħna ma nittamawx għal dak li għandna (Rumani 8:25). (3) Il-Mulej jagħti l-ħajja ta' dejjem (Rumani 2:6-7). (4) Il-ħajja ta' dejjem għandha tiġi meta l-ħżiena jirċievu l-kastig ta' dejjem (Mattew 25:46). (6) Il-ħajja ta' dejjem tiġi miksuba fiż-żmien li ġej (Mark 10:30).

2. *"Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni, il-ġuħ, il-għera, it-tiġrib, ix-xabla?...Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien t'issa u la ta' li ġej, la setgħat, la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-imħabba ta' Alla għalina li dehret fi Kristu Ġesù Sidna"* (Rumani 8:35-39). Kieku dan il-passaġġ għandu riferenza għal l-imħabba tagħna lejn Alla minflkok għal l-imħabba ta' Alla lejna, xorta waħda ma jgħallimx l-impossibbiltà ta' apostasija; imma pjuttost li ħwej-jeġ esterni bħal dawn ma jistgħux jifirduna mill-imħabba ta' Alla, iżda dan huwa wisq 'il bogħod milli tgħallem li aħna ma nistgħux ninfirdu mill-imħabba ta' Alla. Huwa ċar li aħna nistgħu ninfirdu mill-imħabba ta' Alla: (1) "*Ibqgħu* fl-imħabba tiegħi" (Ġwanni 15:9). Għaliex din it-twis-sija biex "nibqgħu" fl-imħabba Tiegħu? (2) "*Jekk* tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti" (Ġwanni 15:10). "Jekk." Ifisser li jista' jkun hemm min ma jħarisx il-kmandamenti Tiegħu! (3) "Żommu rwieħ-kom fl-imħabba ta' Alla" (Ġuda 21). "Żommu." Dan ifisser li aħna nis-tgħu ma nżommux irwieħna fl-imħabba ta' Alla! Jekk int tixtieq tgħid li l-passaġġ għandu riferenza għall-imħabba ta' Alla lejn il-bniedem, dan xor-ta ma japprovax l-impossibbiltà ta' apostasija; għaliex il-fatt li Alla jħobb lill-bniedem mhuwiex prova tas-salvazzjoni tal-bniedem, għax Alla ħabb lid-dinja kollha (Ġwanni 3:16), u Hu ħabbna waqt li aħna konna għandna midinbin (Rumani 5:8).

3. *"Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub, għax iż-żer-riegħa ta' Alla tibqa' fih; ma jistax jidneb, hu, li mwieled minn Alla"* (1 Ġwanni 3:9). Ġwanni jgħid li persuna ma tistax tidneb għaliex iż-żerrie-għa hija fiha. Iż-żerriegħa hi l-Kelma ta' Alla (Luqa 8:11), u x-xitan jista' jisraq il-kelma mill-qalb ta' xi persuna (Luqa 8:12). Ġwanni mhux qie-għed igħallem f'dan il-vers li huwa impossibbli għall-Kristjan li jidneb, għaliex hu jgħallem f'versi oħra ċari li l-Kristjan jista' jidneb. Isma' xi jgħid: (1) "*Jekk* ngħidu li ma għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna, u l-verità ma tkunx fina" (1 Ġwanni 1:8). (2) "*Jekk* nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u jnaddafna minn kull ħażen" (1 Ġwanni 1:9). (3) "Uliedi, qiegħed niktbilkom dawn il-

ħwejjeġ, biex ma tidinbux. U *jekk* xi ħadd jidneb,…" (1 Ġwanni 2:1). Qiegħed tinnota l-kelma "jekk." Mela l-Kristjan *jista'* jidneb. Il-persuna li tpoġġi interpretazzjoni fuq passaġġ wieħed li jikkontradixxi passaġġi oħra ċari żgur li ma tkunx qed tinterpretah sewwa! U dan hu li qiegħed isir illum dwar dak it-tagħlim falz ta' "darba salv dejjem salv."

4. *Rumani 7:15-25 huwa wżat fi sforz biex jipprova li huwa l-ġisem tal-Kristjan li jidneb u mhux l-ispirtu tiegħu.* Jekk dan hu minnu—u jekk dak li bniedem jiżra' dak li huwa jaħsad (Galatin 6:6-7)—allura ġismu jiġi mitfugħ fl-infern waqt li l-ispirtu tiegħu jmur fis-Smewwiet. Issa din hija xi ħaġa ġdida taħt ix-xemx: l-ispirtu ta' bniedem fis-Smewwiet (il-Ġenna) u ġismu fl-infern! Temmnu dan int? Il-verità dwar dan hija kif inhu ġej: (1) L-ispirtu tal-bniedem li ma jidnibx isaltan fil-ġisem (Rumani 6:12). (2) Huwa l-ispirtu minflok il-ġisem li jagħraf (1 Korintin 2:11). (3) Xi dnubiet huma magħmula biex jikkuntentaw lill-ġisem, imma dawn l-ewwel ikunu magħmula fil-qalb u joħorġu mill-qalb (Mark 7:21-23).

5. *"Jekk ix-xogħol ta' wieħed jinħaraq, ibati l-ħsara, iżda hu jkun salv, imma qisu minn ġon-nar"* (1 Korintin 3:15). Ix-xogħolijiet ta' l-għalliem li jistgħu jinħarqu huma l-persuni li huwa jkun ikkonverta għal Kristu. Dan ikun telf, imma huwa nnifsu xorta jista' jsalva. Il-Korintin kienu x-xogħol ta' Pawlu u hu beża' li xi wħud setgħu jintilfu. Dan il-vers jiddi-żapprova u mhux japprova l-impossibbiltà ta' apostasija.

6. *"Għax intom tinsabu taħt il-ħarsien tal-qawwa ta' Alla fil-fidi tagħkom fis-salvazzjoni li hi lesta biex tidher fl-aħħar taż-żminijiet"* (1 Pietru 1:5). Aħna mħarsa permezz tal-qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni, u dan huwa "permezz tal-fidi." Il-ħidma tal-qawwa hija ta' Alla; li nemmnu hija l-parti tagħna, u aħna rridu nirsistu ħalli niftakru li bniedem jista' ma jkomplix jemmen (Lhud 3:12) u b'hekk ifalli milli jkun imħares permezz tal-qawwa ta' Alla.

7. *Mattew 7:21-23 huwa wżat biex jipprova li Kristu ma jafx u qatt ma kien jaf lil dawk li jaqgħu.* Imma l-passaġġ ma jipprovax dan. Dan il-passaġġ jipprova biss li Kristu qatt ma kien jaf lil dawn il-profeti foloz, għalliex aħna nitgħallmu f'vers wieħed tal-paragrafu li dawn huma dawk lli qegħdin jiġu kkonsidrati.

8. *"Dawn ħarġu minn fostna, imma li ma kinux minn tagħna; għax kieku kienu min tagħna, kieku kienu jibqgħu magħna. Imma dawn ħarġu, biex ikun magħmul magħruf li mhux kollha huma tagħna"* (1 Ġwanni 2: 19). F'vers 18 aħna nitgħallmu li Ġwanni qiegħed jitkellem dwar dawk kontra Kristu. Dawn ta' kontra Kristu ħarġu minn ma' l-appostli, jipp-riedkaw duttrina differenti. Dan kien prova li huma ma kinux minn ta' l-appostli;

kieku kienu, huma kienu jkomplu magħhom, jippriedkaw id-duttrina li huma ppriedkaw; għax l-Ispirtu s-Santu li l-appostli kellhom ma kienx sejjer iħalli lil l-appostli jippriedkaw duttrina u l-dawn in-nies jippriedkaw xi ħaġa oħra. Ġwanni jgħid li "kollha" ma kinux magħna. Hekk kienu dawk li dawn l-għalliema foloz ġibdu magħhom. Mela, koll-ha ma kinux ma' l-appostli, waqt li xi wħud kienu, ukoll għalkemm dawn ma kinux minn ta' l-appostli.

9. *Ebda tiġrib ma ġie fuqkom ħlief dak li jiġi fuq kull bniedem: iżda Alla fidil, u ma jħallix li intom tiġġarrbu aktar milli tifilħu; u mat-tiġrib jiftħilkom ukoll triq biex teħilsu, biex tkunu tifilħu għalih*" (1 Korintin 10:13). Alla Hu fidil biex jagħmel opportunità ta' ħelsien għall-Kristjan, u l-Kristjan għandu jaħtaf din l-opportunità jew inkella huwa jaqa' għaliex il-vers ta' qabel igħid, "min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attenti li ma jaqax."

10. "*In-ngħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja. U jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u huma ma jintilfu qatt, u minn idejja ma jaħtafhomli ħadd*" (Ġwanni 10:27-28). Dawn il-wegħdiet sbieħ huma bil-kondizzjoni u dipendenti fuq jekk persuna timxi wara Kristu: "huma jimxu warajja." Ġesù jgħallem f'vers 12 tal-kapitlu li n-ngħaġ jistgħu jiġu maħtufa u mxerrda: "u lupu jaħtafhom u jxerridhom."

L-għaxar provi li għadna kif rajna mhumiex dawk kollha li "darba salv dejjem salv" li xi wħud joffru, imma huma xi wħud mill-prinċipali. Għalhekk it-twissija:

> "*Tħallu 'l ħadd min iqarraq bikom bi kliem fieragħ: għax minħabba dawn il-ħwejjeġ jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza*" (Efesin 5:6).

# RAĠUNI XXI

## GĦALIEX HIJA TGĦALLEM LIT-TRABI JITWIELDU SAFJA U INNOĊENTI U MHUX BID-DNUB

### I. INTRODUZZJONI

1. *Ħafna nies,* bl-intenzjoni jew mingħajr intenzjoni—il-maġġoranza bl-intenzjoni—*ikkontribwixxew għall-tagħlim (kredu) tal-knisja li jgħall-em taħsir ereditarju totali.* Webster igħid li ereditā tfisser "Li jista' jkun trasmess jew jiġi trasmess minn wieħed għal l-ieħor, bħala kwalità kosti-tuzzjonali jew kondizzjoni mill-ġenitur għall-wild"; u li taħsir ifisser "l-istat li tkun ħażin, imħassar, u mħażżen." Hija teorija li ssostni li l-korruz-zjoni tad-dnub ġiet trasmessa lit-trabi mill-ġenituri u li din hija kollha kemm hi inklinata għall-ħażen; li hija ħaġa mhux safja b'mod inerenti, lit-tarbija hija iben jew bint ix-xitan.

2. *Żball wieħed iwassal għal żball ieħor.* Id-duttrina ta' taħsir ereditarju totali wasslet għad-duttrina żbaljata tal-magħmudija tat-trabi. Kwotazz-joni minn John Wesley, il-fundatur tal-Knisja Metodista, hija f'waqtha: "Imma l-mistoqsija kbira hija, Min huma s-suġġetti xierqa għall-magħ-mudija—persuni kbar biss, jew trabi wkoll? Sabiex inwieġeb din komple-tament, jiena sejjer, l-ewwel, inqiegħed il-bażijiet tal-magħmudija tat-trabi, meħuda mill-Iskrittura, raġuni, u l-prattika universali primittiva; u, it-tieni, inwieġeb l-oġġezzjonijiet kontriha.

"Dwar il-bażijiet tagħha: Jekk it-trabi huma ħatja tad-dnub oriġinali, allura huma suġġetti xierqa għall-magħmudija; naraw, fil-mod ordinarju, li huma ma jistgħux jiġu salvati, sakemm dan ikun maħsul permezz tal-magħmudija. Diġa' kien ippruvat, li din it-tebgħa oriġinali taqbad ma kull wild tal-bniedem; u b'dan għalhekk huma wlied il-ħażen, u suġġetti għal telfien etern…għalhekk huma suġġetti xierqa għall-magħmudija."—*Wes-ley's Works, Miscellaneous*, vol. 2, p. 16.

Neander ukoll jistqarr li l-magħmudija lit-trabi żviluppat mid-duttrina tad-dnub oriġinali.—*Church History*, Vol. 1, paġni 426, 427.

3. *Ma jkunx ġust* li tħalli l-impressjoni li dawk li jiddefendu din il-kawża, tal-magħmudija lit-trabi huma l-uniċi nies li għallmu taħsir eredi-tarju totali. Dan ma jkunx sewwa għall-Battisti. Għalhekk aħna ndaħħlu kwotazzjoni mill-manwal tal-knisja tagħhom: "Aħna nemmnu li l-bnie-dem kien maħluq fil-qdusija, taħt il-liġi ta' Dak li ħalqu; imma permezz ta' dnub volontarju waqa' minn dak l-istat qaddis u ta' hena; b'konseg-wenza li biha l-umanità kollha issa hija midinba, mhux bid-dnewwa imma b'għażla; kien minn natura għalkollox imħassra minn dik il-qdusija meħ-tieġa mil-liġi ta' Alla, pożittivament imxaqleb lejn il-ħażen; u għalhekk

taħt kundanna ġusta għal telfien ta' dejjem, mingħajr difiża jew skuża."—*Church Manual Designed For The Use of Baptist Churches*, minn J. M. Pendleton, paġna 46. "L-umanità kollha" ma tħalli barra lil ħadd. Dan jinkludi t-trabi kif ukoll l-adulti.

4. *Ma tistax tiġi mpinġija stampa aktar ħażina, aktar mudlama* minn din li jiddefendu din il-kawża ta' taħsir ereditarju totali. Jiena qatt ma nista' nissieħeb ma' grupp li jgħallem din id-duttrina li mhix Skritturali u li hija ta' min jistmerrha għalkollox.

## II. EŻAMI TA' XI KITBA BĦALA PROVA

1. *Dawk li jiddefendu din it-teorija spiss jużaw Salm 14:2, 3* bħala test ta' prova, iżda dawn il-versi minflok ma huma ta' prova favur it-teorija huma jiddiżapprovaw dik it-teorija falza. F'dan il-versi naqraw hekk: "Itt-awwal il-Mulej mis-sema fuq ulied il-bnedmin, biex jara jekk hemmx min hu għaqli, u jfittex lil Alla. Ilkoll ħarġu 'l barra mit-triq: ilkoll flimkien tħażżnu; ma hemm ħadd li jagħmel it-tajjeb, le, lanqas wieħed." Dan juri lin-nies kienu ħżiena ħafna, imma mhuwiex prova li huma *twliedu* f'dak l-istat. Il-passaġġ igħid, "Ilkoll ħarġu 'l barra mit-triq: ilkoll flimkien tħażżnu." Ikun impossibbli għalihom li joħorġu 'l barra mit-triq u li jitħażżnu li kieku huma kienu twieldu hekk! Il-fatt li huma ħarġu 'l barra mit-triq u huwa prova li huma ma twieldux hekk.

2. *Salm 51:5 huwa test ieħor minn tagħhom li ma jgħallimx dak it-tagħlim*: "Ara, jien kont imsawwar fil-ħażen; u fid-dnub ommi nisslitni." Dawk li huma favur it-tagħlim falz ta' taħsir ereditarju totali jgħidu li David kien twieled midneb, iżda dan il-passaġġ mhuwiex lanqas biss li tifhmu hekk b'dik l-interpretazzjoni. Id-dnub huwa msemmi fil-vers, im-ma dan kienx magħmul *qabel* ma David eżista. L-iskrittura ma tikkon-tradixxix lilha nfisha u l-Iskrittura tgħid lid-"dnub hu l-ksur tal-liġi" (1 Ġwanni 3:4). Meta David tnissel żgur li ma kienx kapaċi li jikser xi liġi! David ma kienx jeżisti meta hu kien ikkonċeput. Għalhekk, il-ħażen u d-dnub imsemmija kienu jeżistu qabel ma David kellu eżistenza!

3. *L-istqarrija ta' l-appostlu Pawlu f'Efesin 2:3* hija wkoll miġjuba bħa-la prova ta' din id-duttrina falza: "…u konna min-natura wlied il-għadab, l-istess bħall-oħrajn." "Min-natura" iżda, mhux dejjem tfisser "b'wirt." Xi wħud mill-istudjużi li jemmnu fid-duttrina ta' taħsir ereditarju totali ma jużawx dan il-vers bħala test ta' prova, fosthom Adam Clarke, li jgħid li "l-appostlu Pawlu jidher li tkellem dwar il-vizzji ħżiena."

4. *Issa aħna neżaminaw Salm 58:3*: "Il-ħżiena qabdu t-triq ħażina minn ġuf ommhom; minn twelidhom żbaljaw dawk li jgħidu l-gideb." Dan igħid li huma ħarġu barrra mit-triq wara li huma twieldu. Huma ma kinux

imwielda fit-triq il-ħażina. Il-ħruġ tagħhom 'il barra fit-triq il-ħażina kien billi bdew igħidu l-gideb. Taħseb int lit-trabi jistgħu jgħidu l-gideb? Ċertament li le! Mela d-dnub ma jistax ikun magħmul fl-infanzja. Isma' xi jgħid Ġesù dwar x'joħroġ minn fomm it-trabi: "Qatt ma qrajtu li 'minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int hejjejt tifħir għalik'?" (Mattew 21:16) Ġesù hawn ikkwota minn Salm 8:2-3. Imma dawk li jgħallmu dak it-tagħlim falz ta' taħsir ereditarju totali tassew li "qatt ma qrawh" dan!

## III. PASSAĠĠI LI JWAQQGĦU DIN ID-DUTTRINA QARRIEQA

1. *Il-bniedem sar midneb fiż-żgħożija pjuttost milli fit-twelid*: "U l-Mulej xamm rieħa tfuħ; u l-Mulej qal f'qalbu: Ma narġax nisħet l-art minħabba l-bniedem; għax il-ġibda ta' qalb il-bniedem hi ħażina *sa minn żgħoritu*;..." (Ġenesi 8:21). (Xi verżjonijiet tal-Malti għandhom "sa minn ċkunitu" imma l-kelma eżatta hija "sa minn żgħoritu.") Jekk il-qalb tal-bniedem saret ħażina fiż-żgħożija, allura din kienet safja qabel iż-żgħożija, u dan igħidulna Ġesù Kristu Nnifsu: "Ġibulu wkoll quddiemu *t-trabi* biex imisshom. Imma d-dixxipli, kif raw dan, qabdu jgħajtu magħhom. Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżommuhomx, għax *ta' min hu bħalhom* hija s-saltna ta' Alla. Tassew, ngħidilkom, li min is-saltna ta' Alla ma jilqagħhiex b'qalb ta' tifel ċkejken ma jidħolx fiha." Possibbli li Ġesù hawn ma kienx jaf bid-duttrina ta' taħsir ereditarju totali u ddikjara s-saltna ta' Alla ta' dawk li huma *mħassra*? Qiegħed tara fejn jasal il-bniedem li saħansitra bit-tagħlim falz tiegħu jgiddeb lill-Mulej.

2. *L-ispirtu tal-bniedem ġie mogħti lilu mill-Ħallieq tiegħu*" "Imbagħad jarġa' t-trab lejn l-art bħal ma kien; u l-ispirtu jarġa' lejn Alla, *li tah*" (Ekkleżjażti 12:7). Kieku Alla *ta* lill-bniedem spirtu korrott, imħassar, allura ma kienx ikun inġust u mhux sewwa li Alla jżomm lilll-bniedem responsabbli għall-ħażen tiegħu? (2 Korintin 5:10.) Imma dawk li qegħdin igħallmu dak it-tagħlim falz b'dan qegħdin jakkużaw lil Alla!

3. *Tarbija mhix imħassra għaliex Alla mhuwiex imħassar*. Pawlu qal f'dak id-diskors famuż f'nofs l-Arjopagu, f'Ateni, "Aħna tassew *nisel tiegħu*" (Atti 17:29). Li tkun in-nisel ta' Alla, tarbija qatt ma tista' tkun ħażina jew imħassra sakemm Alla Nnifsu ma jkunx ħażin jew imħassar! Ħadd ma jista' jakkuża lil Alla li Hu ħażin jew li Hu mħassar! Mela għalfejn tagħmel l-akkuża kontra n-nisel tiegħu? Wieħed għandu jogħqod attent u ma jkunx ħafif biex jitfa' akkużi bħal dawn fuq in-nisel ta' Alla!

4. L-Ispirtu s-Santu jiddikjara li *l-iben m'għandux isofri l-ħażen ta' missieru*: "Ir-ruħ (bniedem) li tidneb tmut; l-iben ma jbatix minħabba l-ħażen tal-missier, u lanqas il-missier minħabba l-ħażen ta' l-iben. Il-ġus-

tizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid, u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig" (Eżekjel 18:20). Ara x'għandna f'dan il-vers: L-ewwel, kemm il-ġustizzja u kemm il-ħażen għandhom ikunu fuq dak li jwettaqqhom u mhux fuq ħaddieħor. Il-ġustizzja titlobu dan. It-tieni, "L-iben m'għandux ibati l-ħażen ta' missieru." Dawk li jinsistu lit-tarbija għandha t-tbati l-ħażen tal-missier (Adam) ċar u tond jikkontradixxu din l-istqarrija ispirata. Imma isma' xi jgħid Alla f'vers 4: "Araw, kulħadd huwa tiegħi; bħall-ħajja tal-missier hekk dik ta' l-iben tiegħi huma. *Min* ***jagħmel*** *id-dnub,* ***ikun hu li jmut***." Kemm hu differenti l-kliem ta' Alla minn dak tal-bnedmin li jgħallmu lit-trabi jitwieldu mħassra, jew bid-dnub!

5. Tfajjel ċkejken mhuwiex imħassar, għaliex *il-bniedem għandu jerġa' jsir bħal tifel żgħir biex jidħol fis-saltna tas-smewwiet*: Ġesù jgħid: "Tassew ngħidilkom, *jekk ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar,* żgur li ma tidħlux fis-saltna tas-smewwiet" (Mattew 18:3). Ifisser dan li aħna għandna nsiru "mħassra"? Għal darb'oħra, possibbli li Ġesù ma kienx jaf bid-duttrina ta' "taħsir ereditarju totali" meta qal dan il-kliem? Ma' dan kollu, ħafna reliġjużi li jseħu lilhom infushom "Kristjani," igħallmu li tarbija titwieled imħassra totalment permezz ta' l-eredità. Kien il-Mulej qiegħed igħallem li bniedem għandu jerġa' jsir "ħażin" u korrott biex jidħol fis-saltna tas-smewwiet? Temmnu dan int?

6. *David ma kienx tat-twemmin* li ibnu t-tarbija miet b'natura mħassra u korrotta u ħati tad-dnub. Għall-kuntrarju, David qal, "…Jien immur lejh, iżda hu ma jarġax jiġi lejja" (2 Samwel 12:23).

7. *Huwa impossibbli għad-dnub li jintiret*: Id-dnub huwa ksur tal-liġi ta' Alla kemm b'kummissjoni jew traskuraġni (nuqqas). Dwar id-dnub b'kummissjoni Ġwanni jgħid, "Kull min jagħmel id-dnub jikser il-liġi; għax id-dnub hu ksur tal-liġi" (1 Ġwanni 3:4). Li għandu x'jaqsam mat-traskuraġni: "Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux, jagħmel dnub" (Ġakbu 4:17). Id-dnub huwa jew ksur jew nuqqas ta' ħarsien tal-liġi ta' Alla. Jekk dan hu veru, u hu veru, huwa assolutament impossibbli għal tarbija (ukoll għal adult) li tiret id-dnub għaliex dan mhuwiex kwalità li tintiret.

8. *Il-fatt li Alla ma tax pjan biex isalva lit-trabi* huwa prova biżżejjed lit-trabi mhumiex midinba, jew imħassra bid-dnub. Dan għandu juri biżżejjed kemm hija falza d-duttrina ta' "taħsir ereditarju totali."

# RAĠUNI XXII

## GĦALIEX HIJA TGĦALLEM LI L-WIRI MIRAKOLUŻ TA' L-ISPIRTU WAQAF

### I. INTRODUZZJONI

Ħafna għaqdiet reliġjużi llum jikkonfermaw li huma jitkellmu bl-ispirazzjoni u jwettqu l-mirakli. Predikatur bħal dan huwa l-ħtija ta' ħafna konfużjoni fl-imħuħ ta' ħafna, ustudju ta' dan is-suġġett issa hu f'waqtu. Jekk il-bibbja tgħallem lid-don tal-mirakli kellu jkompli matul is-sekli, allura jiena qiegħed mal-grupp il-ħażin; imma jekk hija tgħallem li doni bħal dawn kellhom jispiċċaw malli ċertu xogħol jitlesta, allura dawk kollha li jippretendu din il-qawwa huma żbaljati. Għandha tkun waħda jew l-oħra; u għal l-Iskrittura, allura, aħna għannda nirrikorru.

### II. KRISTU GĦAMEL ĦAFNA MIRAKLI

1. *Ġesù kellu jwettaq il-mirakli sabiex jistabbilixxi l-pretensjoni li Hu kien l-Iben ta' Alla.* Kieku ma kienx hemm sinjali mirakolużi jakkumpanjaw ix-xogħol Tiegħu, in-nies ma kienx ikollhom assigurazzjoni li Hu kien il-Messija. Il-qawwa li jagħmel il-mirakli stampat ix-xogħol ta' Kristu b'siġill divin. Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud, aċċetta mill-ewwel billi qal:

> "*Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla; għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu*" (Ġwanni 3:2).

Bi kredenzjali divini bħal daawn, Ġesù kien magħruf bħala "Mgħallem mibgħut minn Alla."

2. It-talba ta' Ġesù kienet titlob mirakli u *Hu stabbilixxa t-talba billi saħansitra għamel aktar sinjali…*li mhumiex miktuba f'dan il-ktieb" (Ġwanni 20:30). Madankollu, ħafna sinjali huma miktuba u xi wħud minnhom huma: (1) l-għomja jirċievu d-dawl (Ġwanni 9:1-12); (2) min kien zopp fejqu u mexa (Mattew 21:14); (3) l-imġiddmin kienu mnaddfin (Luqa 17:11-19); (4) it-torox bdew jisimgħu (Mark 7:31-37); il-morda kienu mfejqa (Mattew 8:14-17); (6) demonji kienu mkeċċija (Mattew 8:28-34); (7) Ġesù mexa fuq l-ilma (Mattew 14:22-23); (8) ir-riħ u l-baħar obdew lil Ġesù (Mattew 8:27); (9) eluf kienu mitmugħha bi ftit ħobż u ftit ħut biss (Mattew 14:13-21); (10) Ġesù qajjem il-mejtin (Ġwanni 11:32-45); u (11) Ġesù mar 'il fuq minn dan kollu u għamel għal dejjem ix-xhieda hekk qawwija li ma jista' jwaqqagħha ħadd f'dak li Hu miet fuq is-salib u qam

mill-mewt (Ġwanni 20:19-31), juri lilu Nnifsu wara l-passjoni Tiegħu permezz ta' ħafna provi (Atti 1:3).

2. *Is-sinjali b'garanzija ta' Kristu kienu rreġistrati għal l-iskop biex jipproduċu l-fidi:*

> *"Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li ma humiex imniżżla f'dan il-ktieb, iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu*" (Ġwanni 20:30-31).

Aħna naraw l-iskop għaliex ġew miktuba xi wħud mis-sinjali: biex jipp-oduċu fidi fi Kristu. Barra minn dan, aħna naraw għaliex ħafna sinjali oħra ma ġewx imniżżla: dawn ma kinux meħtieġa għal dan l-iskop. La dan kollu huwa minnu, allura ma hemmx bżonn illum għal xi wiri ta' qa-wwa sopranaturali biex tikkonvinċi l-bniedem dwar id-divinità ta' Kristu. Għaldaqshekk, li titlob għal xi wiri mirakoluż illum biex inti temmen fi Kristu mhuwiex ħlief insult lil Dak li diġa' ta l-mezzi biex jipproduċu l-fidi: "iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija bin Alla, u biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu" (Ġwanni 20: 31).

## III. L-ISPIRAZZJONI U L-KONFERMA TAL-MESSAĠĠ

1. *Kien indispensabbli* l-ewwel predikaturi ta' l-Evanġelju jkunu ispira-ti sabiex ikunu jafu x'għandhom igħidu, u li huma jwettqu l-mirakli ħalli jippruvaw dak li huma kienu jgħidu. Ma kienx hemm triq oħra, għaliex ma kienx għad hemm miktub it-Testment il-Ġdid ikkonfermat permezz tal-mirakli f'dak iż-żmien. B'liema mod ieħor kienu jistgħu jkunu jafu n-nies ta' dak iż-żmien li huma kienu qegħdin jaċċettaw l-Evanġelju s-safi?

2. F'li jżommu mal-bżonnijiet ikkaratterizzati tal-bidu ta' l-Evanġelju, l-appostli kienu kwiegħda l-magħmudija fl-Ispirtu s-Santu biex huma jku-nu jistgħu b'mod infallibbli jkomplu x-xogħol mibdi minn Ġesù (Atti 1:4-5). Dawn huma xi ħsibijiet li għandhom x'jaqsmu mal-wegħda:

(1) L-Ispirtu s-Santu jitkellem permezz ta' l-appostli: "Jiġi mogħti lil-kom x'għandkom tgħidu; "għax mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu s-Santu" (Mark 13:11).

(2) L-Ispirtu s-Santu jgħallimhom u jagħtihom memorja ta' dak kollu li Ġesù għallem; Id-Difensur "igħallimkom kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtlikom" (Ġwanni 14:26).

(3) L-Ispirtu s-Santu kellu jkun xhieda ta' Kristu: "…huwa jixhed għalija" (Ġwanni 15:26).

(4) L-Ispirtu s-Santu kellu jiggwidahom fil-verità kollha: "Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha" (Ġwanni 16:13).

(5) L-Ispirtu s-Santu jlibbishom bil-qawwa: "Intom xhud ta' dan. U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu" (Luqa 24:48-49). Din il-qawwa li biha huma kellhom jiġu mlibbs kellha tieħu ħsieb il-proklamazzjoni tal-messaġġ veru, kif inhu muri fil-versi ta' fuq; din il-qawwa tagħmilhom kapaċi wkoll biex iwettqu l-mirakli ħalli jsaħħu l-verità tal-messaġġ li jippriedkaw. Is-sinjali li kellhom jakkumpanjaw il-pridkar kienu mwiegħda fil-ħin li l-ħdax kienu kkmandati biex imorru fid-dinja kollha u jippriedkaw l-Evanġelju: "U dawn huma s-sinjali li jissieħbu lil dawk li jemmnu: f'ismi jkeċċu d-demonji, jitkellmu b'ilsna ġodda, jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu" (Mark 16:17-18). Għal liema skop kienu dawn is-sinjali jakkumpanjaw il-Kelma? Hawn hija t-tweġiba: "Huma mbagħad marru jippriedawk kullimkien; il-Mulej kien jaħdem magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jisru magħha" (Mark 16:20). Isma' x'qal l-appostlu Pawlu dwar it-tmiem ta' dan l-iskop: "…li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha sħiħa lilna dawk li semgħuh. Ma tagħhom Alla żieda ix-xhieda b'sinjali u għeġubijiet u ħafna għemejjel settgħana, kif ukoll bid-doni ta' l-Ispirtu s-Santu mqassmin skond ir-rieda tiegħu" (Lhud 2:3-4).

Xi żmien ilu, meta kont qiegħed inkellem lil waħda mara fuq dan is-suġġett, jiena ħriġt ittra mill-but tiegħi u tajtha lilha, u għedtilha, "Din l-ittra titsta' tgħinek." Hija qrat l-ewwel parti, li kienet miktuba bil-Malti, u mbagħad staqsiet, "X'inhu n-nofs l-ieħor ta' din l-ittra? Jiena weġibt, Huwa l-ilsien mhux magħruf." Hija stagħġbet u qalet, "Tista' taqraha int din? Tista' int tinterpretaha?" Jiena hekk għamilt. Hija kompliet, "Aħna nistgħu nitkellmuha imma ebda wieħed minna ma jista' jiktibha jew jaqraha." Imbagħad jiena spjegajt: "Sinjura, din hija bl-ingliż, imma għalik huwa lsien mhux magħruf, ilsien li int qatt ma tgħallimtu. In-nies fil-jum ta' Pentekoste semgħu bl-ilsien jew lingwa tagħhom ta' fejn huma kienu twieldu. Huma ma semgħux xi lingwa li qatt ma kienet magħrufa minn ħadd f'xi ħin jew post. Huma semgħu b'ilsna jew lingwi li jistgħu jkunu miktuba kif ukoll imkellma."

Id-diskors bl-ilsna kien biss wieħed mis-sinjali li segwewhom. Huma fejqu l-morda, keċċew id-demonji, u għamlu ħafna għeġubijiet oħra.

4. *Il-miġa' l-Ispirtu s-Santu fuq il-Ġentili* (Atti 10:44-48)—Kornelju u sħabu—*kienet għal skop differenti*. Din kienet il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu, għaliex Pietru għarafha li hi hekk (Atti 11:15-16).

(1) L-iskop ta' din il-magħmudija jidher ċar fl-użu li kien sar wara minnha. F'Ġerusalem, Pietru rrakkonta l-ġrajja biex ineħħi d-dubji li l-Lhud kellhom dwar il-proprjetà li jgħammed lill-Ġentili (Atti 11:1-18); għalhekk, mingħajr ebda dubju, dan huwa l-ħsieb tagħha: *ħsieb (pjan) etern għalihom infushom*. Dan kien l-iskop, meta kienet murija darba, ma kienx hemm il-bżonn għaliha li tiġi ripetuta; f'dan hija r-raġuni li din ma reġgħetx ġrat.

(2) Il-magħmudija fl-Ispirtu ma salvatx lil Kornelju u lill-familja tiegħu, kif jippruvaw, b'mod żbaljat għalkollox, igħallmu xi wħud. Huma—l-istess bħal-Lhud f'Pentekoste—kellhom jisimgħu l-Evanġelju u jkunu salvati permezz tiegħu għaliex l-Evanġelju *biss* "hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni" (Rumani 1:16). L-anġlu kien qabel qal lil Kornelju li Pietru "*jgħidlek kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha*" (Atti 11:13-14). Ċertament li Pietru qal l-istess kliem li huwa qal fil-jum ta' Pentekoste meta n-nies staqsewh x'għandhom jagħmlu f'Atti 2:36-38. Mela huma kienu salvati permezz *tal-kliem* ta' Pietru u mhux bil-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu li kienet biss bħala sinjal għal-Lhud.

## IV. L-APPOSTLI BISS KELLHOM IS-SETGĦA LI JAGĦTU D-DON MIRAKOLUŻ TA' L-ISPIRTU S-SANTU

Is-setgħa li tagħti d-don mirakoluż ta' l-Ispirtu s-Santu fuq il-Kristjani kienet partikulari ta' l-appostli. Ħadd aktar ma kien igawdi dan l-unur, u dawk li rċevew dawn id-doni mingħand l-appostli ma setgħux igħadduhom lil ħaddieħor. Ħalli naraw il-prova f'li ġej:

1. *Is-Samaritani rċevew id-doni mirakolużi ta' l-Ispirtu mingħand l-appostli*: L-appostli, li kienu Ġerusalem, semgħu lis-Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, u bagħtu hemm lil Pietru u 'l Ġwanni. Dawn niżlu hemm u talbu biex dawk li kienu emmnu jirċievu l-Ispirtu s-Santu; għax l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma niżel fuq ħadd minnhom, imma kienu tgħammdu biss f'isem il-Mulej Ġesù. Imbagħad l-appostli qiegħdu jdejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu" (Atti 8:14-17). Dawn is-Samaritani kienu tgħammdu—għalhekk huma rċevew id-don ta' l-Ispirtu s-Santu kif imwiegħed f'Atti 2:38—imma ma rċevewx qawwa mirakoluża. L-appostli bagħtu lil Pietru u 'l Ġwanni biex iqiegħdu jdejhom fuqhom ħalli b'hekk huma jkollhom il-qawwa li jagħmlu l-mirakli. Għaliex Filippu—raġel li kien qiegħed jagħmel ħafna mirakli u sinjali f'nofshom (Atti 8:5-8)—ma tahomx din il-qawwa? It-tweġiba hija sempliċi u ċara: Billi Filippu ma kienx appostlu, hu ma kienx jista' jgħaddi dik il-qawwa lil ħaddieħor. L-appostli *biss* kellhom is-setgħa li jgħaddu dik il-qawwa lil ħaddieħor u kien għalhekk li l-appostli minn Ġerusalem bagħtu tnejn minnhom, jiġi-

fieri, lil Pietru u 'l Ġwanni, tnejn mit-tnax-il appostlu, biex jagħtu l-qawwa permezz tat-tqegħid ta' l-idejn tagħhom.

2. *Filippu rċieva din il-qawwa mirakoluża bħala riżultat tat-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli.* Huma msemmi li ħafna sinjali akkumpanjaw il-pridkar ta' Filippu fis-Samarija (Atti 8:5-8). Minn fejn Filippu ġab il-qawwa biex jagħmel il-mirakli? Tweġiba tagħtiha l-Bibbja nfisha. Hu kien wieħed mis-sebat irġiel magħżula biex iħarsu xi xogħol sewwa fil-knisja ta' Ġerusalem; "Lil dawn ressquhom quddiem *l-appostli*, li talbu u *qiegħdu jdejhom fuqhom*" (Atti 6:1-6). Huwa ċar li din il-qawwa ġiet għand filippu permezz tat-tqegħid ta' l-idejn ta' *l-appostli*.

3. *Xmun, is-saħħar ukoll* tgħammed.– "Imbagħad Xmun stess **emmen** ukoll u **tgħammed**"( Atti 8:13). B'liema magħmudija Xmun tgħammed? Żgur li b'ta' l-ilma! Dan juri, ukoll, li Xmun irċieva fuqu "t-tqegħid ta' l-idejn *ta' l-appostli*" u kien jista' jwettaq "il-mirakli"! Imma Xmun ma kienx kuntent b'dak. Hu ried xi ħaġa aktar minn hekk. Atti 8:18a – "U meta Xmun ra…" – X'ra Xmun? Tweġiba: – "Li *bit-tqegħid ta' l-idejn ta' l-appostli* l-Ispirtu s-Santu *kien jingħata*, huwa offra l-flus *lil l-appos-tli*." (Atti 8:18b). Għal xhiex Xmun offra l-flus lil l-appostli? Tweġiba:– "…biex kull min *inqiegħed idejja fuqu jirċievi* l-Ispirtu s-Santu." (Atti 8:19). Imma isma' x'qallu Pietru, wieħed mill-appostli: "Int la għandek sehem u lanqas qsim f'dil-ħaġa…" (Atti 8:21). Għaliex? Għaliex *l-appostli biss kellhom "sehem jew qism f'dik il-*ħaġa" (Atti 8:14-18). Dan juri bl-aktar mod ċar li l-appostli weħidhom kellhom is-setgħa li jagħtu l-qawwa lil niex oħra biex iwettqu l-mirakli. Illum l-appostli huma kollha mejta u għalhekk ma hawn *ħadd* li jista' jgħaddi dik il-qawwa! Dak kien il-pjan ta' Alla u ebda bniedem ma jista' jbiddlu!

4. *L-appostlu Pawlu ta din il-qawwa lit-tnax-il raġel li hu għammed.* Huma kienu, għalhekk, irċevew id-don ta' l-Ispirtu s-Santu (Atti 2:38), imma huma ma rċevewx id-don tal-qawwa mirakoluża ta' l-Ispirtu s-Santu. F'Atti 19:1-7 naqraw dwar tnax-il raġel li għammidhom Pawlu. "U meta semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù. U meta Pawlu, (*app-ostlu*), *qiegħed idejh fuqhom*, niżel l-Ispirtu s-Santu fuqhom; *u huma tkel-lmu b'ilsna u ħabbru*" (Atti 19:5-6). Il-qawwa mirakoluża kienet tista' tiġi għandhom *biss* permezz tat-tqegħid ta' l-idejn ta' *appostlu*. Għaldaqs-hekk, "…kif Pawlu qegħdilhom idejh fuqhom, niżel l-Ispirtu s-Santu fuq-hom; *u huma tkellmu b'ilsna u ħabbru.*" Jista' jkun dan ċar aktar minn hekk?

## V. IT-TMIEM TAL-QAWWA MIRAKOLUŻA

1. Aħna rajna fis-sezzjoni ta' fuq lid-doni mirakolużi setgħu biss jingħataw minn appostlu; ħadd aktar ma kien jista' jagħtihom. Għalhekk, meta l-aħħar appostlu miet, il-qawwa biex tagħti dawk id-doni mirakolużi spiċċat *u meta l-aħħar persuna li fuqha xi appostlu qiegħed idejh mietet*, il-wiri tal-mirakli minn nies fil-knisja waqaf għal dejjem.

2. *Pawlu jgħidilna f'Efesin 4:8-13 kemm dawn id-doni kellhom jibq-għu jkomplu*: "sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fil-għarfien ta' l-Iben t'Alla; insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu, fil-qies tal-kobor tal-milja ta' Kristu." Dawn id-doni kellhom ikomplu sakemm l-għarfien ta' l-Iben ta' Alla jkun magħruf kompletament; jiġifieri, sakem l-Iskrittura Mqaddsa tkun kompleta u kkonfermata. Mat-twettiq komplet tar-rivelazzjoni, ma hemmx bżonn ta' spjegazzjoni, lanqas ta' mirakli biex jikkonfermaw il-messaġġ.

3. *Pawlu*—immedjatament wara d-diskussjoni tiegħu dwar id-doni spiritwali (1 Korintin 12)—*jispjega t-tmiem ta' doni spiritwali bħal dawn*: "...igħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, igħib il-għerf. Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa; imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, (perfett), igħib dak li hu nieqes" (1 Korintin 13:8-10). Huwa ċar li dawn id-doni spiritwali ma kinux intenzjonati għaż-żmien kollu li ġej: Profeziji jgħibu; jistku l-ilsna; igħib il-għerf—u ma hemmx "forsi" dwar dan. Meta? Tweġiba: "Meta jfeġġ dak li hu sħiħ (perfett)" (v. 10). Huma kienu jafu u pprofetizzaw ir-rieda ta' Alla biċċa minnha—ir-rivelazzjoni Tiegħu kienet irrivelata lilhom parti parti sakemm kienet mogħtija kollha—imma meta dak li hu perfett jew sħiħ wasal, dak li kien nieqes spiċċa. Il-liġi perfetta (Ġakbu 1:25) ta' l-Iskrittura kienet kompluta bil-ktieb ta' Rivel-azzjoni (Apokalissi); għalhekk, id-doni mirakolużi spiċċaw jew waqfu.

4. *Id-doni mirakolużi ta' l-Ispirtu waqfu wara t-tmiem tax-xogħol li għalihom huma kienu mogħtija;* jiġifieri: ir-rivelazzjoni u l-konferma tat-testment komplut ta' Alla. Li tippretendi qawwa sopranaturali llum huwa l-istess bħallikieku qiegħed tgħid li l-Bibbja mhix kompluta. Ma hemmx bżonn, allura, għas-sinjali għajr jekk wieħed għandu rivelazzjoni ġdida biex jikkonfermaha. U l-ebda bniedem m'għandu xi rivelazzjoni xi jżid, għaliex l-appostli kienu ggwidati mill-Ispirtu s-Santu fil-verità kollha (Ġwanni 16:13)—mhux f'parti mill-verità biss—u din kienet mitmuma bil-ktieb ta' Rivelazzjoni. Għalhekkk Ġakbu jsejħilha "il-liġi *perfetta* tal-ħelsien" (Ġakbu 1:25). Għalhekk l-appostlu Pawlu jgħid li jekk "aħna stess jew anġlu mis-sema jġib evanġelju ieħor ikun misħut" (Galatin 1:6-9). La hi "perfetta" ebda bniedem ma jista' jżid magħha mingħajr ma jkun

taħt il-kundanna tas-saħta: Ġwanni jgħid ukoll: "Jiena nwissi lil kull min jisma' l-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb: jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet il-kastigi msemmijin f'dan il-ktieb" (Rivelazzjoni 22:18-19). Ma hemmx aktar rivelazzjonijiet biex jiġu magħrufa; għalhekk, ma hemmx sinjali aktar bħala xhieda għall-konfermazzjoni.

# RAĠUNI XXIII

## MINĦABBA T-TAGĦLIM SKRITTURALI TAGĦHA U KIF HIJA TOSSERVA L-IKLA TAL-MULEJ

### I. TIFKIRA

1. *Il-knisja ta' Kristu tosserva l-ikla tal-Mulej bħala tifkira għażiża u sempliċi.* Hija ġrajja sagra u mqaddsa b'tifkira ta' Kristu. L-appostlu Pawlu jiddikjara, "Jiena rċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: 'Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi'. Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: 'Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi agħmlu dan kull meta tixorbu b'tifkira tiegħi'" (1 Korintin 11:23-25). "B'tifkira tiegħi" hija msemmija darbtejn f'dan il-passaġġ u darba f'Luqa 22:19-23. Hija b'tifkira ta' Kristu, mhux biss b'tifkira tal-mewt Tiegħu, imma tat-twelid, tal-ħajja u t-tagħlim Tiegħu wkoll, li aħna nieklu l-ħobż u nixorbu l-kalċi.

Aħna nħarsu lejn fjura fuq il-qabar ta' omm b'memorja, jew b'tifkira ta' l-aktar ħabiba għażiża u ġenwina tal-bniedem; aħna nħarsu lejn ritratt mitfi ta' missierna b'memorja jew b'tifkira tiegħu li mexxina tul is-snin b'imħabba kbira; aħna nħarsu lejn troffa xagħar ta' tarbija b'memorja jew b'tifkira tagħha li kienet magħna għal żmien hekk qasir; nies imorru ħdejn il-monument ta' xi persuna kbira u joqgħodu b'rashom mikxufa b'tifkira ta' dik il-persuna; ukoll, aħna ninġabru madwar il-mejda tal-Mulej u nieħdu l-ikla tal-Mulej b'memorja jew b'tifkira ta' Dak li qal: "Agħmlu dan b'*tifkira* tiegħi."

Fjuri miżmuma b'għożża fil-paġni tal-Bibbja tagħna jiddiżintegraw fi frak u trab maż-żmien; ritratti li darba kienu miżmuma b'għożża kbira jinbidlu bis-snin b'biċċiet tal-karti li ma jingħarfux; monumenti ta' l-irħam għal l-ewwel jiġu mħassra u fl-aħħar jillixxaw biż-żmien; iżda l-Ikla tal-Mulej hija tifkira waħda li ma tispiċċax, ma tinbidilx jew titħassar biż-żmien. La t-tħin ta' l-elementi u lanqas l-għeja taż-żmien ma jistgħu jżommu lil dan il-monument milli jibqa' wieqaf bħala memorja jew tifkira ta' Kristu. Li tinsa lill-Mulej tista', u din hija l-ħaġa li l-Ikla tal-Mulej ġiet imwaqqfa f'ħafna postijiet.

Kristu ordnaha biex issir *b'tifkira* Tiegħu. Madankollu, ħafna nsew lil Kristu sewwasew f'dik il-ħaġa stess li Hu kkmandahom biex jagħmlu *b'tifkira* Tiegħu. Ġeremija darba qal, "Tista' verġni tinsa' l-ornamenti tagħha, jew għarusa l-ħżiem tagħha? Imma l-poplu tiegħi nsieni jiem bla għadd" (Ġeremija 2:32). Kieku Ġesù kien qiegħed jitkellem illum, Hu kien ikun jista' faċilment igħid lill-knejjes moderni, "Tista' knisja tinsa l-ikla li

l-membri tagħha jiċċelebraw flimkien fi djarhom u f'postijiet oħra? Madankollu, intom insejtuni fl-Ikla tal-Mulej ġranet li ma jingħaddux." Ftit ta' investigazzjoni għandha tistabbilixxi dan il-fatt. Eżempju, predikatur wieħed qal li "fil-knisja tiegħu" huma ma osservawx l-Ikla tal-Mulej għal għerbatax-il sena.

2. *Hija tifkira li tippriedka l-mewt ta' Kristu:* "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom *ixxandru* l-mewt tal-Mulej *sa ma jiġi*" (1 Korintin 11:26). B'hekk aħna naraw li l-Ikla tal-Mulej hija xhieda siekta tas-sagrifiċċju kbir taż-żminijiet kollha. Din mhix "sagrifiċċju" rripetut kif isir fil-Knisja Kattolika Rumana imma hija "tifkira sa ma jerġa' jiġi." Kif tista' tkun "tifkira sa ma jerġa' jiġi" jekk din tkun me-ħuda letteralment bħala li hija l-ġisem letterali ta' Kristu u s-sagrifiċċju Tiegħu mill-ġdid! Kull fejn hija osservata, fil-Lvant, fil-Punent, fit-Tra-munatana, jew fin-Nofsinhar, din tippreżenta fl-imħuħ tal-bnedmin b'mod qawwi li Ġesù miet għalihom. Hekk kif il-qabar tas-Suldat Mhux Magħ-ruf jixhed il-mewt ta' suldat għal artu, hekk ukoll l-Ikla tal-Mulej tixhed il-mewt tal-Mulej għall-bniedem. Din hija xhieda effettiva ħafna. Dawk li jonqsu li jieħdu l-Ikla tal-Mulej kif Alla għallem, isikktu din ix-xhieda. Ħaġa bħal din bl-ebda mod ma hija tajba.

3. *Hija tifkira li tippriedka t-tieni miġja ta' Kristu*: "Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom *ixxandru* l-mewt tal-Mulej *sa ma jiġi*" (1 Korintin 11:26). Mill-veduta li tirreferi għal l-imgħoddi, din ixxandar il-mewt tal-Mulej. Mill-veduta prospettiva, din hija tifkira ta' kull ġimgħa li l-Mulej għandu jerġa' jiġi. Din turi lura għall-mewt tiegħu 'l quddiem għall-miġja tiegħu; aħna neħtieġu l-benefiċċji mnissla mit-tnejn biex b'hekk inkunu lesti meta Hu jerġa' jiġi. Tajjeb hawn li wieħed jiġbed ftit l-attenzjoni dwar it-tagħlim żbaljat tal-Knisja Kattolika dwar dan. Jekk il-ħobż u l-inbid jinbidlu letteralment fil-ġisem u fid-demm ta' Kristu, u jekk il-quddiesa Kattolika hija ripetizzjoni tas-sagri-fiċċju ta' Kristu u mhux *tifkira* ta' dak is-sagrifiċċju, allura dak li tgħid-ilna l-Kelma ta' Alla permezz ta' l-appostlu Pawlu, jiġifieri, "mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom *ixxandru* l-mewt tal-Mulej *sa ma jiġi*" (1 Korintin 11:26), is-"sa ma jiġi" tkun bla sens għaliex kull darba li ssir il-quddiesa Kattolika Kristu jkun miġjub fuq l-artal għal ħafna drabi f'kull quddiesa li ssir. Imma aħna nafu li Kristu se jerġa' jiġi fit-tmiem ta' kollox. U għalhekk l-Ikla tal-Mulej hija *tifkira* u mhux letterali. Dwar dan naraw aktar 'il quddiem.

4. *Hija tifkira li tippriedka l-patt il-ġdid*: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi" (1 Korintin 11:25). Il-kalċi, is-simbolu tad-demm ta' Kristu, huwa sinjal u konferma ta' patt ġdid bejn Alla u l-bniedem.

## II. IL-FREKWENZA TA' L-OSSERVAVANZA TA' L-IKLA TAL-MULEJ

1. *Għandu jkun hemm xi frekwenza u regolarità li tosserva din il-parti ta' qima?* Jekk hekk, min għandu jirregola dan? Il-knisja jew Alla? Kulħadd jaqbel li ebda bniedem m'għandu l-awtorità li jirregola u jikkontrolla l-qima ta' xi ħadd ieħor. La dan hu sewwa, il-privileġġ, mela, hu ta' Alla u mhux tal-bniedem. Għallem Alla, f'li jeżerċità l-awtorità Tiegħu, li grupp wieħed għandu josserva l-Ikla tal-Mulej kull sena, grupp ieħor kull sitt xhur, grupp ieħor kull xahar, waqt li grupp ieħor kull ġimgħa jew kuljum? Dan żgur li le. B'hekk huwa ċar li l-bnedmin ħarġu minn posthom, ħadu l-awtorità li hija ta' Alla waħdu f'idejhom, biex jippruvaw jirregolaw il-qima tal-bniedem lil Alla. Biex jippruvaw jiskapulaw din il-konklużjoni l-bnedmin igħidu li Alla ma għallimniex kemm-il darba għandna nosservaw l-Ikla tal-Mulej u li dik ta' kull sena, ta' kull sitt xhur, ta' kull tliet xhur jew kull xahar hija aċċettabbli wkoll, iżda din titfagħhom f'dilemma oħra. Għaliex jekk Alla ma għalimna l-ebda żmien reolari biex nosservaw l-Ikla tal-Mulej, allura dak il-bniedem li josservaha darba biss f'ħajtu jkun obda lil Alla u jkun Skritturali bħal kull wieħed ieħor. Għaldaqshekk, il-Bibbja għandha jkollha aktar xi tgħid dwar l-Ikla tal-Mulej milli jaħsbu ħafna min-nies.

2. *Il-knisja ta' Ġerusalem żammet sħiħ fl-osservanza tagħha*: "U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim ta' l-appostli u fil-għaqda ta' bejniethom, fil-qsim tal-ħobż u fit-talb" (Atti 2:42). Dan il-passaġġ jindika regolarità u frekwenza u mhux użanza okkażjonali. Dan jindika wkoll lir-ripetizzjoni ta' l-osservanza tagħha kienet tant magħrufa għal Teofilu li ma kienx hemm bżonn li jiktiblu d-dettalji dwarha.

3. *Il-knisja fi Troas kienet tinlimkien fl-ewwel jum tal-ġimgħa bl-iskop ħalli jaqsmu l-ħobż*: "fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż, Pawlu, li kellu jitlaq il-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofs-il-lejl" (Atti 20:7). Minn dan il-vers aħna noffru dan li ġej:

(1) Li huma jieħdu l-Ikla tal-Mulej f'dak il-jum hija preċedent (deċiżjoni li tittieħed bħala regola ta' dak li jiġri wara) approvat. Kieku din kienet ħażina, Pawlu kien jikkundannaha.

(2) Huma ltaqgħu flimkien f'dak il-jum, l-ewwel jum tal-ġimgħa, bl-iskop ewlieni biex jaqsmu l-ħobż. Liema l-ewwel jum tal-ġimgħa? Hemm biss wieħed li huwa l-ewwel jum tal-ġimgħa. Qatt ma kien hemm ġimgħa mingħajr l-ewwel jum jew b'aktar min jum wieħed li hu l-ewwel jum!

(3) Ifisser dan li huma ħadu l-Ikla kull l-ewwel jum ta' kull ġimgħa? Imma hawn ma jgħidx li "kull l-ewwel jum tal-ġimgħa," imma lanqas ma jgħid li Alla kkmanda lil-Lhud biex iżommu kull Sibt. Alla qal, "Ftakru l-jum tas-Sibt, biex iżżommuh imqaddes" (Eżodu 20:7). Huma kienu obligati biex iżommu s-Sibt. Dan kien jiġi darba kull ġimgħa; għalhekk, huma kienu obligati li jżommuh kull ġimgħa. Id-dixxipli tal-bidu kienu jiltaqgħu "fl-ewwel jum tal-ġimgħa" biex jaqsmu l-ħobż, u kienu jagħmlu dan b'approvazzjoni appostolika. Jekk aħna nimxu wara dan l-eżempju approvat, kemm-il darba aħna għandna niltaqgħu sabiex naqsmu l-ħobż? Sewwasew kemm-il darba l-ewwel jum tal-ġimgħa jiġi, u dan jiġi darba kull ġimgħa.

(4) Għandu jkun aċċettat li l-laqgħat flimkien fl-ewwel jum tal-ġimgħa u l-qsim tal-ħobż tagħhom, skond dan il-vers, kien isir ta' spiss u bl-istess frekwenza. Huma ltaqgħu flimkien fl-ewwel jum tal-ġimgħa, u huma qasmu l-ħobż fl-ewwel jum tal-ġimgħa. Dawk li jifirdu l-qsim tal-ħobż fl-ewwel jum tal-ġimgħa jagħmlu ħaġa li għaliha m'għandhomx awtorità Skritturali. Il-konsistenza titlob li jekk huma jabbandunaw il-qsim tal-ħobż fl-ewwel jum tal-ġimgħa, huma wkoll għandhom jabbandunaw il-laqgħat tagħhom fl-ewwel jum tal-ġimgħa.

(5) Jistgħu dawk li jiċħdu li dan il-vers igħallem li aħna għandna nosservaw l-Ikla tal-Mulej fl-ewwel jum tal-ġimgħa jgħidulna kif huma tgħallmu minnu li din għandha tiġi osservata kull sena, kull sitt xhur, kull tliet xhur, kull xahar, jew kuljum?

4. *Għaliex tosserva l-mewt tal-Mulej kull sena, kull tliet xhur jew kull xahar jew kuljum, iżda tosserva l-qawmien tiegħu kull ġimgħa?* Kulħadd jaqbel li l-ewwel jum tal-ġimgħa, huwa osservat għaliex huwa l-jum li l-Mulej ġie 'l quddiem mill-qabar. Issa jistgħu l-osservaturi ta' kull sena, kull sitt xhur, kull tliet xhur, kull xahar, jew kuljum tal-mewt tal-Mulej—għax l-Ikla tal-Mulej turi l-mewt Tiegħu—igħidulna għaliex huma josservaw il-qawmien tal-Mulej kull ġimgħa imna josservaw il-mewt tiegħu biss kull sena, kull sitt xhur, kull tliet xhur, kull xahar, jew kul-jum?

5. *Il-knisja ta' Korintu kienet tiekol l-Ikla tal-Mulej meta hum akienu jinġabru flimkien*, li kien l-ewwel jum ta' kull ġimgħa. Għall-knisja ta' Korintu, li ħażżnet l-Ikla tal-Mulej permezz tal-ġuħ u s-sokor, Pawlu qal, "Meta tiltaqgħu f'post wieħed mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu" (1 Korintin 11:20). Huwa ċar li kienet il-prattika tagħhom li jinġabru jieklu l-Ikla tal-Mulej meta kienu jiltaqgħu. Issa jekk kien hemm xi regolarità dwar li jiltaqgħu flimkien, kien hemm ukoll regolarità dwar li huma jieklu l-ikla tal-Mulej. Hawn hija r-regolarità dwar li huma jiltaqgħu flimkien: "Kull wieħed minnkom, kull l-ewwel jum tal-ġimgħa, iwarrab xi ħaġa u

jfaddalha skond ma jista' biex ma jkunx hemm ġbir meta niġi" (1 Korintin 16:2). Wieħed igħid, "ifisser dan kull l-ewwel jum tal-ġimgħa?" Jekk le, għaliex inti tgħaddi s-sassla tal-ġbir f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa? Jekk dan mhuwiex l-awtorità tiegħek għal dan, x'inhu? Iva, dan ifisser l-ewwel jum ta' kull ġimgħa u mfisser hekk minn Macknight. Ħalli naraw x'għandna. (1) Kienet il-prattika tagħhom li jieklu l-ikla tal-Mulej meta huma kienu jiltaqgħu flimkien (1 Korintin 11:20). (2) Kienet il-prattika tagħhom li jiltaqgħu flimkien f'kull l-ewwel jum tal-ġimgħa (1 Korintin 16:2). (3) Għalhekk, kienet il-prattika tagħhom li jieklu l-Ikla tal-Mulej fl-ewwel jum ta' kull ġimgħa.

## III. MIN GĦANDU JIPPARTEĊIPA FIT-TQARBIN

1. *Aħna nistgħu nsibu min għandu jipparteċipa billi nsibu min ħa sehem; li huma*: (1) Membri tal-knisja f'Ġerusalem (Atti 2:42). (2) Membri tal-knisja fi Troas (Atti 20:7). (3) Membri tal-knisja f'Korintu (1 Korintin 11:20-23).

2. *Dawk li huma fis-saltna*: "U bħalma Missieri hejja saltna għalija, hekk ukoll jiena nhejji għalikom biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda miegħi f'saltnati" (Luqa 22:29, 30). Din għandha ssir fis-saltna; għaldaqshekk, ċittadini tas-saltna biss igawdu dan il-privileġġ.

3. Hija l-mejda tal-Mulej u l-Ikla tal-Mulej; għalhekk, *dawk biss li huma tal-Mulej għandhom il-privileġġ li jiekluha*.

4. *Madankollu, l-ebda bniedem jew klikka ta' nies m'għandhomn id-dritt jew il-jedd li jiġġudikaw min għandu u min m'għandux il-privileġġ li jieħu sehem*: "Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi" (1 Korintin 11:28). L-eżami tiegħek innifsek mgħ-allem f'dan il-vers jikkundanna d-duttrina li ħaddieħor jeżaminak. Kull wieħed u waħda għandhom jeżaminaw lilhom infushom; u mhux xi ħadd ieħor għalihom. Huwa att individwali ta' qima; hija tqarbina tal-Kristjan ma' Kristu (1 Korintin 10:16); għalhekk, hija prerogattiva li tappartjeni lil Kristu minflok lill-bniedem, għaliex hija l-mejda tal-Mulej u l-Ikla tal-Mulej.

## IV. XI MISTOQSJIET

1. *Il-frekwenza tat-tqarbin ta' kull ġimgħa ma jeqridx is-solennità tiegħu?* Le. Ma hemmx aktar sisien għal din milli hemm biex tattendi l-knisja darba fis-sena, kull sitt xhur, kull tliet xhur, kull xahar jew kuljum, bil-ħsieb li jekk tagħmel dan aktar ta' spiss teqred is-solennità u l-għajnuna tagħha.

2. *X'inhu li tiekol u tixrob bla ma jixraqlek (1 Korintin 11:27)?* "Bla ma jixraqlu" huwa avverbju u jibdel il-verb li jfisser l-azzjoni; għalhekk, din għandha riferenza għall-manjiera li hija tkun magħmula, mhux għas-siwi ta' l-individwu. Il-Verżjoni Riveduta tippreżenta dan il-ħsieb billi tgħid, "B'manjiera li ma jistħoqqlux."

3. *X'inhi t-tifsira "tal-kalċi" (1 Korintin 11:25)?* Din tfisser xi ħaġa li jistgħu jixorbu, għaliex kien intqal lilhom biex jixorbuh; għalhekk, il-kalċi jirreferi għal kontenut u mhux għar-reċipjent. Ma ntqalx biex huma "jixorbu *mill*-kalċi" imma biex huma "jixorbu *l*-kalċi." Tista' inti tixrob "kalci"? Le. Imma jekk il-kalċi jirreferi għall kontenut, kif fil-fatt jirreferi hawn, iva, tista' tixrob kalċi! Xi wħud jemmnu u jipprattikaw fejn huma jixorbu lkoll minn kontenut wieħed imma li kieku huma tassew jagħtu ftit aktar attenzjoni għal dak li jintqal hawn, dak il-ħsieb għandhom iwarrbuh mill-ewwel.

4. *Huwa l-ħobż mibdul fil-ġisem "veru" tal-Mulej; u l-inbid mibdul fid-demm "veru" tal-Mulej (1 Korintin 11:25)?* Il-Kattoliċi Rumani hekk jaħsbu u hekk jemmnu. Hija d-duttrina tagħhom ta' "konsustanzjazzjoni (duttrina illi fl-Ewkaristija s-sustanza tal-ħobż u l-inbid tibqa' teżisti anki wara l-konsagrazzjoni) u "transubstanzjazzjoni" (il-bidla ta' l-ispeċi Ewkaristiċi fil-ġisem u d-demm ta' Kristu b'mod li mill-ħobż u l-inbid tibqa' tidher biss l-apparenza). Il-Kattoliċi jsostnu li l-bidla ssir illum meta l-ostja din tkun "imbierka" mill-qassis Kattoliku Ruman. Ġesù ħa l-ħobż u qal, "Dan hu ġismi." Ġesù kien ħaj, igħix fil-ġisem fiżiku ta' din l-art; mela jekk il-ħobż inbidel u sar il-ġisem letterali tiegħu, Hu kellu *żewġ iġsma letterali f'ħin wieħed*. Ġesù qal ukoll, "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid b'demmi," imma l-kalċi ma sarx id-demm letterali Tiegħu, għaliex demmu kien għadu jiġri fil-vini Tiegħu. Jekk dan jista' ma jfisser xejn ħlief il-ġisem u d-demm "letterali" jew "attwali," għaliex iddaħħal il-kelma eliminatorja "letterali" jew "attwali"? Il-fatt li huma jdaħħlu dan il-kliem hu prova li din tista' tkun simbolu minflok letterali jew attwali. Għaliex ma tassumix li l-kalċi hu letteralment il-patt il-ġdid? Ġesù hekk qal bi kliem ċar ħafna: "Dan il-kalċi **hu** l-patt il-ġdid b'demmi." "Jekk "dan **hu** ġismi" jfisser li l-pronom "hu" jibdel il-ħobż għall-ġisem letterali ta' Kristu hekk ukoll il-pronom "hu" f'"dan il-kalċi **hu** l-patt il-ġdid b'demmi" għandu jibdel il-kalċi għall-patt il-ġdid letteralment! Għaliex tirraġuna li l-kalċi huwa d-demm attwali u mhux *il-patt il-ġdid attwali*? It-tnejn qegħdin fl-istess passaġġ: "Il-kalċi hu l-patt il-ġdid." Kristu qal ukoll, "Jiena d-dielja, intom il-friegħi" (Ġwanni 15:5). Għaliex ma targumentax li Ġesù kien dielja letterali u d-dixxipli kienu friegħi letterali? Hekk titlob il-konsistenza! L-Iskrittura Mqaddsa tgħidilna: "Għalhekk aħna ma nagħrfu lil

ħadd skond il-ġisem. *Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħarfuhx aktar hekk*" (2 Korintin 5:16). Issa aħna ma nistgħux nagħrfu lil Ġesù b'mod letterali imma spiritwali! (Ara Ġwanni 6:63.)

# RAĠUNI XXIV

## GĦALIEX HIJA GĦANDHA MUŻIKA SKRITTURALI FIL-QIMA TAGĦHA

### I. INTRODUZZJONI

1. *L-organizzazzjonijiet reliġjużi kollha jaqblu li l-mużika għandha post fil-qima tat-Testment il-Ġdid,* iżda ma jaqblux jekk din għandhiex tkun vokali jew strumentali, jew vokali akkumpanjata bi strumenti mekk-aniċi; ukoll għalkemm it-Testment il-Ġdid, enċiklopedisti, storiċi, u kummentaturi jgħamluha ċara dwar it-tagħlim u l-prattika tal-knisja tat-Testment il-Ġdid.

2. *Il-prinċipju li jiggwida fil-knejjes ta' Kristu huwa*: "Tkellem fejn il-Bibbja titkellem u żomm sieket fejn il-Bibbja hija siekta." Għaqda stretta ma' dan il-prinċipju bażiku hija r-raġuni għan-nuqqas ta' mużika strumentali fil-qima fil-knejjes ta' Kristu.

### II. IL-MUŻIKA MGĦALLMA FIT-TESTMENT IL-ĠDID

1. *Hawn huwa r-reġistrar tal-mużika msemmija fit-Testment il-Ġdid*: (1) "U wara li għannew innu, ħarġu għall-għolja taż-żebbuġ" (Mattew 26:30). (2) "U f'nofs il-lejl Pawlu u Sila talbu, u kantaw tifħir 'l Alla" (Atti 16:25). (3) "U biex il-Ġentili jigglorifikaw 'l Alla għall-ħniena tiegħu: kif inhu miktub: Għalhekk infaħħrek qalb il-Ġentili, u ngħanni lil ismek" (Rumani 15:9). (4) "…ngħanni bl-ispirtu, u ngħanni bil-moħħ ukoll" (1 Korintin 14:15). (5) "Billi tgħidu wieħed lil ieħor salmi, innijiet u għanjiet spiritwali, tgħannu u tgħidu s-salmi lill-Mulej f'qalbkom" (Efesin 14:15). (6) "Ħa tgħammar fikom bil-kotra l-kelma ta' Kristu f'kull għerf; billi tgħallmu u twissu lil xulxin b'salmi, u innijiet, u għanjiet spir-itwali, u tgħannu bil-grazzja f'qalbkom lill-Mulej" (Kolossin 3:16). (7) "Billi jgħid: Inxandar ismek lil ħuti, f'nofs il-miġemgħa ngħannilek tif-ħir" (Lhud 2:12). (8) "Ħa noffru mela bih sagrifiċċju ta' tifħir 'l Alla kull ħin, jiġifieri, il-frott ta' xofftejna li jiżżuħajr lil ismu" (Lhud 13:15). (9) "Hemm xi minkom li jsofri? Ħa jitlob. Hemm xi ħadd ferħan? Ħa jgħanni s-salmi" (Ġakbu 5:13).

2. *Li Kristu ħalla barra mużika strumentali fil-qima għandu jqiegħed f'postu s-suġġett*. Il-knisja tal-Mulej hija istituzzjoni tat-Testment il-Ġdid u t-Testment il-Ġdid igħidilna dwar l-oġġetti ta' qima li l-Mulej poġġa fiha. Aħna rajna li t-Testment il-Ġdid huwa sieket dwar mużika strumentali fil-qima jew adurazzjoni. Huwa ċar li dawk li għandhom din fil-qima tagħhom jagħmlu hekk mingħajr ebda awtorità Skritturali. Aħna m'għandniex nippresumu li nżidu xi ħaġa mal-mudell divin.

3. *Hemm żewġ kwalitajiet ta' kmandi: dak speċifiku u dak ġeneriku*: Eżempju, "Agħmel inti arka ta' njam gufru" (Ġenesi 6:14) huwa kmand speċifiku. Alla għażel l-injam u b'hekk stabbilixxa l-oġġett relattiv għall-kwalità ta' l-injam. Alla ma qalx, "Inti m'għandekx tuża njam ieħor"; imma l-fatt li Alla llimità l-injam għall-gufru neħħa l-użu ta' kull kwalità ta' njam ieħor. Issa kieku Alla qal, "Agħmel inti arka ta' l-injam," l-użu ta' kull xorta ta' njam kien ikun jaqbel ma' dan il-kmand ġeneriku. Hekk ukoll, kieku t-Testment il-Ġdid qal, "Agħmlu mużika," aħna nistgħu nikkuntentaw mal-bżonn billi nagħmlu jew mużika vokali jew strumentali, jew it-tnejn. Alla, iżda ma qalx dan. Hu qal, "kantaw" (għannu), u dan jillimità l-mużika għal dik vokali. L-ispeċifikazzjonijiet u l-limitazzjonijiet huma ċari daqs kemm kien ċar il-kmand biex tinbena l-arka ta' l-injam gufru. Il-kmand speċifiku biex tkanta għandu jkun bizżejjed għal dawk li huma lesti u jridu li jieħdu lil Alla fil-Kelma Tiegħu u jagħmlu dak li Hu jgħid għaliex ikun qalu Hu. Ħafna huma dawk li jippruvaw jargumentaw ma' dan il-kmand biex b'hekk jippruvaw jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom ta' l-użu ta' strumenti mekkaniċi mużikali imma dan mhu se jibdel xejn. Huma sempliċiment mhumiex qegħdin jobdu l-kmand speċifiku ta' Alla.

## III. KONKLUŻJONIJIET IBBAŻATI FUQ TAQSIMIET MAĠĠURI U MINURI

Li rajna jippreprarana għal aktar investigazzjoni fuq is-suġġett. B'din il-preparazzjoni tal-moħħ, aħna ninnutaw dawn l-argumenti li ġejjin:

1. *Argument 1:*

(1) L-Iskrittura kollha hija mogħtija biex il-bniedem ta' Alla jkun imhejji għal kull ħidma tajba (2 timotju 3:16, 17).

(2) Ebda Skrittura ma tawtorizza mużika strumentali waqt il-qima llum (ma tistax tinstab).

(3) Għalhekk, mużika strumentali fil-qima llum mhix opra tajba.

2. *Argument 2:*

(1) Huwa ksur tar-rieda tal-Mulej li tmur 'il quddiem minn dak li hemm miktub (1 Korintin 4:6).

(2) Mużika strumentali waqt il-qima tat-Testment il-Ġdid ma ġietx miktuba (ma tinstabx).

(3) Għalhekk, dawk li llum jużaw mużika strumentali fil-qima jkunu qegħdin jiskru l-liġi ta' Alla.

3. *Argument 3:*

(1) "Għax il-fidi tiġi mis-smigħ, u smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu" (Rumani 10:17).

(2) Il-Kelma ta' Kristu ma tagħtix u ma tordnax mużika strumentali fil-qima (ma tinstabx).

(3) Għalhekk, mużika strumentali fil-qima mhix att ta' fidi.

4. *Argument 4:*

(1) Alla tana dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba (2 Pietru 1:3).

(2) Dak li Alla ta ma jsemmix mużika strumentali waqt il-qima.

(3) Għalhekk, mużika strumentali waqt il-qima mhix meħtieġa għall-ħajja u t-tjieba.

## IV. "PSALLO"

1. Xi wħud staqsew, "*Ma jinkludix fih il-verb Grieg 'psallo' id-daqq?* Xi wħud iserħu l-pretensjoni tagħhom fuq dan, imma ftit ta' raġunar iġiegħlhom iwarrbu dan il-ħsieb jew argument. Jekk il-kelma oriġinali li minnha aħna nieħdu t-terminu 'tkanta' (jew tgħanni) timplika u tinkludi d-daqq ta' strument mekkaniku, allura aħna ma nistgħux nobdu lil Alla fil-kmand Tiegħu biex inkantaw sakemm jekk mhux kull wieħed minna fil-ġemgħa jdoqq xi strument. Issa min hu lest li jgħid lid-daqq ta' strument mekkaniku huwa nkluż fil-kelma Griega "psallo"? Iva, min sejjer igħid li kull persuna li tipprova tqim jew tadura lil Alla mingħajr mad-doqq xi strument mekkaniku tkun qed tikser il-kmand ta' Alla?

2. *Definizzjoni ta' psallo*. Fil-ktieb ta' M. C. Kurfee "*Mużika Strumentali fil-Qima,*" proprjetà letterarja tal-Kumpanija ta' l-istampar ta' Mc Quiddy, Nashville, Tennessee, p. 16, hemm sommarju tad-definizzjoni tal-kelma "psallo" kif inhi mogħtija fi sbatax-il dizzjunarju Grieg-Ingliż, kif inhu ġej:

"(1) Tiġbed ix-xagħar. (2) Iż-żarżar il-korda. (3) Tiġbed is-siegla tal-karpentier. (4) Tmiss il-kordi ta' strument mużikali, jiġifieri, li tagħmel mużika strumentali. (5) Li tmiss il-kordi tal-qalb tal-bniedem, jiġifieri, li tkanta, li tiċċelebra b'tifħir tal-bniedem."

Billi l-klema Griega "psallo" ħadet ħames tifsiriet differenti fi żminijiet differenti, x'għandna ngħidu aħna li hija t-tifsira fl-użu tat-Testment il-Ġdid? Huwa ċar lit-tifsira hija "biex tkanta," għaliex il-melodija kienet magħmula permezz tal-qalb tal-bniedem" "Kantaw u għannu minn qalbkom lill-Mulej" (Efesin 5:19). Allura t-tifsira tat-Testment il-Ġdid mhix li tiġbed ix-xagħar, liż-żarżar il-korda, li tiġbed is-siegla tal-karpentier, li tmiss il-kordi ta' strument mużikali; imma hija li tmiss il-kordi tal-qalb tal-bniedem, għaliex dik hija l-istrument li bih l-għana għandha tkun magħmula.

## V. DIKJARAZZJONJIET TA' MEXXEJJA RELIĠJUŻI

Bosta mexxejja reliġjużi kitbu jew tkellmu taħt fehma waħda dwar il-mistoqsija tal-mużika. Aħna issa nintroduċu xi wħud minnhom:

1. *John Calvin*, bħala wieħed mill-fundaturi tal-Knisja Presbiterjana li żammew iebes: "Strumenti mużikali waqt li tiċċelebra tifħir lil Alla mhumiex aktar xierqa daqs il-ħruq ta' l-inċens, li tixhel il-lampi, ir-radd tad-dellijiet l-oħra tal-liġi. Il-Papisti, għalhekk, b'mod ta' blugħa sselfu dan, kif ukoll ħafna ħwejjeġ oħra, mingħand il-Lhud"—*Kummentarju ta' John Calvin*, Salm Tliet u Tletin.

2. *Adam Clarke*, l-akbar kummentatur taż-żminijiet kollha fost il-Metodisti: "Mużika bħax-xjenza, jiena nistma' u nammira: imma strumenti tal-mużika fid-dar ta' Alla jiena nobgħod u nistkerrah. Dan hu l-abbuż tal-mużika, u hawn jiena nirreġistra l-protest tiegħi kontra kull korruzz-joni bħal din fil-qaima ta' l-Awtur tal-Kristjaneżmu."—*Kummentarju ta' Clarke*, Vol. IV., p. 686.

3. *John Wesley*, il-fundatur ta' fama tal-Knisja Metodista, hu kkwotat minn Adam Clarke li qal: "Jiena m'għandi l-ebda oġġezzjoni għall-mużika strumentali, fil-kappelli tagħna, imbasta ma jinstemgħux jew jidhru."—*Kummentarju ta' Clarke*, Vol. IV., p. 686.

4. *Martin Luther*, wieħed magħruf fir-riforma, "sejjaħ l-orgni bħala nsinja ta' Bagħal"—*Enciklopedija ta' McClintock u Strong,* Music, Vol. I., p. 762.

5. *John Knox,* riformatur Skoċċiż, "sejjaħ l-orgni 'kaxxa tas-sfafar'." *Enċiklopedija ta' McClintok u Strong*, Mużika, Vol. VI., p. 762.

6. *Charles H. Spurgeon*, magħruf bħala l-aqwa predikatur Battista li qatt għex, ippriedka għal għoxrin sena għal eluf ta' nies kull ġimgħa fit-Tabernaklu Battista Metropolitan ta' Lorndra, l-Ingilterra, ma kellux mużika strumentali fil-qima.—M. C. Kurfees, *Mużika Strumentali fil-Qima*, p. 196.

7. *Conybeare u Howson*, skulari famużi tal-Knisja ta' l-Ingilterra, f'kummentarju dwar Efesin 5:19, igħidu, "Agħmlu melodija bil-mużika ta' qalbkom, lill-Mulej…ħalli l-kant tagħkom ikun, mhux il-kant tax-xorb tal-festi tal-pagani, imma salmi u innijiet; u l-akkumpanjament tagħhom, mhux il-mużika ta' l-arpa, imma l-mużika ta' qalbkom."—*Ħajja u Epistola ta' San Pawl*, Vol. II, p. 408.

8. *Ġwann Frendo O.P.,* kittieb Kattoliku Ruman, wara li kkwota mill-Bibbja Efesin 5:19; Kolossin 3, 16 u Ġakbu 5:13, igħid, "il-Knisja tal-qedem speċjalment is-Santi Padri, waqt li kienu jfaħħru l-Kant reliġjuż, kienu kuntrarju għall-użu ta' l-istrumenti: ir-raġuni hi li dawn kienu

marbutin wisq mal-qima ta' l-idoli. Kien għall-ħabta tas-seklu 12-13 li l-istrumenti tal-mużika bdew jidħlu fir-riti differenti tal-liturġija. U kien il-Punent Latin li daħħal l-istrumenti li jakkumpanjaw il-kant: dan kien ftit aktar tard. Insibu l-użu ta' l-orgni, arpi, kitarri flawt, korni u bosta strumenti oħra. Minn hawn bdew jidħlu l-abbużi: użu ta' mużika profana u tejatrali, solisti, mużika li ma tispirax sentiment reliġjużi. Għalhekk nibdew insibu kundanni ta' din l-għamla ta' mużika u strumenti: il-Konċilju ta' Trentu, u l-Papiet Benedittu XIV, Piju X u Piju XII…" (*Riflessi*, Vol. 12, Nru. 10, Diċ. 1987, Mużika fil-Liturġija, p. 228, 230).

9. *John McClintock u Strong, Enciklopedija ta' Letteratura Teoloġika u Ekkleżjastika*, "…iżda huwa ġeneralment emmnut li l-Kristjani primit-tivi naqsu milli jadottaw l-użu ta' strumenti mużikali fil-qima reliġjuża tagħhom.–John McClintock, D.D., u James Strong, S.T.D., Music, Vol. VI., p. 759-762.

Dawn il-mexxejja reliġjużi ta' fuq (u ħafna oħrajn bħalhom) li ebda wieħed minnhom ma kien membru tal-knisja ta' Kristu, ġew ikkwotati mhux għal l-iskop biex nuri li mużika strumentali hija ħażina—għalina l-fatt li Kristu ħalliha barra huwa prova biżżejjed ta' dan—imma biex nuri li strumenti mekkaniċi fil-qima kienu mwarrba minn ħafna mexxejja reliġjużi tad-dinja li kienu jafu sewwa x'tgħid il-Kelma ta' Alla dwar dan! Li kieku ħadd ma għallem li mużika strumentali fil-qima hija ħażina; dan ma kien jibdel xejn mit-tagħlim tat-Testment il-Ġdid; imma huwa ċar biżżejjed għal kull min hu sinċier u jrid li tassew jagħti qima lil Alla "*fl-ispirtu u fil-verità*" (Ġwanni 4:23-24) li wkoll dawk li llum jaċċettaw strumenti mekkaniċi fil-qima tagħhom ħafna mill-mexxejja reliġjużi tagħhom dawn ma aċċettawhomx, mhux hekk biss, imma kkundannaw l-użu tagħhom bħala qima lil l-allat foloz. Huwa ċar, mela, li oħrajn, li llum ma jaqblux mal-knisja ta' Kristu, il-mexxejja tal-passat tagħhom okkuppaw l-istess pożizzjoni bħalna u dan juri li aħna b'kull mezz m'aħniex weħidna dwar dan. Storiċi, enċiklopediji u mexxejja reliġjużi jaqblu li l-karatteristika tal-mużika tat-Testment il-Ġdid hija l-karatteristika tal-mużika tal-knejjes ta' Kristu. Hija ħasra li huma ħafna mexxejja reliġjużi llum li marru mal-kurrent u biex jingħoġbu mas-segwaċi tagħhom u aktar u aktar maż-żminijiet moderni, qegħdin jaċċettaw ħafna tagħlim mhux Skritturali. Imma aħna m'għandniex ninsew li: "Hemm triq li tidher dritta lil xi ħadd; iżda hemm triqat il-mewt fl-aħħar tagħha" (Proverbji 14:12; 16:25).

# VI. SFORZI BIEX JIĠĠUSTIFIKAW IL-MUŻIKA STRUMENTALI FIL-QIMA

Għalkemm l-Iskrittura Mqaddsa turi bl-aktar mod ċar dwar il-mużika vokali fil-qima, oġġezzjonijiet huma offruti għaliha u sforzi huma magħmula biex jiġġustifikaw il-mużika strumentali. Xi ftit minn dawn l-isforzi sejrin jiġu kkunsidrati fuq fuq:

1. *Xi wħud jippruvaw ħalli jiġġustifikaw il-mużika strumentali fil-qima tat-Testment il-Ġdid billi jgħidu li din kellha parti fil-qima tat-Testment il-Qadim.* Imma jekk dan jawtorizza d-daqq ta' strtumenti mużikali fil-qima, dan jaqtorizza wkoll l-offerti ta' sagrifiċċji bl-annimali u l-ħruq ta' l-inċens fil-qima. Jekk il-bnedmin iġibu mużika strumentali fil-qima llum fuq il-bażi li hija msemmija fit-testment il-Qadim, il-konsistenza titlob li huma jġuby wkoll sagrifiċċji ta' l-annimali u sagrifiċċji tal-ħruq, u ħruq ta' l-inċens ukoll. Jekk bniedem iħalli barra l-offerta tas-sagrifiċċji bl-annimali u l-ħruq ta' l-inċens mill-qima fuq il-bażi li Ġesù ma nkludihomx fit-Testment il-Gdid, huwa għandu wkoll iħalli barra d-daqq ta' strumenti mekkaniċi mużikali għall-istess raġuni. (Li aħna llum qegħdin ngħixu taħt il-liġi tat-testment il-Ġdid u mhux tat-Testment il-Qadim, ara taqsima X, minn paġna 45.)

2. *Xi wħud igħidu wkoll li huwa sewwa li jkollok mużika strumentali fil-qima għaliex arpi huma msemmija fis-sema.* Li tintroduċi fil-qima fil-knisja hawn fuq l-art il-ħwejjeġ li huma msemmija fis-sema jwasslu lill-bniedem f'diffikultajiet akbar milli qatt huwa ħaseb. Eżempju, vers li jsemmi l-arpi jsemmi wkoll "skutelli tad-deheb mimlija inċens" (Rivelazzjoni 5:8). Huwa sewwa li jkollok l-inċens fil-qima fi skutelli tad-deheb sempliċiment għaliex dawn huma msemmija li qegħdin fis-sema" Le! Imma hemm l-istess awtorità għal l-inċens fil-qima daqs kemm hemm għal l-arpi jew kull strument ieħor mużikali. Jekk dan l-inċens li huwa msem-mi fis-sema hu kemm letterali jew simboliku, żgur li jiltaqa' ma' l-approvazzjoni tiegħi. U l-arpi li huma f'dik il-belt tas-sema, kemm jekk huma letterali jew simboliċi, jgħoġbuni wkoll. U jekk Alla poġġa kemm l-arpa jew l-inċens, jew it-tnejn, fil-knisja, kieku ma kienx ikun hemm oġġezzjoni minn naħa tiegħi, imma Alla ma poġġa l-ebda waħda fil-knisja Tiegħu.

3. *Klassi oħra ma titlob ebda awtorità għall-mużika strumentali, fil-fatt ma titlobx awtorità għaliha fil-qima, imma tinsisti li hija espedjenti, (jiġifieri li hija tajba għal xi skop),* ħaġa indifferenti, ħaġa li aħna jista' jkollna jew ma jkollniex. Jekk hija ħaġa indifferenti, ħaġa ta' indifferenza għalihom, għaliex ma jħalluhiex barra mill-qima meta oħrajn tal-kuxjenza jopponuha? Għaliex tinsisti fuq ħaġa li taqbel għall-firda tan-nies reliġ-

jużi? Dawk li huma indifferenti għal din il-ħaġa mhumiex indifferenti minħabba xi ħaġa li hija tajba għal xi skop, iżda huma indifferenti lejha b'riżultat ta' l-indifferenza tagħhom għall-prinċipju li jżommu stretti mal-mudell divin, mingħajr ma jżidu miegħu jew inaqqsu minnu.

4. *Isostnu li l-użu ta' strumenti mużikali huwa ġġustifikat għaliex dawn igħinu fil-kant.* Dwar jekk strument mużikali jgħin jew le fil-kant jiddependi għal liema skop aħna nkantaw. Jekk aħna nkantaw, nagħmlu l-mużika bl-iskop li nagħtu pjaċir lil l-udjenza, nagħmlu wirja, tappella lil dawk li m'għandhom xewqa biex jaduraw bl-ispirtu u l-verità, allura, l-istrument mużikali forsi jkun ta' għajnuna. Dan, madankollu, mhuwiex l-iskop tal-kant tagħna. Skop wieħed hu biex ngħallmu u nwiddbu lil xulxin (Kolossin 3:16). Jista' daqq ta' strument ikun ta' għajnuna għalina biex ngħallmu nwiddbu? Le! Ta' spiss dan igħarraq il-kliem u jżommna milli niġu mgħallma u mwiddba. Għaldaqshekk, dan ifixkel wieħed mill-iskopijiet li għalih aħna nkataw, aktar milli jgħinu.

5. *Attentat biex jiġġustifika l-mużika strumentali huwa magħmul billi jintqal li aħna okkażjonalment nużaw il-korista (strument ta' l-azzar għamla ta' furketta li meta tolqtu jagħti nota ta' ton).* Dan l-argument tant huwa batut li ċertament huwa ammissjoni li dak li jagħmlu jinsab magħfus ħafna għall-prova, għaliex mużika strumentali u l-korista mhumiex ħaġa waħda u l-istess; u wkoll li kieku kienu, dan ma jippruvax li huma aċċettabbli għal Alla sewwasew għaliex aħna nużaw il-korista. Li ġej huwa ta' għajnuna: "Dak kollu li huwa essenzjali biex tagħmel kmand huwa nvolut fil-kmand biex tkanta.….li tintona t-ton huwa nvolut fil-kmand biex tkanta.….meta korista hija wżata biex tintona t-ton, xejn ma jkun magħmul fil-kant li ma jkunux magħmul mingħajrha.….Imma meta strument mużi-kali huwa wżat *mal*-kant bħala akkumpanjament għall-kant, xi ħaġa hija magħmula li mingħajrha ma tkunx magħmula…ngħidu aħna, xorta oħra ta' mużika hija magħmula simultanjament ma' dik magħmula permezz tal-vuċi umana. Dan huwa tifħir lil Alla b'żewġ kwalitajiet ta' mużika fejn Alla Nnifsu għażel u appunta kwalità waħda biss." Kwotazzjoni minn "Walking by Faith" mill-ktieb ta' Kurfee, *Review of John B. Cow-den's Trtact on Instrumental Music in the Church*, p. 28.

6. *Ukoll ta' spiss nisimgħu, "Intom għandkom mużika strumentali fid-dar.* Jekk int għandek din id-dar, int jista' jkollok lilha fil-qima.." U le! Aħna għandna ħafna affarijiet fid-dar li m'għandniex fil-qima. Aħna naħslu l-platti u l-borom u taġnijiet fid-dar, imma dawn aħna m'għandniex fil-qima. Aħna nieklu t-tiġieġ moqli u fil-brodu fid-dar biz-zalza, imma aħna nieklu biss il-ħobż u nixorbu biss il-frott tad-dielja fil-mejda tal-Mulej. Il-Mulej ikkmanda l-ħobż u l-frott tad-dielja, u dak jeskludina milli nieħdu xi

ikel ieħor fl-Ikla tal-Mulej; l-istess ukoll, il-Mulej ikkman-dana biex inkantaw u mhux biex indoqqu, biex nagħmlu mużika vokali, u dan jeskludi kull xorta ta' mużika strumentali oħra. Taqbel jew ma taqbilx ma' dan, l-ordni tal-Mulej mhix se tinbidel!

7. *Kien intqal, "Il-Bibbja ma tgħidx biex ma jkollniex din."* Japprova dan li hija aċċettabbli għal Alla? Jekk hu hekk, dan japprova li l-ħruq ta' l-inċens huwa aċċettabbli wkoll; għaliex l-ebda bniedem ma jista' jaqra, "Inti tqabbadx inċens fil-qima." Dan allura japprova wkoll laħam mixwi, u kejk u xorb ieħor bħala li huma aċċettabbli fl-Ikla tal-Mulej; għaliex imkien fil-Bibbja kollha xi bniedem ma jista' jsib xi kmand fejn igħid, "Int m'għandekx tiekol laħam mixwi jew kejk u xi xorb ieħor fl-Ikla tal-Mulej." Prinċipju li jqarraq bħal dan fir-reliġjon huwa bbażat fuq l-idea li tkun iggwidat b'dak li l-Bibbja ma tgħidx minflok b'dak li l-Bibbja tgħid. Qiegħed tara fejn jasal il-bniedem biex iwassal it-tagħlim falz tiegħu? Sabiex nogħġbu lil Alla, aħna għandna nkunu ggwidati b'dak li Alla qal, għaliex Hu wissa kontra li mmorru aktar milli hemm miktub (1 Korintin 4:6). Jalla aħna nagħtu widen tat-twissija!

# RAĠUNI XXV

## GĦALIEX IS-SALVAZZJONI HIJA FIL-KNISJA TA' KRISTU

### I. INTRODUZZJONI

1. *Il-biċċa l-kbira tal-predikaturi denominattivi jgħidu* li l-bniedem m'għandux għalfejn ikun membru tal-knisja biex isalva. Jekk huma jfissru denominazzjonjiet, l-istituzzjonijiet li tagħhom huma membri, huma qegħdin igħidu sewwa. Jekk huma jfissru l-knisja mifdija bid-demm prezzjuż ta' Kristu, huma qegħdin żbaljat għalkollox.

2. *Jekk bniedem jista' jsalva barra minn denominazzjoni* kif ukoll fiha, għaliex tkun fiha? Għaliex tippriedka u taħdem biex iġġib oħrajn ħalli jkunu membri tagħha, jekk ma hemmx salvazzjoni fiha? Xogħolijiet bħal dawn ma jkunux bi skop biex isalva l-mitlufa, imma pjuttost bi skop biex tagħmel konvert ġdid għall-kredu jew tagħlim tal-bniedem u biex toħloq fratellanza reliġjuża magħmula mill-bniedem fejn fiha ma hemmx salvazzjoni.

3. *Kull knisja li mhix essenzjali għas-salvazzjoni tal-bniedem mhix il-knisja ta' Kristu*, għaliex sħubija fil-knisja Tiegħu hija indispensabbli għas-salvazzjoni. Din hija l-ħamsa-u għoxrin raġuni li għandek tobdi biex tkun membru tal-knisja ta' Kristu li dwarha naqraw fit-Testment il-Ġdid.

### II. SĦUBIJA FIL-KNISJA TA' KRISTU ESSENZJALI GĦAS-SALVAZZJONI

1. Salvazzjoni hija fil-knisja, għaliex *hija l-istituzzjoni mixtrija bid-demm*: "…il-knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu stess" (Atti 20:28). L-appostlu Pawlu qal lill-membri tal-knisja ta' Korintu, "Intom mintomx tagħkom infuskom. Bil-għoli kontu mixtrija" (1 Korintin 6:19-20). Dak il-prezz kien id-demm ta' Kristu. Ħalli ninnutaw xi deduzzjonijiet (konklużjonijiet li wieħed jasal għalihom bir-raġunar): (1) Il-membri tal-knisja kienu mixtrija bid-demm; għalhekk, dawk li ma kinux membri ma kinux mixtrija bid-demm. Min jista' jgħid li l-bniedem jista' jsalva mingħajr id-demm? (2) Il-knisja hija l-unika ħaġa mixtrija bid-demm (Atti 20:28); għalhekk, dawk li mhumiex fil-knisja mhumiex mixtrija bid-demm. (3) Il-knisja kienet mixtrija bid-demm ta' Kristu (Atti 20:28); għalhekk, jekk il-knisja hija istituzzjoni mhux bżonnjuża, Alla ta d-demm ta' Kristu mingħajr ebda bżonn. Kull persuna li tgħid li bniedem jista' jsalva barra mill-knisja li naqraw dwarha fit-Testment il-Ġdid iġib akkuża kontra Alla. Huwa ekwivalenti għal li takkuża lil Alla illi Hu wieħed b'qalbu ħażina u bla ebda ħniena li uża d-demm ta' Ibnu biex jixtri istituzjzoni bla siwi ta' xejn u mhux meħtieġa. Aħna ma nissograwx la bil-kelma u lanqas bil-

kitba li nġibu din l-akkuża kontra "l-Missier tal-ħniena u Alla ta' kull faraġ"!

2. Salvazzjoni hija fil-knisja, għaliex l-appostlu *Pawlu wiegħed li Kristu se jsalva 'l knisja:* "Għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma Kristu hu ras il-knisja, is-Salvatur tal-ġisem tiegħu" (Efesin 5:23). F'Efesin 1:22, 23 u f'Kolossin 1:18 naqraw li l-ġisem hu l-knisja. Għalhekk, Kristu hu s-Salvatur tal-ġisem jew il-knisja. Billi dan hu tassew, xi ngħidu dwar dawk li mhumiex membri fil-knisja ta' Kristu? Huma qegħdin igħixu fid-dinja mingħajr wegħda jew tama.

3. Salvazzjoni hija fil-knisja, għaliex *huwa hemm li l-bniedem huwa rrikonċiljat ma' Alla:*" L-appostlu Pawlu jgħid, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, "Billi jagħmilhom paċi t-tnejn bejniethom u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered il-mibegħda ta' bejniethom" (Efesin 2:16). Pawlu jgħidilna li l-ġisem il-wieħed huwa l-knisja (Efesin 4:4; Kolossin 1:18). Innota t-tifsir u l-konklużjoni: (1) Huwa aċċettat li l-bniedem irid ikun imħabbeb ma' Alla sabiex isalva. (2) Rikonċiljazzjoni ma' Alla hija fil-ġisem jew knisja (Efesin 2:16; Kolossin 1:18). (3) Għalhekk, persuna għandha tkun fil-knisja ta' Kristu biex is-salva.

4. Salvazzjoni hija fil-knisja, għaliex *dak huwa l-grupp li Kristu jressaq quddiemu:* Naqraw f'Efesin 5:27,

> "*Biex iressaqha quddiemu, din il-knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd.*"

Kristu se jippreżenta 'l knisja Lilu Nnifsu. Jekk aħna membri tal-knisja Tiegħu, kollox hu sew. Jekk le, jekk aħna membri ta' xi denominazzjoni oħra magħmula mill-bnedmin, allura kif aħna nistgħu nippretendu li nkunu ippreżentati lil Kristu? L-unika tweġiba tagħna hija eku u silenzju.

5. Il-bniedem ma jistax isalva barra mill-knisja ta' Kristu, għaliex *Alla jżid fiha dawk kollha li huma salvi:* Isma xi jgħid Luqa f'Atti 2:47,

> "*U minn jum għal l-ieħor il-Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.*"

F'dik l-okkażjoni tlitt elef ruħ kienu miżjuda fil-knisja. Fil-kondizzjoni mitlufa tagħhom huma ma kinux membri fil-knisja, iżda fil-kondizzjoni salva tagħhom huma kienu membri tal-knisja ta' Kristu. B'hekk aħna naraw illi li tkun salv kien li tkun miżjud fil-knisja. Huma ma kinux jis-tgħu jkunu salvi mingħajr ma jsiru membri fil-knisja ta' Kristu. U għaliex il-knisja ta' Kristu? Għaliex Kristu Nnifsu qal li:

"*...fuq din il-blata nibni **l-knisja tiegħi**;...*" (Mattew 16:18)

Huma ma kinux jistgħu jkunu salvati mingħajr ma jsiru membri tal-knisja ta' Kristu. Dan jagħmilha ċara li l-bżonnijiet tas-salvazzjoni u l-bżonnijiet għas-sħubija fil-knisja huma l-istess. Dan ifisser li kull min hu mitluf ir-raġuni għal dan hija għaliex huma mhumiex membri f'dik il-knisja, u li kull min huwa salv huwa għaliex hu membru fil-knisja ta' Kristu. Għal-daqshekk, is-salvazzjoni hija fil-knisja, għaliex hi tikkonsisti minn dawk kollha li huma salvi, minn dawk kollha li l-Mulej żiedhom fil-knisja Tiegħu. Xi ngħidu dwar it-trabi u dawk il-persuni li huma mentalment inkapaċitati? Qegħdin huma fil-knisja? Le. Huma qegħdin protetti, jinsabu fiż-żgur, u mhux salvi, għaliex huma *qatt ma kienu mitlufa*. Jekk persuna qatt ma kienet mitlufa, (bħal tarbija, jew xi ħadd li hu mentalment in-kapaċitat) allura kif tista' tgħid li dik il-persuna teħtieġ li ssalva! (Mark 10:13-16; Luqa 18:15-17).

6. *Jekk wieħed għandu jkun membru fil-familja ta' Alla* biex ikun salv, huwa għandu jkun membru tal-knisja ta' Alla biex ikun salv. Dan hu min-nu għaliex l-appostlu Pawlu jiddikjara li l-familja ta' Alla jew id-dar hija l-knisja ta' Alla. Pawlu jgħid,

> "*Imma biex, jekk indum ma niġi, tkun taf kif wieħed għandu jġib ruħu fid-dar ta' Alla, li hi l-knisja ta' Alla ħaj, kolonna u pedament tal-verità*" (1 Timotju 3:15).

Id-dar ta' Alla hija l-knisja ta' Alla, u d-dar hija l-familja. Aħna naqraw dwar il-konverżjoni ta' l-għassies u daru (Atti 16:29-34), imma din kienet il-familja tiegħu u mhux ir-residenza tiegħu li kienet ikkonvertiet. Aħna wkoll naqraw li Kornelju, "hu u daru kollha, kellhom il-biża' ta' Alla" (Atti 10:2), imma kienet il-familja tiegħu u mhux daru materjali li kienu jibżgħu minn Alla. Id-dar ta' Alla, il-familja ta' Alla hija l-knisja ta' Alla. Jekk wieħed hu fil-familja ta' Alla, huwa qiegħed fil-knisja ta' Alla. Jekk hu mhuwiex fil-familja ta' Alla, allura mhuwiex fil-familja. Jekk mhuw-iex fil-familja ta' Alla, allura huwa mhuwiex membru tal-familja Tiegħu. Predikaturi li jgħallmu li bniedem jista' jkun iben jew bint ta' Alla min-għajr ma jkun membru tal-knisja ta' Alla jew il-familja ta' Alla qegħdin igħallmu li Alla għandu wlied barra mill-familja Tiegħu u li Hu ħati ta' adulterju spiritwali. Dan joffendi l-Isem imqaddes ta' Alla.

7. Ġesù, ir-Ragħaj tan-ngħaġ, għallem li *bniedem irid jidħol fil-merħla biex isalva:*

> "*Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi, isalva....*" (Ġwanni 10:9).

(1) Salvazzjoni hija fil-merħla (Ġwanni 10:9). (2) Il-merħla hija l-knisja (Atti 20:28). (3) Għalhekk, is-salvazzjoni hija fil-knisja.

8. Il-bniedem ma jistax isalva barra mill-knisja, għaliex *hu ma jistax ikun salv mingħajr ma jkun fergħa fid-dielja*. Ġesù, waqt li kien ikellem lid-dixxipli, qal,

> "*Jiena d-dielja, intom il-friegħi*" (Ġwanni 15:5).

Kristu u d-dixxipli Tiegħu jagħmlu siġra glorjuża waħda. Il-bnedmin ma jistgħux isalvaw barra minn din is-siġra, għaliex Ġesù qal fil-ħames vers,

> "*...mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.*"

9. Huwa impossibbli li salva barra mill-knisja, għaliex *huwa impossibbli li ssalva mingħajr ma tkun iġġustifikat:*

> "*...lil dawk li sejħilhom, iġġustifikahom ukoll*" (Rumani 8:30).

> "*...kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed*" (Kolossin 3:15)

u l-ġisem wieħed huwa l-knisja (Kolossin 1:18; Efesin 4:4). Innota: (1) L-imsejħin huma ġġustifikati. (2) L-imsejħin huma fil-ġisem, il-knisja. (3) Għalhekk, dawk iġġustifikat huma fil-knisja. Dan jagħmilha ċara li jekk bniedem ma jkunx fil-knisja, hu ma jistax ikun iġġustifikat.

10. Huwa impossibbli li ssalva barra mill-knisja, għaliex *huwa impossibbli li salva mingħajr ma tkun meħlus mill-ħakma tad-dlam:* Pawlu jgħid,

> "*Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub*" (Kolossin 1:13).

Dawk fis-saltna—u s-saltna huma, u hija l-knisja (Mattew 16:18, 19)—kienu meħlusa mill-ħakma tad-dlam. Għalhekk, dawk li mhumiex fis-saltna ma ġewx meħlusa mill-ħakma tad-dlam. Persuni barra mis-saltna jew knisja huma fil-bżonn li jkollhom għajnejhom miftuħa:

> "*ħalli jerġgħu lura mid-dlam u mis-setgħa ta' Satana u jduru lejn Alla u, bil-fidi tagħhom fija, jiksbu l-maħfra tad-dnubiet u jkollhom sehem ma' dawk li huma ikkonsagrati lil Alla*" (Atti 26:18).

11. *Ejjew aħna nħarsu lejn it-tabernaklu bħala mudell.* Kien hemm il-post qaddis (Lhud 9:2) u l-post l-aktar qaddis. Mudelli jistgħu jinġarru ħafna 'l bogħod, iżda jidher li l-Iskrittura tagħti s-setgħa lil kliemna li l-post qaddis kien mudell jew tip tal-knisja u l-post l-aktar qaddis kien mudell, jew tip tas-sema (Lhud 8, 9, 10). Il-punt huwa dan: Huma kellhom igħaddu mill-post il-qaddis biex jidħlu fil-post l-aktar qaddis. Għal-

hekk, il-Bibbja tgħallem f'mudell li bniedem irid igħaddi mill-knisja ħalli jidħol fis-sema.

## III. HIJA L-KNISJA ISTITUZZJONI LI MHIX MAGĦRUFA

Xi wħud igħidu, "Iva, inti trid tkun fil-knisja tal-Mulej biex issalva, imma hija xi ħaġa li ma tidhirx, mistika li ebda bniedem ma jaf xi ħaġa dwarha."

Dan mhuwiex tassew: (1) Tant hija magħrufa l-knisja li tlitt elef ruħ kienu magħrufa li ġew miżjuda fiha mill-Mulej fil-jum ta' Pentekoste (Atti 2:41, 47). Huma ma kinux miżjuda qabel ma kienu tgħammdu kif jippruvaw igħallmu xi reliġjużi llum (Atti 2:41). Għalhekk, illum, il-Mulej ma jżidx fil-knisja persuni li ma jkunux mgħammdin, għaliex Hu ma jħares lejn wiċċ ħadd (Atti 10:34). (2) Tant hija li tidher illi persekuz-zjoni kbira qamet kontriha "f'Ġerusalem; u kulħadd xtered fl-artijiet…" (Atti 8:1). (3) Il-knisja tant hija magħrufa f'kull komunità li aħna nsibu fit-Testment il-gdid x'uħud mill-ittri ndirizzati lilha f'komunitajiet dif-ferenti: Korintu, Galazja, Tessalonika, Efesu, eċċ.

## IV. MORALITÀ

Huwa allegat minn xi wħud li persuni b'morali tajba, ċittadini rrispet-tati b'ħajja nadifa, jistgħu jsalvaw ukoll għalkemm huma indifferenti fir-relazzjoni tagħhom għall-Kristjanità.

Aħna fuq fuq ninnutaw li *jekk dan huwa minnu*:

1. Il-bniedem ikun jista' jsalva mingħajr il-miġja ta' Kristu fid-dinja, iżda Kristu ġie biex isalvana (Ġwanni 3:17).

2. Wieħed jista' jsalva barra mill-ġrieħi ta' Kristu, imma aħna mfejqa permezz tal-ġrieħi Tiegħu (1 Pietru 2:24).

3. Persuna kienet tista' tkun salva mingħajr il-mewt ta' Kristu, imma Kristu miet minħabba dnubietna (1 Korintin 15:3).

4. Il-bniedem kien jista' jkun iġġustifikat mingħajr il-qawmien ta' Kristu, imma Kristu kien imqajjem għall-ġustifikazzjoni tagħna (Rumani 4:25).

5. Aħna stajna nkunu mifdija mingħajr id-demm, imma aħna għandna l-fidwa bid-demm Tiegħu (Efesin 1:7).

6. Il-bnedmin jistgħu jogħġbu lil Alla mingħajr il-fidi, iżda mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla (Lhud 11:6).

7. Wieħed jista' jsalva mingħajr ma jindem, iżda dawk li ma jindmux jintilfu (Luqa 13:3).

8. Bniedem jista' jiċħad u jsalva, iżda dawk li jiċħdu lil Kristu jiġu miċħuda quddiem il-Missier (Mattew 10:33).

9. Persuna tista' ssalva mingħajr ma titgħammed, iżda l-magħmudija ssalva (1 Pietru 3:20, 21; Mark 16:16).

10. Il-bnedmin jistgħu jkunu salvi mingħajr ma jitwieldu mill-ġdid, iżda l-bnedmin għandhom jitwieldu mill-ġdid biex jidħlu fis-saltna ta' Alla (Ġwanni 3:3-5)

11. Persuna tista' tibda ħajja ġdida mingħajr ma tkun midfuna u mqajma ma' Kristu fil-magħmudija, iżda l-Kelma ta' Alla tgħidilna li l-ħajja ġdida tibda *wara* li persuna tkun "indifnet ma' Kristu u kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida" (rumani 6:3-4).

12. Aħna nistgħu nsalvaw mingħajr ma nobdu l-Evanġelju, iżda Kristu jħallas lil dawk li ma jobdux l-Evanġelju (1 Tessalonikin 1:8).

13. Bniedem jista' jsalva mingħajr ma jkun ikkonverta, iżda huwa għandu jikkonverti biex jidħol fis-saltna tas-Smewwiet (Mattew 18:3).

14. Aħna nistgħu nkunu salvi mingħajr ma nagħarfu l-verità, iżda aħna għandna nagħarfu l-verità biex inkunu meħlusa (Ġwanni 8:32).

15. Aħna nistgħu nsalvaw mingħajr ma nħobbu l-verità, iżda dawk li ma jħobbux il-verità jintilfu (2 Tessalonikin 2:10).

16. Bniedem jista' jsalva mingħajr Kristu, iżda mingħajr Kristu hu ma jista' jagħmel xejn (Ġwanni 15:5).

17. Wieħed jista' jsalva mingħajr l-isem ta' Kristu, iżda ma hemmx isem ieħor li bih aħna nkunu salvi (Atti 4:1).

18. Persuna tista' tkun salva barra mill-ġisem, iżda Kristu hu s-Salvatur tal-ġisem (Efesin 5:23).

19. Kornelju kieku kien diġa' salv, iżda hu ma kienx salv qabel ma hu obda (Atti 11:4).

20. Wieħed jista' jkun iben (jew bint) ta' Alla mingħajr ma jkun libes 'il Kristu iżda l-Kelma ta' Alla tgħidilna li "intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu, Ġesù, Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu" (Galatin 3:26-27).

"*Il-grazzja ta' sidna Ġesù Kristu, u l-imħabba ta' Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (2 Korintin 13:14).

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja:**

Knisja ta' Kristu,
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida MSD 10
Malta
(Ħdejn il-Junior College)

**Ħin tal-Laqgħat:**

Il-Ħadd: 10.30 a.m.
L-Erbgħa: 7.00 p.m.

e-mail: info@churchofchristmalta.com

jew idħol fil-website: www.churchofchristmalta.com